Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B** **REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1089/2010**

tat-23 ta' Novembru 2010

li jimplimenta d-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-interoperabbiltà tas-settijiet ta' dejta u servizzi ġeografiċi

(ĠU L 323, 8.12.2010, p. 11)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 102/2011 tal-4 ta' Frar 2011	L 31	13	5.2.2011
►**M2**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1253/2013 tal-21 ta' Ottubru 2013	L 331	1	10.12.2013
►**M3**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1312/2014 tal-10 ta' Diċembru 2014	L 354	8	11.12.2014

Ikkoreġut minn:

►**C1** Emendi, Ġ.U. L 313, 13.11.2012, p. 20 (1089/2010)

▼B

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1089/2010

tat-23 ta' Novembru 2010

li jimplimenta d-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-interoperabbiltà tas-settijiet ta' dejta u servizzi ġeografiċi

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Informazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (INSPIRE) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(1) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2007/2/KE tistabbilixxi regoli ġenerali maħsuba għall-istabbiliment tal-Infrastruttura għall-Informazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea. Fi ħdan din l-infrastruttura, l-Istati Membri huma meħtieġa jagħmlu disponibbli settijiet ta' dejta relatati ma' Anness wieħed jew diversi Annessi fid-Direttiva 2007/2/KE u s-servizzi ta' dejta ġeografika korrispondenti, f'konformità mal-arranġamenti tekniċi għall-interoperabbiltà u, meta prattiku, l-armonizzazzjoni ta' settijiet u servizzi ta' dejta ġeografika.

(2) L-arranġamenti tekniċi jqisu r-rekwiżiti rilevanti tal-utenti, li kienu proposti minn partijiet interessati f'servej dwar ir-rekwiżiti tal-utenti u minn analiżi tal-materjal ta' referenza ppreżentat u tal-politiki ambjentali rilevanti tal-Unjoni u politiki jew attivitajiet li jista' jkollhom impatt fuq l-ambjent.

(3) Il-prattikabbiltà tal-arranġamenti tekniċi u l-proporzjonalità tagħhom f'termini ta' spejjeż u benefiċċji li seta' kien hemm kienu analizzati mill-Kummissjoni fuq il-bażi tar-riżultati tal-ittestjar irrappurtati mill-partijiet interessati, tat-tweġibiet mill-Istati Membri permezz tal-punti ta' kuntatt nazzjonali għal talba għal informazzjoni dwar kunsiderazzjonijiet fuq l-ispejjeż meta mqabbla mal-benefiċċji u tal-evidenza minn studji mmexxija minn Stati Membri dwar l-ispejjeż u l-benefiċċji ta' infrastrutturi ta' dejta ġeografika fil-livell reġjonali.

(4) Rappreżentanti tal-Istati Membri kif ukoll persuni fiżiċi jew ġuridiċi oħrajn b'interess fid-dejta ġeografika, inklużi utenti, produtturi, fornituri ta' servizzi b'valur miżjud jew kwalunkwe korp li jikkoordina ngħataw l-opportunità li jipparteċipaw fit-tħejjija tal-abbozz tal-arranġamenti tekniċi permezz ta' esperti proposti u li jivvalutaw l-abbozz tar-regoli ta' implimentazzjoni permezz ta' konsultazzjoni mal-partijiet interessati u eżerċizzju ta' ttestjar.

([1]) ĠU L 108, 25.4.2007, p. 1.

▼B

(5) Sabiex tintlaħaq l-interoperabbiltà u jinkiseb benefiċċju mill-isforzi ta' komunitajiet ta' utenti u produtturi, meta xieraq, standards internazzjonali huma integrati fil-kunċetti u d-definizzjonijiet tal-elementi tat-temi ta' dejta ġeografika elenkati fid-Direttiva 2007/2/KE l-Anness I, II jew III.

(6) Sabiex tkun żgurata l-interoperabbiltà u l-armonizzazzjoni fit-temi kollha ta' dejta ġeografika, l-Istati Membri għandhom jissodisfaw rekwiżiti għal tipi ta' dejta komuni, l-identifikazzjoni ta' oġġetti ġeografiċi, metadejta għall-interoperabbiltà, mudell ta' netwerk ġeneriku u kunċetti u regoli oħrajn li japplikaw għat-temi kollha ta' dejta ġeografika.

(7) Sabiex tkun żgurata l-interoperabbiltà u l-armonizzazzjoni fi ħdan tema ġeografika waħda, l-Istati Membri għandhom jużaw klassifikazzjonijiet u definizzjonijiet ta' oġġetti ġeografiċi, l-attributi u r-rwoli ta' assoċjazzjoni prinċipali tagħhom, it-tipi ta' dejta, id-dominji ta' valuri u regoli speċifiċi li japplikaw għal temi individwali ta' dejta ġeografika.

(8) Ladarba l-valuri tal-lista tal-kodiċijiet meħtiega għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament mhumiex inklużi f'dan ir-Regolament, dan ir-Regolament għandu jsir applikabbli biss hekk kif dawn jiġu adottati bħala att ġuridiku. Huwa għaldaqstant xieraq li l-applikabbiltà ta' dan ir-Regolament tiġi diferita.

(9) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit mill-Artikolu 22 tad-Direttiva 2007/2/KE,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

▼M3

Artikolu 1

Suġġett u Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-rekwiżiti għal arranġamenti tekniċi għall-interoperabbiltà u, meta prattiku, l-armonizzazzjoni ta' settijiet ta' dejta ġeografika u servizzi ta' dejta ġeografika li jikkorrispondu għat-temi elenkati fl-Annessi I, II u III għad-Direttiva 2007/2/KE.

2. Dan ir-Regolament ma għandux japplika għal servizzi ta' netwerk li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjonitar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 976/2009 ([1]).

▼B

Artikolu 2

Definizzjonijiet

▼M2

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin kif ukoll id-definizzjonijiet speċifiċi għat-temi stabbiliti fl-Annessi:

▼B

1. "tip astratt" ("abstract type") tfisser tip li ma jistax jiġi istanzjat, iżda li jista' jkollu attributi u rwoli ta' assoċjazzjoni,

([1]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 976/2009 tad-19 ta' Ottubru 2009 li jimplimenta d-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-Servizzi ta' Netwerk (ĠU L 274, 20.10.2009, p. 9).

▼B

2. “rwol ta' assoċjazzjoni” (“association role”) tfisser valur jew oġġett, li tip ikun relatat miegħu, kif imsemmi fl-Artikolu 8 (2b) tad-Direttiva 2007/2/KE,

3. “attribut” (“attribute”) tfisser karatteristika ta’ tip, kif imsemmi fl-Artikolu 8 (2c) tad-Direttiva 2007/2/KE,

▼M2

_____

▼B

5. “lista ta’ kodiċijiet” (“code list”) tfisser enumerazzjoni miftuħa li tista’ tiġi estiża,

6. “tip ta’ dejta” (“data type”) tfisser deskrittur ta’ sett ta’ valuri li ma għandhomx identità, skont l- ►M2 ISO/TS 19103:2005 ◄,

7. “enumerazzjoni” (“enumeration”) tfisser tip ta’ dejta li l-istanzi tagħha jiffurmaw lista fissa ta’ valuri letterali msemmija. Attributi ta’ tip enumerat jistgħu jieħdu valuri minn din il-lista biss,

8. “identifikatur (‘external object identifier’) ta’ oġġett estern” tfisser identifikatur ta’ oġġett uniku ppubblikat mill-korp responsabbli, li jista’ jintuża minn applikazzjonijiet esterni biex jipprovdi referenza għall-oġġett ġeografiku,

9. “identifikatur” (“identifier”) tfisser sekwenza ta’ karattri lingwistikament indipendenti li b’mod uniku u permanenti jidentifikaw dak li huma assoċjati miegħu, skont l- ►M2 EN ISO 19135:2007 ◄,

10. “istanzja” (“instantiate”) tfisser li toħloq oġġett li huwa konformi mad-definizzjoni, mal-attributi, mar-rwoli ta’ assoċjazzjoni u mal-limitazzjonijiet speċifikati għat-tip istanzjat,

11. “saff” (“layer”) tfisser unità bażika ta’ informazzjoni ġeografika li tista’ tkun mitluba bħala mappa minn server skont l- ►M2 EN ISO 19128:2008 ◄,

12. “informazzjoni dwar iċ-ċiklu tal-ħajja” (“life-cycle information”) tfisser sett ta’ proprjetajiet ta’ oġġett ġeografiku li jiddeskrivu l-karatteristiċi temporali ta’ verżjoni ta’ oġġett ġeografiku jew id-differenzi bejn il-verżjonijiet,

13. “element ta’ metadejta” (“metadejta element”) tfisser unità diskreta ta’ metadejta, skont l- ►M2 EN ISO 19115:2005/AC:2008 ◄,

14. “pakkett” (“package”) tfisser mekkaniżmu ta’ skop ġenerali biex l-elementi jkunu organizzati fi gruppi,

15. “reġistru” (“register”) tfisser sett ta’ fajls li jkun fihom identifikaturi assenjati lil oġġetti b’deskrizzjonijiet tal-oġġetti assoċjati, skont l- ►M2 EN ISO 19135:2007 ◄,

16. “tip ta’ oġġett ġeografiku” (“spatial object type”) tfisser klassifikazzjoni ta’ oġġetti ġeografiċi,

▼B

17. “stil” (“style”) tfisser immappjar minn tipi ta’ oġġetti ġeografiċi u l-proprjetajiet u l-limitazzjonijiet tagħhom għal simboli parametrizzati użati fit-tpinġija tal-mapep,

18. “subtip ta” (“sub-type of”) tfisser relazzjoni bejn tip iktar speċifiku u tip iktar ġenerali, fejn it-tip l-iktar speċifiku jkun kompletament konsistenti mat-tip iktar ġenerali u jkun fih informazzjoni addizzjonali, kif adattat mill- ►M2 ISO/TS 19103:2005 ◄,

19. “tip” (“type”) tfisser tip ta’ oġġett ġeografiku jew tip ta’ dejta,

20. “voidable” (“annullabbli”) tfisser li valur ta’ “void” (“null”) jista' jsir disponibbli għal attribut jew rwol ta’ assoċjazzjoni, jekk ma jkun hemm ebda valur korrispondenti fis-settijiet ta’ dejta ġeografika miżmuma mill-Istati Membri jew jekk ebda valur korrispondenti ma jista’ jkun derivat minn valuri eżistenti u l-ispejjeż ikunu raġonevoli. Jekk attribut jew rwol ta’ assoċjazzjoni ma jkunx voidable, iċ-ċellula tat-tabella li tispeċifika l-“voidability”(l-annullabbiltà) tagħha titħalla vojta,

▼M2

21. “proprjetà (property)” tfisser attibut jew rwol ta’ assoċjazzjoni,

22. “tip ta’ unjoni (union type)” tfisser tip li jikkonsisti f’alternattiva waħda u waħda biss minn diversi alternattivi (elenkati bħala attributi tal-membri), skont l-ISO/TS 19103:2005,

23. “klassi ta’ assoċjazzjoni (association class)” tfisser tip li jiddefinixxi proprjetajiet addizzjonali dwar relazzjoni bejn żewġ tipi oħrajn,

24. “kopertura (coverage)” tfisser oġġett ġeografiku li jagħmilha ta’ funzjoni għall-valuri ta’ ritorn mill-medda tiegħu għal kwalunkwe pożizzjoni diretta fi ħdan id-dominju ġeografiku, temporali jew ġeotemporali tiegħu, skont l-ISO 19123:2007,

25. “dominju (domain)” tfisser sett iddefinit sew, skont l-ISO/TS 19103:2005,

26. “medda (range)” tfisser sett ta’ valuri ta’ attributi ta’ karatteristiki assoċjati minn funzjoni mal-elementi tad-dominju ta’ kopertura, skont l-EN ISO 19123:2007,

27. “grilja rettifikata (rectified grid)” tfisser grilja li għaliha jkun hemm trasformazzjoni affini bejn il-koordinati tal-grilja u l-koordinati ta’ sistema ta’ referenza ta’ koordinati, skont l-EN ISO 19123:2007,

28. “grilja referenzabbli (referenceable grid)” tfisser grilja assoċjata ma’ trasformazzjoni li tista’ tintuża sabiex il-valuri tal-koordinati tal-grilja jiġu kkonvertiti f’valuri ta’ koordinati referenzjati għal sistema ta’ referenza ta’ koordinati esterna, skont l-EN ISO 19123:2007,

▼M2

29. “tassellazzjoni (tessellation)” tfisser tqassim ta’ spazju f’sett ta’ spazji kontigwi iċken li jkollhom l-istess dimensjoni bħall-ispazju li jkun qed jitqassam. Tassellazzjoni fi spazju 2D tikkonsisti f’sett ta’ poligoni mhux sovrapposti li jkopru reġjun ta’ interess kompletament,

30. “valur idjaq (narrower value)” tfisser valur li jkollu relazzjoni ġerarkika ma’ valur prinċipali iktar ġenerali,

▼M3

31. “punt tat-tmiem” tfisser l-indirizz tal-Internet li jintuża biex issir invokazzjoni b'mod dirett ta' operazzjoni pprovduta minn servizz ta' dejta ġeografika,

32. “punt ta' aċċess” tfisser indirizz tal-Internet li fih deskrizzjoni dettaljata ta' servizz ta' dejta ġeografika, inkluż lista ta' punti tat-tmiem li jippermettu l-eżekuzzjoni tiegħu,

33. “Servizz ta' dejta ġeografika li jista' jiġi invokat” tfisser dawn kollha li ġejjin:

    (a) servizz ta' dejta ġeografika b'metadejta li tissodisfa r-rekwiżiti tar-Regolament tal-Kummissojni (KE) Nru 1205/2008 ([1]),

    (b) servizz ta' dejta ġeografika b'mill-inqas identifikatur ta' riżorsa (resource locator) wieħed li huwa punt ta' aċċess,

    (c) servizz ta' dejta ġeografika konformi ma' sett ta' speċifikazzjonijiet tekniċi dokumentat u disponibbli pubblikament li jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa għall-eżekuzzjoni tiegħu,

34. “servizz ta' dejta ġeografika interoperabbli” tfisser servizz ta' dejta ġeografika li jista' jiġi invokat u li jissodisfa r-rekwiżiti tal-Anness VI,

35. “servizz ta' dejta ġeografika armonizzat” tfisser servizz ta' dejta ġeografika interoperabbli li jissodisfa r-rekwiżiti tal-Anness VII,

36. “sett ta' dejta ġeografika konformi” tfisser sett ta' dejta ġeografika li jissodisfa r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament,

37. “operazzjoni” tfisser azzjoni appoġġjata minn servizz ta' dejta ġeografika,

38. “interfaċċa” tfisser is-sett ta' operazzjonijiet imsemmi li jikkaratterizza l-imġiba ta' entità kif definit minn ISO 19119:2005.

([1]) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1205/2008 tat-3 ta' Diċembru 2008 li jimplimenta d-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-metadejta (ĠU L 326, 4.12.2008, p. 12)

▼B

Artikolu 3

Tipi Komuni

Tipi li huma komuni għal ħafna mit-temi elenkati fl-Annessi I, II u III għad-Direttiva 2007/2/KE għandhom jikkonformaw mad-definizzjonijiet u mal-limitazzjonijiet u jinkludu l-attributi u r-rwoli ta' assoċjazzjoni stabbiliti fl-Anness I.

Artikolu 4

Tipi għall-Iskambju u l-Klassifikazzjoni ta' Oġġetti Ġeografiċi

▼M2

1. Għall-iskambju u għall-klassifikazzjoni ta' oġġetti ġeografiċi minn settijiet ta' dejta li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2007/2/KE, l-Istati Membri għandhom jużaw it-tipi ta' oġġetti ġeografiċi u t-tipi ta' dejta, l-enumerazzjonijiet u l-listi ta' kodiċijiet assoċjati li ġew iddefiniti fl-Annessi II, III u IV għat-temi li s-settijiet tad-dejta jkunu relatati magħhom.

▼B

2. Tipi ta' oġġetti ġeografiċi u tipi ta' dejta għandhom jikkonformaw mad-definizzjonijiet u mal-limitazzjonijiet u jinkludu l-attributi u r-rwoli ta' assoċjazzjoni stabbiliti ►M2 fl-Annessi. ◄

▼M1

3. L-innumerazzjonijiet u l-listi ta' kodiċijiet użati fl-attributi jew ir-rwoli ta' assoċjazzjoni ta' tipi ta' oġġetti spazjali jew tipi ta' dejta għandhom jikkonformaw mad-definizzjonijiet u jinkludu l-valuri stipulati ►M2 fl-Annessi. ◄ ►M2 Il-valuri tal-enumerazzjonijiet u tal-listi ta' kodiċijiet jiġu identifikati b'mod uniku permezz ta' kodiċijiet mnemoniċi newtrali għall-kompjuters. Il-valuri jistgħu jinkludu wkoll isem speċifiku għal-lingwa li għandu jintuża għal interazzjoni umana. ◄

_____

▼B

Artikolu 5

Tipi

1. Għat-tipi kollha ddefiniti f'dan ir-Regolament, isem newtrali f'dak li għandu x'jaqsam mal-lingwa għall-kompjuters jingħata bejn parentesi fit-titolu tat-taqsima li tispeċifika r-rekwiżiti għal dak it-tip. Dan l-isem newtrali f'dak li għandu x'jaqsam mal-lingwa għandu jintuża biex issir referenza għat-tip korrispondenti fid-definizzjoni ta' attribut jew ta' rwol ta' assoċjazzjoni.

▼B

2. Tipi li huma subtip ta' tip ieħor għandhom jinkludu wkoll l-attributi u r-rwoli tal- assoċjazzjoni kollha ta' dan it-tip.

3. Tipi astratti ma għandhomx ikunu istanzjati.

▼M2

_____

Artikolu 6

▼M3

Listi ta' Kodiċijiet u Enumerazzjonijiet għal Settijiet ta' Dejta Ġeografika

▼M2

1. ►M3 Il-listi ta' kodiċijiet għandhom ikunu wieħed mit-tipi li ġejjin, kif speċifikat fl-Annessi I sa IV: ◄

(a) listi ta' kodiċijiet li l-valuri permessi tagħhom jinkludu l-valuri speċifikati f'dan ir-Regolament biss;

(b) listi ta' kodiċijiet li l-valuri permessi tagħhom jinkludu l-valuri speċifikati f'dan ir-Regolament u valuri idjaq iddefiniti mill-forniturі tad-dejta;

(c) listi ta' kodiċijiet li l-valuri permessi tagħhom jinkludu l-valuri speċifikati f'dan ir-Regolament u valuri addizzjonali fuq kwalunkwe livell iddefiniti mill-forniturі tad-dejta;

(d) listi ta' kodiċijiet li l-valuri permessi tagħhom jinkludu kwalunkwe valur iddefinit mill-forniturі tad-dejta.

Għall-finijiet tal-punti (b), (c) u (d), minbarra l-punti permessi, il-forniturі tad-dejta jistgħu jużaw il-valuri speċifikati fid-dokument ta' Gwida Teknika tal-INSPIRE (INSPIRE Technical Guidance) rilevanti disponibbli fuq il-websajt tal-INSPIRE taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka.

2. Il-listi ta' kodiċijiet jistgħu jkunu ġerarkiċi. Il-valuri tal-listi ta' kodiċijiet ġerarkiċi jista' jkollhom valur prinċipali iktar ġenerali. Fejn il-valuri validi ta' lista ta' kodiċijiet ġerarkika jiġu speċifikati f'tabella f'dan ir-Regolament, il-valuri prinċipali jiġu elenkati fl-aħħar kolonna.

3. Fejn, għal attribut li t-tip tiegħu jkun lista ta' kodiċijiet kif imsemmi fil-punti (b), (c) jew (d) tal-paragrafu 1, fornitur tad-dejta jipprovdi valur li ma jkunx speċifikat f'dan ir-Regolament, dak il-valur u d-definizzjoni tiegħu għandhom ikunu disponibbli f'reġistru.

4. L-attributi jew ir-rwoli ta' assoċjazzjoni ta' tipi ta' oġġetti ġeografiċi jew ta' tipi ta' dejta li t-tip tagħhom ikun lista ta' kodiċijiet jistgħu jieħdu biss valuri li jkunu permessi skont l-ispeċifikazzjoni tal-lista ta' kodiċijiet.

5. L-attributi jew ir-rwoli ta' assoċjazzjoni ta' tipi ta' oġġetti ġeografiċi jew ta' tipi ta' dejta li jkollhom tip ta' enumerazzjoni jistgħu jieħdu biss valuri mil-listi speċifikati għat-tip ta' enumerazzjoni.

▼B

Artikolu 7

Kodifikazzjoni

1. Kull regola ta' kodifikazzjoni użata biex tikkodifika dejta ġeografika għandha tikkonforma mal-EN ISO 19118. B'mod partikolari, għandha tispeċifika regoli ta' konverżjoni ta' skema għat-tipi kollha ta' oġġetti ġeografiċi u għall-attributi u r-rwoli ta' assoċjazzjoni kollha u għall-istruttura tad-dejta tal-output użata.

▼B

2. Kull regola ta' kodifikazzjoni użata biex tikkodifika dejta ġeografika għandha tkun disponibbli.

Artikolu 8

Aġġornamenti

1. L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-aġġornamenti tad-dejta disponibbli fuq bażi regolari.

2. L-aġġornamenti kollha ma għandhomx isiru iktar tard minn 6 xhur wara li l-bidla tkun ġiet applikata fis-sett tad-dejta tas-sors, sakemm ma jkunx speċifikat perjodu differenti għal tema speċifika ta' dejta ġeografika ►M2 fl-Annessi. ◄

▼M3

3. L-aġġornamenti tad-dejta għandhom ikunu disponibbli għas-servizzi kollha relatati ta' dejta ġeografika skont l-iskadenza speċifikata fil-paragrafu 2.

▼B

Artikolu 9

Ġestjoni tal-Identifikaturi

1. It-tip ta' dejta Identifier iddefinit fit-Taqsima 2.1 tal-Anness I għandu jintuża bħala tip għall-identifikatur tal-oġġett estern ta' oġġett ġeografiku.

2. L-identifikatur tal-oġġett estern għall-identifikazzjoni unika ta' oġġetti ġeografiċi ma għandux jinbidel matul iċ-ċiklu tal-ħajja ta' oġġett ġeografiku.

Artikolu 10

Ċiklu tal-ħajja ta' Oġġetti Ġeografiċi

1. Verżjonijiet differenti tal-istess oġġett ġeografiku għandhom dejjem jibqgħu istanzi tal-istess tip ta' oġġett ġeografiku.

2. L-attributi namespace u localId tal-identifikatur tal-oġġett estern għandhom jibqgħu l-istess għal verżjonijiet differenti ta' oġġett ġeografiku.

3. Meta jintużaw l-attributi beginLifespanVersion u endLifespanVersion, il-valur ta' endLifespanVersion ma għandux ikun qabel il-valur ta' beginLifespanVersion.

Artikolu 11

Sistemi ta' Referenza Temporali

1. Għandha tintuża s-sistema ta' referenza temporali predefinita msemmija fil-punt 5 tal-parti B tal-Anness għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1205/2008 ([1]), sakemm ma jkunux speċifikati sistemi oħrajn ta' referenza temporali għal tema speċifika ta' dejta ġeografika ►M2 fl-Annessi. ◄

2. Fil-każ li jintużaw sistemi oħrajn ta' referenza temporali, dawn għandhom ikunu speċifikati fil-metadejta tas-sett tad-dejta.

([1]) ĠU L 326, 4.12.2008, p. 12.

▼B

Artikolu 12

Rekwiżiti u Regoli Oħrajn

▼M2

1. Id-dominju tal-valur tal-proprjetajiet ġeografiċi ddefiniti f'dan ir-Regolament għandu jiġi ristrett għall-iskema ġeografika Simple Feature kif ġiet iddefinita f'Herring, John R. (ed.), *OpenGIS® Implementation Standard for Geographic information – Simple feature access – Part 1: Common architecture, version 1.2.1*, Open Geospatial Consortium, 2011, sakemm ma jiġix speċifikat mod ieħor għal tema ta' dejta ġeografika speċifika jew għal tip ta' dejta ġeografika speċifiku.

▼B

2. Il-valuri kollha tal-kejl għandhom ikunu espressi bl-użu ta' ►M2 Unitajiet SI jew unitajiet mhux SI aċċettati għall-użu mas-Sistema Internazzjonali tal-Unitajiet, ◄ sakemm mhux speċifikat xort'oħra għal tema jew tip speċifika/u ta' dejta ġeografika.

3. Fejn jintużaw l-attributi validFrom u validTo, il-valur ta' validTo ma għandux ikun qabel il-valur ta' validFrom.

4. Barra minn hekk, għandhom japplikaw ir-rekwiżiti tematiċi kollha, stabbiliti fl-Anness II.

Artikolu 13

Metadejta meħtieġa għall-Interoperabbiltà

Il-metadejta li tiddeskrivi sett ta' dejta ġeografika għandha tinkludi l-elementi ta' metadejta li ġejjin meħtieġa għall-interoperabbiltà:

1. Sistema ta' Referenza ta' Koordinati: Deskrizzjoni tas-sistema/i ta' referenza ta' koordinati użata/i fis-sett tad-dejta.

2. Sistema ta' Referenza Temporali: Deskrizzjoni tas-sistema/i ta' referenza temporali użata/i fis-sett tad-dejta.

   Dan l-element huwa obbligatorju biss jekk is-sett tad-dejta ġeografika jkun fih informazzjoni temporali li ma tirreferix għas-sistema ta' referenza temporali predefinita.

3. Kodifikazzjoni: Deskrizzjoni tal-kunċett(i) tal-lingwa tal-kompjuter li tispeċifika/jispeċifikaw ir-rappreżentazzjoni ta' oġġetti tad-dejta f'reġistru, f'fajl, f'messaġġ, f'apparat għall-ħżin jew f'kanal ta' trażmissjoni.

4. Konsistenza Topoloġika: Korrettezza tal-karatteristiċi topoloġiċi espliċitament ikkodifikati tas-sett tad-dejta kif deskritt mill-ambitu.

   Dan l-element huwa obbligatorju biss jekk is-sett tad-dejta jinkludi tipi mill-Mudell tan-Netwerk Ġeneriku ("Generic Network Model") u ma jiżgurax topoloġija tal-linja tan-nofs (il-konnettività ta' linji tan-nofs) għan-netwerk.

5. Il-Kodifikazzjoni tal-Karattri: Il-kodifikazzjoni tal-karattri użata fis-sett tad-dejta.

   Dan l-element huwa obbligatorju biss jekk tintuża kodifikazzjoni li mhijiex ibbażata fuq UTF-8.

▼M2

6. Tip ta' Rappreżentazzjoni Ġeografika: Il-metodu użat sabiex l-informazzjoni ġeografika tiġi rrappreżentata b'mod ġeografiku.

▼B

Artikolu 14

Rappreżentazzjoni

1. Għar-rappreżentazzjoni ta' settijiet ta' dejta ġeografika bl-użu tas-servizz ta' netwerk ta' viżjoni kif speċifikat fir-Regolament tal-Kummissjoni Nru 976/2009 ([1]), dan li ġej għandu jkun disponibbli:

(a) is-saffi speċifikati fl-Anness II għat-tema jew għat-temi li s-sett tad-dejta huwa relatat magħhom;

(b) għal kull saff tal-anqas stil ta' rappreżentazzjoni predefinit, b'minimu ta' titolu assoċjat u identifikatur uniku.

2. Għal kull saff, l-Anness II jiddefinixxi dan li ġej:

(a) titolu tas-saff li jinqara mill-bniedem għandu jintuża għall-wiri fl-interface tal-utent;

▼M2

(b) it-tip(i) ta' oġġett(i) ġeografiku/ġeografiċi jew subsett tiegħu/-tagħhom, li jikkostitwixxi/u l-kontenut tas-saff.

3. Għat-tipi ta' oġġetti ġeografiċi li l-oġġetti tagħhom jistgħu jiġu kklassifikati ulterjorment billi jintuża attribut b'valur ta' lista ta' kodiċijiet, jistgħu jiġu ddefiniti diversi saffi. Kull wieħed minn dawn is-saffi għandu jinkludi l-oġġetti ġeografiċi li jikkorrispondu għal valur wieħed speċifiku ta' lista ta' kodiċijiet. Fid-definizzjoni ta' settijiet ta' saffi bħal dawn fl-Annessi II, III u IV, għandhom jiġu ssodisfati r-rekwiżiti kollha li ġejjin:

(a) l-ispazju riżervat <CodeListValue> għandu jirrappreżenta l-valuri tal-lista ta' kodiċijiet rilevanti, bl-ewwel ittra tkun ittra kapitali;

(b) l-ispazju riżervat <human-readable name> għandu jirrappreżenta l-isem li jista' jinqara mill-bniedem tal-valuri tal-listi ta' kodiċijiet;

(c) it-tip ta' oġġett ġeografiku għandu jinkludi l-attribut u l-lista ta' kodiċijiet rilevanti fil-parenteżi;

(d) għandu jingħata eżempju wieħed ta' saff.

▼M3

Artikolu 14a

Rekwiżiti għal servizzi ta' dejta ġeografika li jistgħu jiġu invokati

Mhux aktar tard mill-10 ta' Diċembru 2015 l-Istati Membri għandhom jipprovdu l-metadejta tas-servizzi ta' dejta ġeografika li jistgħu jiġu invokati f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness V.

([1]) ĠU L 274, 20.10.2009, p. 9.

▼M3

Artikolu 14b

Arranġamenti ta' interoperabbiltà u rekwiżiti ta' armonizzazzjoni għal servizzi ta' dejta ġeografika li jistgħu jiġu invokati

Is-servizzi ta' dejta ġeografika li jistgħu jiġu invokati u li huma relatati mad-dejta li tinsab f'mill-inqas wieħed mis-settijiet ta' dejta ġeografika konformi għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' interoperabbiltà stipulati fl-Annessi V u VI u, fejn prattikabbli, ir-rekwiżiti ta' armonizzazzjoni stabbiliti fl-Anness VII.

▼B

Artikolu 15

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-[għoxrin] jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Għandu japplika mill-15 ta' Diċembru 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

ANNESS I

▼M2

TIPI KOMUNI, DEFINIZZJONIJIET U REKWIŻITI

1. TIPI DDEFINITI FI STANDARDS EWROPEJ U INTERNAZZJONALI

It-tipi komuni li ġejjin, użati f'attributi jew fi rwoli ta' assoċjazzjoni ta' tipi ta' oġġetti ġeografiċi jew ta' tipi ta' dejta, huma ddefiniti kif ġej:

(1) Għat-tipi Any, Angle, Area, Boolean, CharacterString, Date, DateTime, Decimal, Distance, Integer, Length, Measure, Number, Probability, Real, RecordType, Sign, UnitOfMeasure, Velocity u Volume, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet mogħtija fl-ISO/TS 19103:2005.

(2) Għat-tipi DirectPosition, GM_Boundary, GM_Curve, GM_MultiCurve, GM_MultiSurface, GM_Object, GM_Point, GM_Primitive, GM_Solid, GM_Surface u GM_Tin, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet mogħtija fl-EN ISO 19107:2005.

(3) Għat-tipi TM_Duration, TM_GeometricPrimitive, TM_Instant, TM_Object, TM_Period u TM_Position, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet mogħtija fl-EN ISO 19108:2005/AC:2008.

(4) Għat-tip GF_PropertyType, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet mogħtija fl-EN ISO 19109:2006.

(5) Għat-tipi CI_Citation, CI_Date, CI_RoleCode, EX_Extent, EX_VerticalExtent, MD_Distributor, MD_Resolution u URL, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet mogħtija fl-EN ISO 19115:2005/AC:2008.

(6) Għat-tip CV_SequenceRule, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet mogħtija fl-EN ISO 19123:2007.

(7) Għat-tipi AbstractFeature, Quantity u Sign, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet mogħtija fl-EN ISO 19136:2009.

(8) Għat-tipi LocalisedCharacterString, PT_FreeText u URI, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet mogħtija fis-CEN ISO/TS 19139:2009.

(9) Għat-tip LC_LandCoverClassificationSystem, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet mogħtija fl-ISO 19144-2:2012.

(10) Għat-tipi GFI_Feature, Location, NamedValue, OM_Observation, OM_Process, SamplingCoverageObservation, SF_SamplingCurve, SF_SamplingPoint, SF_SamplingSolid, SF_SamplingSurface u SF_SpatialSamplingFeature, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet mogħtija fl-ISO 19156:2011.

(11) Għat-tipi Category, Quantity, QuantityRange u Time, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet mogħtija f'Robin, Alexandre (ed.), *OGC®SWE Common Data Model Encoding Standard, version 2.0.0,* Open Geospatial Consortium, 2011.

(12) Għat-tipi TimeValuePair u Timeseries, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet mogħtija f'Taylor, Peter (ed.), *OGC® WaterML 2.0: Part 1 – Timeseries, v2.0.0,* Open Geospatial Consortium, 2012.

▼M2

(13) Għat-tipi CGI_LinearOrientation u CGI_PlanarOrientation, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet mogħtija f'CGI Interoperability Working Group, *Geoscience Markup Language (GeoSciML), version 3.0.0,* Commission for the Management and Application of Geoscience Information (CGI) of the International Union of Geological Sciences, 2011.

▼B

2. TIPI TA' DEJTA KOMUNI

2.1. **Identifikatur (Identifier)**

Identifikatur estern u uniku tal-oġġett ippubblikat mill-korp responsabbli, li jista' jintuża minn applikazzjonijiet esterni biex jipprovdi referenza għall-oġġett ġeografiku.

Attributi tad-dejta tat-tip Identifier

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
localId	Identifikatur lokali, assenjat mill-provveditur tad-dejta. L-identifikatur lokali huwa uniku fl-ispazju tal-isem, jiġifieri ebda oġġett ġeografiku ieħor ma jkollu l-istess identifikatur uniku.	CharacterString	
namespace	Spazju tal-isem li jidentifika unikament is-sors tad-dejta tal-oġġett ġeografiku.	CharacterString	
versionId	L-identifikatur tal-verżjoni partikolari tal-oġġett ġeografiku, b'tul massimu ta' 25 karattru. Jekk l-ispeċifikazzjoni ta' tip ta' oġġett ġeografiku b'identifikatur tal-oġġett estern tinkludi informazzjoni dwar iċ-ċiklu tal-ħajja, l-identifikatur tal-verżjoni jintuża biex jiddistingwi bejn il-verżjonijiet differenti ta' oġġett ġeografiku. Fis-sett tal-verżjonijiet kollha ta' oġġett ġeografiku, l-identifikatur tal-verżjoni huwa uniku.	CharacterString	voidable

▼M2

_____

2.2. **Parti Relatata (RelatedParty)**

Organizzazzjoni jew persuna bi rwol relatat ma' riżorsa.

Attributi tat-tip ta' dejta RelatedParty

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
individualName	Isem il-persuna relatata.	PT_FreeText	voidable
organisationName	Isem l-organizzazzjoni relatata.	PT_FreeText	voidable
positionName	Il-pożizzjoni tal-parti b'rabta ma' riżorsa, bħal kap ta' dipartiment.	PT_FreeText	voidable
contact	Informazzjoni ta' kuntatt għall-parti relatata.	Contact	voidable
role	Ir-rwoli tal-parti b'rabta ma' riżorsa, bħal sid.	PartyRoleValue	voidable

▼M2

Limitazzjonijiet tat-tip ta' dejta RelatedParty

Mill-inqas, għandhom jiġu pprovduti isem l-individwu, isem l-organizzazzjoni jew l-isem tal-pożizzjoni.

2.3. **Kuntatt (Contact)**

Il-mezzi ta' komunikazzjoni li permezz tagħhom jista' jinkiseb aċċess għal xi ħadd jew għal xi ħaġa.

Attributi tat-tip ta' dejta Contact

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
address	Indirizz ipprovdut bħala test liberu.	AddressRepresentation	voidable
contactInstructions	Struzzjonijiet supplimentari dwar kif jew meta għandu jiġi kkuntattjat individwu jew tiġi kkuntattjata organizzazzjoni.	PT_FreeText	voidable
electronicMailAddress	Indirizz tal-kaxxa postali elettronika tal-organizzazzjoni jew tal-individwu.	CharacterString	voidable
hoursOfService	Il-perjodi ta' ħin meta tista' tiġi kkuntattjata l-organizzazzjoni jew jiġi kkuntattjat l-individwu.	PT_FreeText	voidable
telephoneFacsimile	In-numru tal-magna facsimile tal-organizzazzjoni jew tal-individwu.	CharacterString	voidable
telephoneVoice	In-numru tat-telefon tal-organizzazzjoni jew tal-individwu.	CharacterString	voidable
website	Il-paġni pprovduti fuq il-World Wide Web mill-organizzazzjoni jew mill-individwu.	URL	voidable

2.4. **Ċitazzjoni ta' Dokument (DocumentCitation)**

Ċitazzjoni għall-finijiet ta' referenzjar mhux ambigwu għal dokument.

Attributi tat-tip ta' dejta DocumentCitation

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
name	Isem id-dokument.	CharacterString	
shortName	Isem qasir jew Titlu alternattiv tad-dokument.	CharacterString	voidable
date	Id-data tal-ħolqien, tal-pubblikazzjoni jew tar-reviżjoni tad-dokument.	CI_Date	voidable
link	Link ma' verżjoni onlajn tad-dokument	URL	voidable
specificReference	Referenza għal parti speċifika tad-dokument.	CharacterString	voidable

▼M2

2.5. **Ċitazzjoni ta' Leġiżlazzjoni (LegislationCitation)**

Ċitazzjoni għall-finijiet ta' referenzjar mhux ambigwu għal att legali jew għal parti speċifika ta' att legali.

Dan it-tip huwa subtip ta' DocumentCitation.

Attributi tat-tip ta' dejta LegislationCitation

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
identificationNumber	Il-kodiċi użat sabiex jiġi identifikat l-istrument leġiżlattiv	CharacterString	
officialDocumentNumber	In-numru tad-dokument uffiċjali użat sabiex l-istrument leġiżlattiv jiġi identifikat b'mod uniku.	CharacterString	
dateEnteredIntoForce	Id-data meta l-istrument leġiżlattiv daħal fis-seħħ.	TM_Position	
dateRepealed	Id-data meta l-istrument leġiżlattiv ġie rrevokat.	TM_Position	
level	Il-livell li fih jiġi adottat l-istrument leġiżlattiv.	LegislationLevelValue	
journalCitation	Ċitazzjoni tal-ġurnal uffiċjali li fih ġiet ippubblikata l-leġiżlazzjoni.	OfficialJournalInformation	

Limitazzjonijiet tat-tip ta' dejta LegislationCitation

Jekk l-attribut link ikun null (void), għandha tiġi pprovduta ċ-ċitazzjoni tal-ġurnal.

2.6. **Informazzjoni dwar il-Ġurnal Uffiċjali (OfficialJournalInformation)**

Ċitazzjoni sħiħa tal-post fi ħdan il-ġurnal uffiċjali fejn jinsab l-istrument leġiżlattiv.

Attributi tat-tip ta' dejta OfficialJournalInformation

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
officialJournalIdentification	Ir-referenza għall-post fi ħdan il-ġurnal uffiċjali fejn ġie ppubblikat l-istrument leġiżlattiv. Din ir-referenza għandha tkun magħmula minn tliet partijiet: — it-titlu tal-ġurnal uffiċjali — il-volum u/jew in-numru tas-serje — In-numru(i) tal-paġna(i)	CharacterString	
ISSN	L-International Standard Serial Number (ISSN) huwa numru bi tmien figuri li jidentifika l-pubblikazzjoni perjodika fejn ikun ġie ppubblikat l-istrument leġiżlattiv.	CharacterString	
ISBN	L-International Standard Book Number (ISBN) huwa numru b'disa' figuri li jidentifika b'mod uniku l-ktieb li fih ikun ġie ppubblikat l-istrument leġiżlattiv.	CharacterString	
linkToJournal	Link ma' verżjoni onlajn tal-ġurnal uffiċjali	URL	

▼M2

2.7. **Identifikatur Tematiku (ThematicIdentifier)**

Identifikatur tematiku sabiex l-oġġett ġeografiku jiġi identifikat b'mod uniku.

Attributi tat-tip ta' dejta ThematicIdentifier

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
identifier	Identifikatur uniku li jintuża sabiex jidentifika l-oġġett ġeografiku fi ħdan l-iskema ta' identifikazzjoni speċifikata.	CharacterString	
identifierScheme	Identifikatur li jiddefinixxi l-iskema użata sabiex jiġi assenjat l-identifikatur.	CharacterString	

▼B

3. ENUMERAZZJONIJIET KOMUNI

3.1. **Pożizzjoni Vertikali (VerticalPositionValue)**

Il-pożizzjoni vertikali relattiva ta' oġġett ġeografiku.

Valuri permessi għall-enumerazzjoni VerticalPositionValue

Valur	Definizzjoni
onGroundSurface	L-oġġett ġeografiku huwa fil-livell tal-art.
suspendedOrElevated	L-oġġett ġeografiku huwa sospiż jew elevat.
underground	L-oġġett ġeografiku huwa taħt l-art.

4. LISTI TA' KODIĊIJIET KOMUNI

▼M2

4.1. **Kundizzjoni ta' Faċilità (ConditionOfFacilityValue)**

L-istatus ta' faċilità fir-rigward tal-ikkompletar u tal-użu tagħha.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu l-valuri fit-tabella ta' hawn taħt u valuri idjaq iddefiniti mill-fornituri tad-dejta.

Valuri għal-lista ta' kodiċijiet ConditionOfFacilityValue

Valur	Isem	Definizzjoni
functional	funzjonali	Il-faċilità hija funzjonali.
projected	proġettata	Il-faċilità qed tiġi ddisinjata. Il-kostruzzjoni għadha ma bdietx.
underConstruction	taħt kostruzzjoni	Il-faċilità qed tinbena u għadha mhijiex funzjonali. Dan japplika biss għall-kostruzzjoni inzjali tal-faċilità u mhux għax-xogħol ta' manutenzjoni.
disused	ma għadhiex tintuża	Il-faċilità ma għadhiex tintuża iktar imma mhijiex qed tiġi jew ma ġietx iddekummissjonata.
decommissioned	iddekummissjonata	Il-faċilità ma għadhiex tintuża iktar u qed tiġi jew ġiet iddekummissjonata.

▼B

4.2. **Il-Kodiċi tal-Pajjiż (CountryCode)**

Il-kodiċi tal-pajjiż kif iddefinit fil-gwida tal-istil Interistituzzjonali ppubblikata mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

▼M2

_____

▼M1

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet huma l-kodiċijiet ta' żewġ ittri elenkati fil-Gwida tal-Istil Interistituzzjonali ppubblikata mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

▼M2

4.3. **Livell ta' Leġiżlazzjoni (LegislationLevelValue)**

Il-livell li fih ikun ġie adottat att legali jew tkun ġiet adottata konvenzjoni.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu kwalunkwe valur iddefinit mill-forniturі tad-dejta.

Il-forniturі tad-dejta jistgħu jużaw il-valuri speċifikati fid-dokument ta' Gwida Teknika tal-INSPIRE dwar il-Mudell Kunċettwali Ġeneriku tal-INSPIRE.

4.4. **Rwol ta' Parti (PartyRoleValue)**

Ir-rwoli tal-partijiet relatati ma' jew responsabbli minn riżorsa.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu l-valuri tal-listi ta' kodiċijiet li ġejjin jew ta' listi ta' kodiċijiet oħrajn speċifikati mill-forniturі tad-dejta:

— Kodiċi ta' Rwol (CI_RoleCode): Il-funzjonijiet imwettqa minn parti responsabbli, kif ġew speċifikati fl-EN ISO 19115:2005/AC:2008.

— Rwol ta' Parti Relatata (RelatedPartyRoleValue): Klassifikazzjoni tar-rwoli tal-partijiet relatati, kif ġew speċifikati fit-tabella ta' hawn taħt.

Valuri għal-lista ta' kodiċijiet RelatedPartyRoleValue

Valur	Isem	Definizzjoni
authority	awtorità	Parti li ngħatat mandat legali sabiex tissuperviżjona riżorsa u/jew partijiet relatati ma' riżorsa.
operator	operatur	Parti li tiġġestixxi riżorsa.
owner	sid	Parti li tipposjedi riżorsa, jiġifieri r-riżorsa tappartjeni lilha f'sens legali.

4.5. **Ismijiet Standard tal-Klima u tat-Tbassir (CFStandardNamesValue)**

Definizzjonijiet ta' fenomeni osservati fil-meteoroloġija u fl-oċeanografija.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu kwalunkwe valur iddefinit mill-forniturі tad-dejta.

Il-forniturі tad-dejta jistgħu jużaw il-valuri speċifikati fid-dokument ta' Gwida Teknika tal-INSPIRE dwar il-Mudell Kunċettwali Ġeneriku tal-INSPIRE.

▼M2

4.6. **Ġeneru (GenderValue)**

Il-ġeneru ta' persuna jew ta' grupp ta' persuni.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu l-valuri speċifikati fit-tabella ta' hawn taħt biss.

Valuri għal-lista ta' kodiċijiet GenderValue

Valur	Isem	Definizzjoni
female	femminili	Persuna jew grupp ta' persuni li għandhom ġeneru femminili.
male	maskili	Persuna jew grupp ta' persuni li għandhom ġeneru maskili.
unknown	mhux magħruf	Persuna jew grupp ta' persuni li l-ġeneru tagħha jew tagħhom mhuwiex magħruf.

▼B

5. MUDELL TAN-NETWERK ĠENERIKU

5.1. **Tipi ta' Oġġetti Ġeografiċi**

5.1.1. *Kontroreferenza (CrossReference)*

Tirrappreżenta referenza bejn żewġ elementi fl-istess netwerk.

Rwoli ta' assoċjazzjoni tal-oġġett ġeografiku tat-tip CrossReference

Rwol ta' assoċjazzjoni	Definizzjoni	Tip	Voidability
element	L-elementi b'kontroreferenza	NetworkElement	

5.1.2. *Link Ġeneralizzat (GeneralisedLink)*

Tip b'bażi astratta li jirrappreżenta element ta' netwerk lineari li jista' jintuża bħala mira fir-referenzjar lineari.

Dan it-tip huwa subtip ta' NetworkElement.

Dan it-tip huwa astratt.

5.1.3. *Qsim f'Livell Separat (GradeSeparatedCrossing)*

Indikatur ta' liema minn żewġ elementi jew iżjed, li jissallbu, huwa/huma taħt u liema huwa/huma fuq, li għandu jintuża jekk il-koordinati tal-elevazzjoni mhumiex preżenti jew wieħed ma jistax joqgħod fuqhom.

Dan it-tip huwa subtip ta' NetworkElement.

Rwoli ta' assoċjazzjoni tal-oġġett ġeografiku tat-tip GradeSeparatedCrossing

Rwol ta' assoċjazzjoni	Definizzjoni	Tip	Voidability
element	Sekwenza ta' links inkroċjati. L-ordni tirrifletti l-elevazzjoni tagħhom; l-ewwel link hija dik l-aktar baxxa.	Link	

5.1.4. *Link (Link)*

Element tan-netwerk kurvilineari li jgħaqqad żewġ pożizzjonijiet u jirrappreżenta mogħdija omoġenja fin-netwerk. Il-pożizzjonijiet konnessi jistgħu jkunu rappreżentati bħala nodi.

▼B

Dan it-tip huwa subtip ta' GeneralisedLink.

Dan it-tip huwa astratt.

Attributi tal-oġġett ġeografiku tat-tip Link

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
centrelineGeometry	Il-ġeometrija li tirrappreżenta l-linja tan-nofs tal-link.	GM_Curve	
fictitious	Indikatur li l-ġeometrija tal-linja tan-nofs tal-link hija linja dritta b'ebda punti ta' kontroll intermedji – sakemm il-linja dritta ma tirrappreżentax il-ġeografija fir-riżoluzzjoni tas-sett tad-dejta b'mod xieraq.	Boolean	

Rwoli ta' assoċjazzjoni tal-oġġett ġeografiku tat-tip Link

Rwol ta' assoċjazzjoni	Definizzjoni	Tip	Voidability
endNode	In-nodu tat-tmiem, fakultattiv, għal din il-link. In-nodu tat-tmiem jista' jkun l-istess istanza bħan-nodu tal-bidu.	Node	
startNode	In-nodu tal-bidu, fakultattiv, għal din il-link.	Node	

5.1.5. *Sekwenza ta' Links (LinkSequence)*

Element tan-netwerk li jirrappreżenta mogħdija kontinwa fin-netwerk mingħajr ebda fergħat. L-element għandu bidu u tmiem definiti u kull pożizzjoni fuq is-sekwenza tal-links hija identifikabbli ma' parametru wieħed bħat-tul.

Dan it-tip huwa subtip ta' GeneralisedLink.

Dan it-tip huwa astratt.

Attributi tal-oġġett ġeografiku tat-tip LinkSequence

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
link	Il-ġabra organizzata ta' links b'direzzjoni li jikkostitwixxu s-sekwenza tal-links.	DirectedLink	

5.1.6. *Sett ta' Links (LinkSet)*

Ġabra ta' sekwenzi ta' links u/jew links individwali li għandha/-għandhom funzjoni jew sinifikat speċifiku f'netwerk.

Dan it-tip huwa subtip ta' NetworkElement.

Dan it-tip huwa astratt.

Rwoli ta' assoċjazzjoni tal-oġġett ġeografiku tat-tip LinkSet

Rwol ta' assoċjazzjoni	Definizzjoni	Tip	Voidability
link	Is-sett tal-links u s-sekwenzi tal-links li jikkostitwixxu s-sett tal-links.	GeneralisedLink	

▼B

5.1.7. *Netwerk (Network)*

Netwerk huwa ġabra ta' elementi tan-netwerk.

Attributi tal-oġġett ġeografiku tat-tip Network

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
geographicalName	L-isem ġeografiku għal dan in-netwerk.	GeographicalName	voidable

Rwoli ta' assoċjazzjoni tal-oġġett ġeografiku tat-tip Network

Rwol ta' assoċjazzjoni	Definizzjoni	Tip	Voidability
elements	Il-ġabra ta' elementi li tikkostitwixxi n-netwerk.	NetworkElement	

5.1.8. *Erja tan-Netwerk (NetworkArea)*

Element bidimensjonali (2) f'netwerk.

Dan it-tip huwa subtip ta' NetworkElement.

Dan it-tip huwa astratt.

Attributi tal-oġġett ġeografiku tat-tip NetworkArea

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
geometry	Tirrappreżenta l-proprjetajiet ġeometriċi tal-erja	GM_Surface	

5.1.9. *Konnessjoni tan-Netwerk (NetworkConnection)*

Tirrappreżenta konnessjoni loġika bejn żewġ elementi tan-netwerk jew aktar f'netwerks differenti.

Dan it-tip huwa subtip ta' NetworkElement.

Attributi tal-oġġett ġeografiku tat-tip NetworkConnection

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
type	Il-kategorizzazzjoni tal-konnessjoni tan-netwerk.	ConnectionTypeV-alue	voidable

Rwoli ta' assoċjazzjoni tal-oġġett ġeografiku tat-tip NetworkConnection

Rwol ta' assoċjazzjoni	Definizzjoni	Tip	Voidability
element	Elementi tan-netwerk f'netwerks differenti.	NetworkElement	

Limitazzjonijiet tal-oġġett ġeografiku tat-tip NetworkConnection

L-elementi kollha jeħtieġ li jkunu f'netwerks differenti

▼B

5.1.10. *Element tan-Netwerk (NetworkElement)*

Tip bażi astratt li jirrappreżenta element f'netwerk. Kull element f'netwerk jipprovdi xi funzjoni li hija ta' interess fin-netwerk.

Dan it-tip huwa astratt.

Attributi tal-oġġett ġeografiku tat-tip NetworkElement

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
beginLifespanVersion	Id-data u l-ħin li fihom din il-verżjoni tal-oġġett ġeografiku ddaħħlet jew ġiet mibdula fis-sett tad-dejta ġeografika.	DateTime	voidable
endLifespanVersion	Id-data u l-ħin li fihom din il-verżjoni tal-oġġett ġeografiku ġiet sostitwita jew irtirata fis-sett tad-dejta ġeografika.	DateTime	voidable
inspireId	L-identifikatur tal-oġġett estern tal-oġġett ġeografiku.	Identifier	

Rwoli ta' assoċjazzjoni tal-oġġett ġeografiku tat-tip NetworkElement

Rwol ta' assoċjazzjoni	Definizzjoni	Tip	Voidability
inNetwork	In-netwerks li element tan-netwerk ikun membru tagħhom.	Network	voidable

5.1.11. *Proprjetà tan-Netwerk (NetworkProperty)*

Tip bażi astratt li jirrappreżenta fenomeni li jkunu jinsabu tul element tan-netwerk jew fih. Dan it-tip bażi jipprovdi proprjetajiet ġenerali biex il-fenomeni li jirrelataw man-netwerk (il-proprjetajiet tan-netwerk) jiġu assoċjati mal-elementi tan-netwerk.

Dan it-tip huwa astratt.

Attributi tal-oġġett ġeografiku tat-tip NetworkProperty

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
beginLifespanVersion	Id-data u l-ħin li fihom din il-verżjoni tal-oġġett ġeografiku ddaħħlet jew ġiet mibdula fis-sett tad-dejta ġeografika.	DateTime	voidable
endLifespanVersion	Id-data u l-ħin li fihom din il-verżjoni tal-oġġett ġeografiku ġiet sostitwita jew irtirata fis-sett tad-dejta ġeografika.	DateTime	voidable
inspireId	L-identifikatur tal-oġġett estern tal-oġġett ġeografiku.	Identifier	
networkRef	Referenza ġeografika tal-proprjetà relatata man-netwerk.	NetworkReference	voidable

5.1.12. *Nodu (Node)*

Jirrappreżenta pożizzjoni sinifikanti fin-netwerk li dejjem iseħħ fil-bidu jew fl-aħħar ta' link.

▼B

Dan it-tip huwa subtip ta' NetworkElement.

Dan it-tip huwa astratt.

Attributi tal-oġġett ġeografiku tat-tip Node

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
geometry	Il-post fejn jinsab in-nodu.	GM_Point	

Rwoli ta' assoċjazzjoni tal-oġġett ġeografiku tat-tip Node

Rwol ta' assoċjazzjoni	Definizzjoni	Tip	Voidability
spokeEnd	Il-links li jidħlu fin-nodu.	Link	voidable
spokeStart	Il-links li joħorġu min-nodu.	Link	voidable

5.2. **Tipi ta' Dejta**

5.2.1. *Link ta' Direzzjoni (DirectedLink)*

Link jew fid-direzzjoni pożittiva jew fid-direzzjoni negattiva tagħha.

Attributi tad-dejta tat-tip DirectedLink

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
direction	Jindika jekk il-link ta' direzzjoni taqbilx (pożittiva) jew ma taqbilx (negattiva) mad-direzzjoni pożittiva tal-link.	Sign	

Rwoli ta' assoċjazzjoni tad-dejta tat-tip DirectedLink

Rwol ta' assoċjazzjoni	Definizzjoni	Tip	Voidability
link	Il-link	Link	

5.2.2. *Referenza tal-link (LinkReference)*

Referenza tan-netwerk għal element tan-netwerk lineari.

Dan it-tip huwa subtip ta' NetworkReference.

Attributi tad-dejta tat-tip LinkReference

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
applicableDirection	Id-direzzjonijiet tal-link ġeneralizzat li r-referenza tapplika għalihom. F'każijiet fejn proprjetà ma tapplikax *għal* direzzjoni tul link, iżda tirrappreżenta fenomenu *tul* link, “inDirection” tirreferi għan-naħa leminija fid-*direzzjoni* tal-link.	LinkDirectionValue	voidable

▼B

Limitazzjonijiet tad-dejta tat-tip LinkReference

Il-miri ta' referenza lineari għandhom ikunu elementi tan-netwerk lineari. Jiġifieri, jekk jintuża referenzjar lineari jew id-direzzjoni tkun rilevanti, il-mira tar-referenza tan-netwerk għandha tkun link jew sekwenza ta' links.

5.2.3. *Referenza tan-Netwerk (NetworkReference)*

Referenza għal element tan-netwerk.

Rwoli ta' assoċjazzjoni tad-dejta tat-tip NetworkReference

Rwol ta' assoċjazzjoni	Definizzjoni	Tip	Voidability
element	L-element tan-netwerk, b'referenza.	NetworkElement	

5.2.4. *Referenza Lineari Sempliċi (SimpleLinearReference)*

Referenza tan-netwerk li hija ristretta għal parti ta' element tan-netwerk lineari. Il-parti hija l-parti tal-element tan-netwerk li tinsab bejn fromPosition u toPosition.

Dan it-tip huwa subtip ta' LinkReference.

Attributi tad-dejta tat-tip SimpleLinearReference

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
fromPosition	Il-pożizzjoni tal-bidu tal-element lineari, espressa bħala d-distanza mill-bidu tal-element tan-netwerk lineari tul il-ġeometrija tal-kurva tiegħu.	Length	
offset	Spostament mill-ġeometrija tal-linja tan-nofs tal-link ġeneralizzat, fejn applikabbli; spostament pożittiv huwa lejn il-lemin fid-direzzjoni tal-link, spostament negattiv huwa lejn ix-xellug.	Length	voidable
toPosition	Il-pożizzjoni tat-tmiem tal-element lineari, espressa bħala d-distanza mill-bidu tal-element tan-netwerk lineari tul il-ġeometrija tal-kurva tiegħu.	Length	

5.2.5. *Referenza ta' Punt Sempliċi (SimplePointReference)*

Referenza tan-netwerk li hija ristretta għal punt fuq element tan-netwerk lineari. Il-punt huwa l-post fuq l-element tan-netwerk fil-pożizzjoni atPosition tul in-netwerk.

Dan it-tip huwa subtip ta' LinkReference.

Attributi tad-dejta tat-tip SimplePointReference

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
atPosition	Il-pożizzjoni tal-punt, espressa bħala d-distanza mill-bidu tal-element tan-netwerk lineari tul il-ġeometrija tal-kurva tiegħu.	Length	
offset	Spostament mill-ġeometrija tal-linja tan-nofs tal-link ġeneralizzat, fejn applikabbli; spostament pożittiv huwa lejn il-lemin fid-direzzjoni tal-link, spostament negattiv huwa lejn ix-xellug.	Length	voidable

▼B

5.3. **Listi ta' Kodiċijiet**

5.3.1. *Tip ta' Konnessjoni (ConnectionTypeValue)*

Tipi ta' konnessjonijiet bejn netwerks differenti.

▼M2

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu l-valuri fit-tabella ta' hawn taħt biss.

▼M1

►M2 **Valuri għal-lista ta' kodiċijiet** ◄ **ConnectionTypeValue**

Valur	Definizzjoni
crossBorderConnected	Konnessjoni bejn żewġ elementi ta' netwerk f'netwerks differenti tal-istess tip, iżda f'żoni maġenb xulxin. L-elementi tan-netwerk b'referenza jirrappreżentaw il-fenomeni differenti iżda spazjalment konnessi tad-dinja reali.
crossBorderIdentical	Konnessjoni bejn żewġ elementi ta' netwerk f'netwerks differenti tal-istess tip, iżda f'żoni maġenb xulxin. L-elementi tan-netwerk b'referenza jirrappreżentaw l-istess fenomeni tad-dinja reali.
intermodal	Konnessjoni bejn żewġ elementi ta' netwerks f'netwerks differenti ta' trasport li jużaw mod differenti ta' trasport. Il-konnessjoni tirrappreżenta possibbiltà għall-midja trasportata (nies, oġġetti, eċċ) li jibdlu minn mod ta' trasport għal ieħor.

▼B

5.3.2. *Direzzjoni tal-Link (LinkDirectionValue)*

Lista ta' valuri għal direzzjonijiet relattivi għal link

▼M2

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu l-valuri fit-tabella ta' hawn taħt biss.

▼M1

►M2 **Valuri għal-lista ta' kodiċijiet** ◄ **LinkDirectionValue**

Valur	Definizzjoni
bothDirections	Fiż-żewġ direzzjonijiet.
inDirection	Fid-direzzjoni tal-link.
inOppositeDirection	Fid-direzzjoni opposta tal-link.

▼M2

6. MUDELL TA' KOPERTURA (COVERAGE MODEL)

Il-mudell ta' kopertura tal-INSPIRE jikkonsisti fil-pakketti li ġejjin:

— Koperturi (Bażi)

— Koperturi (Dominju U Medda)

6.1. **Koperturi (Bażi)**

6.1.1. *Tipi ta' oġġetti ġeografiċi*

Il-pakkett Koperturi (Bażi) fih it-tip ta' oġġett ġeografiku Kopertura (Coverage).

▼M2

6.1.1.1. Kopertura (Coverage)

Oġġett ġeografiku li jagħmilha ta' funzjoni għall-valuri ta' ritorn mill-medda tiegħu għal kwalunkwe pożizzjoni diretta fi ħdan id-dominju ġeografiku, temporali jew ġeotemporali tiegħu.

Dan it-tip huwa astratt.

Attributi tat-tip ta' oġġett ġeografiku Coverage

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
metadata	Metadejta speċifika għal applikazzjoni tal-kopertura.	Any	
rangeType	Deskrizzjoni tal-istruttura tal-valuri tal-medda.	RecordType	

6.2. **Koperturi (Dominju U Medda)**

6.2.1. *Tipi ta' oġġetti ġeografiċi*

Il-pakkett Koperturi (Dominju U Medda) fih it-tipi ta' oġġetti ġeografiċi li ġejjin:

— Kopertura (Rappreżentazzjoni ta' Dominju U ta' Medda) (Coverage (Domain And Range Representation))

— Kopertura ta' Grilja Rettifikata (Rectified Grid Coverage)

— Kopertura ta' Grilja Referenzabbli (Referenceable Grid Coverage)

6.2.1.1. Kopertura (Rappreżentazzjoni ta' Dominju U ta' Medda) (CoverageByDomainAndRange)

Kopertura li tipprovdi d-dominju u l-medda bħala proprjetajiet separati.

Dan it-tip huwa subtip ta' Coverage.

Dan it-tip huwa astratt.

Attributi tat-tip ta' oġġett ġeografiku CoverageByDomainAndRange

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
coverageFunction	Deskrizzjoni ta' kif il-valuri tal-medda jistgħu jinkisbu f'postijiet fid-dominju tal-kopertura.	CoverageFunction	
domainSet	Konfigurazzjoni tad-dominju tal-kopertura deskritta f'termini ta' koordinati.	Any	
rangeSet	Sett ta' valuri assoċjat minn funzjoni mal-elementi tad-dominju tal-kopertura.	Any	

Limitazzjonijiet tat-tip ta' oġġett ġeografiku CoverageByDomainAndRange

Il-funzjoni tal-grilja għandha tkun valida biss għad-dominji li jkunu grilji.

6.2.1.2. Kopertura ta' Grilja Rettifikata (RectifiedGridCoverage)

Kopertura li d-dominju tagħha tikkonsista fi grilja rettifikata.

Dan it-tip huwa subtip ta' CoverageByDomainAndRange.

Limitazzjonijiet tat-tip ta' oġġett ġeografiku RectifiedGridCoverage

Id-dominju għandu jkun grilja rettifikata.

▼M2

Il-punti tal-grilja ta' RectifiedGridCoverage għandhom jikkoinċidu maċ-ċentri taċ-ċelluli tal-grilji ġeografiċi ddefiniti fit-Taqsima 2.2 tal-Anness II fuq kwalunkwe livell ta' riżoluzzjoni.

6.2.1.3. Kopertura ta' Grilja Referenzabbli (ReferenceableGridCoverage)

Kopertura li d-dominju tagħha jikkonsisti fi grilja referenzabbli.

Dan it-tip huwa subtip ta' CoverageByDomainAndRange.

Limitazzjonijiet tat-tip ta' oġġett ġeografiku ReferenceableGridCoverage

Id-dominju għandu jkun grilja referenzabbli.

6.2.2. *Tipi ta' dejta*

6.2.2.1. Funzjoni ta' Kopertura (CoverageFunction)

Deskrizzjoni ta' kif il-valuri tal-medda jistgħu jinkisbu f'postijiet fid-dominju tal-kopertura.

Dan it-tip huwa tip ta' unjoni.

Attributi tat-tip ta' unjoni CoverageFunction

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
ruleDefinition	Deskrizzjoni formali jew informali tal-funzjoni ta' kopertura bħala test.	CharacterString	
ruleReference	Deskrizzjoni formali jew informali tal-funzjoni ta' kopertura bħala referenza.	URI	
gridFunction	Regola dwar l-immappjar għall-ġeometriji ta' grilja.	GridFunction	

6.2.2.2. Funzjoni ta' Grilja (GridFunction)

Regola espliċita dwar l-immappjar għall-ġeometriji ta' grilja.

Attributi tat-tip ta' dejta GridFunction

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
sequenceRule	Deskrizzjoni ta' kif il-punti ta' grilja jiġu ordnati għal assoċjazzjoni mal-elementi tal-valuri fis-sett ta' medda tal-kopertura.	CV_SequenceRule	
startPoint	Il-punt ta' grilja li għandu jiġi assoċjat mal-ewwel reġistrazzjoni fis-sett tal-medda tal-kopertura.	Integer	

7. MUDELL TA' OSSERVAZZJONIJIET (OBSERVATIONS MODEL)

Il-mudell ta' osservazzjonijiet tal-INSPIRE jikkonsisti fil-pakketti li ġejjin:

— Referenzi għal Osservazzjoni

— Proċessi

— Proprjetajiet Osservabbli

▼M2

— Osservazzjonijiet Speċjalizzati

7.1. **Referenzi għal Osservazzjoni**

7.1.1. *Tipi ta' oġġetti ġeografiċi*

Il-pakkett Referenzi għal Osservazzjoni fih it-tip ta' oġġett ġeografiku Observation Set.

7.1.1.1. Sett ta' Osservazzjonijiet (ObservationSet)

Jikkollega sett ta' Osservazzjonijiet.

Attributi tat-tip ta' oġġett ġeografiku ObservationSet

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
inspireId	Identifikatur ta' oġġett estern tal-oġġett ġeografiku.	Identifier	
extent	Informazzjoni dwar il-firxa ġeografika u temporali.	EX_Extent	

Rwoli ta' assoċjazzjoni tat-tip ta' oġġett ġeografiku ObservationSet

Rwol ta' assoċjazzjoni	Definizzjoni	Tip	Voidability
member	Membru wieħed tal-ObservationSet.	OM_Observation	

7.2. **Proċessi**

7.2.1. *Tipi ta' oġġetti ġeografiċi*

Il-pakkett Proċessi fih it-tip ta' oġġett ġeografiku Proċess (Process).

7.2.1.1. Proċess (Process)

Deskrizzjoni ta' proċess ta' osservazzjoni.

Dan it-tip huwa subtip ta' OM_Process.

Attributi tat-tip ta' oġġett ġeografiku Process

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
inspireId	Identifikatur ta' oġġett estern tal-oġġett ġeografiku.	Identifier	voidable
name	L-isem tal-Proċess.	CharacterString	voidable
type	Tip ta' proċess.	CharacterString	voidable
documentation	Iktar informazzjoni (onlajn/offlajn) assoċjata mal-proċess.	DocumentCitation	voidable
processParameter	Parametru li jikkontrolla l-applikazzjoni tal-proċess u, konsegwentement, l-output tiegħu.	ProcessParameter	voidable
responsibleParty	Individwu jew organizzazzjoni relatat mal-proċess.	RelatedParty	voidable

7.2.2. *Tipi ta' dejta*

7.2.2.1. Parametru ta' Proċess (ProcessParameter)

Deskrizzjoni ta' parametru partikolari.

▼M2

Attributi tat-tip ta' dejta ProcessParameter

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
name	Isem tal-parametru ta' proċess.	ProcessParameterNameValue	
description	Deskrizzjoni tal-parametru ta' proċess.	CharacterString	

7.2.3. *Listi ta' kodiċijiet*

7.2.3.1. Isem ta' Parametru ta' Proċess (ProcessParameterNameValue)

Lista ta' kodiċijiet ta' ismijiet ta' parametri ta' proċess.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu kwalunkwe valur iddefinit mill-forniturі tad-dejta.

7.3. **Proprjetajiet Osservabbli**

7.3.1. *Tipi ta' dejta*

7.3.1.1. Limitazzjoni (Constraint)

Limitazzjoni fuq xi proprjetà, pereżempju t-tul tal-mewġa = 200 nm.

Attributi tat-tip ta' dejta Constraint

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
constrainedProperty	Il-proprjetà li tkun qed tiġi limitata, pereżempju "kulur" jekk il-limitazzjoni tkun "kulur = blu".	PhenomenonTypeValue	
label	Titlu li jista' jinqara mill-bniedem għal-limitazzjoni kollha.	CharacterString	

7.3.1.2. Limitazzjoni ta' Kategorija (CategoryConstraint)

Limitazzjoni bbażata fuq xi kategorija kwalifikanti, pereżempju kulur = "aħmar".

Dan it-tip huwa subtip ta' Constraint.

Attributi tat-tip ta' dejta CategoryConstraint

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
comparison	Operatur ta' tqabbil. Fil-każ ta' limitazzjoni ta' kategorija għandu jkun "equalTo" jew "notEqualTo".	ComparisonOperatorValue	
value	Il-valur tal-proprjetà li qed tiġi limitata, pereżempju "blu" (jekk il-proprjetà li qed tiġi limitata tkun kulur).	CharacterString	

7.3.1.3. Limitazzjoni ta' Medda (RangeConstraint)

Limitazzjoni ta' medda numerika fuq xi proprjetà, pereżempju t-tul tal-mewġa ≥ 300 nm u t-tul tal-mewġa ≤ 600 nm.

Dan it-tip huwa subtip ta' Constraint.

▼M2

Attributi tat-tip ta' dejta RangeConstraint

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
value	Il-medda ta' valuri numeriċi tal-proprjetà li qed tiġi limitata.	RangeBounds	
uom	L-unitajiet ta' kejl użati fil-limitazzjoni.	UnitOfMeasure	

7.3.1.4. Limiti tal-Medda (RangeBounds)

Il-valuri ta' delimitazzjoni tal-bidu u tat-tmiem ta' medda numerika (pereżempju, il-bidu ≥ 50 u t-tmiem ≤ 99).

Attributi tat-tip ta' dejta RangeBounds

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
startComparison	Il-komparatur użat għal-limitu inferjuri tal-medda (pereżempju, greaterThanOrEqualTo).	ComparisonOperatorValue	
rangeStart	Il-limitu inferjuri tal-medda.	Real	
endComparison	Il-komparatur użat għal-limitu massimu tal-medda (pereżempju, lessThan).	ComparisonOperatorValue	
rangeEnd	Il-limitu superjuri tal-medda.	Real	

7.3.1.5. Limitazzjoni Skalari (ScalarConstraint)

Limitazzjoni skalari numerika fuq xi proprjetà, pereżempju t-tul ≥ 1 m.

Dan it-tip huwa subtip ta' Constraint.

Attributi tat-tip ta' dejta ScalarConstraint

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
value	Il-valur numeriku tal-proprjetà li qed tiġi limitata.	Real	
comparison	Il-komparatur li għandu jintuża fil-limitazzjoni, pereżempju greaterThan.	ComparisonOperatorValue	
uom	L-unitajiet ta' kejl użati fil-limitazzjoni.	UnitOfMeasure	

7.3.1.6. Limitazzjoni Oħra (OtherConstraint)

Limitazzjoni li mhijiex immudellata b'mod strutturat imma li tista' tiġi deskritta billi jintuża l-attribut b'test liberu 'description'.

Dan it-tip huwa subtip ta' Constraint.

Attributi tat-tip ta' dejta OtherConstraint

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
description	Deskrizzjoni tal-limitazzjoni.	CharacterString	

▼M2

7.3.1.7. Kejl Statistiku (StatisticalMeasure)

Deskrizzjoni ta' xi kejl statistiku, pereżempju "massimu ta' kuljum".

Attributi tat-tip ta' dejta StatisticalMeasure

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
label	Titlu li jista' jinqara mill-bniedem għall-kejl statistiku.	CharacterString	
statisticalFunction	Funzjoni statika, pereżempju medja.	StatisticalFunction-TypeValue	
aggregationTimePer-iod	Medda temporali li fuqha tiġi kkalkulata statistika, pereżempju jum jew siegħa.	TM_Duration	
aggregationLength	Medda ġeografika unidimensjonali li fuqha tiġi kkalkulata statistika, pereżempju 1 metru.	Length	
aggregationArea	Medda ġeografika bidimensjonali li fuqha tiġi kkalkulata statistika, pereżempju 1 metru kwadru.	Erja	
aggregationVolume	Medda ġeografika tridimensjonali li fuqha tiġi kkalkulata statistika, pereżempju 1 metru kubu.	Volum	
otherAggregation	Kwalunkwe tip ieħor ta' aggregazzjoni.	Any	

Rwoli ta' assoċjazzjoni tat-tip ta' dejta StatisticalMeasure

Rwol ta' assoċjazzjoni	Definizzjoni	Tip	Voidability
derivedFrom	Kejl statistiku wieħed jista' jkun derivat minn ieħor, pereżempju t-temperaturi massimi ta' kull xahar jistgħu jkunu derivati mit-temperaturi medji ta' kuljum.	StatisticalMeasure	

7.3.2. *Enumerazzjonijiet*

7.3.2.1. Operatur ta' Tqabbil (ComparisonOperatorValue)

Enumerazzjoni ta' operaturi ta' tqabbil (pereżempju, ikbar minn)

Valuri għall-enumerazzjoni ComparisonOperatorValue

Valur	Definizzjoni
equalTo	eżattament daqs
notEqualTo	mhux eżattament daqs
lessThan	inqas minn
greaterThan	ikbar minn
lessThanOrEqualTo	inqas minn jew eżattament daqs
greaterThanOrEqualTo	ikbar minn jew eżattament daqs

▼**M2**

7.3.3. *Listi ta' kodiċijiet*

7.3.3.1. Tip ta' Fenomenu (PhenomenonTypeValue)

Lista ta' kodiċijiet ta' fenomeni (pereżempju, temperatura jew veloċità tar-riħ).

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu l-valuri tal-listi ta' kodiċijiet li ġejjin jew ta' listi ta' kodiċijiet oħrajn iddefiniti mill-forniturі tad-dejta:

— Ismijiet Standard tal-Klima u tat-Tbassir (CFStandardNamesValue): Definizzjonijiet ta' fenomeni osservati fil-meteoroloġija u fl-oċeanografija, kif ġie speċifikat fit-Taqsima 4.5 ta' dan l-Anness.

— Isem ta' Parametru ta' Element ta' Profil (ProfileElementParameterNameValue): Il-proprjetajiet li jistgħu jiġu osservati sabiex jiġi kkaratterizzat l-element ta' profil, kif ġie speċifikat fit-Taqsima 3.3.8 tal-Anness IV.

— Isem ta' Parametru ta' Oġġett Derivat mill-Ħamrija (SoilDerivedObjectParameterNameValue): Il-proprjetajiet relatati mal-ħamrija li jistgħu jkunu derivati mill-ħamrija u minn dejta oħra, kif ġie speċifikat fit-Taqsima 3.3.9 tal-Anness IV.

— Isem ta' Parametru ta' Profil ta' Ħamrija (SoilProfileParameterNameValue): Il-proprjetajiet li jistgħu jiġu osservati sabiex jiġi kkaratterizzat il-profil ta' ħamrija, kif ġie speċifikat fit-Taqsima 3.3.12 tal-Anness IV.

— Isem ta' Parametru ta' Sit ta' Ħamrija (SoilSiteParameterNameValue): Il-proprjetajiet li jistgħu jiġu osservati sabiex jiġi kkaratterizzat is-sit ta' ħamrija, kif ġie speċifikat fit-Taqsima 3.3.13 tal-Anness IV.

— Komponent ta' Referenza tal-Kwalità tal-Arja tal-UE (EU_AirQualityReferenceComponentValue): Definizzjonijiet ta' fenomeni li jirrigwardaw il-kwalità tal-ajra fil-kuntest tar-rapportar skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, kif ġie speċifikat fit-Taqsima 13.2.1tal-Anness IV.

— Tabella 4.2 tal-Kodiċijiet GRIB u tal-Markaturi (Flags) tad-WMO (GRIB_CodeTable4_2Value): Definizzjonijiet ta' fenomeni osservati fil-meteoroloġija, kif ġie speċifikat fit-Taqsima 0 tal-Anness IV.

— Użu tal-Parametru P01 tal-BODC (BODC_P01ParameterUsageValue): Definizzjonijiet ta' fenomeni osservati fl-oċeanografija, kif ġie speċifikat fit-Taqsima 14.2.1 tal-Anness IV.

7.3.3.2. Tip ta' Funzjoni Statistika (StatisticalFunctionTypeValue)

Lista ta' kodiċijiet ta' funzjonijiet statistiċi (pereżempju, massimu, minimu jew medju).

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu kwalunkwe valur iddefinit mill-forniturі tad-dejta.

7.4. **Osservazzjonijiet Speċjalizzati**

7.4.1. *Tipi ta' oġġetti ġeografiċi*

Il-pakkett Osservazzjonijiet Speċjalizzati fih it-tipi ta' oġġetti ġeografiċi li ġejjin:

— Osservazzjoni ta' Grilja (Grid Observation)

— Osservazzjoni ta' Serje ta' Grilji (Grid Series Observation)

— Osservazzjoni ta' Punt (Point Observation)

— Ġabra ta' Osservazzonijiet ta' Punti (Point Observation Collection)

▼M2

— Osservazzjoni ta’ Multipunti (Multi Point Observation)

— Osservazzjoni ta’ Serje Kronoloġika ta’ Punti (Point Time Series Observation)

— Osservazzjoni ta’ Profil (Profile Observation)

— Osservazzjoni ta’ Trajettorja (Trajectory Observation)

7.4.1.1. Osservazzjoni ta’ Grilja (GridObservation)

Osservazzjoni li tirrappreżenta qasam f’forma ta’ grilja f’waqt wieħed (ta’ ħin).

Dan it-tip huwa subtip ta’ SamplingCoverageObservation.

Limitazzjonijiet tat-tip ta’ oġġett ġeografiku GridObservation

featureOfInterest għandu jkun SF_SamplingSolid jew SF_Sampling-Surface.

phenomenonTime għandu jkun TM_Instant.

result għandu jkun RectifiedGridCoverage jew RefererencableGridCoverage.

7.4.1.2. Osservazzjoni ta’ Serje ta’ Grilji (GridSeriesObservation)

Osservazzjoni li tirrappreżenta qasam f’forma ta’ grilja li qed jevolvi f’suċċessjoni ta’ waqtiet (ta’ ħin).

Dan it-tip huwa subtip ta’ SamplingCoverageObservation.

Limitazzjonijiet tat-tip ta’ oġġett ġeografiku GridSeriesObservation

featureOfInterest għandu jkun SF_SamplingSolid.

phenomenonTime għandu jkun TM_Period.

result għandu jkun RectifiedGridCoverage jew RefererenceableGridCoverage.

7.4.1.3. Osservazzjoni ta’ Punt (PointObservation)

Osservazzjoni li tirrappreżenta kejl ta’ proprjetà f’waqt (ta’ ħin) wieħed u f’punt ġeografiku wieħed.

Dan it-tip huwa subtip ta’ SamplingCoverageObservation.

Limitazzjonijiet tat-tip ta’ oġġett ġeografiku PointObservation

featureOfInterest għandu jkun SF_SamplingPoint.

phenomenonTime għandu jkun TM_Instant.

7.4.1.4. Ġabra ta’ Osservazzjonijiet ta’ Punti (PointObservationCollection)

Ġabra ta’ Osservazzjonijiet ta’ Punti.

Dan it-tip huwa subtip ta’ ObservationSet.

Limitazzjonijiet tat-tip ta’ oġġett ġeografiku PointObservationCollection

Kull membru għandu jkun PointObservation.

7.4.1.5. Osservazzjoni ta’ Multipunti (MultiPointObservation)

Osservazzjoni li tirrappreżenta sett ta’ kejl li sar kollu eżattament fl-istess ħin imma f’postijiet differenti.

▼M2

Dan it-tip huwa subtip ta' SamplingCoverageObservation.

Limitazzjonijiet tat-tip ta' oġġett ġeografiku MultiPointObservation

featureOfInterest għandu jkun SF_SamplingCurve, SF_SamplingSurface jew SF_SamplingSolid.

phenomenonTime għandu jkun TM_Instant

result għandu jkun MultiPointCoverage.

7.4.1.6. Osservazzjoni ta' Serje Kronoloġika ta' Punti (PointTimeSeriesObservation)

Osservazzjoni li tirrappreżenta serje kronoloġika ta' kejl ta' punti ta' proprjetà f'lokalità ġeografika fissa.

Dan it-tip huwa subtip ta' SamplingCoverageObservation.

Limitazzjonijiet tat-tip ta' oġġett ġeografiku PointTimeSeriesObservation

featureOfInterest għandu jkun SF_SamplingPoint.

phenomenonTime għandu jkun TM_Period.

result għandu jkun Timeseries.

7.4.1.7. Osservazzjoni ta' Profil (ProfileObservation)

Osservazzjoni li tirrappreżenta l-kejl ta' proprjetà tul profil vertikali ġeografiku f'waqt (ta' ħin) wieħed.

Dan it-tip huwa subtip ta' SamplingCoverageObservation.

Limitazzjonijiet tat-tip ta' oġġett ġeografiku ProfileObservation

featureOfInterest għandu jkun SF_SamplingCurve.

phenomenonTime għandu jkun TM_Instant.

result għandu jkun ReferenceableGridCoverage jew RectifiedGridCoverage.

Id-dominju ġeografiku tar-result (riżultat) għandu jkun fih assi wieħed u dan għandu jkun vertikali.

7.4.1.8. Osservazzjoni ta' Trajettorja (TrajectoryObservation)

Osservazzjoni li tirrappreżenta l-kejl ta' proprjetà tul kurva serpeġġjanti mil-lat temporali u minn dak ġeografiku.

Dan it-tip huwa subtip ta' SamplingCoverageObservation.

Limitazzjonijiet tat-tip ta' oġġett ġeografiku TrajectoryObservation

phenomenonTime għandu jkun TM_Period.

result għandu jkun Timeseries.

Kull punt fir-result għandu jkun TimeLocationValueTriple.

featureOfInterest għandu jkun SF_Sampling Curve.

7.4.2. *Tipi ta' dejta*

7.4.2.1. Triplu ta' Valur ta' Ħin u ta' Lokalità (TimeLocationValueTriple)

Sett triplu ta' (kejl ta') Ħin, ta' lokalità u ta' valur. Pereżempju, f'punt tul trajettorja.

Dan it-tip huwa subtip ta' TimeValuePair.

▼M2

Attributi tat-tip ta' dejta TimeLocationValueTriple

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
location	Lokalità ġeografika fejn il-valur ikun validu.	GM_Position	

7.5. **Rekwiżiti għall-Osservazzjonijiet**

Fejn jintuża t-tip OM_Observation jew kwalunkwe subtip tiegħu sabiex jagħmel disponibbli d-dejta, għandhom japplikaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

(1) It-tip Process għandu jintuża sabiex jindika l-proċedura użata f'OM_Observation.

(2) Fejn issir referenza għal EnvironmentalMonitoringFacility minn OM_Observation, għandu jiġi pprovdut attribut parameter, li l-attribut name tiegħu jkun "relatedMonitoringFeature" u li l-attribut value tiegħu jkun tat-tip AbstractMonitoringFeature.

(3) Għall-kodifikazzjonijiet kollha li jintużaw għal result (riżultat) kollu OM_Observation jew għal parti minnu, għandha tkun disponibbli Interface tal-Programmi ta' Applikazzjoni (API) pubblika sabiex jinqara l-fajl ikkodifikat. Din l-API għandu jkollha l-kapaċità li tesponi l-informazzjoni meħtieġa sabiex jiġu realizzati l-oġġetti ġeografiċi tal-INSPIRE.

(4) Jekk l-attribut processParameter ikun preżenti fil-proprjetà proċedure ta' oġġett OM_Observation, il-valur tiegħu (isem) għandu jiġi inkluż fl-attribut parameter tal-oġġett OM_Observation. Mudell ta' Kumpless ta' Attivitajiet (Activity Complex Model)

8. MUDELL KUMPLESS TA' ATTIVITAJIET (ACTIVITY COMPLEX)

Il-mudell ta' kumpless ta' attivitajiet tal-INSPIRE fih il-pakkett Kumpless ta' Attivitajiet (Activity Complex).

8.1. **Kumpless ta' Attivitajiet**

8.1.1. *Tipi ta' oġġetti ġeografiċi*

Il-pakkett Kumpless ta' Attivitajiet fih it-tip ta' oġġett ġeografiku Kumpless ta' Attivitajiet (Activity Complex).

8.1.1.1. Kumpless ta' Attivitajiet (ActivityComplex)

Unità waħda, kemm mil-lat tekniku kif ukoll minn dak ekonomiku, taħt il-kontroll ta' ġestjoni ta' entità legali (operatur), li tkopri attivitajiet bħal dawk elenkati fil-klassifikazzjoni tan-NACE tal-Eurostat stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]). Il-Kumpless ta' Attivitajiet għandu jirrappreżenta ż-żona kollha, fl-istess lokalità ġeografika jew f'lokalità ġeografika differenti, u għandu jiġi ġestit mill-istess operatur, inklużi l-infrastruttura, it-tagħmir u l-materjali kollha.

Attributi tat-tip ta' oġġett ġeografiku ActivityComplex

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
inspireId	Identifikatur ta' oġġett estern tal-oġġett ġeografiku.	Identifier	
thematicId	Identifikatur tematiku tal-kumpless ta' attivitajiet.	ThematicIdentifier	

([1]) ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1.

▼**M2**

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
geometry	Il-ġeometrija użata għad-definizzjoni tal-firxa jew tal-pożizzjoni tal-kumpless ta' attivitajiet.	GM_Object	
function	L-attivitajiet imwettqa mill-kumpless ta' attivitajiet. Il-funzjoni tiġi deskritta mill-attività u tiġi potenzjalment ikkomplementata b'informazzjoni dwar l-inputs u l-outputs kif jirriżulta minnha.	Function	
name	Isem deskrittiv tal-kumpless ta' attivitajiet.	CharacterString	voidable
validFrom	Il-ħin meta l-kumpless ta' attivitajiet beda jeżisti fid-dinja reali.	DateTime	voidable
validTo	Il-ħin meta l-kumpless ta' attivitajiet ma jibqax jeżisti iktar fid-dinja reali.	DateTime	voidable
beginLifespanVersion	Id-data u l-ħin li fihom din il-verżjoni tal-oġġett ġeografiku ddaħħlet jew tbiddlet fis-sett ta' dejta ġeografika.	DateTime	voidable
endLifespanVersion	Id-data u l-ħin li fihom din il-verżjoni tal-oġġett ġeografiku ġiet sostitwita jew irtirata fis-sett ta' dejta ġeografika.	DateTime	voidable

8.1.2. *Tipi ta' dejta*

8.1.2.1. Funzjoni (Function)

Il-funzjoni ta' xi ħaġa espressa bħala attività u bħala input u/jew output fakultattivi.

Attributi tat-tip ta' dejta Function

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
activity	Deskrizzjoni kategorizzata ta' sett individwali jew organizzat ta' proċessi teknikament relatati li jitwettqu minn unità ekonomika, privata jew pubblika, bi skop ta' qligħ jew mingħajr tali skop.	EconomicActivity-Value	
input	Kwalunkwe materjal ikklassifikat jew irreġistrat li jidħol f'unità teknika u ekonomika skont il-funzjoni tiegħu.	InputOutputValue	voidable
output	Kwalunkwe materjal ikklassifikat jew irreġistrat li jħalli unità teknika u ekonomika skont il-funzjoni tiegħu.	InputOutputValue	voidable
description	Deskrizzjon iktar dettaljata tal-funzjoni.	PT_FreeText	voidable

8.1.2.2. Kapaċità (Capacity)

Kwantifikazzjoni ta' ħila effettiva jew potenzjali li titwettaq attività, li tipikament ma tinbidilx, ma tinbidilx ta' spiss jew ma tinbidilx b'mod sinifikanti.

▼M2

Attributi tat-tip ta' dejta Capacity

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
activity	Deskrizzjoni kategorizzata ta' sett individwali jew organizzat ta' proċessi teknikament relatati li jitwettqu minn unità ekonomika, privata jew pubblika, bi skop ta' qligħ jew mingħajr tali skop.	EconomicActivity-Value	
input	Informazzjoni li tista' titkejjel dwar kwalunkwe materjal ikklassifikat jew irreġistrat li jidħol f'unità teknika u ekonomika skont il-funzjoni tiegħu.	InputOutputAmount	
output	Informazzjoni li tista' titkejjel dwar kwalunkwe materjal ikklassifikat jew irreġistrat li jħalli unità teknika u ekonomika skont il-funzjoni tiegħu.	InputOutputAmount	
time	It-tul ta' ħin li għalih tirreferi l-kapaċità speċifikata, bħal sena għal kapaċità annwali.	TM_Duration	
description	Deskrizzjoni tal-kapaċità.	PT_FreeText	Voidable

8.1.2.3. Ammont Ta' Input Jew Ta' Output (InputOutputAmount)

Tip u, meta disponibbli, ammont li jista' jitkejjel ta' materjal ikklassifikat jew irreġistrat li jidħol jew joħroġ minn unità teknika u ekonomika.

Attributi tat-tip ta' dejta InputOutputAmount

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
inputOutput	Materjal ikklassifikat jew irreġistat li jidħol fi jew li jħalli unità teknika u ekonomika skont il-funzjoni tiegħu.	InputOutputValue	
amount	L-ammont (bħall-volum jew il-massa) tal-materjal ikklassifikat jew irreġistrat li jidħol fi jew li jħalli unità teknika u ekonomika.	Measure	voidable

8.1.2.4. Permess (Permission)

Deċiżjoni Uffiċjali (kunsens formali) li tagħti awtorizzazzjoni sabiex jitħaddem Kumpless ta' Attivitajiet kollu jew parti minnu, soġġetta għal ċerti kundizzjonijiet li jiggarantixxu li l-installazzjonijiet jew partijiet mill-installazzjonijiet fl-istess sit imħaddma mill-istess operatur ikunu konformi mar-rekwiżiti stabbiliti minn awtorità kompetenti. Permess jista' jkopri funzjoni waħda jew iktar u jistabbilixxi l-parametri tal-kapaċità. It-terminu jista' jiġi estiż għal tipi oħrajn ta' ċertifikati jew ta' dokumenti ta' rilevanza speċjali jiddependi mill-kamp ta' applikazzjoni (pereżempju, ISO, EMAS, Standards ta' Kwalità Nazzjonali, eċċ.).

Attributi tat-tip ta' dejta Permission

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
id	Referenza identifikattiva għall-permess.	ThematicIdentifier	
relatedParty	Partijiet relatati mal-permess mogħti lill-kumpless ta' attivitajiet miftuħa għal bosta rwoli differenti, bħal Awtoritajiet Kompetenti jew Kumpanija fost l-oħrajn	RelatedParty	voidable

▼M2

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
decisionDate	Referenza temporali li tikkomplementa d-definizzjoni tal-permess.	DateTime	voidable
dateFrom	Data li minnha jibda japplika u jkun validu l-permess.	DateTime	voidable
dateTo	Data sa meta japplika u jkun validu l-permess.	DateTime	voidable
description	Deskrizzjoni tal-permess.	PT_FreeText	voidable
permittedFunction	Il-funzjoni/jiet li għaliha/hom ingħata l-permess.	Function	voidable
permittedCapacity	L-ammonti massimi ta' input u/jew ta' output ta' attività skont il-permess.	Capacity	voidable

8.1.2.5. Deskrizzjoni ta' Kumpless ta' Attivitajiet (ActivityComplexDescription)

Informazzjoni addizzjonali dwar kumpless ta' attivitajiet, inklużi d-deskrizzjoni, l-indirizz, id-dettalji ta' kuntatt u l-partijiet relatati tiegħu.

Attributi tat-tip ta' oġġett ġeografiku ActivityComplexDescription

Rwol ta' assoċjazzjoni	Definizzjoni	Tip	Voidability
description	Definizzjoni komplementari tal-"Kumpless ta' Attivitajiet" u tal-karatteristiċi tiegħu.	PT_FreeText	voidable
address	Indirizz għall-kumpless ta' attivitajiet, jiġifieri indirizz fejn iseħħu l-attivitajiet.	AddressRepresentation	voidable
contact	Informazzjoni ta' kuntatt għall-kumpless ta' attivitajiet.	Contact	voidable
relatedParty	L-Informazzjoni tal-Partijiet relatati mal-Kumpless ta' Attivitajiet. Hija miftuħa għal bosta rwoli differenti, bħal sidien, operaturi jew Awtoritajiet Kompetenti.	RelatedParty	voidable

8.1.3. *Listi ta' kodiċijiet*

8.1.3.1. Attività Ekonomika (EconomicActivityValue)

Klassifikazzjoni ta' attivitajiet ekonomiċi.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu l-valuri tal-listi ta' kodiċijiet li ġejjin jew ta' listi ta' kodiċijiet oħrajn speċifikati mill-fornituri tad-dejta:

— Klassifikazzjoni tal-Attivitajiet Ekonomiċi tal-UE (EconomicActivityNACEValue): L-attivitajiet ekonomiċi skont il-valuri tal-Klassifikazzjoni tan-NACE tal-Eurostat, kif ġew speċifikati fir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

— Klassifikazzjoni tal-Attivitajiet Ekonomiċi tal-Istatistika dwar l-Iskart tal-UE (EconomicActivityWasteStatisticsValue): Klassifikazzjoni tal-attivitajiet ekonomiċi skont it-Taqsima 8 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 2150/2002 ([2]).

([1]) ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1.
([2]) ĠU L 332, 9.12.2002, p. 1.

▼**M2**

— Klassifikazzjoni tar-Rimi tal-Irkupru tal-Iskart tal-UE (WasteRecoveryDisposalValue): Klassifikazzjoni tal-operazzjonijiet ta' rkupru u ta' rimi tal-iskart skont l-Annessi I u II tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

8.1.3.2. Input Jew Output (InputOutputValue)

Klassifikazzjoni tal-inputs jew tal-outputs.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu l-valuri tal-listi ta' kodiċijiet li ġejjin jew ta' listi ta' kodiċijiet oħrajn speċifikati mill-forniturі tad-dejta.

— Klassifikazzjoni tal-Prodotti tal-UE (ProductCPAValue): Klassifikazzjoni tal-Prodotti skont l-Attività Ekonomika abbażi tar-Regolament (KE) Nru 451/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]).

— Klassifikazzjoni tal-Iskart tal-UE (WasteValue): Klassifikazzjoni tal-Iskart skont id-Deċiżjoni 2000/532/KE ([3]).

8.2. **Rekwiżiti għall-Kumplessi ta' Attivitajiet**

Jekk fornitur tad-dejta juża subtip ta' ActivityComplex sabiex jagħmel disponibbli informazzjoni dwar l-istatus, il-kapaċità fiżika, il-permessi u/jew informazzjoni addizzjonali, għandhom jintużaw il-listi ta' kodiċijiet u t-tipi ta' dejta rilevanti (ConditionOfFacilityValue, Capacity, Permission, ActivityComplexDescription) inklużi fil-pakkett Activity Complex.

([1]) ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3.
([2]) ĠU L 145, 4.6.2008, p. 65.
([3]) ĠU L 226, 6.9.2000, p. 3.

▼B

ANNESS II

REKWIŻITI GĦAL TEMI TA' DEJTA ĠEOGRAFIKA ELENKATI FL-ANNESS I GĦAD-DIRETTIVA 2007/2/KE

1. SISTEMI TA' REFERENZA TA' KOORDINATI

1.1. **Definizzjonijiet**

Minbarra d-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

— "datum" tfisser parametru jew sett ta' parametri li jiddefinixxu l-pożizzjoni tal-oriġini, l-iskala u l-orjentazzjoni ta' sistema ta' koordinati, skont l-EN ISO 19111,

— "datum ġeodetiku" tfisser datum li jiddeskrivi r-relazzjoni ta' sistema ta' koordinati mad-Dinja, skont l-EN ISO 19111,

— "sistema ta' koordinati" tfisser sett ta' regoli matematiċi biex jiġi speċifikat kif koordinati għandhom jiġu assenjati għal punti, skont l-EN ISO 19111,

— "sistema ta' referenza ta' koordinati" tfisser sistema ta' koordinati li hija relatata mad-dinja reali permezz ta' datum, skont l-EN ISO 19111. Din id-definizzjoni tinkludi sistemi ta' koordinati bbażati fuq koordinati ġeodetiċi jew Kartesjani u sistemi ta' koordinati bbażati fuq projezzjonijiet tal-mapep.

— "projezzjoni tal-mapep" tfisser bidla ta' koordinati, ibbażata fuq relazzjoni 1:1, minn sistema ta' koordinati ġeodetiċi lejn pjan, ibbażat fuq l-istess datum, skont l-EN ISO 19111,

— "sistema ta' referenza ta' koordinati komposti" tfisser sistema ta' referenza ta' koordinati li tuża żewġ sistemi indipendenti oħrajn ta' referenza ta' koordinati, waħda għall-komponent orizzontali u waħda għall-komponent vertikali, biex tiġi deskritta pożizzjoni, skont l-EN ISO 19111,

— "sistema ta' koordinati ġeodetiċi" tfisser sistema ta' koordinati fejn il-pożizzjoni hija speċifikata minn latitudni ġeodetika, lonġitudni ġeodetika u (fil-każ tridimensjonali) għoli ellissojdali, skont l-EN ISO 19111,

▼M2

— "livell medju tal-baħar (mean sea level)" (MSL) tfisser l-għoli medju tas-superfiċje tal-baħar fi stazzjon mareali għall-istadji kollha tal-marea tul perjodu ta' 19-il sena, ġeneralment iddeterminat minn qari tal-għoli ta' kull siegħa imkejjel minn livell ta' referenza predeterminat fiss (datum ta' ċart),

— "l-iktar marea astronomika baxxa (lowest astronomical tide)" (LAT) tfisser l-iktar livell baxx tal-marea li jista' jiġi mbassar li se jseħħ f'kundizzjonijiet meteoroloġiċi medji u fi kwalunkwe kombinazzjoni ta' kundizzjonijiet astronomiċi.

▼B

1.2. **Datum għal sistemi ta' referenza ta' koordinati tridimensjonali u bidimensjonali**

Għas-sistemi ta' referenza ta' koordinati tridimensjonali u bidimensjonali u l-komponent orizzontali ta' sistemi ta' referenza ta' koordinati komposti użati biex settijiet tad-dejta ġeografika jkunu magħmula disponibbli, id-datum għandu jkun id-datum tas-Sistema Ewropea ta' Referenza Terrestri 1989 (ETRS89) f'żoni fl-ambitu ġeografiku tagħha, jew id-datum tas-Sistema Internazzjonali ta' Referenza

▼B

Terrestri (ITRS) jew sistemi ta' referenza ta' koordinati ġeodetiċi oħrajn konformi mal-ITRS f'żoni li huma barra l-ambitu ġeografiku tal-ETRS89. Li tkun konformi mal-ITRS ifisser li d-definizzjoni tas-sistema hija bbażata fuq id-definizzjoni tal-ITRS u li hemm relazzjoni dokumentata tajjeb bejn iż-żewġ sistemi, skont l-EN ISO 19111.

1.3. **Sistemi ta' Referenza ta' Koordinati**

Settijiet ta' dejta ġeografika għandhom ikunu magħmula disponibbli billi tintuża mill-inqas waħda mis-sistemi ta' referenza ta' koordinati speċifikata fit-taqsimiet 0, – u –, sakemm ma tkunx tapplika waħda mill-kundizzjonijiet speċifikati fit-taqsima –.

1.3.1. *Sistemi ta' Referenza ta' Koordinati Tridimensjonali*

— Koordinati Kartesjani tridimensjonali bbażati fuq datum speċifikat f'– u li jużaw il-parametri tal-ellissojdi tas-Sistema ta' Referenza Ġeodetika 1980 (GRS80).

— Koordinati ġeodetiċi tridimensjonali (latitudni, lonġitudni u għoli ellissojdali) ibbażati fuq datum speċifikat f'– u li jużaw il-parametri tal-ellissojdi GRS80.

1.3.2. *Sistemi ta' Referenza ta' Koordinati Bidimensjonali*

— Koordinati ġeodetiċi bidimensjonali (latitudni u lonġitudni) ibbażati fuq datum speċifikat f'– u li jużaw il-parametri tal-ellisojdi GRS80.

— Koordinati tal-pjan li jużaw is-sistema ta' referenza ta' koordinati ETRS89 Lambert Azimuthal Equal Area.

— Koordinati tal-pjan li jużaw is-sistema ta' referenza ta' koordinati ETRS89 Lambert Conformal Conic.

— Koordinati tal-pjan li jużaw is-sistema ta' referenza ta' koordinati ETRS89 Transverse Mercator.

1.3.3. *Sistemi ta' Referenza ta' Koordinati Komposti*

1. Għall-komponent orizzontali tas-sistema ta' referenza ta' koordinati komposti, għandha tintuża waħda mis-sistemi ta' referenza ta' koordinati speċifikati fit-taqsima 1.3.2.

2. Għall-komponent vertikali għandha tintuża waħda mis-sistemi ta' referenza ta' koordinati li ġejjin:

— Għall-komponent vertikali fuq l-art, is-Sistema Ewropea ta' Referenza Vertikali (EVRS) għandha tintuża biex tesprimi għoli relatat mal-gravità fl-ambitu ġeografiku tagħha. Sistemi ta' referenza vertikali oħrajn relatati mal-qasam ta' gravità tad-Dinja għandhom jintużaw biex jesprimu għoli relatat mal-gravità f'żoni li mhumiex fl-ambitu ġeografiku tal-EVRS.

▼M2

— Għall-komponent vertikali fl-atmosfera libera, għandha tintuża l-pressjoni barometrika kkonvertita għall-għoli billi jintużaw l-Atmosfera Standard Internazzjonali ISO 2533:1975, jew sistemi ta' referenzi lineari jew parametriċi oħrajn. Fejn jintużaw sistemi ta' referenzi parametriċi oħrajn, dawn għandhom jiġu deskritti f'referenza aċċessibbli billi jintuża l-EN ISO 19111-2:2012.

— Għall-komponent vertikali f'żoni tal-baħar fejn ikun hemm medda mareali apprezzabbli (ilmijiet mareali), bħala referenza għandha tintuża l-Iktar Marea Astronomika Baxxa (LAT).

— Għall-komponent vertikali f'żoni tal-baħar mingħajr medda mareali apprezzabbli, f'oċeani miftuħa u effettivament f'ilmijiet li jkunu iktar fondi minn 200 metru, bħala s-superfiċje ta' referenza għandu jintuża l-Livell Medju tal-Baħar (MSL) jew livell ta' referenza ddefinit sew qrib l-MSL.

▼B

1.3.4. *Sistemi ta' Referenza ta' Koordinati Oħrajn*

Eċċezzjonijiet, fejn jistgħu jintużaw sistemi ta' referenza ta' koordinati oħrajn ta' xort'oħra minn dawk elenkati f'1.3.1, 1.3.2 jew 1.3.3 huma:

1. Sistemi ta' referenza ta' koordinati oħrajn jistgħu jiġu speċifikati għal temi speċifiċi ta' dejta ġeografika f'dan l-Anness.

2. Għal reġjuni barra l-Ewropa kontinentali, l-Istati Membri jistgħu jiddefinixxu sistemi ta' referenza ta' koordinati adattati.

Il-kodiċi u l-parametri ġeodetiċi meħtieġa biex jiġu deskritti dawn is-sistemi ta' referenza ta' koordinati u biex ikun jista' jkun hemm operazzjonijiet ta' konverżjoni u ta' trasformazzjoni għandhom jiġu dokumentati u għandu jinħoloq identifikatur, skont l-EN ISO 19111 u l-ISO 19127.

1.4. **Sistemi ta' Referenza ta' Koordinati użati fis-Servizz ta' Netwerk ta' Viżjoni**

Għall-wiri ta' settijiet ta' dejta ġeografika permezz tas-servizz ta' Netwerk ta' Viżjoni kif speċifikat fir-Regolament Nru 976/2009, għall-inqas għandhom ikunu disponibbli s-sistemi ta' referenza ta' koordinati għal koordinati ġeodetiċi bidimensjonali (latitudni, lonġitudni).

1.5. **Identifikaturi tas-Sistema ta' Referenza ta' Koordinati**

1. Parametri u identifikaturi tas-sistema ta' referenza ta' koordinati għandhom ikunu ġestiti f'reġistru wieħed jew f'diversi reġistri komuni għal sistemi ta' referenza ta' koordinati.

2. Identifikaturi li jkunu f'reġistru komuni biss għandhom jintużaw biex issir referenza għas-sistemi ta' referenza ta' koordinati elenkati f'din it-Taqsima.

2. SISTEMI TA' GRILJI ĠEOGRAFIĊI

2.1. **Definizzjonijiet**

Minbarra d-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

— "grilja" tfisser netwerk magħmul minn żewġ settijiet jew iżjed ta' kurvi li fihom il-membri ta' kull sett isallbu membri ta' settijiet oħra b'mod algoritmiku,

▼B

— “ċellula ta' grilja” tfisser ċellula delinjata minn kurvi ta' grilja,

— “punt ta' grilja” tfisser punt allokat fl-intersezzjoni ta' żewġ kurvi jew iżjed fi grilja.

2.2. **Grilji**

▼M2

Kwalunkwe mill-grilji b’postijiet fissi u ddefiniti b’mod mhux ambigwu ddefiniti fit-Taqsimiet 2.2.1 u 2.2.2 għandha tintuża bħala qafas ta’ ġeoreferenzjar sabiex fl-INSPIRE tkun disponibbli dejta f’forma ta’ grilja, sakemm ma tapplikax waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(1) Għal temi speċifiċi ta’ dejta ġeografika fl-Annessi II-IV jistgħu jiġu speċifikati grilji oħrajn. F’dan il-każ, id-dejta skambjata billi tintuża grilja speċifika għal tema bħal din għandha tuża standards fejn id-definizzjoni tal-grilja jew tiġi inkluża mad-dejta jew tkun konnessa b’referenza.

(2) Biex isir referenzjar għal grilja f’reġjuni barra mill-Ewropa kontinentali, l-Istati Membri jistgħu jiddefinixxu l-grilja tagħhom abbażi ta’ sistema ta’ referenza ta’ koordinati ġeodetiċi konformi mal-ITRS u ma’ projezzjoniAżimutali b’Erja Ndaqs ta’ Lambert (Lambert Azimuthal Equal Area), billi jsegwu l-istess prinċipji kif ġew stabbiliti għall-grilja speċifikata fit-Taqsima 2.2.1. *F’dan il-każ, għandu jinħoloq identifikatur għas-sistema ta’ referenza ta’ koordinati.*

▼B

2.2.1. ►M2 *Grilja b’Erja Ndaqs* ◄

▼M2

_____

▼B

Il-grilja hija bbażata fuq is-sistema ta' referenza ta' koordinati ETRS89 Lambert Azimuthal Equal Area (ETRS89-LAEA) biċ-ċentru tal-projezzjoni fil-punt 52° N, 10° E u koordinat falz tal-Lvant: x_0 = 4 321 000 m, koordinat falz tat-Tramuntana: y_0 = 3 210 000 m.

L-oriġini tal-grilja tikkoinċidi mal-oriġini falza tas-sistema ta' referenza ta' koordinati ETRS89-LAEA (x=0, y=0).

Punti ta' grilja, fi grilji bbażati fuq ETRS89-LAEA għandhom jikkoinċidu ma' punti ta' grilja fil-grilja.

Il-grilja hija ġerarkika, b’riżoluzzjonijiet ta' 1m, 10m, 100m, 1 000m, 10 000m u 100 000m.

L-orjentazzjoni tal-grilja hija Nofsinhar-Tramuntana, Punent-Lvant.

Il-grilja hija dežinjata bħala Grid_ETRS89-LAEA. Għall-identifikazzjoni ta' livell ta' riżoluzzjoni individwali hemm mehmuża d-daqs taċ-ċellula f’metri.

▼M2

_____

▼B

Għar-referenzjar u l-identifikazzjoni mhux ambigwi ta' ċellula ta' grilja, għandu jintuża l-kodiċi taċ-ċellula magħmul mid-daqs taċ-ċellula u l-koordinati tar-rokna fin-naħa ta' isfel fuq ix-xellug taċ-ċellula fl-ETRS89-LAEA. Id-daqs taċ-ċellula għandu jkun f’metri (“m”) għal daqsijiet taċ-ċelluli sa 100m jew kilometri (“km”) għal daqsijiet ta' ċelluli ta' 1 000m u fuqhom. Valuri li jispjegaw xejriet lejn it-Tramuntana u lejn il-Lvant għandhom jiġu diviżi b’10^n, fejn n huwa l-għadd ta' żeri fuq wara fil-valur tad-daqs taċ-ċellula.

▼**M2**

2.2.2. *Grilja Ġeografika Mqassma f'Żoni*

1. Meta dejta f'forma ta' grilja tiġi kkunsinjata permezz ta' koordinati ġeodetiċi kif ġie speċifikat fit-Taqsima 1.3 ta' dan l-Anness, il-grilja b'multiriżoluzzjoni ddefinita f'din it-Taqsima tista' tintuża bħala qafas ta' ġeoreferenzjar.

2. Il-livelli ta' riżoluzzjoni ġew iddefiniti fit-Tabella 1.

3. Il-grilja għandha tkun ibbażata fuq is-sistema ta' referenza ta' koordinati ġeodetiċi ETRS89-GRS80.

4. L-oriġini tal-grilja għandha tikkoinċidi mal-punt ta' intersezzjoni tal-Ekwatur mal-Meridjan ta' Greenwich (GRS80 latitudni φ=0; GRS80 longitudni λ=0).

5. L-orjentazzjoni tal-grilja għandha tkun min-Nofsinhar għat-Tramuntana u mill-Punent għal-Lvant skont ix-xibka ddefinita mill-meridjani u mill-paralleli tal-ellisojdi GRS80.

6. Biex isir referenzjar għal grilja f'reġjuni barra mill-Ewropa kontinentali, il-forniturі tad-dejta jistgħu jiddefinixxu l-grilja tagħhom abbażi ta' sistema ta' referenza ta' koordinati ġeodetiċi konformi mal-ITRS, billi jsegwu l-istess prinċipji kif ġew stabbiliti għall-*Grid_ETRS89-GRS80zn* Pan-Ewropea. F'dan il-każ, għandhom jinħolqu identifikatur għas-sistema ta' referenza ta' koordinati (CRS) u l-identifikatur korrispondenti għall-grilja.

7. Din il-grilja għandha tiġi suddiviża f'żoni. Ir-riżoluzzjoni min-Nofsinhar għat-Tramuntana tal-grilja għandu jkollha spazjar angulari ndaqs. Ir-riżoluzzjoni mill-Punent għal-Lvant tal-grilja għandha tiġi stabbilita bħala l-prodott ta' spazjar angulari mmultiplikat bil-fattur taż-żona kif ġie ddefinit fit-Tabella 1.

8. Il-grilja għandha tiġi ddeżinjata Grid_ETRS89-GRS80*zn_res*, fejn *n* tirrappreżenta n-numru taż-żona u *res* id-daqs taċ-ċellula f'unitajiet angolari, kif ġie speċifikat fit-Tabella 1.

Tabella 1

Grid_ETRS89-GRS80 komuni: Spazjar latitudinali (livell ta' riżoluzzjoni) u spazjar longitudinali għal kull żona

Livelli ta' Riżoluzzjoni	SPAZJAR LATITUDINALI (Sekondi ta' arkata)	SPAZJAR LONĠITUDINALI (Sekondi ta' arkata)					Daqs ta' ċellula
		Żona 1 (Lat. 0°-50°)	Żona 2 (Lat. 50°-70°)	Żona 3 (Lat. 70°-75°)	Żona 4 (Lat. 75°-80°)	Żona 5 (Lat. 80°-90°)	
LIVELL 0	3 600	3 600	7 200	10 800	14 400	21 600	1 D
LIVELL 1	3 000	3 000	6 000	9 000	12 000	18 000	50 M
LIVELL 2	1 800	1 800	3 600	5 400	7 200	10 800	30 M
LIVELL 3	1 200	1 200	2 400	3 600	4 800	7 200	20 M
LIVELL 4	600	600	1 200	1 800	2 400	3 600	10 M
LIVELL 5	300	300	600	900	1 200	1 800	5 M
LIVELL 6	120	120	240	360	480	720	2 M
LIVELL 7	60	60	120	180	240	360	1 M
LIVELL 8	30	30	60	90	120	180	30 S

▼M2

Livelli ta' Riżoluzzjoni	SPAZJAR LATITUDI-NALI (Sekondi ta' arkata)	SPAZJAR LONĠITUDINALI (Sekondi ta' arkata)					Daqs ta' ċellula
		Żona 1 (Lat. 0°-50°)	Żona 2 (Lat. 50°-70°)	Żona 3 (Lat. 70°-75°)	Żona 4 (Lat. 75°-80°)	Żona 5 (Lat. 80°-90°)	
LIVELL 9	15	15	30	45	60	90	15 S
LIVELL 10	5	5	10	15	20	30	5 S
LIVELL 11	3	3	6	9	12	18	3 S
LIVELL 12	1,5	1,5	3	4,5	6	9	1 500 MS
LIVELL 13	1	1	2	3	4	6	1 000 MS
LIVELL 14	0,75	0,75	1,5	2,25	3	4,5	750 MS
LIVELL 15	0,5	0,5	1	1,5	2	3	500 MS
LIVELL 16	0,3	0,3	0,6	0,9	1,2	1,8	300 MS
LIVELL 17	0,15	0,15	0,3	0,45	0,6	0,9	150 MS
LIVELL 18	0,1	0,1	0,2	0,3	0,4	0,6	100 MS
LIVELL 19	0,075	0,075	0,15	0,225	0,3	0,45	75 MS
LIVELL 20	0,03	0,03	0,06	0,09	0,12	0,18	30 MS
LIVELL 21	0,015	0,015	0,03	0,045	0,06	0,09	15 MS
LIVELL 22	0,01	0,01	0,02	0,03	0,04	0,06	10 MS
LIVELL 23	0,0075	0,0075	0,015	0,0225	0,03	0,045	7 500 MMS
LIVELL 24	0,003	0,003	0,006	0,009	0,012	0,018	3 000 MMS
FATTUR	—	1	2	3	4	6	—

▼B

3. ISMIJIET ĠEOGRAFIĊI

3.1. **Tipi ta' Oġġetti Ġeografiċi**

It-tipi ta' oġġetti ġeografiċi li ġejjin għandhom jintużaw għall-iskambju u l-klassifikazzjoni ta' oġġetti ġeografiċi minn settijiet ta' dejta relatati mat-tema ta' dejta ġeografika Ismijiet Ġeografiċi:

— Post Imsemmi

3.1.1. *Post Imsemmi (NamedPlace)*

Kwalunkwe entità fid-dinja reali magħrufa b'nom proprju wieħed jew b'diversi nomi proprji.

Attributi tal-oġġett ġeografiku tat-tip NamedPlace

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
beginLifespanVersion	Id-data u l-ħin li fihom din il-verżjoni tal-oġġett ġeografiku ddaħħlet jew ġiet mibdula fis-sett tad-dejta ġeografika.	DateTime	voidable

▼B

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
endLifespanVersion	Id-data u l-ħin li fihom din il-verżjoni tal-oġġett ġeografiku ġiet sostitwita jew irtirata fis-sett tad-dejta ġeografika.	DateTime	voidable
geometry	Il-ġeometrija assoċjata mal-post imsemmi. Din l-ispeċifikazzjoni tad-dejta ma tirrestrinġix it-tipi ta' ġeometrija.	GM_Object	
inspireId	L-identifikatur tal-oġġett estern tal-oġġett ġeografiku.	Identifier	
leastDetailedViewingResolution	Riżoluzzjoni, espressa bħala l-invers ta' skala indikattiva jew ta' distanza mill-art, li meta tinqabeż, il-post imsemmi u l-isem/ismijiet assoċjat/i miegħu ma għandhomx jibqgħu jintwerew f'servizz bażiku ta' viżjoni.	MD_Resolution	voidable
localType	Il-karatterizzazzjoni tat-tip ta' entità dežinjata b'isem/ismijiet ġeografiku/ġeografiċi, kif iddefinit mill-provveditur tad-dejta, mogħtija għall-inqas, f'lingwa uffiċjali waħda tal-Unjoni Ewropea.	LocalisedCharacterString	voidable
mostDetailedViewingResolution	Riżoluzzjoni, espressa bħala l-invers ta' skala indikattiva jew ta' distanza mill-art, li meta ma tinqabiżx, il-post imsemmi u l-isem/ismijiet assoċjat/i miegħu ma għandhomx jibqgħu jintwerew f'servizz bażiku ta' viżjoni.	MD_Resolution	voidable
name	Isem il-post imsemmi.	GeographicalName	
relatedSpatialObject	Identifikatur ta' oġġett ġeografiku li jirrappreżenta l-istess entità iżda jidher f'temi oħrajn ta' INSPIRE, jekk ikun hemm.	Identifier	voidable
type	Il-karatterizzazzjoni tat-tip ta' entità dežinjata b'isem/ismijiet ġeografiku/ġeografiċi.	NamedPlaceTypeValue	voidable

▼B

3.2. **Tipi ta' Dejta**

3.2.1. *Isem Ġeografiku (GeographicalName)*

Nom Proprju applikat għal entità tad-dinja reali.

Attributi tad-dejta tat-tip GeographicalName

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
grammaticalGender	Klassi ta' nomi riflessi fl-imġiba ta' kliem assoċjati.	GrammaticalGenderValue	voidable
grammaticalNumber	Il-kategorija grammatikali ta' nomi li tesprimi distinzjonijiet fl-għadd.	GrammaticalNumberValue	voidable
language	Il-lingwa tal-isem, li tingħata bħala kodiċi ta' tliet ittri, jew skont l-ISO 639-3 jew skont l-ISO 639-5.	CharacterString	voidable
nameStatus	Informazzjoni kwalitattiva li tippermetti li wieħed jifhem liema kreditu għandu jingħata lill-isem fir-rigward tal-istandardizzazzjoni u/jew it-topikalità tiegħu.	NameStatusValue	voidable
nativeness	Informazzjoni li tippermetti lil wieħed jirrikonoxxi jekk l-isem huwiex dak li jintuża/intuża fiż-żona fejn jinsab l-oġġett ġeografiku fil-waqt meta l-isem qiegħed/kien jintuża.	NativenessValue	voidable
pronunciation	Il-pronunzja kif suppost, korretta jew standard (standard fi ħdan il-komunità lingwistika kkonċernata) tal-isem ġeografiku.	PronunciationOfName	voidable
sourceOfName	Sors ta' dejta oriġinali li minnu joriġina l-isem ġeografiku u integrat fis-sett tad-dejta li jipprovdih/jippubblikah. Għal xi oġġetti ġeografiċi mogħtija isem, dan jista' jirreferi għal darb'oħra għas-sett tad-dejta li jippubblikah jekk ma tkun disponibbli ebda informazzjoni oħra.	CharacterString	voidable
spelling	Mod xieraq kif għandu jinkiteb l-isem ġeografiku.	SpellingOfName	

3.2.2. *Pronunzja tal-Isem (PronunciationOfName)*

Il-pronunzja kif suppost, korretta jew standard (standard fi ħdan il-komunità lingwistika kkonċernata) ta' isem.

Attributi tad-dejta tat-tip PronunciationOfName

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
pronunciationIPA	Il-pronunzja kif suppost, korretta jew standard (standard fi ħdan il-komunità lingwistika kkonċernata) ta' isem, espressa fl-Alfabet Fonetiku Internazzjonali (International Phonetic Alphabet) (IPA).	CharacterString	voidable
pronunciationSoundLink	Il-pronunzja kif suppost, korretta jew standard (standard fi ħdan il-komunità lingwistika kkonċernata) ta' isem, espressa b'link għal kwalunkwe fajl tal-ħoss.	URI	voidable

▼B

Limitazzjonijiet tad-dejta tat-tip PronunciationOfName

Għall-inqas waħda miż-żewġ attributi pronunciationSoundLink u pronunciationIPA ma ghandhiex tkun void.

3.2.3. *Ortografija tal-Isem (SpellingOfName)*

Il-mod kif għandu jinkiteb isem.

Attributi tad-dejta tat-tip SpellingOfName

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
script	Sett ta' simboli grafiċi (pereżempju alfabet) li jintużaw fil-kitba tal-isem, li huwa espress bl-użu tal-kodiċijiet ta' erba' ittri definiti fl-ISO 15924, meta applikabbli.	CharacterString	voidable
text	Il-mod kif jinkiteb l-isem.	CharacterString	
transliterationScheme	Il-metodu użat għall-konverżjoni tal-ismijiet bejn kitbiet differenti.	CharacterString	voidable

3.3. **Listi ta' Kodiċijiet**

3.3.1. *Ġeneru Grammatikali (GrammaticalGenderValue)*

Il-ġeneru grammatikali ta' isem ġeografiku.

▼M2

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu l-valuri fit-tabella ta' hawn taħt biss.

▼M1

►M2 Valuri għal-lista ta' kodiċijiet ◄ GrammaticalGenderValue

Valur	Definizzjoni
common	Ġeneru grammatikali "komuni" ("maskil" u "femminil" jingħaqdu).
feminine	Il-ġeneru grammatikali femminili.
masculine	Il-ġeneru grammatikali maskili.
neuter	Il-ġeneru grammatikal newtru.

▼B

3.3.2. *Numru Grammatikali (GrammaticalNumberValue)*

In-numru grammatikali ta' isem ġeografiku.

▼M2

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu l-valuri fit-tabella ta' hawn taħt biss.

▼M1

►M2 Valuri għal-lista ta' kodiċijiet ◄ GrammaticalNumberValue

Valur	Definizzjoni
dual	In-numru grammatikali doppju.
plural	In-numru grammatikali plurali.
singular	In-numru grammatikali singulari.

▼B

3.3.3. *Status tal-Isem (NameStatusValue)*

L-istatus ta' isem ġeografiku, jiġifieri l-informazzjoni li tippermetti li wieħed jifhem liema kreditu għandu jingħata lill-isem fir-rigward tal-istandardizzazzjoni u/jew it-topikalità tiegħu.

▼M2

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu l-valuri fit-tabella ta' hawn taħt biss.

▼M1

►M2 Valuri għal-lista ta' kodiċijiet ◄ NameStatusValue

Valur	Definizzjoni
historical	Isem storiku mhux f'użu kurrenti.
official	Isem f'użu kurrenti u approvat uffiċjalment jew stabbilit mill-liġi.
other	Isem kurrenti, iżda mhux uffiċjali u lanqas approvat.
standardised	Isem f'użu kurrenti u aċċettat u rrakkomandat minn korp assenjat b'funzjoni ta' konsulenza u/jew b'setgħa li jieħu deċiżjonijiet f'materji ta' toponomija.

▼B

3.3.4. *Tip ta' Post Imsemmi (NamedPlaceTypeValue)*

It-tip ta' post imsemmi.

▼M2

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu l-valuri fit-tabella ta' hawn taħt biss.

▼M1

►M2 Valuri għal-lista ta' kodiċijiet ◄ NamedPlaceTypeValue

Valur	Definizzjoni
administrativeUnit	Unitajiet ta' amministrazzjoni, żoni diviżorji fejn l-Istati Membri għandhom u/jew jeżerċitaw drittijiet ġuriżdizzjonali għal governanza lokali, reġjonali u nazzjonali, mifrudin b'konfini amministrattivi.
building	Il-lok ġeografiku tal-binjiet.
hydrography	Elementi idrografiċi, inklużi żoni tal-baħar u l-korpi tal-ilma l-oħra kollha u oġġetti relatati magħhom, inklużi baċiri ta' xmajjar u baċiri sekondarji.
landcover	Kopertura fiżika u bijoloġika tas-superfiċe tad-dinja, inklużi superfiċi artifiċjali, żoni agrikoli, foresti, żoni (semi-)naturali, artijiet mistgħadra.
landform	Karatteristika ġeomorfoloġika ta' terren.
other	Oġġett spazjali mhux inkluż fit-tipi l-oħra tal-lista ta' kodiċijiet.

▼M1

Valur	Definizzjoni
populatedPlace	Post abitat min-nies.
protectedSite	Żona dežinjata jew ġestita f'qafas ta' leġiżlazzjoni internazzjonali, Komunitarja jew tal-Istati Membri għall-ksib ta' objettivi speċifiċi ta' konservazzjoni.
transportNetwork	Netwerks ta' trasport stradali, ferrovjarju, bl-ajru, bl-ilma u bil-kablaġġ u infrastruttura relatata. Jinkludu konnessjonijiet ma' netwerks differenti.

▼B

3.3.5. *Nattività (NativenessValue)*

L-indiġenità ta' isem ġeografiku.

▼M2

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu l-valuri fit-tabella ta' hawn taħt biss.

▼M1

►M2 Valuri għal-lista ta' kodiċijiet ◄ NativenessValue

Valur	Definizzjoni
endonym	Isem għal karatteristika ġeografika f'lingwa uffiċjali jew stabbilita sew li jkollha dik iż-żona fejn tkun tinsab dik il-karatteristika.
2. Jekk jiġu pprovduti limiti katastali, il-limiti katastali li jikkorrispondu għad-delimitazzjoni ta' medda katastali għandhom jiffurmaw ċirku/ċrieki magħluq(a).

6.3.2. *L-immudellar ta' referenzi tal-oġġett*

L-istanzi kollha tal-oġġett ġeografiku tat-tip CadastralParcel għandu jkollhom bħala identifikatur tematiku l-attribut nationalCadastralReference. Dan l-attribut għandu jippermetti lill-utenti jistabbilixxu r-rabta ma' drittijiet, sidien u informazzjoni katastali oħra f'reġistri katastali nazzjonali jew ekwivalenti.

▼B

6.3.3. *Sistemi ta' Referenza ta' Koordinati*

Jekk dejta relatata mat-tema ta' dejta ġeografika Meded Katastali tkun magħmula disponibbli f'koordinati ta' pjan bl-użu tal-projezzjoni Lambert Conformal Conic, għandha wkoll tkun magħmula disponibbli għall-inqas f'waħda mis-sistemi ta' referenza ta' koordinati oħrajn speċifikati fit-taqsimiet 1.3.1, 1.3.2 u 1.3.3.

6.4. **Regoli ta' Rappreżentazzjoni**

6.4.1. *Saffi*

Saff għat-tema ta' dejta ġeografika CadastralParcels

ISEM IS-SAFF	TITLU TAS-SAFF	TIP TA' OĠĠETT ĠEOGRAFIKU
CP.CADASTRALPARCEL	MEDDA KATASTALI	CADASTRALPARCEL
CP.CADASTRALZONING	TQASSIM F'ŻONI KATASTALI	CADASTRALZONING
CP.CADASTRALBOUNDARY	LIMITU KATASTALI	CADASTRALBOUNDARY

7. NETWERKS TAT-TRASPORT

7.1. **Definizzjonijiet**

Minbarra d-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

— "punt ta' referenza tal-ajrudrom" tfisser il-pożizzjoni ġeografika dežinjata ta' ajrudrom, li tkun tinsab ħdejn iċ-ċentru ġeometriku inizjali jew ippjanat tal-ajrudrom u li normalment tibqa' fejn stabbilit oriġinarjament,

— "ajruport/ħeliport" tfisser erja definita fuq l-art jew fl-ilma (li tinkludi bini, stallazzjonijiet u tagħmir) maħsuba biex tintuża kompletament jew parzjalment għall-wasla, għat-tluq u għal moviment fuq is-superfiċje ta' inġenji tal-ajru/ħelikopters,

— "rotta fl-ilma fond" tfisser rotta f'żona dežinjata f'limiti definiti fejn ikun sar tkejjil bir-reqqa għall-wisa' ħieles ta' qiegħ il-baħar u l-ostakoli mgħaddsa sa fond minimu indikat tal-ilma,

— "konnessjoni intermodali" tfisser konnessjoni bejn żewġ elementi f'netwerks tat-trasport differenti li jużaw mezz ta' trasport differenti, li tagħti l-possibbiltà li l-elementi ttrasportati (nies, merkanzija, eċċ.) jgħaddu minn mezz ta' trasport wieħed għall-ieħor,

— "element lineari" tfisser oġġett b'dimensjoni waħda (1) li jservi l-assi li tulu jitwettaq ir-referenzjar lineari,

— "referenzjar lineari" tfisser l-ispeċifikazzjoni ta' pożizzjoni relattiva għal oġġett b'dimensjoni waħda (1) bħala kejl tul dak dak l-element (u jekk mixtieq spostament minnu),

— "tagħmir ta' għajnuna għan-navigazzjoni" tfisser tagħmir fiżiku li jgħin fin-navigazzjoni, imqiegħed fuq is-superfiċje tad-Dinja, bħal Very High Frequency Omnidirectional Radio Range (VOR), Distance Measuring Equipment (DME), lokalizzatur, Tactical Air Navigation Beacon (TACAN) eċċ., li jgħinu fl-iggwidar tat-traffiku tal-inġenji tal-ajru b'mod sikur tul rotot eżistenti tal-ajru,

▼B

— “referenzjar tal-oġġetti” tfisser li tiġi pprovduta l-firxa ġeografika ta' oġġetti billi ssir referenza għal oġġett ġeografiku eżistenti jew għal ġabra ta' oġġetti ġeografiċi,

— “depost ferrovjarju” tfisser żona li tulha jaqsmu għadd ta' linji ferrovjarji paralleli (ġenerlament iżjed minn tnejn) interkonnessi bejniethom, li jintużaw biex iwaqqfu l-ferroviji sabiex jgħabbu/iħottu l-merkanzija mingħajr ma jinterrompu t-traffiku ta' rotta ferrovjarja prinċipali,

— “punt sinifikanti” tfisser pożizzjoni ġeografika speċifikata li tintuża biex tiġi ddefinita rotta ta' Air Traffic Service (ATS), id-direzzjoni ta' inġenju tal-ajru fl-ajru jew għal skopijiet oħra ta' navigazzjoni/ATS,

▼M1

— “navigazzjoni ta’ Żona (RNAV)” tfisser metodu ta’ navigazzjoni li jippermetti l-operazzjoni ta’ inġenji tal-ajru f’kull passaġġ mixtieq ta’ titjira kif kopert mill-għajnuniet għan-navigazzjoni b'referenzjar ta’ stazzjon jew fil-limiti tal-kapaċità ta’ għajnuniet awtonomi, jew b’taħlita tat-tnejn,

— “navigazzjoni TACAN” tfisser metodu ta’ navigazzjoni li jippermetti l-operazzjoni ta’ inġenji tal-ajru f’kull passaġġ ta’ titjira mixtieq kif kopert mill-għajnuniet għan-navigazzjoni ta’ Fanal tan-Navigazzjoni Ajrutattika (TACAN) b'referenzjar ta’ stazzjon.

▼B

7.2. **L-Istruttura tat-Tema ta' Dejta Ġeografika Netwerks tat-Trasport**

It-tipi speċifikati għat-tema ta' dejta ġeografika netwerks tat-trasport huma strutturati fil-pakketti li ġejjin:

— Netwerk ta' Trasport bl-Ilma

— Netwerk ta' Trasport bl-Ajru.

— Netwerk ta' Trasport b'Kablaġġ.

— Netwerk ta' Trasport bil-Ferrovija.

— Netwerk ta' Trasport bit-Triq

— Netwerk ta' Trasport bl-Ilma

7.3. **Elementi ta' Trasport Komuni**

7.3.1. *Tipi ta' Oġġetti Ġeografiċi*

It-tipi ta' oġġetti ġeografiċi li ġejjin għandhom jintużaw għall-iskambju u l-klassifikazzjoni ta' oġġetti ġeografiċi relatati ma' Elementi ta' Trasport Komuni:

— Restrizzjoni għall-Aċċess

— Kundizzjoni Tal-Faċilità

— Awtorità tal-Manutenzjoni

— Sinjal ta' Indikazzjoni

— Awtorità tas-Sjieda

— Restrizzjoni għall-Vetturi

— Direzzjoni tal-Fluss tat-Traffiku

— Erja tat-Trasport

— Link tat-Trasport

— Sekwenza ta' Links tat-Trasport

▼B

— Sett ta' Links tat-Trasport

— Netwerk tat-Trasport

— Nodu tat-Trasport

— Oġġett tat-Trasport

— Punt tat-Trasport

— Proprjetà tat-Trasport

— Pożizzjoni Vertikali

7.3.1.1. Restrizzjoni għall-Aċċess (AccessRestriction)

Restrizzjoni fuq l-aċċess għal element tat-trasport.

Dan it-tip huwa subtip ta' TransportProperty.

Attributi ta' oġġett ġeografiku tat-tip AccessRestriction

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
restriction	In-natura tar-restrizzjoni għall-aċċess.	AccessRestriction-Value	

7.3.1.2. Kundizzjoni tal-Faċilità (ConditionOfFacility)

L-istat ta' element tan-netwerk tat-trasport fir-rigward l-ikkompletar u l-użu tiegħu.

Dan it-tip huwa subtip ta' TransportProperty.

Attributi tal-oġġett ġeografiku tat-tip ConditionOfFacility

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
currentStatus	Il-valur tal-istatus preżenti ta' element tan-netwerk tat-trasport fir-rigward tal-ikkompletar u l-użu tiegħu.	ConditionOfFacilit-yValue	

7.3.1.3. Awtorità tal-Manutenzjoni (MaintenanceAuthority)

L-awtorità responsabbli għall-manutenzjoni tal-element tat-trasport.

Dan it-tip huwa subtip ta' TransportProperty.

Attributi tal-oġġett ġeografiku tat-tip MaintenanceAuthority

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
authority	L-identifikazzjoni tal-awtorità tal-manutenzjoni.	CI_Citation	

7.3.1.4. Sinjal ta' indikazzjoni (MarkerPost)

Markatur ta' referenza li jitqiegħed tul rotta f'netwerk tat-trasport, l-iktar f'intervalli regolari, li jindika d-distanza mill-bidu tar-rotta, jew xi punt ta' referenza ieħor, sal-punt fejn jinsab il-markatur.

▼B

Dan it-tip huwa subtip ta' TransportPoint.

Attributi tal-oġġett ġeografiku tat-tip MarkerPost

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
location	Id-distanza mill-bidu tar-rotta, jew xi punt ta' referenza ieħor, sal-punt fejn ikun jinsab is-sinjal ta' indikazzjoni.	Distance	

Rwoli ta' assoċjazzjoni għall-oġġett ġeografiku tat-tip MarkerPost

Rwol ta' assoċjazzjoni	Definizzjoni	Tip	Voidability
route	Rotta f'netwerk tat-trasport li tulha jitqiegħed is-sinjal ta' indikazzjoni.	TransportLinkSet	voidable

7.3.1.5. Awtorità tas-Sjieda (OwnerAuthority)

L-awtorità li hija s-sid tal-element tat-trasport.

Dan it-tip huwa subtip ta' TransportProperty.

Attributi tal-oġġett ġeografiku tat-tip OwnerAuthority

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
authority	L-identifikazzjoni tal-awtorità tas-sjieda.	CI_Citation	

7.3.1.6. Restrizzjoni Għall-Vetturi (RestrictionForVehicles)

Restrizzjoni għall-vetturi fuq element tat-trasport.

Dan it-tip huwa subtip ta' TransportProperty.

Attributi tal-oġġett ġeografiku tat-tip RestrictionForVehicles

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
measure	Il-miżura għar-restrizzjoni.	Measure	
restrictionType	It-tip ta' restrizzjoni.	RestrictionTypeValue	

7.3.1.7. Direzzjoni tal-Fluss tat-Traffiku (TrafficFlowDirection)

Jindika d-direzzjoni tal-fluss tat-traffiku fir-rigward tad-direzzjoni tal-vettur tal-link tat-trasport.

Dan it-tip huwa subtip ta' TransportProperty.

Attributi tal-oġġett ġeografiku tat-tip TrafficFlowDirection

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
direction	Jindika d-direzzjoni tal-fluss tat-traffiku.	LinkDirectionValue	

▼B

Limitazzjonijiet tal-oġġett ġeografiku tat-tip TrafficFlowDirection

Din il-karatteristika tista' tiġi assoċjata biss ma' oġġett ġeografiku tat-tip Link jew LinkSequence.

7.3.1.8. Erja tat-Trasport (TransportArea)

Superfiċje li tirrappreżenta l-firxa ġeografika ta' element ta' netwerk tat-trasport.

Dan it-tip huwa subtip ta' NetworkArea.

Dan it-tip huwa subtip ta' TransportObject.

Dan it-tip huwa astratt.

Attributi tal-oġġett ġeografiku tat-tip TransportArea

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
validFrom	Il-ħin li fih l-erja tat-trasport bdiet teżisti fid-dinja reali.	DateTime	voidable
validTo	Il-ħin li fih l-erja tat-trasport ma tibqax teżisti fid-dinja reali.	DateTime	voidable

Limitazzjonijiet tal-oġġett ġeografiku tat-tip TransportArea

Iż-żoni kollha tat-trasport għandhom identifikatur tal-oġġett estern.

7.3.1.9. Link tat-Trasport (TransportLink)

Oġġett ġeografiku lineari li jiddeskrivi l-ġeometrija u l-konnettività ta' netwerk tat-trasport bejn żewġ punti fin-netwerk.

Dan it-tip huwa subtip ta' Link.

Dan it-tip huwa subtip ta' TransportObject.

Dan it-tip huwa astratt.

Attributi tal-oġġett ġeografiku tat-tip TransportLink

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
validFrom	Il-ħin li fih il-link tat-trasport beda jeżisti fid-dinja reali.	DateTime	voidable
validTo	Il-ħin li fih il-link tat-trasport ma jibqax jeżisti fid-dinja reali.	DateTime	voidable

Limitazzjonijiet tal-oġġett ġeografiku tat-tip TransportLink

Il-links tat-trasport kollha għandhom identifikatur tal-oġġett estern.

7.3.1.10. Sekwenza ta' Links tat-Trasport (TransportLinkSequence)

Oġġett ġeografiku lineari, magħmul minn ġabra organizzata ta' links tat-trasport, li jirrappreżenta mogħdija kontinwa fin-netwerk tat-trasport mingħajr ebda fergħa. L-element għandu bidu u tmiem definiti u kull pożizzjoni fuq is-sekwenza ta' links tat-trasport hija identifikabbli ma' parametru wieħed bħat-tul. Jiddeskrivi element tan-netwerk tat-trasport, karatterizzat minn markatur u/jew proprjetà tematiku/a wieħed/waħda jew iżjed.

▼B

Dan it-tip huwa subtip ta' LinkSequence.

Dan it-tip huwa subtip ta' TransportObject.

Dan it-tip huwa astratt.

Attributi tal-oġġett ġeografiku tat-tip TransportLinkSequence

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
validFrom	Il-ħin li fih is-sekwenza tal-link tat-trasport bdiet teżisti fid-dinja reali.	DateTime	voidable
validTo	Il-ħin li fih is-sekwenza tal-link tat-trasport ma tibqax teżisti fid-dinja reali.	DateTime	voidable

Limitazzjonijiet tal-oġġett ġeografiku tat-tip TransportLinkSequence

Sekwenza ta' links tat-trasport għandha tkun magħmula minn links tat-trasport li kollha jappartjenu għall-istess netwerk tat-trasport.

Is-sekwenzi ta' links tat-trasport kollha għandhom identifikatur tal-oġġett estern.

7.3.1.11. Sett ta' Links tat-Trasport (TransportLinkSet)

Ġabra ta' sekwenzi ta' links tat-trasport u jew links tat-trasport individwali li għandhom funzjoni jew sinifikat speċifiku f'netwerk tat-trasport.

Dan it-tip huwa subtip ta' LinkSet.

Dan it-tip huwa subtip ta' TransportObject.

Dan it-tip huwa astratt.

Attributi tal-oġġett ġeografiku tat-tip TransportLinkSet

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
validFrom	Il-ħin li fih is-sett ta' links tat-trasport beda jeżisti fid-dinja reali.	DateTime	voidable
validTo	Il-ħin li fih is-sett ta' links tat-trasport ma jibqax jeżisti fid-dinja reali.	DateTime	voidable

Rwoli ta' assoċjazzjoni tal-oġġett ġeografiku tat-tip TransportLinkSet

Rwol ta' assoċjazzjoni	Definizzjoni	Tip	Voidability
post	Sinjal ta' indikazzjoni tul rotta f'netwerk tat-trasport.	MarkerPost	voidable

Limitazzjonijiet tal-oġġett ġeografiku tat-tip TransportLinkSet

Sett ta' links tat-trasport għandu jkun magħmil minn links tat-trasport u jew sekwenzi ta' links tat-trasport li kollha jappartjenu għall-istess netwerk tat-trasport.

Is-settijiet ta' links tat-trasport kollha għandhom identifikatur tal-oġġett estern.

▼B

7.3.1.12. Netwerk tat-Trasport (TransportNetwork)

Ġabra ta' elementi tan-netwerk li jappartjenu għal mezz ta' trasport wieħed.

Dan it-tip huwa subtip ta' Network.

Attributi tal-oġġett ġeografiku tat-tip TransportNetwork

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
inspireId	L-identifikatur tal-oġġett estern tal-oġġett ġeografiku.	Identifier	
typeOfTransport	Netwerk tat-tip ta' trasport, ibbażat fuq it-tip ta' infrastruttura li n-netwerk juża.	TransportTypeVal-ue	

7.3.1.13. Nodu tat-Trasport (TransportNode)

Oġġett ġeografiku ta' punt li jintuża għall-konnettività.

Dan it-tip huwa subtip ta' Node.

Dan it-tip huwa subtip ta' TransportObject.

Dan it-tip huwa astratt.

Attributi tal-oġġett ġeografiku tat-tip TransportNode

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
validFrom	Il-ħin li fih in-nodu tat-trasport beda jeżisti fid-dinja reali.	DateTime	voidable
validTo	Il-ħin li fih in-nodu tat-trasport ma jibqax jeżisti fid-dinja reali.	DateTime	voidable

Limitazzjonijiet tal-oġġett ġeografiku tat-tip TransportNode

In-nodi tat-trasport kollha għandhom identifikatur tal-oġġett estern.

7.3.1.14. Oġġett tat-Trasport (TransportObject)

Bażi tal-identità għal oġġetti tan-netwerk tat-trasport fid-dinja reali.

Dan it-tip huwa astratt.

Attributi tal-oġġett ġeografiku tat-tip TransportObject

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
geographicalName	Isem ġeografiku li jintuża biex jiġi identifikat l-oġġett tan-netwerk tat-trasport fid-dinja reali. Jipprovdi "spjega" biex jiġu assoċjati impliċitament rappreżentazzjonijiet differenti tal-oġġett.	GeographicalName	voidable

7.3.1.15. Punt tat-Trasport (TransportPoint)

Oġġett ġeografiku ta' punt – li mhuwiex nodu – li jirrappreżenta l-pożizzjoni ta' element ta' netwerk tat-trasport.

▼B

Dan it-tip huwa subtip ta' NetworkElement.

Dan it-tip huwa subtip ta' TransportObject.

Dan it-tip huwa astratt.

Attributi tal-oġġett ġeografiku tat-tip TransportPoint

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
geometry	Il-pożizzjoni tal-punt tat-trasport.	GM_Point	
validFrom	Il-ħin li fih il-punt tat-trasport beda jeżisti fid-dinja reali.	DateTime	voidable
validTo	Il-ħin li fih il-punt tat-trasport ma jibqax jeżisti fid-dinja reali.	DateTime	voidable

Limitazzjonijiet tal-oġġett ġeografiku tat-tip TransportPoint

Il-punti tat-trasport kollha għandhom identifikatur tal-oġġett estern.

7.3.1.16. Proprjetà tat-Trasport (TransportProperty)

Referenza għal proprjetà li tkun tinsab fin-netwerk. Din il-proprjetà tista' tapplika għall-element tan-netwerk kollu li hija assoċjata miegħu jew – għal oġġetti ġeografiċi lineari- tiġi deskritta billi jintuża referenzjar lineari.

Dan it-tip huwa subtip ta' NetworkProperty.

Dan it-tip huwa astratt.

Attributi tal-oġġett ġeografiku tat-tip TransportProperty

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
validFrom	Il-ħin li fih il-proprjetà tat-trasport bdiet teżisti fid-dinja reali.	DateTime	voidable
validTo	Il-ħin li fih il-proprjetà tat-trasport ma tibqax teżisti fid-dinja reali.	DateTime	voidable

Limitazzjonijiet tal-oġġett ġeografiku tat-tip TransportProperty

Il-proprjetajiet tat-trasport kollha għandhom identifikatur tal-oġġett estern.

7.3.1.17. Pożizzjoni Vertikali (VerticalPosition)

Livell vertikali relattiv għal elementi oħrajn tan-netwerk tat-trasport.

Dan it-tip huwa subtip ta' TransportProperty.

Attributi tal-oġġett ġeografiku tat-tip VerticalPosition

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
verticalPosition	Pożizzjoni vertikali relattiva tal-element tat-trasport.	VerticalPositionValue	

▼B

7.3.2. *Enumerazzjonijiet*

7.3.2.1. Tip ta' Trasport (TransportTypeValue)

Tipi possibbli ta' netwerks tat-trasport.

Valuri permessi għall-enumerazzjoni TransportTypeValue

Valur	Definizzjoni
air	In-netwerk tat-trasport jikkonsisti fi trasport bl-ajru.
cable	In-netwerk tat-trasport jikkonsisti fi trasport b'kablaġġ.
rail	In-netwerk tat-trasport jikkonsisti fi trasport bil-ferrovija.
road	In-netwerk tat-trasport jikkonsisti fi trasport bit-triq.
water	In-netwerk tat-trasport jikkonsisti fi Trasport bl-Ilma.

7.3.3. *Listi ta' Kodiċijiet*

7.3.3.1. Restrizzjoni għall-Aċċess (AccessRestrictionValue)

Tipi ta' restrizzjonijiet għall-aċċess għal element tat-trasport.

▼M2

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu l-valuri fit-tabella ta' hawn taħt biss.

▼M1

►M2 Valuri għal-lista ta' kodiċijiet ◄ AccessRestrictionValue

Valur	Definizzjoni
forbiddenLegally	Aċċess għall-element tat-trasport huwa pprojbit mil-liġi.
physicallyImpossible	Aċċess għall-element tat-trasport huwa fiżikament impossibbli minħabba l-preżenza ta' barrieri jew ostakli fiżiċi oħra.
private	Aċċess għall-element tat-trasport huwa ristrett minħabba li jkun ta' prorjetà privata.
publicAccess	l-element tat-trasport ikun miftuħ għal aċċess pubbliku.
seasonal	Aċċess għall-element tat-trasport jiddependi mill-istaġuni.
toll	Aċċess għall-element tat-trasport huwa suġġett għal tariffa.

▼B

7.3.3.2. Tip ta' Restrizzjoni (RestrictionTypeValue)

Restrizzjonijiet possibbli fuq vetturi li jista' jkollhom aċċess għal element tat-trasport.

▼M2

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu l-valuri fit-tabella ta' hawn taħt biss.

▼M1

►M2 Valuri għal-lista ta' kodiċijiet ◄ RestrictionTypeValue

Valur	Definizzjoni
maximumDoubleAxleWeight	Il-piż massimu għal kull fus doppju ta' vettura permess f'element ta' trasport.

▼M1

Valur	Definizzjoni
maximumDraught	Il-kurrent tal-arja ta’ vettura permess f’element ta’ trasport.
maximumFlightLevel	Il-livell massimu ta’ titjira permess għall-vettura f’element ta’ trasport.
maximumHeight	L-għoli massimu ta’ vettura li tista’ tgħaddi minn taħt oġġett ieħor.
maximumLength	It-tul massimu ta’ vettura permess f’element ta’ trasport.
maximumSingleAxleWeight	Il-piż massimu għal kull fus singolu ta’ vettura permess f’element ta’ trasport.
maximumTotalWeight	Il-piż totali massimu ta’ vettura permess f’element ta’ trasport.
maximumTripleAxleWeight	Il-piż massimu għal kull fus triplu ta’ vettura permess f’element ta’ trasport.
maximumWidth	Il-wisa’ massima ta’ vettura permessa f’element ta’ transport.
minimumFlightLevel	Il-livell minimu ta’ titjira permess għal vettura f’element ta’ trasport.

▼B

7.4. **Netwerk ta' Trasport bl-Ajru**

7.4.1. *Tipi ta' Oġġetti Ġeografiċi*

It-tipi ta' oġġett ġeografiċi li ġejjin għandhom jintużaw għall-iskambju u l-klassifikazzjoni ta' oġġetti ġeografiċi relatati man-Netwerk ta' Trasport bl-Ajru:

— Erja ta' Ajrudrom

— Kategorija ta' Ajrudrom

— Nodu ta' Ajrudrom

— Tip ta' Ajrudrom

— Link tal-Ajru

— Sekwenza ta' Links tal-Ajru

— Nodu tal-Ajru

— Rotta tal-Ajru

— Link ta' Rotta tal-Ajru

— Żona ta' Spazju tal-Ajru

— Erja tar-Rampa

— Kundizzjoni tal-Faċilità tal-Ajru

— Punt Deżinjat

— Tul tal-Element

— Wisa’ tal-Element

— Elevazzjoni tal-Kamp

▼B

— Proċedura tal-Approċċ tal-Istrument

— Limitu Inferjuri tal-Altitudni

— Għajnuna għan-navigazzjoni

— Link ta' Proċedura

— Erja tar-Runway

— Punt tal-Linja Tan-nofs tar-Runway

— Wasla Strumentali Standard

— Tluq Strumentali Standard

— Kompożizzjoni tas-Superfiċje

— Erja tat-Taxiway

— Erja tat-Touch Down Lift Off

— Limitu l-Iżjed Għoli tal-Altitudni

— Restrizzjoni għall-Użu

7.4.1.1. Erja ta' Ajrudrom (AerodromeArea)

Erja definita fuq l-art jew fl-ilma (li tinkludi xi bini, stallazzjonijiet u tagħmir) maħsuba biex tintuża kompletament jew parzjalement għall-wasla, it-tluq u l-moviment fuq is-superfiċje ta' inġenji tal-ajru u/jew ta' ħelikopters.

Dan it-tip huwa subtip ta' TransportArea.

7.4.1.2. Kategorija ta' Ajrudrom (AerodromeCategory)

Kategorija ta' ajrudrom li tikkonċerna l-ambitu u l-importanza tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru offrut minnha u lejha.

Dan it-tip huwa subtip ta' TransportProperty.

Attributi tal-oġġett ġeografiku tat-tip AerodromeCategory

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
aerodromeCategory	Valur li jindika l-kategorija ta' ajrudrom.	AerodromeCategoryValue	

Limitazzjonijiet tal-oġġett ġeografiku tat-tip AerodromeCategory

Din il-proprjetà tista' tiġi assoċjata biss ma' oġġett ġeografiku li huwa Aerodrome Node jew Aerodrome Area.

7.4.1.3. Nodu ta' Ajrudrom (AerodromeNode)

Nodu li jinsab fil-punt ta' referenza tal-ajrudrom ta' ajruport/ħeliport, li jintuża biex jirrappreżentah b'mod simplifikat.

Dan it-tip huwa subtip ta' AirNode.

Attributi tal-oġġett ġeografiku tat-tip AerodromeNode

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
designatorIATA	Id-deżinjatur ta' tliet ittri IATA tal-ajrudrom (l-ajruport/il-ħeliport).	CharacterString	voidable

▼B

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
locationIndicatorICAO	L-indikatur tal-pożizzjoni ta' erba' ittri ICAO tal-ajrudrom (l-ajruport/ il-heliport) kif elenkat fl-ICAO DOC 7910.	CharacterString	voidable

Rwoli tal-asoċjazzjoni tal-oġġett ġeografiku tat-tip Aerodrome-Node

Rwol ta' assoċjazzjoni	Definizzjoni	Tip	Voidability
controlTowers	Is-sett ta' torrijiet ta' kontroll li jappartjeni għal ajrudrom (ajruport/ ħeliport)	It-tip għandu jiġi speċifikat fit-tema ta' dejta ġeografika Bini	voidable

7.4.1.4. Tip ta' Ajrudrom (AerodromeType)

Kodiċi li tispeċifika t-tip ta' ajrudrom.

Dan it-tip huwa subtip ta' TransportProperty.

Attributi tal-oġġett ġeografiu tat-tip AerodromeType

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
aerodromeType	It-tip ta' ajrudrom.	AerodromeTypeValue	

Limitazzjonijiet tal-oġġett ġeografiku tat-tip AerodromeType

Din il-proprjetà tista' tiġi assoċjata biss ma' oġġett ġeografiku li hu Aerodrome Node jew Aerodrome Area.

7.4.1.5. Link tal-Ajru (AirLink)

Oġġett ġeografiku lineari li jiddeskrivi l-ġeometrija u l-konnettività tan-netwerk tal-ajru bejn żewġ punti fin-netwerk.

Dan it-tip huwa subtip ta' TransportLink.

Dan it-tip huwa astratt.

7.4.1.6. Sekwenza ta' Links tal-Ajru (AirLinkSequence)

Oġġett ġeografiku lineari, magħmul minn ġabra organizzata ta' links tal-ajru, li jirrappreżenta mogħdija kontinwa fin-netwerk tal-ajru mingħajr ebda fergħa.

Dan it-tip huwa subtip ta' TransportLinkSequence.

7.4.1.7. Nodu tal-Ajru (AirNode)

Nodu li jseħħ f'netwerk tal-ajru.

Dan it-tip huwa subtip ta' TransportNode.

Dan it-tip huwa astratt.

Attributi tal-oġġett ġeografiku tat-tip AirNode

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
significantPoint	Attribut li jindika jekk in-nodu tal-ajru huwiex punt sinifikanti jew le.	Boolean	

▼B

7.4.1.8. Rotta tal-Ajru (AirRoute)

Rotta speċifikata maħsuba għall-inkanalar tal-fluss tat-traffiku kif neċessarju għall-provvediment ta' servizzi tat-traffiku tal-ajru, minn tmiem it-tluq mill-art u l-fażi inizjali tat-tlugħ sal-bidu tal-approċċ u l-fażi tal-inżul.

Dan it-tip huwa subtip ta' TransportLinkSet.

Attributi tal-oġġett ġeografiku tat-tip AirRoute

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
airRouteType	Il-klassifikazzjoni tar-rotta.	AirRouteTypeValue	voidable
designator	Il-kodiċi jew id-dežinjatur li jidentifika Rotta tal-Ajru.	CharacterString	voidable

7.4.1.9. Link ta' Rotta tal-Ajru (AirRouteLink)

It-titjir tul porzjon ta' rotta, ġeneralment mingħajr waqfa intermedja, kif iddefinit minn żewġ punti sinifikanti konsekuttivi.

Dan it-tip huwa subtip ta' AirLink.

Attributi tal-oġġett ġeografiku tat-tip AirRouteLink

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
airRouteLinkClass	Il-klassi jew it-tip ta' link ta' rotta tal-ajru.	AirRouteLinkClassValue	voidable

7.4.1.10. Żona ta' Spazju tal-Ajru (AirspaceArea)

Volum definit fl-arja, deskritt bħala projezzjoni orizzontali b'limiti vertikali.

Dan it-tip huwa subtip ta' TransportArea.

Attributi tal-oġġett ġeografiku tat-tip AirspaceArea

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
AirspaceAreaType	Kodiċi li jindika l-istruttura jew il-karatteristiċi ġenerali ta' spazju tal-ajru partikolari.	AirspaceAreaTypeValue	

7.4.1.11. Erja tar-Rampa tal-Ajruport (ApronArea)

Erja definita, fuq ajrudrom/ħeliport fuq l-art, maħsuba biex takkomoda inġenji tal-ajru/ħelikopters għal skopijiet ta' tagħbija u ħatt tal-passiġġieri, posta jew merkanzija, u biex jingħata l-fjuwil, għal parkeġġ jew manutenzjoni.

Dan it-tip huwa subtip ta' TransportArea.

7.4.1.12. Kundizzjoni tal-Faċilità tal-Ajru (ConditionOfAirFacility)

L-istat ta' element tan-netwerk tat-Trasport bl-Ajru fir-rigward tal-kompletazzjoni u l-użu tiegħu.

Dan it-tip huwa subtip ta' ConditionOfFacility.

▼B

Limitazzjonijiet tal-oġġett ġeografiku tat-tip ConditionOfAirFacility

Din il-proprjetà tista' tiġi assoċjata biss ma' oġġett ġeografiku li hu Nodu ta' Ajrudrom, Erja ta' Ajrudrom jew Erja tar-Runway.

7.4.1.13. Punt Dežinjat (DesignatedPoint)

Pożizzjoni ġeografika mhux immarkat mis-sit ta' għajnuna għan-navigazzjoni bir-radju, użat fid-definizzjoni ta' rotta tal-ATS, id-direzzjoni ta' inġenju tal-ajru fl-ajru jew għal skopijiet oħra ta' navigazzjoni jew ta' ATS.

Dan it-tip huwa subtip ta' AirNode.

Attributi tal-oġġett ġeografiku tat-tip DesignatedPoint

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
designator	Id-dežinjatur kodifikat tal-punt.	CharacterString	voidable

7.4.1.14. Tul tal-Element (ElementLength)

It-tul fiżiku tal-element.

Dan it-tip huwa subtip ta' TransportProperty.

Attributi tal-oġġett ġeografiku tat-tip ElementLength

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
length	It-tul fiżiku tal-element.	Measure	

Limitazzjonijiet tal-oġġett ġeografiku tat-tip ElementLength

Din il-proprjetà tista' tiġi assoċjata biss ma' oġġett ġeografiku li hu Erja tar-Runway, Erja tat-Taxiway jew Erja tat-Touch Down Lift Off.

7.4.1.15. Wisa’ tal-Element (ElementWidth)

Il-wisa’ fiżika tal-element.

Dan it-tip huwa subtip ta' TransportProperty.

Attributu tal-oġġett ġeografiku tat-tip ElementWidth

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
width	Il-wisa’ fiżika tal-element.	Measure	

Limitazzjonijiet tal-oġġett ġeografiku tat-tip ElementWidth

Din il-proprjetà tista' tiġi assoċjata biss ma' oġġett ġeografiku li hu Erja tar-Runway, Erja tat-Taxiway jew Erja tat-Touch Down Lift Off.

7.4.1.16. Elevazzjoni tal-Kamp (FieldElevation)

L-elevazzjoni tal-ajrudrom bħala d-distanza vertikali bejn l-ogħla punt tal-erja tal-inżul ta' ajrudrom u l-livell medju tal-baħar.

Dan it-tip huwa subtip ta' TransportProperty.

▼B

Attributi tal-oġġett ġeografiku tat-tip FieldElevation

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
altitude	Il-valur tal-altitudni tal-kamp.	Measure	

Limitazzjonijiet tal-oġġett ġeografiku tat-tip FieldElevation

Din il-proprjetà tista' tiġi assoċjata biss ma' oġġett ġeografiku li hu Aerodrome Node jew Aerodrome Area.

7.4.1.17. Proċedura tal-Approċċ Strumentali (InstrumentApproachProcedure)

Serje ta' manuvri predeterminati b'referenza għal strumenti tat-titjiriet bi protezzjoni speċifikata minn ostakoli mill-punt tal-approċċ inizjali, jew meta applikabbli, mill-bidu ta' rotta tal-wasla definita, sa punt li minnu jista' jiġi kkompletat inżul u wara, jekk l-inżul ma jiġix ikkompletat, sa pożizzjoni li fiha japplikaw il-kriterji ta' twarrib ta' ostakoli waqt punt ta' stennija (holding) jew en route.

Dan it-tip huwa subtip ta' ProcedureLink.

7.4.1.18. Limitu Inferjuri tal-Altitudni (LowerAltitudeLimit)

L-altitudni li tiddefinixxi l-limitu l-iżjed baxx ta' oġġett tan-netwerk ta' trasport bl-ajru.

Dan it-tip huwa subtip ta' TransportProperty.

Attributi tal-oġġett ġeografiku tat-tip LowerAltitudeLimit

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
altitude	Il-valur tal-limitu tal-altitudni.	Measure	

Limitazzjonijiet tal-oġġett ġeografiku tat-tip LowerAltitudeLimit

Din il-proprjetà tista' tiġi assoċjata biss ma' oġġett ġeografiku li hu Link ta' Rotta tal-Ajru jew Żona ta' Spazju tal-Ajru.

7.4.1.19. Għajnuna għan-navigazzjoni (Navaid)

Tagħmir ta' għajnuna għan-navigazzjoni wieħed jew iżjed li jipprovdi/u servizzi tan-navigazzjoni.

Dan it-tip huwa subtip ta' AirNode.

Attributi tal-oġġett ġeografiku tat-tip Navaid

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
designator	L-identifikatur kodifikat mogħti lis-sistema ta' għajnuna għan-navigazzjoni.	CharacterString	voidable
navaidType	Tip tas-servizz ta' għajnuna għan-navigazzjoni.	NavaidTypeValue	voidable

7.4.1.20. Link ta' Proċedura (ProcedureLink)

Serje ta' manuvri predeterminati bi protezzjoni speċifikata mill-ostakoli.

Dan it-tip huwa subtip ta' AirLink.

▼B

7.4.1.21. ►C1 Erja tar-Runway (RunwayArea) ◄

Erja rettangolari definita fuq ajrudrom/ħeliport fuq l-art għall-inżul u t-tluq mill-art ta' inġenji tal-ajru.

Dan it-tip huwa subtip ta' TransportArea.

Attributi tal-oġġett ġeografiku tat-tip RunwayArea

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
designator	Id-dežinjatur testwali sħiħ tar-runway, użat unikament biex jidentifikah f'ajrudrom/ħeliport li għandu iżjed minn wieħed.	CharacterString	voidable
runwayType	It-tip ta' runway, jew runway għall-ajruplani jew erja ta' approċċ finali u tluq mill-art (FATO) għall-ħelikopters.	RunwayTypeValue	voidable

7.4.1.22. Punt tal-Linja Tan-nofs tar-Runway (RunwayCentrelinePoint)

Pożizzjoni operazzjonalment sinifikanti fuq il-linja tan-nofs ta' direzzjoni tar-runway.

Dan it-tip huwa subtip ta' AirNode.

Attributi tal-oġġett ġeografiku tat-tip RunwayCentrelinePoint

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
pointRole	Ir-rwol tal-punt tul il-linja tan-nofs fid-direzzjoni tar-runway.	PointRoleValue	

7.4.1.23. Wasla Strumentali Standard (StandardInstrumentArrival)

Ir-rotta tal-wasla ta' regola ta' titjira strumentali (IFR) dežinjata li tgħaqqad punt sinifikanti, normalment fuq rotta tal-ATS, ma' punt li minnu jista' jingħata bidu għal proċedura ppubblikata ta' approċċ strumentali.

Dan it-tip huwa subtip ta' ProcedureLink.

Attributi tal-oġġett ġeografiku tat-tip StandardInstrumentArrival

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
designator	Id-dežinjatur testwali tal-Wasla Strumentali Standard.	CharacterString	voidable

7.4.1.24. Tluq Strumentali Standard (StandardInstrumentDeparture)

Ir-rotta tat-tluq ta' regola ta' titjira strumentali (IFR) li tgħaqqad ajrudrom jew runway dežinjat tal-ajrudrom ma' punt sinifikanti speċifikat, normalment fuq rotta dežinjata tal-ATS, li fiha tibda l-faži en-route ta' titjira.

▼B

Dan it-tip huwa subtip ta' ProcedureLink.

Attributi tal-oġġett ġeografiku tat-tip StandardInstrumentDeparture

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
designator	Id-deżinjatur testwali sħiħ tat-Tluq Strumentali Standard.	CharacterString	voidable

7.4.1.25. Kompożizzjoni tas-Superfiċje (SurfaceComposition)

Il-kompożizzjoni ta' superfiċje relatata ma' ajrudrom/ħeliport.

Dan it-tip huwa subtip ta' TransportProperty.

Attributi tal-oġġett ġeografiku tat-tip SurfaceComposition

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
surfaceComposition	Kodiċi li jindika l-kompożizzjoni ta' superfiċje relatata ma' ajrudrom/ħeliport.	SurfaceCompositionValue	

Limitazzjonijiet tal-oġġett ġeografiku tat-tip SurfaceComposition

Din il-proprjetà tista' tiġi assoċjata biss ma' oġġett ġeografiku li hu Erja tar-Runway, Erja tat-Taxiway, Erja tar-Rampa jew Erja tat-Touch Down Lift Off.

7.4.1.26. Erja tat-Taxiway (TaxiwayArea)

Direzzjoni definita f'ajrudrom/ħeliport stabbilita għat-taxiing ta' inġenji tal-ajru/ħelikopters u maħsuba biex tipprovdi link bejn parti tal-ajrudrom u parti oħra.

Dan it-tip huwa subtip ta' TransportArea.

Attributi tal-oġġett ġeografiku tat-tip TaxiwayArea

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
designator	Id-deżinjatur testwali tat-taxiway.	CharacterString	voidable

7.4.1.27. Erja tat-Touch Down Lift Off (TouchDownLiftOff)

Erja li tiflaħ għal tagħbija li fuqha ħelikopter jista' jagħmel touch down jew iwettaq lift-off.

Dan it-tip huwa subtip ta' AirNode.

Attributi tal-oġġett ġeografiku tat-tip TouchDownLiftOff

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
designator	Id-deżinjatur testwali tal-erja tat-touch down u lift-off.	CharacterString	voidable

7.4.1.28. Limitu ta' Altitudni l-Iżjed Għoli (UpperAltitudeLimit)

Altitudni li tiddefinixxi l-limitu l-iżjed għoli ta' oġġett ta' netwerk ta' trasport bl-ajru.

Dan it-tip huwa subtip ta' TransportProperty.

▼B

Attributi tal-oġġett ġeografiku tat-tip UpperAltitudeLimit

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
altitude	Il-valur tal-limitu tal-altitudni.	Measure	

Limitazzjonijiet tal-oġġett ġeografiku tat-tip UpperAltitudeLimit

Din il-proprjetà tista' tiġi assoċjata biss ma' oġġett ġeografiku li hu Link ta' Rotta tal-Ajru jew Żona ta' Spazju tal-Ajru.

7.4.1.29. Restrizzjoni tal-Użu (UseRestriction)

Ir-restrizzjonijiet fuq l-użu ta' oġġett tan-netwerk tal-ajru.

Dan it-tip huwa subtip ta' TransportProperty.

Attributi tal-oġġett ġeografiku tat-tip UseRestriction

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
restriction	It-tip ta' restrizzjoni fuq l-użu għal oġġett tan-netwerk tal-ajru.	AirUseRestrictionValue	

Limitazzjonijiet tal-oġġett ġeografiku tat-tip UseRestriction

Din il-proprjetà tista' tiġi assoċjata biss ma' oġġett ġeografiku li hu Rotta tal-Ajru, Link tal-Ajru (jew Link tak-Ajru speċjalizzat), Nodu tal-Ajru (jew Nodu tal-Ajru speċjalizzat) jew Erja tal-Ajrudrom.

7.4.2. *Listi ta' Kodiċijiet*

7.4.2.1. Kategorija tal-Ajrudrom (AerodromeCategoryValue)

Il-kategoriji possibbli tal-Ajrudrom li jikkonċernaw l-ambitu u l-importanza tas-servizzi ta' traffiku tal-ajru offerti minnu u lejh.

▼M2

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu l-valuri fit-tabella ta' hawn taħt biss.

▼M1

►M2 Valuri għal-lista ta' kodiċijiet ◄ AerodromeCategoryValue

Valur	Definizzjoni
domesticNational	Ajrudrom li jaqdi servizzi domestiċi tat-traffiku tal-ajru nazzjonali.
domesticRegional	Ajrudrom li jaqdi servizzi domestiċi tat-traffiku tal-ajru reġjonali.
international	Ajrudrom li jaqdi servizzi internazzjonali tat-traffiku tal-ajru.

▼B

7.4.2.2. Tip ta' Ajrudrom (AerodromeTypeValue)

Kodiċi li jispeċifika jekk entità partikolari hijiex Ajrudrom jew Ħeliport.

▼M2

Il-valuri permessi għal din il-lista ta’ kodiċijiet jinkludu l-valuri fit-tabella ta’ hawn taħt biss.

▼M1

►M2 Valuri għal-lista ta’ kodiċijiet ◄ AerodromeTypeValue

Valur	Definizzjoni
aerodromeHeliport	Ajrudrom b’żona tal-inżul għall-ħeliport.
aerodromeOnly	Ajrudrom biss.
heliportOnly	Ħeliport biss.
landingSite	Sit tal-inżul.

▼B

7.4.2.3. Klassi ta' Links ta' Rotot tal-Ajru (AirRouteLinkClassValue)

It-tip ta' rotta mill-aspett tan-navigazzjoni.

▼M2

Il-valuri permessi għal din il-lista ta’ kodiċijiet jinkludu l-valuri fit-tabella ta’ hawn taħt biss.

▼M1

►M2 Valuri għal-lista ta’ kodiċijiet ◄ AirRouteLinkClassValue

Valur	Definizzjoni
conventional	Rotta ta’ navigazzjoni konvenzjonali: Rotta tal-ajru li la tuża Navigazzjoni ta' Żona u lanqas navigazzjoni TACAN għal servizzi ta’ traffiku tal-ajru.
RNAV	Rotta ta’ Navigazzjoni ta' Żona: Rotta tal-arja li tuża Navigazzjoni ta' Żona (RNAV) għal servizzi ta’ traffiku tal-ajru.
TACAN	Rotta TACAN: Rotta tal-ajru li tuża Navigazzjoni TACAN għal servizzi ta’ traffiku tal-ajru.

▼B

7.4.2.4. Tip ta' Rotta tal-Ajru (AirRouteTypeValue)

Il-klassifikazzjoni tar-rotta bħala rotta tal-ATS jew Linji Ferrovjarji tal-Atlantiku tat-Tramuntana.

▼M2

Il-valuri permessi għal din il-lista ta’ kodiċijiet jinkludu l-valuri fit-tabella ta’ hawn taħt biss.

▼M1

►M2 Valuri għal-lista ta’ kodiċijiet ◄ AirRouteTypeValue

Valur	Definizzjoni
ATS	Rotta ATS kif deskritta fl-Anness 11 ta’ ICAO.
NAT	Binarji tal-Atlantiku tal-Punent (parti mis-Sistema Organizzata ta’ Binarji).

▼B

7.4.2.5. Restrizzjoni fuq l-Użu tal-Ajru (AirUseRestrictionValue)

Ir-restrizzjonijiet fuq l-użu għal oġġett tan-netwerk tal-ajru.

▼M2

Il-valuri permessi għal din il-lista ta’ kodiċijiet jinkludu l-valuri fit-tabella ta’ hawn taħt biss.

▼M1

►M2 Valuri għal-lista ta’ kodiċijiet ◄ AirUseRestrictionValue

Valur	Definizzjoni
reservedForMilitary	L-oġġett tan-netwerk tal-ajru huwa esklussivament għal użu militari.
temporalRestrictions	Ir-restrizzjonijiet temporali japplikaw għall-użu tal-oġġett tan-netwerk tal-ajru.

▼B

7.4.2.6. Tip ta' Żona ta' Spazju tal-Ajru (AirspaceAreaTypeValue)

Tipi rikonoxxuti ta' Spazju tal-Ajru.

▼M2

Il-valuri permessi għal din il-lista ta’ kodiċijiet jinkludu l-valuri fit-tabella ta’ hawn taħt biss.

▼M1

►M2 Valuri għal-lista ta’ kodiċijiet ◄ AirspaceAreaTypeValue

Valur	Definizzjoni
ATZ	Airport Traffic Zone (Żona tat-Traffiku tal-Ajruport). Spazju tal-ajru ta’ dimensjonijiet definiti stabbiliti madwar ajruport għall-protezzjoni tat-traffiku tal-ajruport.
CTA	Erja ta’ kontroll (Control area). Spazju tal-ajru kontrollat li jestendi ’l fuq minn limitu speċifiku ’l fuq mid-dinja.
CTR	Żona ta’ kontroll (Control zone). Spazju tal-ajru kontrollat li jestendi ’l fuq minn wiċċ id-dinja għal limitu speċifiku ogħla.
D	Żona ta’ periklu (Danger area). Spazju tal-ajru ta’ specifikazzjonijiet definiti li fih jista’ jkun hemm attivitajiet ta’ periklu għat-titjir ta’ inġenji tal-ajru f’ħinijiet speċifikati.
FIR	Reġjun ta’ informazzjoni dwar titjir (Flight information region). Spazju tal-ajru ta’ dimensjonijiet definiti li fih jingħataw servizz ta’ informazzjoni dwar titjiriet u servizz ta’ twissijiet. Jista’, pereżempju, jintuża jekk servizz jingħata minn aktar minn unità waħda.
P	Żona projbita (Prohibited area). Spazju tal-ajru ta’ dimensjonijiet definiti, ’il fuq mill-żoni ta’ art jew ibħra territorjali ta’ Stat, li fih it-titjir ta’ inġenji tal-ajru jkun pprojbit.
R	Żona ristretta (Restricted area). Spazju tal-ajru ta’ dimensjonijiet definiti, ’il fuq mill-żoni ta’ art jew ibħra territorjali ta’ Stat, li fih it-titjir ta’ inġenji tal-ajru jkun ristrett skont ċerti kondizzjonijiet speċifikati.
TMA	Żona ta’ kontroll tat-terminal (Terminal control area). Żona ta’ kontroll ġeneralment stabbilita fejn jiltaqgħu rotot ATS qrib ajrudrom kbir wieħed jew aktar. Użata l-aktar fl-Ewropa skont il-kunċett tal-Użu Flessibbli tal-Ispazju tal-Ajru.

▼M1

Valur	Definizzjoni
UIR	Reġjun ogħla ta' informazzjoni dwar titjir (Upper flight information region (UIR)). Spazju tal-ajru ogħla ta' dimensjonijiet definiti li fih jingħataw servizz ta' informazzjoni dwar titjiriet u servizz ta' twissija. Kull Stat jiddetermina d-definizzjonijiet tiegħu għal spazju tal-ajru ogħla.

▼B

7.4.2.7. Tip ta' Għajnuna għan-Navigazzjoni (NavaidTypeValue)

Tipi ta' Servizzi ta' Għajnuna għan-Navigazzjoni.

▼M2

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu l-valuri fit-tabella ta' hawn taħt biss.

▼M1

►M2 Valuri għal-lista ta' kodiċijiet ◄ NavaidTypeValue

Valur	Definizzjoni
DME	Tagħmir li Jkejjel id-Distanza (Distance Measuring Equipment).
ILS	Sistema ta' Nżul bl-Istrumenti (Instrument Landing System).
ILS-DME	ILS b'DME kollokat.
LOC	Lokalizzatur (Localizer).
LOC-DME	LOC u DME kollokat.
MKR	Sinjal Markatur (Marker Beacon).
MLS	Sistema ta' Nżul b'Microwaves (Microwave Landing System).
MLS-DME	MLS b'DME kollokat.
NDB	Sinjal Nondirezzjonali bir-Radju (Non-Directional Radio Beacon).
NDB-DME	NDB u DME kollokati.
NDB-MKR	Sinjal Nondirezzjonali bir-Radju u Sinjal Markatur.
TACAN	Sinjal għan-Navigazzjoni Ajrutattika (Tactical Air Navigation Beacon).
TLS	Sistema Transponder ta' Nżul Transponder Landing System)
VOR	Sinjal tar-Radju Omnidirezzjonali VHF (VHF Omnidirectional Radio Range).
VOR-DME	VOR u DME kollokati.
VORTAC	VOR u TACAN kollokati.

▼B

7.4.2.8. Rwol tal-Punt (PointRoleValue)

Ir-rwol tal-Punt tal-Linja Tan-nofs tar-Runway.

▼M2

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu l-valuri fit-tabella ta' hawn taħt biss.

▼M1

►M2 **Valuri għal-lista ta' kodiċijiet ◄ PointRoleValue**

Valur	Definizzjoni
end	Tarf fiżiku ta' direzzjoni ta' runway.
mid	Il-punt tan-nofs ta' runway.
start	Il-bidu fiżiku ta' direzzjoni ta' runway.
threshold	Il-bidu ta' din il-porzjon tar-runway li jista' jintuża għall-inżul.

▼B

7.4.2.9. Tip ta' Runway (RunwayTypeValue)

Kodiċi li jagħmel distinzjoni bejn runways għall-ajruplani u l-FATO għall-ħelikopters.

▼M2

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu l-valuri fit-tabella ta' hawn taħt biss.

▼M1

►M2 **Valuri għal-lista ta' kodiċijiet ◄ RunwayTypeValue**

Valur	Definizzjoni
FATO	Żona ta' Approċċ Finali u Tluq mill-Art (Final Approach and Take Off Area) għall-ħelikopters.
runway	Runway għall-ajruplani.

▼B

7.4.2.10. Kompożizzjoni tas-superfiċje (SurfaceCompositionValue)

Kodiċi li jindika l-kompożizzjoni ta' superfiċje.

▼M2

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu l-valuri fit-tabella ta' hawn taħt biss.

▼M1

►M2 **Valuri għal-lista ta' kodiċijiet ◄ SurfaceCompositionValue**

Valur	Definizzjoni
asphalt	Wiċċ magħmul minn saff ta' asfalt.
concrete	Wiċċ magħmul minn saff tal-konkos.
grass	Wiċċ li jikkonsisti minn minn saff tal-ħaxix.

▼B

7.5. **Netwerk ta' Trasport b'Kablaġġ**

7.5.1. *Tipi ta' Oġġetti Ġeografiċi*

It-tipi ta' oġġetti ġeografiċi li ġejjin għandhom jintużaw għall-iskambju u l-klassifikazzjoni ta' oġġetti ġeografiċi relatati man-Netwerk ta' Trasport b'Kablaġġ:

— Link ta' Rotta b'Kablaġġ

— Sekwenza ta' Rotta b'Kablaġġ

— Sett ta' Links ta' Rotta b'Kablaġġ

— Nodu ta' Rotta b'Kablaġġ

▼B

7.5.1.1. Link ta' Rotta b'Kablaġġ (CablewayLink)

Oġġett ġeografiku lineari li jiddeskrivi l-ġeometrija u l-konnettività ta' netwerk b'kablaġġ bejn żewġ punti f'netwerk ta' trasport tul rotta b'kablaġġ.

Dan it-tip huwa subtip ta' TransportLink.

Attributi tal-oġġett ġeografiku tat-tip CablewayLink

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
cablewayType	It-tip ta' trasport tul rotta b'kablaġġ.	CablewayTypeValue	voidable

7.5.1.2. Sekwenza ta' Links ta' Rotta b'Kablaġġ (CablewayLinkSequence)

Ġabra organizzata ta' links ta' rotta b'kablaġġ li huma karatterizzati minn identifikatur tematiku wieħed jew iżjed u/jew proprjetà tematika waħda jew iżjed.

Dan it-tip huwa subtip ta' TransportLinkSequence.

7.5.1.3. Sett ta' Links ta' Rotta b'Kablaġġ (CablewayLinkSet)

Ġabra ta' sekwenzi ta' links ta' rotta b'kablaġġ u jew links inidividwali ta' rotta b'kablaġġ li għandhom funzjoni jew sinifikat speċifika/u f'netwerk ta' trasport b'kablaġġ.

Dan it-tip huwa subtip ta' TransportLinkSet.

7.5.1.4. Nodu ta' Rotta b'Kablaġġ (CablewayNode)

Oġġett ġeografiku ta' punt li jintuża biex jirrappreżenta konnettività bejn żewġ links konsekuttivi ta' rotta b'kablaġġ.

Dan it-tip huwa subtip ta' TransportNode.

7.5.2. *Listi ta' Kodiċijiet*

7.5.2.1. Tip ta' Rotta b'Kablaġġ (CablewayTypeValue)

It-tipi possibbli ta' trasport permezz ta' rotta b'kablaġġ.

▼M2

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu l-valuri fit-tabella ta' hawn taħt biss.

▼M1

►M2 Valuri għal-lista ta' kodiċijiet ◄ CablewayTypeValue

Valur	Definizzjoni
cabinCableCar	Trasport b'kablaġġ li l-vetturi tiegħu jkunu jikkonsistu minn kabina sospiża għall-ġarr ta' gruppi ta' nies u/jew prodotti minn lok wieħed għal ieħor.
chairLift	Trasport b'kablaġġ li l-vetturi tiegħu jikkonsistu minn siġġijiet imdendlin għall-ġarr ta' individwi jew gruppi ta' nies minn lok wieħed għal ieħor permezz ta' kejbil tal-azzar jew ħabel li jkunu marbutin ingassa madwar żewġ ponot.

▼M1

Valur	Definizzjoni
skiTow	Trasport b'kablaġġ biex jinġibdu 'l fuq ta' inklinazzjoni skiers u snowborders.

▼B

7.6. **Netwerk ta' Trasport bil-Ferrovija**

7.6.1. *Tipi ta' Oġġetti Ġeografiċi*

It-tipi ta' oġġetti ġeografiċi li ġejjin għandhom jintużaw għall-iskambju u l-klassifikazzjoni ta' oġġetti ġeografiċi relatati man-Netwerk ta' Trasport bil-Ferrovija:

— Veloċità skont id-Disinn

— Wisa' Nominali Bejn il-Binarji ta' Linja Ferrovjarja

— Għadd ta' Linji Ferrovjarji

— Erja Ferrovjarja

— Elettrifikazzjoni Ferrovjarja

— Rotta Ferrovjarja

— Link Ferrovjarju

— Sekwenza ta' Links Ferrovjarji

— Nodu Ferrovjarju

— Erja ta' Stazzjon Ferrovjarja

— Kodiċi ta' Stazzjon Ferrovjarju

— Nodu ta' Stazzjon Ferrovjarju

— Tip Ferrovjarju

— Użu Ferrovjarju

— Erja ta' Depost Ferrovjarju

— Nodu ta' Depost Ferrovjarju

7.6.1.1. Veloċità skont id-Disinn (DesignSpeed)

L-ispeċifikazzjoni tal-veloċità massima li rotta ferrovjarja hija ddisinjata għaliha.

Dan it-tip huwa subtip ta' TransportProperty.

Attributi tal-oġġett ġeografiku tat-tip DesignSpeed

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
speed	L-ispeċifikazzjoni tal-veloċità massima li rotta ferrovjarja hija ddisinjata għaliha.	Velocity	

Limitazzjonijiet tal-oġġett ġeografiku tat-tip DesignSpeed

Din il-proprjetà tista' tiġi assoċjata biss ma' oġġett ġeografiku li hu parti minn netwerk tat-trasport ferrovjarju.

7.6.1.2. Wisa' Nominali Bejn il-Binarji ta' Linja Ferrovjarja (NominalTrackGauge)

Id-distanza nominali bejn iż-żewġ binarji esterni (wisa' bejn il-binarji (gauge)) ta' linja ferrovjarja.

Dan it-tip huwa subtip ta' TransportProperty.

▼B

Attributi tal-oġġett ġeografiku tat-tip NominalTrackGauge

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
nominalGauge	Valur wieħed li jidentifika d-distanza bejn il-binarji ta' linja ferrovjarja.	Measure	voidable
nominalGaugeCategory	Il-provvediment tad-distanza bejn il-binarji ta' linja ferrovjarja bħala kategorija fuzzy fir-rigward tad-distanza nominali standard Ewropea bejn il-binarji.	TrackGaugeCategoryValue	voidable

Limitazzjonijiet tal-oġġett ġeografiku tat-tip NominalTrackGauge

Din il-proprjetà tista' tiġi assoċjata biss ma' oġġett ġeografiku li hu parti minn netwerk tat-trasport ferrovjarju.

7.6.1.3. Għadd ta' Linji Ferrovjarji (NumberOfTracks)

L-għadd ta' linji ferrovjarji f'medda ferrovjarja.

Dan it-tip huwa subtip ta' TransportProperty.

Attributi tal-oġġett ġeografiku tat-tip NumberOfTracks

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
minMaxNumberOfTracks	Jindika jekk l-għadd ta' linji ferrovjarji jintgħaddx bħala valur minimu jew massimu.	MinMaxTrackValue	voidable
numberOfTracks	L-għadd ta' linji ferrovjarji preżenti.	Integer	

Limitazzjonijiet tal-oġġett ġeografiku tat-tip NumberOfTracks

Din il-proprjetà tista' tiġi assoċjata biss ma' oġġett ġeografiku li hu parti minn netwerk tat-trasport ferrovjarju.

7.6.1.4. Erja Ferrovjarja (RailwayArea)

Superfiċje okkupata minn linja ferrovjarja, inkluża s-saborra.

Dan it-tip huwa subtip ta' TransportArea.

7.6.1.5. Elettrifikazzjoni Ferrovjarja (RailwayElectrification)

Indikazzjoni ta' jekk il-linja ferrovjarja hijiex ipprovduta b'sistema elettrika biex tħaddem il-vetturi li jimxu tulha.

Dan it-tip huwa subtip ta' TransportProperty.

Attributi tal-oġġett ġeografiku tat-tip RailwayElectrification

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
electrified	Jindika jekk il-linja ferrovjarja hijiex ipprovduta b'sistema elettrika biex tħaddem vetturi li jimxu tulha.	Boolean	

▼B

Limitazzjonijiet tal-oġġett ġeografiku tat-tip RailwayElectrification

Din il-proprjetà tista' tiġi assoċjata biss ma' oġġett ġeografiku li hu parti minn netwerk tat-trasport ferrovjarju.

7.6.1.6. Rotta Ferrovjarja (RailwayLine)

Ġabra ta' sekwenzi ta' links ferrovjarji u jew links ferrovjarji individwali li huma karatterizzati minn identifikatur tematiku wieħed jew iżjed u/jew proprjetà tematika waħda jew iżjed.

Dan it-tip huwa subtip ta' TransportLinkSet.

Attributi tal-oġġett ġeografiku tat-tip RailwayLine

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
railwayLineCode	Kodiċi assenjat lil rotta ferrovjarja li hija unika fi ħdan Stat Membru.	CharacterString	voidable

7.6.1.7. Link Ferrovjarju (RailwayLink)

Oġġett ġeografiku lineari li jiddeskrivi l-ġeometrija u l-konnettività ta' netwerk ferrovjarju bejn żewġ punti fin-netwerk.

Dan it-tip huwa subtip ta' TransportLink.

Attributi tal-oġġett ġeografiku tat-tip RailwayLink

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
fictitious	Il-link ferrovjarju ma jirrappreżentax linja ferrovjarja reali u eżistenti iżda trajettorja fittizja.	Boolean	voidable

7.6.1.8. Sekwenza ta' Links Ferrovjarji (RailwayLinkSequence)

Oġġett ġeografiku lineari, magħmul minn ġabra organizzata ta' links ferrovjarji, li jirrappreżenta mogħdija kontinwa f'netwerk ferrovjarju mingħajr ebda fergħa. L-element għandu bidu u tmiem definiti u kull pożizzjoni fuq is-sekwenza tal-links ferrovjarji hija identifikabbli ma' parametru wieħed bħat-tul. Jiddeskrivi element tan-netwerk ferrovjarju, karatterizzat minn identifikatur tematiku wieħed jew iżjed u/jew proprjetà tematika waħda jew iżjed.

Dan it-tip huwa subtip ta' TransportLinkSequence.

7.6.1.9. Nodu Ferrovjarju (RailwayNode)

Oġġett ġeografiku ta' punt li jirrappreżenta punt sinifikanti tul in-netwerk ferrovjarju jew jiddefinixxi intersezzjoni ta' linji ferrovjarji użat biex jiddeskrivi l-konnettività tiegħu.

Dan it-tip huwa subtip ta' TransportNode.

Attributi tal-oġġett ġeografiku tat-tip RailwayNode

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
formOfNode	Il-funzjoni ta' nodu ferrovjarju fi ħdan in-netwerk tal-binarji.	FormOfRailwayNodeValue	voidable

▼B

7.6.1.10. Erja ta' Stazzjon Ferrovjarju (RailwayStationArea)

Oġġett ġeografiku tal-erja li jintuża biex jirrappreżenta l-limiti topografiċi tal-faċilitajiet ta' stazzjon ferrovjarju (bini, deposti ferrovjarji, stallazzjonijiet u tagħmir) maħsuba għat-twettiq ta' operazzjonijiet ta' stazzjonijiet ferrovjarji.

Dan it-tip huwa subtip ta' TransportArea.

7.6.1.11. Kodiċi ta' Stazzjon Ferrovjarju (RailwayStationCode)

Il-kodiċi uniku assenjat lil stazzjon ferrovjarju.

Dan it-tip huwa subtip ta' TransportProperty.

Attributi tal-oġġett ġeografiku tat-tip RailwayStationCode

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
stationCode	Kodiċi uniku assenjat lil stazzjon ferrovjarju.	CharacterString	

Limitazzjonijiet tal-oġġett ġeografiku tat-tip RailwayStationCode

Din il-proprjetà tista' tiġi assoċjata biss ma' oġġett ġeografiku li hu parti minn netwerk tat-trasport ferrovjarju.

7.6.1.12. Nodu ta' Stazzjon Ferrovjarju (RailwayStationNode)

Nodu ferrovjarju li jirrappreżenta l-pożizzjoni ta' stazzjon ferrovjarju tul in-netwerk ferrovjarju.

Dan it-tip huwa subtip ta' RailwayNode.

Attributi tal-oġġett ġeografiku tat-tip RailwayStationNode

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
numberOfPlatforms	Valur li jindika l-għadd ta' pjattaformi disponibbli fi stazzjon ferrovjarju.	Integer	voidable

Limitazzjonijiet tal-oġġett ġeografiku tat-tip RailwayStationNode

Għal nodu tal-istazzjoni ferrovjarju, il-valur għall-attribut “formOfNode” għandu dejjem ikun “RailwayStop”.

7.6.1.13. Tip Ferrovjarju (RailwayType)

It-tip ta' trasport ferrovjarju li l-linja hija ddisinjata għalih.

Dan it-tip huwa subtip ta' TransportProperty.

Attributi tal-oġġett ġeografiku tat-tip RailwayType

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
type	It-tip ta' trasport ferrovjarju li l-linja hija ddisinjata għalih.	RailwayTypeValue	

Limitazzjonijiet tal-oġġett ġeografiku tat-tip RailwayType

Din il-proprjetà tista' tiġi assoċjata biss ma' oġġett ġeografiku li hu parti minn netwerk tat-trasport ferrovjarju.

▼B

7.6.1.14. Użu Ferrovjarju (RailwayUse)

L-użu attwali tal-linja ferrovjarja.

Dan it-tip huwa subtip ta' TransportProperty.

Attributi tal-oġġett ġeografiku tat-tip RailwayUse

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
use	L-użu attwali tal-linja ferrovjarja.	RailwayUseValue	

Limitazzjonijiet tal-oġġett ġeografiku tat-tip RailwayUse

Din il-proprjetà tista' tiġi assoċjata biss ma' oġġett ġeografiku li hu parti minn netwerk tat-trasport ferrovjarju.

7.6.1.15. Erja ta' Depost Ferrovjarju (RailwayYardArea)

Oġġett ġeografiku tal-erja li jintuża biex jirrappreżenta l-limiti topografiċi ta' depost ferrovjarju.

Dan it-tip huwa subtip ta' TransportArea.

7.6.1.16. Nodu ta' Depost Ferrovjarju (RailwayYardNode)

Nodu ferrovjarju li jkun jinsab f'erja ta' depost ferrovjarju.

Dan it-tip huwa subtip ta' RailwayNode.

Limitazzjonijiet tal-oġġett ġeografiku tat-tip RailwayYardNode

Għal nodu ta' depost ferrovjarju, il-valur għall-attribut "formOfNode" għandu dejjem ikun "RailwayStop".

7.6.2. *Enumerazzjonijiet*

7.6.2.1. Għadd Minimu jew Massimu ta' Linji Ferrovjarji (MinMaxTrackValue)

Valuri biex jindikaw jekk l-għadd ta' linji ferrovjarji jintgħaddx bħala l-għadd massimu, minimu jew medju.

Valuri permessi għall-enumerazzjoni MinMaxTrackValue

Valur	Definizzjoni
average	L-għadd ta' linji ferrovjarji huwa l-valur medju għal parti partikolari tan-netwerk ferrovjarju.
maximum	L-għadd ta' linji ferrovjarji huwa l-valur massimu għal parti partikolari tan-netwerk ferrovjarju.
minimum	L-għadd ta' linji ferrovjarji huwa l-valur mimimu għal parti partikolari tan-netwerk ferrovjarju.

7.6.2.2. Il-Kategorija tal-Wisa' Bejn il-Binarji ta' Linja Ferrovjarja (TrackGaugeCategoryValue)

Il-kategoriji possibbli ta' rotot ferrovjarji li jikkonċernaw il-wisa' nominali bejn il-binarji ta' linja ferrovjarja.

Valuri permessi għall-enumerazzjoni TrackGaugeCategoryValue

Valur	Definizzjoni
broad	Il-proprjetà tal-wisa' nominali bejn il-binarji ta' linja ferrovjarja hija usa' minn dik standard.

▼B

Valur	Definizzjoni
standard	Il-proprjetà tal-wisa' nominali bejn il-binarji ta' linja ferrovjarja hija daqs l-istandard Ewropew (1 435 millimetru).
narrow	Il-proprjetà tal-wisa' nominali bejn il-binarji ta' linja ferrovjarja hija idjaq minn dik standard.
notApplicable	Id-definizzjoni ta' proprjetà tal-wisa' nominali bejn il-binarji ta' linja ferrovjarja mhijiex applikabbli għat-tip ta' trasport ferrovjarju.

7.6.3. *Listi ta' Kodiċijiet*

7.6.3.1. Forma tan-Nodu Ferrovjarju (FormOfRailwayNodeValue)

Il-funzjonijiet possibbli ta' nodu ferrovjarju fi ħdan in-netwerk ferrovjarju.

▼M2

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu l-valuri fit-tabella ta' hawn taħt biss.

▼M1

►M2 Valuri għal-lista ta' kodiċijiet ◄ FormOfRailwayNodeValue

Valur	Definizzjoni
junction	Nodu ferrovjarju fejn in-netwerk ferrovjarju jkollu mekkaniżmu li jikkonsisti f'linja ferrovjarja b'żewġ binarji mobbli u l-konnessjonijiet meħtieġa, li jħallu lil vetturi jduru minn binarju għal ieħor.
levelCrossing	Nodu ferrovjarju fejn in-netwerk ferrovjarju jinqasam minn triq fl-istess livell.
pseudoNode	Nodu ferrovjarju li jirrappreżenta punt fejn attribut wieħed jew aktar tal-links ferrovjarji konnessi miegħu jbiddlu l-valur tagħhom, jew punt meħtieġ biex jiddeskrivi l-ġeometrija tan-netwerk.
railwayEnd	Link ferrovjarja waħda biss tikkonnettja man-nodu ferrovjarju. Tfisser it-tarf ta' linja ferrovjarja.
railwayStop	Post fit-netwerk ferrovjarju fejn trenijiet jieqfu għall-ħatt/għat-tagħbija ta' merkanzija jew biex passiġġieri jitħallew jinżlu mill-ferrovija jew jitilgħu fiha.

▼B

7.6.3.2. Tip Ferrovjarju (RailwayTypeValue)

It-tipi possibbli ta' trasport ferrovjarju.

▼M2

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu l-valuri fit-tabella ta' hawn taħt biss.

▼M1

►M2 Valuri għal-lista ta' kodiċijiet ◄ RailwayTypeValue

Valur	Definizzjoni
cogRailway	Trasport ferrovjarju li jippermetti lil vetturi jaħdmu fuq xaqlibiet weqfin, li jikkonsisti f'linja ferrovjarja li jkollu linja ta' ingranaġġ bis-snien (normalment bejn linji paralleli) fejn vetturi jintramaw b'rota ta' ingranaġġ waħda jew aktar jew b'roti oħra iżgħar ta' ingranaġġ li l-gerijiet tagħhom ikunu jaqblu ma' din il-linja bl-ingranaġġ.

▼M1

Valur	Definizzjoni
funicular	Trasport ferrovjarju li jikkonsisti f'kejbil imwaħħal ma' vettura fuq linji li jmexxieha 'l fuq u 'l isfel f'telgħa wieqfa ħafna. Fejn ikun possibbli l-vetturi telgħin u niżlin jibbilanċjaw lil xulxin.
magneticLevitation	Trasport ferrovjarju bbażat fuq linja ferrovjarja waħda li sservi bħala direzzjoni gwida għal vettura u tgħinha lill-vettura permezz ta' mekkaniżmu ta' levitazzjoni manjetika.
metro	Sistema ta' trasport ferrovjarju urban użata f'żoni urbani kbar, li timxi fuq linja separata minn sistemi oħra ta' trasport, normalment titħaddem b'enerġija elettrika u f'xi każijiet taħdem taħt l-art.
monorail	Trasport ferrovjarju ibbażat fuq linja waħda li sservi biss kemm ta' għajnuna kif ukoll ta' direzzjoni gwida għaliha stesss.
suspendedRail	Trasport ferrovjarju ibbażat fuq linja waħda, li sservi kemm ta' għajnuna kif ukoll ta' direzzjoni gwida, li minnha tiddendel vettura biex timxi tul linja ferrovjarja.
train	Trasport ferrovjarju li s-soltu jikkonsisti f'żewġ linji paralleli li fuqhom vettura mekkanizzata jew makna ta' ferrovija jiġbdu serje ta' vetturi biex jitmexxew tul linja ferrovjarja għall-ġarr ta' merkanzija jew passiġġieri minn destinazzjoni għal oħra.
tramway	Sistema ta' trasport ferrovjarju użata f'żoni urbani, li sikwit tgħaddi minn livelli tat-triq, u taqsam l-ispazju tat-triq mat-traffiku ta' vetturi u nies bil-pass. Linji tat-tram normalment jitħaddmu bl-elettriċità.

▼B

7.6.3.3. Użu Ferrovjarju (RailwayUseValue)

L-użi possibbli tar-rotot ferrovjarji.

▼M2

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu l-valuri fit-tabella ta' hawn taħt biss.

▼M1

►M2 Valuri għal-lista ta' kodiċijiet ◄ RailwayUseValue

Valur	Definizzjoni
cargo	L-użu ferrovjarju huwa esklussivament għal operazzjonijiet merkantili.
carShuttle	L-użu ferrovjarju huwa esklussivament għal trasport ta' vetturi.
mixed	L-użu ferrovjarju mħallat. Jintuża għat-trasport ta' passiġġieri u merkantili.
passengers	L-użu ferrovjarju huwa esklussivament għat-trasport ta' passiġġieri.

▼B

7.7. **Netwerk ta' Trasport bit-Triq**

7.7.1. *Tipi ta' Oġġetti Ġeografiċi*

It-tipi ta' oġġetti ġeografiċi li ġejjin għandhom jintużaw għall-iskambju u l-klassifikazzjoni ta' oġġetti ġeografiċi relatati man-Netwerk ta' Trasport bit-Triq:

— Triq-E

▼B

— Forma tal-Mogħdija

— Klassi tat-Triq Funzjonali

— Għadd ta' Korsiji

— Triq

— Erja tat-Triq

— Link tat-Toroq

— Sekwenza ta' Links tat-Toroq

— Isem it-Triq

— Nodu tat-Triq

— Erja ta' Servizz fit-Triq

— Tip ta' Servizz fit-Triq

— Kategorija tas-Superfiċje tat-Triq

— Wisa' tat-Triq

— Limitu tal-Veloċità

— Erja tat-Traffiku tal-Vetturi

7.7.1.1. Triq-E (ERoad)

Ġabra ta' sekwenzi ta' links tat-toroq u jew links tat-toroq individwali li jirrappreżentaw rotta li hi parti min-netwerk internazzjonali tat-toroq-E, karatterizzata min-numru tar-rotta Ewropew tagħha.

Dan it-tip huwa subtip ta' TransportLinkSet.

Attributi tal-oġġett ġeografiku tat-tip ERoad

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
europeanRouteNumber	Kodiċi, li jidentifika r-rotta fin-netwerk internazzjonali tat-toroq-E. Il-kodiċi dejjem jibda bl-ittra "E", segwit minn numru b'ċifra waħda, żewġ ċifri jew tliet ċifri.	CharacterString	voidable

7.7.1.2. Forma Tal-Mogħdija (FormOfWay)

Klassifikazzjoni bbażata fuq il-proprjetajiet fiżiċi tal-Link tat-Toroq.

Dan it-tip huwa subtip ta' TransportProperty.

Attributi tal-oġġett ġeografiku tat-tip FormOfWay

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
formOfWay	Il-forma fiżika tal-mogħdija.	FormOfWayValue	

Limitazzjonijiet tal-oġġett ġeografiku tat-tip FormOfWay

Din il-proprjetà tista' tiġi assoċjata biss ma' oġġett ġeografiku li hu parti min-netwerk ta' trasport bit-triq.

▼B

7.7.1.3. Klassi tat-Triq Funzjonali (FunctionalRoadClass)

Klassifikazzjoni bbażata fuq l-importanza tar-rwol li t-triq għandha fin-netwerk tat-toroq.

Dan it-tip huwa subtip ta' TransportProperty.

Attributi tal-oġġett ġeografiku tat-tip FunctionalRoadClass

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
functionalClass	Il-grad funzjonali tal-link tat-toroq fin-netwerk tat-toroq.	FunctionalRoadClassValue	

Limitazzjonijiet tal-oġġett ġeografiku tat-tip FunctionalRoadClass

Din il-proprjetà tista' tiġi assoċjata biss ma' oġġett ġeografiku li hu parti min-netwerk ta' trasport bit-triq.

7.7.1.4. Għadd Ta' Korsiji (NumberOfLanes)

L-għadd ta' korsiji ta' element tat-triq.

Dan it-tip huwa subtip ta' TransportProperty.

Attributi tal-oġġett ġeografiku tat-tip NumberOfLanes

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
direction	Jindika għal liema direzzjoni huwa validu l-għadd ta' korsiji.	LinkDirectionValue	voidable
minMaxNumberOfLanes	Jindika jekk l-għadd ta' korsiji jintgħaddx bħala valur minimu jew massimu.	MinMaxLaneValue	voidable
numberOfLanes	Għadd ta' korsiji.	Integer	

Limitazzjonijiet tal-oġġett ġeografiku tat-tip NumberOfLanes

Din il-proprjetà tista' tiġi assoċjata biss ma' oġġett ġeografiku li hu parti min-netwerk ta' trasport bit-triq.

7.7.1.5. Triq (Road)

Ġabra ta' sekwenzi ta' links tat-toroq u/jew links tat-toroq individwali li huma karatterizzati minn identifikatur tematiku wieħed jew iżjed u/jew proprjetà tematika waħda jew iżjed.

Dan it-tip huwa subtip ta' TransportLinkSet.

Attributi tal-oġġett ġeografiku tat-tip Road

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
localRoadCode	Kodiċi ta' identifikazzjoni assenjat lit-triq mill-awtorità lokali tat-toroq.	CharacterString	voidable
nationalRoadCode	In-numru nazzjonali tat-triq.	CharacterString	voidable

7.7.1.6. Erja tat-Triq (RoadArea)

Superfiċje li testendi sal-limiti ta' triq, u tinkludi żoni għall-vetturi u partijiet oħra tagħha.

Dan it-tip huwa subtip ta' TransportArea.

▼B

7.7.1.7. Link tat-Toroq (RoadLink)

Oġġett ġeografiku lineari li jiddeskrivi l-ġeometrija u l-konnettività ta' netwerk tat-toroq bejn żewġ punti fin-netwerk. Il-links tat-toroq jistgħu jirrappreżentaw mogħdijiet, toroq għar-roti, karreġġjati singli, toroq b'karreġġjati multipli u anke trajettorji fittizji min-naħa għall-oħra ta' kwadrati tat-traffiku.

Dan it-tip huwa subtip ta' TransportLink.

7.7.1.8. Sekwenza ta' Links tat-toroq (RoadLinkSequence)

Oġġett ġeografiku lineari, magħmul minn ġabra organizzata ta' links tat-toroq, li jirrappreżenta mogħdija kontinwa f'netwerk tat-toroq mingħajr ebda fergħa. L-element għandu bidu u tmiem definiti u kull pożizzjoni fis-sekwenza ta' links tat-toroq hija identifikabbli ma' parametru wieħed bħat-tul. Jiddeskrivi element ta' netwerk tat-toroq, karatterizzat minn identifikatur tematiku wieħed jew iżjed u/jew proprjetà tematika waħda jew iżjed.

Dan it-tip huwa subtip ta' TransportLinkSequence.

7.7.1.9. Isem it-Triq (RoadName)

Isem it-triq, kif assenjat mill-awtorità responsabbli.

Dan it-tip huwa subtip ta' TransportProperty.

Attributi tal-oġġett ġeografiku tat-tip RoadName

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
name	Isem it-triq.	GeographicalName	

Limitazzjonijiet tal-oġġett ġeografiku tat-tip RoadName

Din il-proprjetà tista' tiġi assoċjata biss ma' oġġett ġeografiku li hu parti min-netwerk ta' trasport bit-triq.

7.7.1.10. Nodu tat-Triq (RoadNode)

Oġġett ġeografiku ta' punt li jew jintuża biex jirrappreżenta konnettività bejn żewġ links tat-toroq jew biex jirrappreżenta oġġett ġeografiku sinifikanti bħal stazzjon tas-servizzi jew roundabout.

Dan it-tip huwa subtip ta' TransportNode.

Attributi tal-oġġett ġeografiku tat-tip RoadNode

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
formOfRoadNode	Deskrizzjoni tal-funzjoni ta' nodu tat-triq fin-netwerk ta' trasport bit-triq.	FormOfRoadNodeValue	voidable

7.7.1.11. Erja ta' Servizz fit-Triq (RoadServiceArea)

Superfiċje annessa ma' triq u maħsuba biex toffri servizzi partikolari għaliha.

Dan it-tip huwa subtip ta' TransportArea.

7.7.1.12. Tip ta' Servizz fit-Triq (RoadServiceType)

Deskrizzjoni tat-tip ta' erja ta' servizz fit-triq u tal-faċilitajiet disponibbli.

Dan it-tip huwa subtip ta' TransportProperty.

▼B

Attributi tal-oġġett ġeografiku tat-tip RoadServiceType

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
availableFacility	Faċilità li hi disponibbli għal erja partikolari ta' servizz fit-triq.	ServiceFacilityValue	
type	Tip ta' erja ta' servizz fit-triq.	RoadServiceTypeValue	

Limitazzjonijiet tal-oġġett ġeografiku tat-tip RoadServiceType

Din il-proprjetà tista' tiġi assoċjata biss ma' oġġett ġeografiku tat-tip RoadServiceArea jew RoadNode (meta formOfRoadNode=roadServiceArea).

7.7.1.13. Kategorija ta' Superfiċje tat-Triq (RoadSurfaceCategory)

L-ispeċifikazzjoni tal-istat tas-superfiċje tal-Element tat-Triq assoċjat. Jindika jekk it-triq hijiex iċċangata jew le.

Dan it-tip huwa subtip ta' TransportProperty.

Attributi tal-oġġett ġeografiku tat-tip RoadSurfaceCategory

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
surfaceCategory	Tip ta' superfiċje tat-triq.	RoadSurfaceCategoryValue	

Limitazzjonijiet tal-oġġett ġeografiku tat-tip RoadSurfaceCategory

Din il-proprjetà tista' tiġi assoċjata biss ma' oġġett ġeografiku li hu parti min-netwerk ta' trasport bit-triq.

7.7.1.14. Il-Wisa’ tat-Triq (RoadWidth)

Il-wisa’ tat-triq, imkejla bħala valur medju.

Dan it-tip huwa subtip ta' TransportProperty.

Attributi tal-oġġett ġeografiku tat-tip RoadWidth

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
measuredRoadPart	Jindika għal liema parti tat-triq japplika l-valur tal-attribut “width”.	RoadPartValue	voidable
width	Il-valur tal-wisa’ tat-triq.	Measure	

Limitazzjonijiet tal-oġġett ġeografiku tat-tip RoadWidth

Din il-proprjetà tista' tiġi assoċjata biss ma' oġġett ġeografiku li hu parti min-netwerk ta' trasport bit-triq.

7.7.1.15. Limitu tal-Veloċità (SpeedLimit)

Il-limitu għall-veloċità ta' vettura fuq triq.

Dan it-tip huwa subtip ta' TransportProperty.

Attributi tal-oġġett ġeografiku tat-tip SpeedLimit

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
areaCondition	Il-limitu tal-veloċità jiddependi fuq ċirkostanzi ambjentali.	AreaConditionValue	voidable

▼B

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
direction	Jindika għal liema direzzjoni huwa validu l-limitu ta' veloċità.	LinkDirectionValue	voidable
laneExtension	L-għadd ta' korsiji (inkluża l-korsija tal-bidu) li għalihom japplika l-limitu tal-veloċità.	Integer	voidable
speedLimitMinMaxType	Jindika jekk il-limitu tal-veloċità huwiex massimu jew minimu u jekk huwiex irrakkomandat.	SpeedLimitMinMaxValue	
speedLimitSource	Sors għal-limitu tal-veloċità.	SpeedLimitSourceValue	voidable
speedLimitValue	Valur għal-limitu tal-veloċità.	Velocity	
startLane	Indiċi tal-korsija tal-bidu li għaliha japplika l-limitu tal-veloċità. Għall-pajjiżi bit-traffiku fuq in-naħa tal-lemin, l-indiċi 1 jirreferi għall-korsija li tiġi l-aktar fil-lemin u l-indiċi huwa inkrimentat lejn ix-xellug; Għall-pajjiżi bit-traffiku fuq in-naħa tax-xellug, l-indiċi 1 jirreferi għall-korsija li tiġi l-aktar fix-xellug u l-indiċi huwa inkrimentat lejn ix-xellug.	Integer	voidable
validityPeriod	Il-perjodu li matulu huwa validu l-limitu tal-veloċità.	TM_Period	voidable
vehicleType	It-tip ta' vettura li għaliha hu ristrett il-limitu ta' veloċità.	VehicleTypeValue	voidable
weatherCondition	Il-kundizzjoni tat-temp li jiddependi fuqha l-limitu tal-veloċità.	WeatherConditionValue	voidable

Limitazzjonijiet tal-oġġett ġeografiku tat-tip SpeedLimit

Din il-proprjetà tista' tiġi assoċjata biss ma' oġġett ġeografiku li hu parti min-netwerk ta' trasport bit-triq.

7.7.1.16. Erja tat-Traffiku tal-Vetturi (VehicleTrafficArea)

Superfiċje li tirrappreżenta l-parti ta' triq li tintuża għat-traffiku normali ta' vetturi.

Dan it-tip huwa subtip ta' TransportArea.

7.7.2. *Enumerazzjonijiet*

7.7.2.1. Klassi tat-Triq Funzjonali (FunctionalRoadClassValue)

Valuri għall-klassifikazzjoni tat-triq funzjonali. Din il-klassifikazzjoni hi bbażata fuq l-importanza tar-rwol li għandha t-triq fin-netwerk tat-toroq.

Valuri permessi għall-enumerazzjoni FunctionalRoadClassValue

Valur	Definizzjoni
mainRoad	It-toroq l-iżjed importanti f'netwerk partikolari.
firstClass	It-toroq li jiġu t-tieni fl-importanza f'netwerk partikolari.

▼B

Valur	Definizzjoni
secondClass	It-toroq li jiġu t-tielet fl-importanza f'netwerk partikolari.
thirdClass	It-toroq li jiġu r-raba' fl-importanza f'netwerk partikolari.
fourthClass	It-toroq li jiġu l-ħames fl-importanza f'netwerk partikolari.
fifthClass	It-toroq li jiġu s-sitta fl-importanza f'netwerk partikolari.
sixthClass	It-toroq li jiġu s-seba' fl-importanza f'netwerk partikolari.
seventhClass	It-toroq li jiġu t-tmienja fl-importanza f'netwerk partikolari.
eighthClass	It-toroq li jiġu d-disa' fl-importanza f'netwerk partikolari.
ninthClass	It-toroq l-inqas importanti f'netwerk partikolari.

7.7.2.2. Għadd Minimu Jew Massimu ta' Korsiji (MinMaxLaneValue)

Valuri biex jindikaw jekk l-għadd ta' korsiji jintgħaddx bħala għadd massimu, minimu jew medju.

Valuri permessi għall-enumerazzjoni MinMaxLaneValue

Valur	Definizzjoni
maximum	L-għadd ta' korsiji huwa l-valur massimu għal parti partikolari tan-netwerk tat-toroq.
minimum	L-għadd ta' korsiji huwa l-valur minimu għal parti partikolari tan-netwerk tat-toroq.
average	L-għadd ta' korsiji huwa l-valur medju għal parti partikolari tan-netwerk tat-toroq.

7.7.2.3. In-Natura tal-Limitu tal-Veloċità (SpeedLimitMinMaxValue)

Valuri possibbli biex jindikaw in-natura tal-limitu tal-veloċità.

Valuri permessi għall-enumerazzjoni SpeedLimitMinMaxValue

Valur	Definizzjoni
maximum	Il-limitu tal-veloċità huwa valur massimu
minimum	Il-limitu tal-veloċità huwa valur minimu
recommendedMaximum	Il-limitu tal-veloċità huwa valur massimu rrakkomandat
recommendedMinimum	Il-limitu tal-veloċità huwa valur minimu rrakkomandat

7.7.3. *Listi ta' Kodiċijiet*

7.7.3.1. Kundizzjoni taż-Żona (AreaConditionValue)

Restrizzjoni fuq il-limitu tal-veloċità skont iż-żona.

▼M2

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu l-valuri fit-tabella ta' hawn taħt biss.

▼M1

►M2 Valuri għal-lista ta' kodiċijiet ◄ AreaConditionValue

Valur	Definizzjoni
inNationalPark	Restrizzjoni tal-limitu tal-veloċità f'park nazzjonali.
insideCities	Restrizzjoni tal-limitu tal-veloċità f'ibliet.
nearRailroadCrossing	Restrizzjoni tal-limitu tal-veloċità qrib qsim bejn linja ferrovjarja u triq.
nearSchool	Restrizzjoni tal-limitu tal-veloċità qrib skola.
outsideCities	Restrizzjoni tal-limitu tal-veloċità barra mill-ibliet.
trafficCalmingArea	Restrizzjoni tal-limitu tal-veloċità f'żona għall-moderazzjoni tat-traffiku.

▼B

7.7.3.2. Nodu Tal-Forma tat-Triq (FormOfRoadNodeValue)

Funzjonijiet tan-nodi tat-toroq.

▼M2

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu l-valuri fit-tabella ta' hawn taħt biss.

▼M1

►M2 Valuri għal-lista ta' kodiċijiet ◄ FormOfRoadNodeValue

Valur	Definizzjoni
enclosedTrafficArea	In-nodu tat-triq jinsab ġewwa u/jew jirrappreżenta żona tat-traffiku magħluqa. Żona tat-traffiku hija żona b'ebda struttura interna ta' direzzjonijiet tas-sewqan definiti legalment. Mill-anqas żewġ triqat ikunu konnessi maż-żona.
junction	Nodu tat-toroq fejn jingħaqdu tliet links tat-toroq jew aktar.
levelCrossing	Nodu tat-triq fejn in-netwerk tat-toroq jinqasam minn ferrovija fl-istess livell.
pseudoNode	Żewġ links tat-toroq jingħaqdu eżatt man-nodu tat-triq.
roadEnd	Link tat-toroq waħda biss tingħaqad man-nodu tat-triq. Tfisser it-tarf ta' triq.
roadServiceArea	Wiċċ anness ma' triq u maħsub biex joffri servizzi partikulari għaliha.
roundabout	In-nodu tat-triq jirrappreżenta jew ikun jagħmel parti minn roundabout. Roundabout hija triq li tifforma ċirku li madwaru jitħalla jgħaddi traffiku li jkun sejjer f'direzzjoni waħda biss.
trafficSquare	In-nodu tat-triq ikun jinsab ġewwa u/jew jirrappreżenta pjazza għat-traffiku. Pjazza għat-traffiku hija żona magħluqa (parzjalment) minn triqat li tintuża għall-għanijiet mhux tat-traffiku u li ma tkunx roundabout.

▼B

7.7.3.3. Forma Tal-Mogħdija (FormOfWayValue)

Klassifikazzjoni bbażata fuq il-proprjetajiet fiżiċi tal-link tat-toroq.

▼M2

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu l-valuri fit-tabella ta' hawn taħt biss.

▼M1

►M2 Valuri għal-lista ta' kodiċijiet ◄ FormOfWayValue

Valur	Definizzjoni
bicycleRoad	Triq fejn il-biċikletti jkunu l-uniċi vetturi li jistgħu jitħallew fiha.
dualCarriageway	Triq b'karreġġjati fiżikament separati irrispettivament mill-għadd ta' korsiji, li ma tkunx awtostrada jew triq bil-karatteristiċi ta' awtostrada.
enclosedTrafficArea	Żona mingħajr struttura interna ta' direzzjonijiet ta' sewqan legalment definiti. Mill-anqas żewġ toroq ikunu magħqudin ma' din iż-żona.
entranceOrExitCarPark	Triq imfassla speċjalment għal dħul u ħruġ f'żona ta' parkeġġ.
entranceOrExitService	Triq użata biss għal dħul jew ħruġ minn servizz.
freeway	Triq mingħajr qsim f'livell wieħed ma' toroq oħra.
motorway	Triq li għaliha ġeneralment japplikaw regolamenti dwar dħul u użu. Ikollha żewġ karreġġjati jew aktar separati l-aktar fiżikament u mingħajr ebda qsim fl-istess livell.
pedestrianZone	Żona b'netwerk ta' toroq imfasslin l-aktar għall-użu pedonali.
roundabout	Triq li tifforma ċirku li madwaru jitħalla jgħaddi traffiku li jkun sejjer f'direzzjoni waħda biss.
serviceRoad	Triq li tkun parallela ma' triq u maħsuba biex tgħaqqad triq b'funzjoni relattivament għolja ta' konnettività ma' toroq b'funzjoni baxxa ta' konnettività.
singleCarriageway	Triq fejn it-traffiku ma jkunx separat minn kwalunkwe oġġett fiżiku.
slipRoad	Triq imfassla l-aktar għal dħul jew ħruġ minn triq
tractorRoad	Triq irranġata li tista' tintuża biss minn trattur (vettura tal-farm jew makna tal-foresti) jew minn vettura tal-art (vettura bi qtugħ ogħla mill-art, roti kbar u bl-erba' roti mekkanizzati (4-wheel drive)).
trafficSquare	Żona magħluqa (parzjalment) minn triqat li tintuża għal għanijiet mhux ta' traffiku u li ma tkunx roundabout.
walkway	Triq riżervata għal użu pedonali u magħluqa b'barriera fiżika għall-użu regolari mill-vetturi.

▼B

7.7.3.4. Parti tat-Triq (RoadPartValue)

Indikazzjoni għal liema parti tat-triq japplika l-valur tal-kejl.

▼M2

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu l-valuri fit-tabella ta' hawn taħt biss.

▼M1

►M2 Valuri għal-lista ta' kodiċijiet ◄ RoadPartValue

Valur	Definizzjoni
carriageway	Il-parti ta' triq li tkun riżervata għat-traffiku.
pavedSurface	Il-parti tat-triq li tkun pavimentata.

▼B

7.7.3.5. Tip ta' Servizz fit-Triq (RoadServiceTypeValue)

Tipi ta' żoni ta' servizzi fit-triq.

▼M2

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu l-valuri fit-tabella ta' hawn taħt biss.

▼M1

►M2 Valuri għal-lista ta' kodiċijiet ◄ RoadServiceTypeValue

Valur	Definizzjoni
busStation	Is-servizz tat-triq huwa bus stop.
parking	Iż-żona tas-servizz tat-triq hija faċilità ta' parkeġġ.
restArea	Is-servizz tat-triq huwa żona ta' mistrieħ.
toll	Żona li tipprovdi servizzi ta' tariffi bħal emittenti tal-biljetti jew jiġbor il-ħlas ta' tariffi.

▼B

7.7.3.6. Kategorija tas-Superfiċje tat-Triq (RoadSurfaceCategoryValue)

Valuri biex jindikaw jekk triq hijiex iċċangata jew le.

▼M2

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu l-valuri fit-tabella ta' hawn taħt biss.

▼M1

►M2 Valuri għal-lista ta' kodiċijiet ◄ RoadSurfaceCategory-Value

Valur	Definizzjoni
paved	Triq b'wiċċ pavimentat iebes.
unpaved	Triq mhux pavimentata.

▼B

7.7.3.7. Faċilità ta' Servizz (ServiceFacilityValue)

Faċilitajiet ta' servizz possibbli disponibbli f'erja ta' servizz fit-triq.

▼M2

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu l-valuri fit-tabella ta' hawn taħt biss.

▼M1

►M2 Valuri għal-lista ta' kodiċijiet ◄ ServiceFacilityValue

Valur	Definizzjoni
drinks	Xorb huwa disponibbli.
food	Ikel huwa disponibbli.
fuel	Fjuwil huwa disponibbli.
picnicArea	Hemm żona tal-piknik.
playground	Hemm żona tal-playground.
shop	Hemm ħanut.
toilets	Hemm tojlets.

▼B

7.7.3.8. Sors tal-Limitu tal-Veloċità (SpeedLimitSourceValue)

Sorsi possibbli għal-limiti tal-veloċità.

▼M2

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu l-valuri fit-tabella ta' hawn taħt biss.

▼M1

►M2 Valuri għal-lista ta' kodiċijiet ◄ SpeedLimitSourceValue

Valur	Definizzjoni
fixedTrafficSign	Sors huwa sinjal fiss tat-traffiku (ordni amministrattiva spċeċifika għal sit, limitu ta' veloċità speċifikat).
regulation	Sors huwa regolament (regolament nazzjonali jew "limitu impliċitu ta' veloċità").
variableTrafficSign	Sors huwa sinjal varjabbli tat-traffiku.

▼B

7.7.3.9. Tip ta' Vettura (VehicleTypeValue)

Tipi possibbli ta' vetturi.

▼M2

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu l-valuri fit-tabella ta' hawn taħt biss.

▼M1

►M2 Valuri għal-lista ta' kodiċijiet ◄ VehicleTypeValue

Valur	Definizzjoni
allVehicle	Kull vettura, mhux inkluż nies bil-pass.
bicycle	Vettura b'żewġ roti misjuqa bil-pedali.
carWithTrailer	Karozza għall-passiġġieri b'karru mwaħħal magħha.
deliveryTruck	Vettura trakk ta' qies relattivament żgħir, li l-użu ewlieni tagħha jkun il-konsenja ta' oġġetti u materjalli.

▼M1

Valur	Definizzjoni
emergencyVehicle	Vettura għal użu għal sejħa ta' emerġenza, inkluża iżda mhux biss tal-pulizija, ambulanza u għat-tifi tan-nar.
employeeVehicle	Vettura mħaddma minn impjegat ta' organizzazzjoni li tintuża skont il-proċeduri ta' dik l-organizzazzjoni.
facilityVehicle	Vettura mogħtija għal żona lokalizzata f'qasam immobiljari privat jew ristrett.
farmVehicle	Vettura komunement assoċjata ma' attivitajiet ta' biedja.
highOccupancyVehicle	Vettura li fiha joqogħdu għadd ta' nies li jkun jaqbel mal-għadd minimu speċifikat ta' passiġġieri (jew li jkun jaqbżu).
lightRail	Vettura ta' trasport bħal tren limitata għal netwerk ferrovjarju f'żona limitata.
mailVehicle	Vettura li tiġbor, iġġorr jew twassal il-posta.
militaryVehicle	Vettura awtorizzata minn awtorità militari.
moped	Vettura b'żewġ jew tliet roti mgħammra b'makna ta' kombustjoni interna, ta' qies anqas minn 50 cc u ta' veloċità massima li ma taqbiżx il-45 km/h (28 mph).
motorcycle	Vettura b'żewġ jew tliet roti mgħammra b'makna ta' kombustjoni interna, ta' qies anqas minn 50 cc u ta' veloċità massima li taqbeż il-45 km/h (28 mph).
passengerCar	Vettura żgħira mfassla għal trasport privat tan-nies.
pedestrian	Persuna bil-pass.
privateBus	Vettura mfassla għat-trasport ta' gruppi kbar ta' nies, ta' proprjetà privata jew mikrija.
publicBus	Vettura mfassla għat-trasport ta' gruppi kbar ta' nies li ġeneralment tkun ikkaratterizzata minn rotot u skedi ppubblikati.
residentialVehicle	Vettura li s-sid tagħha jkun residenti (jew mistieden) fi triq partikulari jew żona f'belt.
schoolBus	Vettura mħaddma f'isem skola għat-trasport ta' studenti.
snowChainEquippedVehicle	Kull vettura mgħammra bi ktajjen għall-borra.
tanker	Trakk b'aktar minn żewġ fusijiet użat għall-ġarr ta' tagħbijiet likwidi jew gass bil-massa.
taxi	Vettura liċenzjata għall-kiri, normalment mgħammra b'arloġġ.

▼M1

Valur	Definizzjoni
transportTruck	Vettura trakk għall-ġarr ta' oġġetti fit-tul.
trolleyBus	Vettura qisha xarabank għat-trasport tal-massa mqabbda ma' netwerk elettriku għall-provvista ta' enerġija.
vehicleForDisabledPerson	Vettura li jkollha identifikazzjoni li turi li tkun magħmula għal persuni b'diżabilità.
vehicleWithExplosiveLoad	Vettura għall-ġarr ta' tagħbija ta' merkanzija ta' esplossivi.
vehicleWithOtherDangerousLoad	Vettura għall-ġarr ta' tagħbija ta' merkanzija perikoluża, barra minn tagħbijiet ta' esplossivi u kontaminanti tal-ilma.
vehicleWithWaterPollutingLoad	Vettura għall-ġarr ta' tagħbija ta' merkanzija ta' kontaminanti tal-ilma.

▼B

7.7.3.10. Kundizzjoni tat-Temp (WeatherConditionValue)

Valuri biex jindikaw kundizzjonijiet tat-temp li jaffettwaw il-limiti tal-veloċità.

▼M2

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu l-valuri fit-tabella ta' hawn taħt biss.

▼M1

►M2 Valuri għal-lista ta' kodiċijiet ◄ WeatherConditionValue

Valur	Definizzjoni
fog	Il-veloċità tapplika meta jkun iċ-ċpar.
ice	Il-veloċità tapplika meta jkun hemm is-silġ.
rain	Il-veloċità tapplika meta tkun ix-xita.
smog	Il-veloċità tapplika meta jkun hemm ċertu ammont ta' smog.
snow	Il-veloċità tapplika meta jkun hemm il-borra.

▼B

7.8. **Netwerk ta' Trasport bl-Ilma**

7.8.1. *Tipi ta' Oġġetti Ġeografiċi*

It-tipi ta' oġġetti ġeografiċi li ġejjin għandhom jintużaw għall-iskambju u l-klassifikazzjoni ta' oġġetti ġeografiċi relatati man-Netwerk ta' Trasport bl-Ilma:

— Beacon

— Buoy

— Klassi tas-CEMT

— Kundizzjoni tal-Faċilità tal-Ilma

— Erja tal-Kanali Navigabbli

— Qsim b'mezz ta' trasport tul korp tal-ilma

▼B

— Użu ta' mezz ta' trasport tul korp tal-ilma

— Passaġġ fuq l-Ilma Intern

— Passaġġ fuq l-Ilma Barra

— Erja tal-Port

— Nodu tal-Port

— Restrizzjoni għal Vetturi tal-Ilma

— Skema ta' Separazzjoni tat-Traffiku

— Erja ta' Skema ta' Separazzjoni tat-Traffiku

— Qsim ta' Skema ta' Separazzjoni tat-Traffiku

— Korsija ta' Skema ta' Separazzjoni tat-Traffiku

— Roundabout ta' Skema ta' Separazzjoni tat-Traffiku

— Separatur ta' Skema ta' Separazzjoni tat-Traffiku

— Sekwenza ta' Links tal-Ilma

— Nodu tal-Ilma

— Direzzjoni tal-Fluss tat-Traffiku fl-Ilma

— Passaġġ fuq l-Ilma

— Link ta' Passaġġi fuq l-Ilma

— Nodu ta' Passaġġi fuq l-Ilma

7.8.1.1. Beacon (Beacon)

Oġġett prominenti mibni speċjalment biex jifforma marka li tidher malajr bħala għajnuna fissa għan-navigazzjoni, jew għal użu f'servej idrografiku.

Dan it-tip huwa subtip ta' TransportPoint.

7.8.1.2. Baga (Buoy)

Oġġett li jżomm f'wiċċ l-ilma marbut mal-qiegħ f'post partikolari (assenjat), bħala għajnuna għan-navigazzjoni jew għal skopijiet speċifiċi oħrajn.

Dan it-tip huwa subtip ta' TransportPoint.

7.8.1.3. Klassi tas-CEMT (CEMTClass)

Il-klassifikazzjoni ta' passaġġ fuq l-ilma intern skont is-CEMT (Il-Konferenza Ewropea tal-Ministri tat-Trasport).

Dan it-tip huwa subtip ta' TransportProperty.

Attributi tal-oġġett ġeografiku tat-tip CEMTClass

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
CEMTClass	Valur li jindika l-klassifikazzjoni ta' Passaġġ fuq l-ilma intern skont is-CEMT (Il-Konferenza Ewropea tal-Ministri tat-Trasport).	CEMTClassValue	

Limitazzjonijiet tal-oġġett ġeografiku tat-tip CEMTClass

Din il-proprjetà tista' tiġi assoċjata biss ma' oġġett ġeografiku li hu parti min-netwerk ta' trasport bl-ilma.

▼B

7.8.1.4. Kundizzjoni tal-Faċilità tal-Ilma (ConditionOfWaterFacility)

L-istat ta' element fin-netwerk tat-trasport bl-ilma fir-rigward tal-kompletazzjoni u l-użu tiegħu.

Dan it-tip huwa subtip ta' ConditionOfFacility.

Limitazzjonijiet tal-oġġett ġeografiku tat-tip ConditionOfWaterFacility

Din il-proprjetà tista' tiġi assoċjata biss ma' oġġett ġeografiku li hu parti min-netwerk ta' trasport bl-ilma.

7.8.1.5. Erja tal-Kanali Navigabbli (FairwayArea)

Il-parti prinċipali ta' passaġġ fuq l-ilma li tulha jkun hemm navigazzjoni.

Dan it-tip huwa subtip ta' TransportArea.

7.8.1.6. Qsim b'mezz ta' trasport tul korp tal-ilma (FerryCrossing)

Passaġġ fuq l-ilma speċjali maħsub biex jappoġġa t-trasport ta' passiġġieri, vetturi jew merkanzija oħra tul korp tal-ilma, u li normalment jintuża bħala konnessjoni li tgħaqqad żewġ nodi jew iżjed ta' netwerk tat-trasport ibbażat fuq l-art.

Dan it-tip huwa subtip ta' Waterway.

7.8.1.7. Użu ta' mezz ta' trasport tul korp tal-ilma (FerryUse)

It-tip ta' trasport li jsir bi qsim b'mezz ta' trasport tul korp tal-ilma.

Dan it-tip huwa subtip ta' TransportProperty.

Attributi tal-oġġett ġeografiku tat-tip FerryUse

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
ferryUse	Valur li jindika t-tip ta' trasport li jsir bi qsim b'mezz ta' trasport tul korp tal-ilma.	FerryUseValue	

Limitazzjonijiet tal-oġġett ġeografiku tat-tip FerryUse

Din il-proprjetà tista' tiġi assoċjata biss ma' oġġett ġeografiku li hu parti min-netwerk ta' trasport bl-ilma.

7.8.1.8. Passaġġ fuq l-Ilma Intern (InlandWaterway)

Passaġġ fuq l-ilma li hu definit f'ilmijiet kontinentali interni.

Dan it-tip huwa subtip ta' Waterway.

7.8.1.9. Passaġġ fuq l-Ilma Baħar (MarineWaterway)

Passaġġ fuq l-ilma li hu definit f'ilmijiet tal-baħar.

Dan it-tip huwa subtip ta' Waterway.

Attributi tal-oġġett ġeografiku tat-tip MarineWaterway

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
deepWaterRoute	Attribut li jindika jekk il-passaġġ fuq l-ilma marittimu huwiex rotta fl-ilma fond.	Boolean	voidable

▼B

7.8.1.10. Erja tal-Port (PortArea)

Oġġett ġeografiku ta' erja li jintuża biex jirrappreżenta l-limiti fiżiċi tal-faċilitajiet kollha li jikkostitwixxu ż-żona terrestri ta' port tal-baħar jew intern.

Dan it-tip huwa subtip ta' TransportArea.

7.8.1.11. Nodu tal-Port (PortNode)

Oġġett ġeografiku ta' punt li jintuża biex jirrappreżenta port tal-baħar jew intern b'mod simplifikat, li jinsab bejn wieħed u ieħor max-xatt tal-korp tal-ilma fejn jinsab il-port.

Dan it-tip huwa subtip ta' WaterNode.

7.8.1.12. Restrizzjoni Għal Vetturi tal-Ilma (RestrictionForWaterVehicles)

Restrizzjoni fuq vetturi fuq element ta' trasport bl-ilma.

Dan it-tip huwa subtip ta' RestrictionForVehicles.

Limitazzjonijiet tal-oġġett ġeografiku tat-tip RestrictionForWaterVehicles

Din il-proprjetà tista' tiġi assoċjata biss ma' oġġett ġeografiku li hu parti min-netwerk ta' trasport bl-ilma.

7.8.1.13. Skema ta' Separazzjoni tat-Traffiku (TrafficSeparationScheme)

Skema li għandha l-għan li tnaqqas ir-riskju ta' kolliżjoni f'żoni b'kongestjoni tat-traffiku u/jew li jikkonverġu billi tissepara t-traffiku li jimxi f'direzzjonijiet opposti, jew kważi opposti.

Dan it-tip huwa astratt.

Rwoli ta' assoċjazzjoni tal-oġġett ġeografiku tat-tip TrafficSeparationScheme

Rwol ta' assoċjazzjoni	Definizzjoni	Tip	Voidability
component	Komponent ta' skema ta' separazzjoni tat-traffiku.	TrafficSeparationSchemeArea	
marineWaterRoute	Il-ġabra ta' passaġġi fuq l-ilma baħar assoċjata ma' skema ta' separazzjoni tat-traffiku.	MarineWaterway	
markerBeacon	Markatur li jifforma parti minn skema ta' separazzjoni tat-traffiku.	Beacon	
markerBuoy	Markatur li jifforma parti minn skema ta' separazzjoni tat-traffiku.	Buoy	

7.8.1.14. Erja ta' Skema ta' Separazzjoni tat-Traffiku (TrafficSeparationSchemeArea)

Oġġett ġeografiku tal-erja li jifforma parti minn skema ta' separazzjoni tat-traffiku.

Dan it-tip huwa subtip ta' TransportArea.

Dan it-tip huwa astratt.

▼B

7.8.1.15. Qsim ta' Skema ta' Separazzjoni tat-Traffiku (TrafficSeparationSchemeCrossing)

Erja definita fejn korsiji tat-traffiku jaqsmu ’l xulxin.

Dan it-tip huwa subtip ta' TrafficSeparationSchemeArea.

7.8.1.16. Korsija ta' Skema ta' Separazzjoni tat-Traffiku (TrafficSeparationSchemeLane)

Erja f’limiti definiti fejn jiġi stabbilit il-fluss tat-traffiku f’direzzjoni waħda.

Dan it-tip huwa subtip ta' TrafficSeparationSchemeArea.

7.8.1.17. Roundabout ta' Skema ta' Separazzjoni tat-Traffiku (TrafficSeparationSchemeRoundabout)

Skema ta' separazzjoni tat-traffiku fejn it-traffiku jimxi f’direzzjoni bil-maqlub madwar punt jew żona speċifikati.

Dan it-tip huwa subtip ta' TrafficSeparationSchemeArea.

7.8.1.18. Separatur ta' Skema ta' Separazzjoni tat-Traffiku (TrafficSeparationSchemeSeparator)

Żona li tissepara l-korsiji fejn bastimenti jkunu qegħdin jipproċedu f’direzzjonijiet opposti jew kważi opposti; jew li tissepara korsiji tat-traffiku dežinjati għal klassijiet partikolari ta' bastimenti li qegħdin jipproċedu fl-istess direzzjoni.

Dan it-tip huwa subtip ta' TrafficSeparationSchemeArea.

7.8.1.19. Sekwenza ta' Links tal-Ilma (WaterLinkSequence)

Oġġett ġeografiku lineari, kompost minn ġabra organizzata ta' links ta' passaġġi fuq l-ilma u/jew links ta' kanali tal-ilma (kif neċessarju), li jirrappreżenta mogħdija kontinwa fin-netwerk tal-ilma mingħajr ebda fergħa.

Dan it-tip huwa subtip ta' TransportLinkSequence.

7.8.1.20. Nodu tal-Ilma (WaterNode)

Oġġett ġeografiku ta' punt li jintuża biex jirrappreżenta l-konnettività bejn żewġ links differenti ta' passaġġi fuq l-ilma, jew bejn link ta' passaġġ fuq l-ilma u link ta' kanal tal-ilma, fin-netwerk ta' trasport bl-ilma.

Dan it-tip huwa subtip ta' TransportNode.

Dan it-tip huwa astratt.

7.8.1.21. Direzzjoni tal-Fluss tat-Traffiku fl-Ilma (WaterTrafficFlowDirection)

Jindika d-direzzjoni tal-fluss tat-traffiku tat-trasport fl-ilma fir-rigward tad-direzzjoni tal-vettur tal-link tat-trasport bl-ilma.

Dan it-tip huwa subtip ta' TrafficFlowDirection.

Limitazzjonijiet tal-oġġett ġeografiku tat-tip WaterTrafficFlowDirection

Din il-proprjetà tista' tiġi assoċjata biss ma' oġġett ġeografiku li hu parti min-netwerk ta' trasport bl-ilma.

▼B

7.8.1.22. Passaġġ fuq l-Ilma (Waterway)

Ġabra ta' sekwenzi ta' links tal-ilma u jew passaġġi fuq l-ilma individwali u/jew links ta' kanali tal-ilma (kif neċessarju) li huma karatterizzati minn identifikatur tematiku wieħed jew iżjed u/jew proprjetà tematika waħda jew iżjed, li jiffurmaw rotta navigabbli fi ħdan korp tal-ilma (oċeani, ibħra, xmajjar, lagi jew kanali).

Dan it-tip huwa subtip ta' TransportLinkSet.

Dan it-tip huwa astratt.

7.8.1.23. Link ta' Passaġġ fuq l-Ilma (WaterwayLink)

Oġġett ġeografiku lineari li jiddeskrivi l-ġeometrija jew il-konnettività tan-netwerk ta' trasport bl-ilma bejn żewġ nodi konsekuttivi ta' passaġġi fuq l-ilma jew ta' kanali tal-ilma. Jirrappreżenta taqsima lineari tul korp tal-ilma li tintuża għat-trasport marittimu.

Dan it-tip huwa subtip ta' TransportLink.

7.8.1.24. Nodu ta' Passaġġi fuq l-Ilma (WaterwayNode)

Oġġett ġeografiku ta' punt li jintuża biex jirrappreżenta l-konnettività bejn żewġ links differenti ta' passaġġi fuq l-ilma, jew bejn link ta' passaġġ fuq l-ilma u link ta' kanal tal-ilma, fin-netwerk ta' trasport bl-ilma.

Dan it-tip huwa subtip ta' WaterNode.

Attributi tal-oġġett ġeografiku tat-tip WaterwayNode

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
formOfWaterwayNode	Deskrizzjoni tal-funzjoni ta' nodu ta' passaġġ fuq l-ilma fin-netwerk ta' trasport bl-ilma.	FormOfWaterwayNodeValue	voidable

7.8.2. *Enumerazzjonijiet*

7.8.2.1. Klassi tas-CEMT (CEMTClassValue)

Klassifikazzjoni ta' passaġġ fuq l-ilma intern skont is-CEMT (il-Konferenza Ewropea tal-Ministri tat-Trasport) ir-Riżoluzzjoni Nru 92/2.

Valuri permessi għall-enumerazzjoni CEMTClassValue

Valur	Definizzjoni
I	Passaġġ fuq l-ilma intern li jappartjeni għall-klassi I-CEMT, iddefinit mill-Konferenza Ewropea tal-Ministri tat-Trasport, ir-Riżoluzzjoni Nru 92/2 - Tabella 1.
II	Passaġġ fuq l-ilma intern li jappartjeni għall-klassi II-CEMT, iddefinit mill-Konferenza Ewropea tal-Ministri tat-Trasport, ir-Riżoluzzjoni Nru 92/2 - Tabella 1.
III	Passaġġ fuq l-ilma intern li jappartjeni għall-klassi III-CEMT, iddefinit mill-Konferenza Ewropea tal-Ministri tat-Trasport, ir-Riżoluzzjoni Nru 92/2 - Tabella 1.
IV	Passaġġ fuq l-ilma intern li jappartjeni għall-klassi IV-CEMT, iddefinit mill-Konferenza Ewropea tal-Ministri tat-Trasport, ir-Riżoluzzjoni Nru 92/2 - Tabella 1.

▼B

Valur	Definizzjoni
Va	Passaġġ fuq l-ilma intern li jappartjeni għall-klassi Va-CEMT, iddefinit mill-Konferenza Ewropea tal-Ministri tat-Trasport, ir-Riżoluzzjoni Nru 92/2 - Tabella 1.
Vb	Passaġġ fuq l-ilma intern li jappartjeni għall-klassi Vb-CEMT, iddefinit mill-Konferenza Ewropea tal-Ministri tat-Trasport, ir-Riżoluzzjoni Nru 92/2 - Tabella 1.
VIa	Passaġġ fuq l-ilma intern li jappartjeni għall-klassi VIa-CEMT, iddefinit mill-Konferenza Ewropea tal-Ministri tat-Trasport, ir-Riżoluzzjoni Nru 92/2 - Tabella 1.
VIb	Passaġġ fuq l-ilma intern li jappartjeni għall-klassi VIb-CEMT, iddefinit mill-Konferenza Ewropea tal-Ministri tat-Trasport, ir-Riżoluzzjoni Nru 92/2 - Tabella 1.
VIc	Passaġġ fuq l-ilma intern li jappartjeni għall-klassi VIc-CEMT, iddefinit mill-Konferenza Ewropea tal-Ministri tat-Trasport, ir-Riżoluzzjoni Nru 92/2 - Tabella 1.
VII	Passaġġ fuq l-ilma intern li jappartjeni għall-klassi VII-CEMT, iddefinit mill-Konferenza Ewropea tal-Ministri tat-Trasport, ir-Riżoluzzjoni Nru 92/2 - Tabella 1.

7.8.3. *Listi ta' Kodiċijiet*

7.8.3.1. Użu tal-Laneċ (FerryUseValue)

It-tipi ta' trasport li jitwettaq minn lanċa.

▼M2

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu l-valuri fit-tabella ta' hawn taħt biss.

▼M1

►M2 Valuri għal-lista ta' kodiċijiet ◄ FerryUseValue

Valur	Definizzjoni
cars	Feri li ġġorr karozzi.
other	Feri li ġġorr għamliet oħra ta' trasport barra minn tal-passiġġieri, karozzi, trakkijiet jew treni.
passengers	Feri li ġġorr passiġġieri.
train	Feri li ġġorr treni.
trucks	Feri li ġġorr trakkijiet.

▼B

7.8.3.2. Nodu tal-Forma tal-Passaġġ fuq l-Ilma (FormOfWaterwayNodeValue)

Il-funzjoni ta' Nodu ta' Passaġġ fuq l-Ilma fin-netwerk ta' trasport bl-ilma.

▼M2

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu l-valuri fit-tabella ta' hawn taħt biss.

▼M1

►M2 Valuri għal-lista ta' kodiċijiet ◄ FormOfWaterwayNode-Value

Valur	Definizzjoni
junctionFork	Elementi ta' infrastruttura fejn il-fluss tat-traffiku ta' bastimenti jaqsam fluss jew punti oħra ta' traffiku fejn flussi ta' traffiku ta' bastimenti jinfirdu jew jiltaqgħu.

▼M1

Valur	Definizzjoni
lockComplex	Magħlaq jew gruppi ta’ mgħalaq, maħsubin biex jittellgħu u jitniżżlu dgħajjes bejn meded ta’ ilma ta’ livelli differenti fi xmajjar u f’passaġġi tal-ilma.
movableBridge	Pont li jista’ jittella’ jew jiddawwar biex jitħallew jgħaddu l-vapuri.
shipLift	Makna għall-ġarr ta’ dgħajjes bejn korpi ta’ ilma f’żewġ elevazzjonijiet differenti, li tintuża minflok mgħalaq ta’ kanali.
waterTerminal	Il-lok fejn isir trażbord ta’ oġġetti.
turningBasin	Post fejn kanal jew passaġġ dejjaq tal-ilma jitwessgħu biex jitħallew iduru dgħajjes.

▼B

7.9. **Rekwiżiti Speċifiċi għal Tema**

7.9.1. *Il-konsistenza bejn settijiet ta' dejta ġeografika*

1. Nodi u rappreżentazzjonijiet ta' linji tan-nofs ta' Netwerks tat-Trasport dejjem għandhom ikunu jinsabu fil-limitu tar-rappreżentazzjoni tal-erja tal-istess oġġett.

2. Il-konnettività bejn Netwerks tat-Trasport tul limiti statali u – meta applikabbli – ukoll tul limiti reġjonali (u settijiet tad-dejta) fi ħdan Stati Membri għandhom ikunu stabbiliti u miżmuma mill-awtoritajiet rispettivi, bl-użu tal-mekkaniżmi ta' konnettività transkonfinali pprovduti mit-tip NetworkConnection

7.9.2. *L-immudellar ta' referenzi tal-oġġett*

1. Meta tintuża referenza lineari f’dejta tan-Netwerks tat-Trasport, il-pożizzjoni tal-proprjetajiet referenzjati fuq links u sekwenzi ta' links għandha tiġi espressa bħala distanzi mkejla tul il-ġeometrija pprovduta tal-oġġett(i) tal-link bażi.

2. Konnessjoni intermodali għandha dejjem tirreferi għal żewġ elementi li jappartjenu għal netwerks differenti.

7.9.3. *Rappreżentazzjoni ġeometrika*

1. It-truf ta' links tat-trasport għandhom ikunu konnessi kull meta teżisti intersezzjoni bejn il-fenomeni tad-dinja reali li jirrappreżentaw. Ma għandha tinħoloq l-ebda konnessjoni f’elementi tan-netwerk inkroċjati meta ma jkunx possibbli li tgħaddi minn element wieħed għall-ieħor.

2. F’sett tad-dejta ta' Netwerks tat-Trasport li fih in-nodi, dawn in-nodi għandhom ikunu preżenti biss fejn Links tat-Trasport jingħaqdu jew jintemmu.

7.9.4. *L-immudellar ta' referenzi tal-oġġett*

In-netwerks għat-trasport bl-ilma għandhom jerġgħu jużaw, meta din tkun teżisti u jkun prattiku, il-ġeometrija tal-linja tan-nofs tan-netwerk tal-ilma fit-Tema tal-Idrografija. Għaldaqstant, ir-referenzjar tal-oġġetti għandu jintuża biex isir il-link bejn il-fluss ta' trasport bl-ilma mal-ġeometrija eżistenti tan-netwerk tal-ilma fit-Tema tal-Idrografija.

▼B

7.9.5. *Linji Tan-nofs*

Il-linji tan-nofs ta' oġġetti tat-Triq u Ferrovjarji għandhom jaqgħu fil-limiti tal-oġġett fiżiku fid-dinja reali li jirrappreżentaw jekk il-Link ikun indikat bħala mhux "fictitious".

7.9.6. *L-iżgurar tal-Konnettività tan-Netwerk*

1. Kull meta teżisti konnessjoni f'netwerk tat-trasport, it-truf tal-links kollha konnessi u n-nodu mhux obbligatorju li jieħdu sehem f'din il-konnessjoni għandhom ikunu pożizzjonati f'distanza li tkun iżgħar mit-tolleranza tal-konnettività minn xulxin.

2. Truf tal-links u nodi li mhumiex konnessi għandhom dejjem jiġu separati b'distanza li tkun ikbar mit-tolleranza tal-konnettività.

3. F'settijiet tad-dejta fejn ikun hemm preżenti kemm links tat-trasport kif ukoll nodi, il-pożizzjoni relattiva ta' nodi u truf tal-links fir-rigward tat-tolleranza tal-konnettività speċifikata għandhom jikkorrispondu mal-assoċjazzjonijiet li jeżistu bejniethom fis-sett tad-dejta.

7.10. **Saffi**

Saffi għat-tema ta' dejta ġeografika Netwerks tat-Trasport

Tip ta' Saff	Titlu tas-Saff	Tip(i) ta' oġġett(i) ġeografiku/ġeografiċi
TN.CommonTransportElements.TransportNode	Nodu tat-Trasport Ġeneriku	TransportNode
TN.CommonTransportElements.TransportLink	Link tat-Trasport Ġeneriku	TransportLink
TN.CommonTransportElements.TransportArea	Erja tat-Trasport Ġenerika	TransportArea
TN.RoadTransportNetwork.RoadLink	Link tat-Toroq	RoadLink
TN.RoadTransportNetwork.VehicleTrafficArea	Erja tat-Traffiku tal-Vetturi	VehicleTrafficArea
TN.RoadTransportNetwork.RoadServiceArea	Erja ta' Servizz fit-Triq	RoadServiceArea
TN.RoadTransportNetwork.RoadArea	Erja tat-Triq	RoadArea
TN.RailTransportNetwork.RailwayLink	Link Ferrovjarju	RailwayLink
TN.RailTransportNetwork.RailwayStationArea	Erja ta' Stazzjon Ferrovjarja	RailwayStationArea
TN.RailTransportNetwork.RailwayYardArea	Erja ta' Depost Ferrovjarju	RailwayYardArea
TN.RailTransportNetwork.RailwayArea	Erja Ferrovjarja	RailwayArea

▼B

Tip ta' Saff	Titlu tas-Saff	Tip(i) ta' oġġett(i) ġeografiku/ ġeografiċi
TN.WaterTransportNetwork.WaterwayLink	Link ta' Passaġġi fuq l-Ilma	WaterwayLink
TN.WaterTransportNetwork.FairwayArea	Erja tal-Kanali Navigabbli	FairwayArea
TN.WaterTransportNetwork.PortArea	Erja tal-Port	PortArea
TN.AirTransportNetwork.AirLink	Link tal-Ajru	AirLink
TN.AirTransportNetwork.AerodromeArea	Erja ta' Ajrudrom	AerodromeArea
TN.AirTransportNetwork.RunwayArea	Erja tar-Runway	RunwayArea
TN.AirTransportNetwork.AirspaceArea	Żona ta' Spazju tal-Ajru	AirspaceArea
TN.AirTransportNetwork.ApronArea	Erja tar-Rampa	ApronArea
TN.AirTransportNetwork.TaxiwayArea	Erja tat-Taxiway	TaxiwayArea
TN.CableTransportNetwork.CablewayLink	Link ta' Rotta b'Kablaġġ	CablewayLink

8. IDROGRAFIJA

8.1. **Definizzjonijiet**

Minbarra d-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

— "akwifer" tfisser saff jew saffi taħt is-superfiċje ta' blat jew strata ġeoloġiċi oħra ta' porożità u permeabbiltà suffiċjenti biex jippermettu jew fluss sinifikanti ta' ilma ta' taħt l-art jew l-astrazzjoni ta' kwantitajiet sinifikanti ta' ilma ta' taħt l-art,

— "ilma ta' taħt l-art" tfisser l-ilma kollu li jinsab taħt is-superfiċje tal-art fiż-żona ta' saturazzjoni u f'kuntatt dirett mal-art jew mal-ħamrija ta' taħt l-art,

— "sottobaċir" tfisser erja ta' art li minnha l-iskol kollu tal-wiċċ jgħaddi minn serje ta' nixxigħat, xmajjar u, possibbilment, lagi għal punt partikolari fi kanal tal-ilma,

8.2. **L-istruttura tat-Tema ta' Dejta Ġeografika Idrografija**

It-tipi speċifikati għat-tema ta' dejta ġeografika Idrografija huma strutturati fil-pakketti li ġejjin:

— Bażi – Idro

— Netwerk – Idro

— Ilmijiet Fiżiċi - Idro.

▼M2

_____

▼B

8.3. **Bażi – Idro**

8.3.1. *Tipi ta' Oġġetti Ġeografiċi*

It-tipi ta' oġġetti ġeografiċi li ġejjin għandhom jintużaw għall-iskambju u l-klassifikazzjoni ta' oġġetti ġeografiċi relatati għal Bażi - Idro:

— Oġġett Idro

8.3.1.1. Oġġett Idro (HydroObject)

Bażi ta' identità għal oġġetti idrografiċi (inkużi dawk magħmula mill-bniedem) fid-dinja reali.

Dan it-tip huwa astratt.

Attributi tal-oġġett ġeografiku tat-tip HydroObject

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
geographicalName	Isem ġeografiku li jintuża biex jidentifika oġġett idrografiku fid-dinja reali. Jipprovdi "spjega" biex jiġu assoċjati impliċitament rappreżentazzjonijiet differenti tal-oġġett.	GeographicalName	voidable
hydroId	Identifikatur li jintuża biex jidentifika oġġett idrografiku fid-dinja reali. Jipprovdi "spjega" biex jiġu assoċjati impliċitament rappreżentazzjonijiet differenti tal-oġġett.	HydroIdentifier	

Rwoli ta' assoċjazzjoni tal-oġġett ġeografiku tat-tip HydroObject

Rwol ta' assoċjazzjoni	Definizzjoni	Tip	Voidability
relatedHydroObject	Oġġett idrografiku relatat li jirrappreżenta l-istess entità tad-dinja reali.	HydroObject	voidable

8.3.2. *Tipi ta' Dejta*

8.3.2.1. Identifikatur Idro (HydroIdentifier)

Identifikatur tematiku idrografiku.

Attributi tad-dejta tat-tip HydroIdentifier

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
classificationScheme	Deskrizzjoni tal-iskema ta' identifikazzjoni (Nazzjonali, Ewropea, eċċ.) li tkun qiegħda tintuża.	CharacterString	
localId	Identifikatur lokali assenjat minn xi awtorità.	CharacterString	
namespace	Indikatur tal-ambitu għall-identifikatur lokali.	CharacterString	

▼B

8.4. **Netwerk – Idro**

8.4.1. *Tipi ta' Oġġetti Ġeografiċi*

It-tipi ta' oġġetti ġeografiċi li ġejjin għandhom jintużaw għall-iskambju u l-klassifikazzjoni ta' oġġetti ġeografiċi relatati man-Netwerk - Idro:

— Nodu Idro

— Link ta' Kanali tal-Ilma

— Sekwenza ta' Links ta' Kanali tal-Ilma

— Qsim Separat ta' Kanali tal-Ilma

8.4.1.1. Nodu Idro (HydroNode)

Nodu fi ħdan netwerk idrografiku.

Dan it-tip huwa subtip ta' Node.

Dan it-tip huwa subtip ta' HydroObject.

Attributi tal-oġġett ġeografiku tat-tip HydroNode

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
hydroNodeCategory	In-Natura tan-nodu idro	HydroNodeCategoryValue	voidable

8.4.1.2. Link ta' Kanal tal-Ilma (WatercourseLink)

Segment ta' kanal tal-ilma fi ħdan netwerk idrografiku.

Dan it-tip huwa subtip ta' Link.

Dan it-tip huwa subtip ta' HydroObject.

Attributi tal-oġġett ġeografiku tat-tip WatercourseLink

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
Attributi tat-tip ta' oġġett ġeografiku SpotElevation

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
classification	Klassi ta' elevazzjoni fil-post skont l-ispeċifikazzjoni LAS tal-American Society for Photogrammetry and Remote Sensing, jiġifieri s-Soċjetà Amerikana għall-Fotogrammetrija u għat-Telerilevament (ASPRS).	SpotElevationClassValue	voidable
geographicalName	Isem ġeografiku li jintuża sabiex jidentifika post imsemmi fuq l-art jew fil-qiegħ ta' korp tal-ilma fid-dinja reali, li huwa rrappreżentat mill-oġġett ġeografiku elevazzjoni fil-post.	GeographicalName	voidable
geometry	Tirrappreżenta l-proprjetajiet ġeometriċi tal-oġġett ġeografiku.	GM_Point	
propertyValue	Il-valur tal-proprjetà tal-elevazzjoni tal-oġġett ġeografiku b'referenza għal sistema ta' referenza ta' koordinati vertikali speċifika.	DirectPosition	
spotElevationType	It-tip ta' post tal-elevazzjoni.	SpotElevationTypeValue	voidable

Limitazzjonijiet tat-tip ta' oġġett ġeografiku SpotElevation

Id-dimensjoni tal-koordinat tal-valur tal-proprjetà għandha tkun ta' 1.

Il-valur tal-proprjetà għandu jiġi espress b'referenza għas-sistema ta' referenza ta' koordinati vertikali.

1.5.1.3. Linja ta' Kontorn (ContourLine)

Oġġett ġeografiku lineari kompost minn sett ta' postijiet kontigwi kkaratterizzati mill-fatt li għandhom l-istess valur tal-proprjetà tal-elevazzjoni. Tiddeskrivi, flimkien ma' linji ta' kontorn oħrajn preżenti fiż-żona, il-morfoloġija lokali tas-superfiċje tad-Dinja.

Dan it-tip huwa subtip ta' ElevationVectorObject.

Attributi tat-tip ta' oġġett ġeografiku ContourLine

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
contourLineType	It-tip ta' linja ta' kontorn fir-rigward tal-intervall vertikali ta' kontorn normali (jekk ikun hemm).	ContourLineTypeValue	voidable
downRight	Proprjetà li tindika li l-oġġett ġeografiku linja ta' kontorn ġie diġitizzat b'mod li l-għoli tas-superfiċje tal-elevazzjoni huwa iktar baxx fin-naħa leminija tal-linja.	Boolean	voidable

▼M2

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
geometry	Tirrappreżenta l-proprjetajiet ġeometriċi tal-oġġett ġeografiku.	GM_Curve	
propertyValue	Il-valur tal-proprjetà tal-elevazzjoni tal-oġġett ġeografiku b'referenza għal sistema ta' referenza ta' koordinati vertikali speċifika.	DirectPosition	

Limitazzjonijiet tat-tip ta' oġġett ġeografiku ContourLine

Id-dimensjoni tal-koordinat tal-valur tal-proprjetà għandha tkun ta' 1.

Il-valur tal-proprjetà għandu jiġi espress b'referenza għal sistema ta' referenza ta' koordinati (CRS) vertikali.

1.5.1.4. Linja ta' Qsim (BreakLine)

Linja b'natura kritika li tiddeskrivi l-forma ta' superfiċje tal-elevazzjoni u tindika diskontinwità fix-xaqliba tas-superfiċje (jiġifieri bidla f'daqqa fil-gradjent). It-trijangoli inklużi fi ħdan mudell TIN qatt ma għandhom jaqsmuha.

Dan it-tip huwa subtip ta' ElevationVectorObject.

Attributi tat-tip ta' oġġett ġeografiku BreakLine

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
breakLineType	It-tip ta' linja ta' qsim fir-rigward tal-karatteristika naturali jew magħmula mill-bniedem tad-dinja reali li jirrappreżenta, jew il-funzjoni speċifika li għandu fil-kalkoli ta' Mudell ta' Elevazzjoni Diġitali (DEM).	BreakLineTypeValue	
geometry	Tirrappreżenta l-proprjetajiet ġeometriċi tal-oġġett ġeografiku.	GM_Curve	
manMadeBreak	Linja li tirrappreżenta qsim fl-elevazzjoni minħabba kostruzzjoni magħmula mill-bniedem preżenti fuq it-terren.	Boolean	voidable

1.5.1.5. Żona Nulla (VoidArea)

Żona tas-superfiċje tad-Dinja fejn il-mudell tal-elevazzjoni ma jkunx magħruf minħabba dejta ta' input nieqsa. Din iż-żona għandha tiġi eskluża minn DEM.

Dan it-tip huwa subtip ta' ElevationVectorObject.

Attributi tat-tip ta' oġġett ġeografiku VoidArea

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
geometry	Tirrappreżenta l-proprjetajiet ġeometriċi tal-oġġett ġeografiku.	GM_Surface	

1.5.1.6. Żona Iżolata (IsolatedArea)

Delimitazzjoni ta' żona tas-superfiċje tad-Dinja fejn teżisti parti iżolata mill-mudell tal-elevazzjoni. L-inħawi fuq barra ta' madwarha ma għandhom l-ebda informazzjoni dwar l-elevazzjoni.

▼M2

Dan it-tip huwa subtip ta' ElevationVectorObject.

Attributi tat-tip ta' oġġett ġeografiku IsolatedArea

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
geometry	Tirrappreżenta l-proprjetajiet ġeometriċi tal-oġġett ġeografiku.	GM_Surface	

1.5.2. *Tipi ta' dejta*

1.5.2.1. Datum ta' Ċart (ChartDatum)

Sistema ta' referenza ta' koordinati vertikali lokali li tintuża sabiex issir referenza għal kejl ta' fond u sabiex dan il-kejl jiġi rrappreżentat bħala valuri tal-proprjetà.

Attributi tat-tip ta' dejta ChartDatum

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
datumWaterLevel	Il-livell tal-ilma li jiddetermina l-oriġini tal-kejl tal-fond għad-datum ta' ċart.	WaterLevelValue	
offset	Id-differenza relattiva bejn l-għoli ta' kull punt ta' referenza u l-għoli tal-livell tal-ilma li jiddetermina d-datum ta' ċart.	Measure	
referencePoint	Il-pożizzjoni(jiet) ġeografika(ċi) ta': – Każ A: punt wieħed li jintuża sabiex jiġu riferuti l-valuri tal-fond fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku tad-datum ta' ċart. – Każ B: sett ta' punti fejn il-kejl tal-livell tal-ilma isir sabiex jiġi ddeterminat il-livell tal-ilma tad-datum ta' ċart.	GM_Point	
scope	Kamp ta' applikazzjoni ġeografiku fejn id-datum tal-fond lokali jintuża b'mod prattiku.	EX_Extent	

1.5.3. *Enumerazzjonijiet*

1.5.3.1. Tip ta' Linja ta' Kontorn (ContourLineTypeValue)

Lista ta' kategoriji possibbli ta' linji ta' kontorn ibbażati fuq il-parametru tal-ekwidistanza tas-sett ta' dejta.

Valuri għall-enumerazzjoni ContourLineTypeValue

Valur	Definizzjoni
master	Kontorn f'distanza vertikali li huwa multiplu tal-parametru tal-ekwidistanza (li jikkorrispondi għal ċertu multiplu tal-intervall vertikali tal-kontorn normali) assoċjat mal-iskala nominali.
ordinary	Kontorn fil-parametru tal-ekwidistanza (li jikkorrispondi għall-intervall vertikali tal-kontorn normali) assoċjat mal-iskala nominali, u li mhuwiex kontorn prinċipali (master).

▼M2

Valur	Definizzjoni
auxiliary	Kontorn supplimentari – li ma jikkorrispondix għall-intervall vertikali tal-kontorn normali – stmat jew interpolat mill-kontorni tal-madwar, użat f'żoni fejn ma jkunx hemm biżżejjed informazzjoni dwar l-għoli għal finijiet ta' mmappjar tal-elevazzjoni jew sabiex jiġi kkontrollat il-ħolqien ta' mudell ta' elevazzjoni diġitali.

1.5.4. *Listi ta' kodiċijiet*

1.5.4.1. Tip ta' Linja ta' Qsim (BreakLineTypeValue)

Lista ta' valuri possibbli tat-tip għal linji ta' qsim ibbażati fuq il-karatteristiċi fiżiċi tal-linja ta' qsim [fis-superfiċje ta' elevazzjoni].

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu l-valuri speċifikati fit-tabella ta' hawn taħt u valuri idjaq iddefiniti mill-fornituri tad-dejta.

Valuri għal-lista ta' kodiċijiet BreakLineTypeValue

Valur	Isem	Definizzjoni
bottomOfSlope	isfel nett tax-xaqliba	Linja ta' qsim li tirrappreżenta l-limitu inferjuri ta' żona li jkollha xaqliba kostanti fis-superfiċje tat-terren, li tipikament tvarja, bejn wieħed u ieħor, bejn 2 ° u 40 °.
changeInSlope	bidla fix-xaqliba	Linja ta' qsim li tirrappreżenta ġabra ta' punti kontigwi fejn it-terren ikollu bidla f'daqqa fix-xaqliba.
flatAreaBoundary	limitu ta' żona ċatta	Linja ta' qsim li tiddelimita parti iżolata tat-territorju fejn il-mudell tal-elevazzjoni għandu jiġi limitat fl-istess valur tal-elevazzjoni.
formLine	linja ta' forma (form line)	Linja ta' qsim li tirrappreżenta direzzjoni lokali fejn is-superfiċje tal-elevazzjoni li tkun qed tiġi deskritta tieħu l-ikbar xaqliba.
topOfSlope	quċċata ta' xaqliba	Linja ta' qsim li tirrappreżenta l-limitu massimu ta' żona li jkollha xaqliba kostanti fis-superfiċje tat-terren, li tipikament tvarja, bejn wieħed u ieħor, bejn 2 ° u 40 °.

1.5.4.2. Klassifikazzjoni ta' Elevazzjonijiet fil-Post (SpotElevationClassValue)

Valuri possibbli ta' klassifikazzjoni għall-elevazzjonijiet fil-post abbażi tal-ispeċifikazzjoni LAS miżmuma mill-American Society for Photogrammetry and Remote Sensing, jiġifieri s-Soċjetà Amerikana għall-Fotogrammetrija u għat-Telerilevament (ASPRS).

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu kwalunkwe valur iddefinit mill-fornituri tad-dejta.

Il-fornituri tad-dejta jistgħu jużaw il-valuri speċifikati fid-dokument ta' Gwida Teknika tal-INSPIRE dwar Elevazzjoni.

1.5.4.3. Tip ta' Elevazzjoni fil-Post (SpotElevationTypeValue)

Valuri possibbli għal punti ta' elevazzjoni fil-post li jiddeskrivu singolarità tas-superfiċje.

▼M2

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu l-valuri speċifikati fit-tabella ta' hawn taħt u valuri idjaq iddefiniti mill-fornituri tad-dejta.

Valuri għal-lista ta' kodiċijiet SpotElevationTypeValue

Valur	Isem	Definizzjoni
depression	**depressjoni**	Punt li jirrappreżenta parti mir-riżalt tas-superfiċje tal-art jew tas-superfiċje ta' qiegħ il-korp tal-ilma li huwa iktar baxx fl-elevazzjoni meta pparagunat mal-punti ta' madwaru.
formSpot	punt ta' forma (form spot)	Għoli fil-post supplimentari, stmat jew interpolat mill-għoli tal-madwar, f'żoni fejn jeżistu ftit linji ta' kontorn jew ftit informazzjoni oħra dwar l-għoli.
generic	ġeneriku	Oġġett ġeografiku elevazzjoni fil-post li ma jissodisfa d-deskrizzjoni tal-ebda wieħed mill-valuri l-oħra fil-lista ta' kodiċijiet kurrenti.
pass	mogħdija	Punti iktar baxx ta' depressjoni fi ħdan allinjament ta' katina ta' għoljiet, ġeneralment miftuħ tul il-linja tal-quċċata, li jippermetti l-mogħdija minn xaqliba waħda tas-superfiċje għal oħra.
summit	quċċata (summit)	L-ogħla punt ta' prominenza fir-riżalt ta' superfiċje tal-art jew ta' superfiċje ta' qiegħ ta' korp tal-ilma.

1.6. **Elevazzjoni - TIN**

1.6.1. *Tipi ta' oġġetti ġeografiċi*

Il-pakkett "Elevazzjoni – TIN" fih it-tip ta' oġġett ġeografiku Elevazzjoni TIN. (Elevation TIN)

1.6.1.1. Elevazzjoni TIN (ElevationTIN)

Ġabra ta' oġġetti ġeografiċi elevazzjoni li jifformaw tassellazzjoni partikolari tal-ispazju bbażata fuq Triangulated Irregular Network (Netwerk Irregolari Trijangolat) (TIN) skont il-ġeometrija GM_Tin iddefinita fl-ISO 19107:2003). Il-komponenti tagħha huma sett ta' punti ta' kontroll li l-valuri tal-proprjetà tal-elevazzjoni tagħhom huma magħrufa, u sett ta' linji ta' qsim u ta' linji ta' waqfien.

Attributi tat-tip ta' oġġett ġeografiku ElevationTIN

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
beginLifespanVersion	Id-data u l-ħin li fihom din il-verżjoni tal-oġġett ġeografiku ddaħħlet jew tbiddlet fis-sett ta' dejta ġeografika.	DateTime	voidable
endLifespanVersion	Id-data u l-ħin li fihom din il-verżjoni tal-oġġett ġeografiku ġiet sostitwita jew irtirata fis-sett ta' dejta ġeografika.	DateTime	voidable
geometries	Tirrappreżenta l-ġabra ta' proprjetajiet ġeometriċi tal-oġġett ġeografiku elevazzjoni TIN.	GM_Tin	

▼**M2**

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
inspireId	Identifikatur ta' oġġett estern tal-oġġett ġeografiku.	Identifier	
propertyType	Attribut li jiddetermina l-proprjetà tal-elevazzjoni rrappreżentata mill-elevazzjoni TIN.	ElevationPropertyType-Value	
surfaceType	Attribut li jindika t-tip ta' superfiċje ta' elevazzjoni li tiddeskrivi l-elevazzjoni TIN b'rabta mas-superfiċje għerja tad-Dinja.	SurfaceTypeValue	

1.7. **Rekwiżiti speċifiċi għat-tema**

1.7.1. *Rekwiżiti dwar identifikaturi ta' oġġett estern*

(1) Jekk id-dejta dwar l-elevazzjoni tiġi aġġornata abbażi ta' dejta ġdida tas-sors, l-oġġetti aġġornati għandhom jirċievu identifikatur ta' oġġett estern ġdid.

1.7.2. *Rekwiżiti għal Elevazzjoni Koperturi ta' Grilji*

(1) Bħala deroga mir-rekwiżit fit-Taqsima 2.2 tal-Anness II, kwalunkwe grilja li tkun kompatibbli ma' waħda mis-sistemi ta' referenza ta' koordinati li ġejjin tista' tintuża sabiex tagħmel disponibbli dejta f'forma ta' grilja dwar Elevazzjoni:

— koordinati ġeodetiċi bidimensjonali (latitudni u lonġitudni) ibbażati fuq datum speċifikat fit-Taqsima 1.2 tal-Anness II u billi jintużaw il-parametri tal-ellisojdi GRS80;

— koordinati ta' pjan billi tintuża s-sistema ta' referenza ta' koordinati Konika Konformali ta' Lambert ETRS89;

— koordinati ta' pjan billi tintuża s-sistema ta' referenza ta' koordinati Mercator Trasversa ETRS89.

Il-grilja speċifikata fit-Taqsima 2.2.1 tal-Anness II ma għandhiex tintuża.

(2) L-attribut *domainExtent* ta' kull istanza ta' *ElevationGridCoverage* għandu jiġi ppopolat mill-inqas b'subtip ta*t-tip EX_GeographicExtent*.

(3) Il-valuri tal-proprjetà tal-elevazzjoni inklużi fi ħdan is-sett ta' medda ta' ElevationGridCoverage waħda għandhom jiġu referenzjati għal sistema ta' referenza ta' koordinati vertikali waħda u waħda biss.

(4) L-istanzi kollha ta' ElevationGridCoverage, li għalihom tirreferi istanza ta' ElevationGridCoverage aggregata għandhom ikunu konsistenti. Dan ifisser li huma għandhom jikkondividu l-istess tip ta' medda, l-istess sistema ta' referenza ta' koordinati u l-istess riżoluzzjoni. Huma għandhom jappoġġjaw ukoll l-allinjament tal-grilja, jiġifieri l-punti ta' grilja f'istanza ta' ElevationGridCoverage waħda għandhom ikunu allinjati mal-punti ta' grilja tal-istanzi ta' ElevationGridCoverage l-oħra, sabiex iċ-ċelluli tal-grilja ma jkunux parzjalment sovrapposti.

(5) L-impronti kontributorji ta' kwalunkwe żewġ istanzi ta' ElevationGridCoverage li ssir referenza għalihom mill-istess istanza ta' ElevationGridCoverage aggregata għandhom jew ikunu kontigwi jew ikun mifruda minn xulxin.

▼M2

(6) L-unjoni tal-impronti kontributorji tal-istanzi ta' ElevationGridCoverage li ssir referenza għalihom mill-istess istanza ta' ElevationGridCoverage aggregata għandha tiddetermina l-firxa ġeografika (domainExtent) tal-istanza ta' ElevationGridCoverage aggregata.

(7) Il-pakkett ElevationGridCoverage għandu jiġi ristrett għal ġeometriji bidimensjonali.

(8) L-informazzjoni dwar id-dati tal-kisba tad-dejta inkluża fl-elevazzjoni koperturi ta' grilji għandha tiġi pprovduta mill-inqas b'wieħed mill-modi li ġejjin:

(a) billi jiġi pprovdut l-element ta' metadejta Referenza Temporali għal kull oġġett ġeografiku permezz tal-attribut metadata (metadejta) tat-tip ta' oġġett ġeografiku *ElevationGridCoverage*;

(b) billi jiġi pprovdut l-element ta' metadejta Referenza Temporali meħtieġ mir-Regolament (KE) Nru 1205/2008 bħala firxa temporali.

1.7.3. *Rekwiżiti għal Dejta ta' Vettur ta' Elevazzjoni*

(1) Fejn settijiet ta' dejta ta' vettur ta' elevazzjoni jiġu pprovduti billi jintużaw ġeometriji 2-D, il-komponent vertikali (it-tielet dimensjoni) għandu jiġi pprovdut bħala valuri tal-proprjetà tal-elevazzjoni fi ħdan l-attribut propertyValue.

(2) Fejn settijiet ta' dejta ta' vettur ta' elevazzjoni jiġu pprovduti billi jintużaw ġeometriji 2,5-D, il-valuri tal-proprjetà tal-elevazzjoni għandhom jiġu inklużi biss fi ħdan it-tielet koordinat (Z) ta' dawn il-ġeometriji.

1.7.4. *Rekwiżiti għall-Elevazzjoni TINs*

(1) Il-valuri tal-proprjetà inklużi fi ħdan istanza waħda ta' tip ta' oġġett ġeografiku ElevationTIN (mudell ta' TIN) għandhom jiġu referenzjati għal sistema ta' referenza ta' koordinati vertikali waħda u waħda biss.

(2) It-trijangoli li jaqsmu linja ta' waqfien għandhom jitneħħew minn superfiċje ta' TIN, fejn iħallu toqob fis-superfiċje. Jekk isseħħ koinċidenza fuq it-trijangoli ta' limitu tas-superfiċje, ir-riżultat għandu jkun bidla fil-limitu tas-superfiċje.

(3) L-oġġetti ġeografiċi ta' vettur ipprovduti bħala komponenti ta' ġabra ta' TIN għandhom jissodisfaw ir-regoli dwar il-konsistenza ġenerika ipprovduti għall-oġġetti ta' vettur.

1.7.5. *Rekwiżiti dwar is-sistemi ta' referenza*

(1) Biex jitkejjel il-fond ta' qiegħ il-baħar fejn ikun hemm medda mareali (ilmijiet mareali) apprezzabbli, bħala superfiċje ta' referenza għandha tintuża l-Iktar Marea Astronomika Baxxa (LAT).

(2) Biex jitkejjel il-fond ta' qiegħ il-baħar f'żoni tal-baħar mingħajr medda mareali apprezzabbli, f'oċeani miftuħa u f'ilmijiet li jkunu iktar fondi minn 200 metru, il-fond ta' qiegħ il-baħar għandu jiġi referenzjat għal-Livell Medju tal-Baħar (MSL), jew għal livell ta' referenza ddefinit sew qrib l-MSL.

(3) L-għoli tal-livell ta' referenza sa fejn jitkejjel il-fond tal-qiegħ ta' korp tal-ilma intern għandu jiġi referenzjat għal sistema ta' referenza vertikali relatata mal-gravità. Din għandha tkun is-Sistema Ewropea ta' Referenza Vertikali (European Vertical Reference System) (EVRS) għaż-żoni li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ġeoegrafiku tal-EVRS, jew is-sistema ta' referenza vertikali relatata mal-gravità identifikata mill-Istat Membru għaż-żoni li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-EVRS.

▼M2

(4) Meta jiġi pprovdut mudell ta' elevazzjoni tal-art u tal-baħar integrat, għandha tiġi mmudellata proprjetà tal-elevazzjoni waħda biss (jew l-għoli jew il-fond), u l-valuri tagħha għandhom jiġu referenzjati għal sistema ta' referenza ta' koordinati vertikali waħda.

1.7.6. *Rekwiżiti dwar il-kwalità u l-konsistenza tad-dejta*

(1) Jekk għall-evalwazzjoni ta' sett ta' dejta tal-elevazzjoni jkun intuża kejl ieħor għajr il-kejl tal-kwalità tad-dejta tal-ISO, l-element ta' metadejta Nisel (Lineage) għandu jinkludi informazzjoni dwar dak il-kejl u, jekk ikun possibbli, referenza għal riżorsa onlajn fejn tkun disponibbli iktar informazzjoni.

(2) Oġġetti ġeografiċi konnessi linja ta' kontorn għandu jkollhom l-istess valur tal-elevazzjoni meta jiġu referenzjati għall-istess sistema ta' referenza ta' koordinati vertikali.

(3) Meta l-valuri tal-elevazzjoni ta' oġġetti ġeografiċi linja ta' qsim jingħataw bħala t-tielet koordinati (Z), il-punt ta' intersezzjoni ta' żewġ oġġetti ġeografiċi linja ta' qsim għandu jkollhom l-istess valur tal-elevazzjoni.

(4) Meta oġġett ġeografiku linja ta' kontorn u oġġett ġeografiku linja ta' qsim ipprovduti fl-istess sistema ta' referenza ta' koordinati vertikali jaqsmu lil xulxin, il-punt ta' intersezzjoni għandu jkollu l-istess valur tal-elevazzjoni (jekk il-valuri tal-elevazzjoni tal-oġġetti ġeografiċi linja ta' qsim jingħataw mit-tielet koordinat (Z)).

(5) L-oġġetti ġeografiċi linja ta' kontorn li jkollhom valuri tal-elevazzjoni differenti la għandhom jaqsmu lil xulxin u lanqas imissu lil xulxin meta jiġu referenzjati lill-istess sistema ta' referenza ta' koordinati vertikali.

(6) Il-limitu ta' oġġett ġeografiku żona iżolata ma għandux imiss il-limitu estern ta' oġġett ġeografiku żona nulla meta jiġu referenzjati għall-istess sistema ta' referenza ta' koordinati vertikali.

1.8. **Saffi**

Saffi għat-tema ta' dejta ġeografika Elevazzjoni

Isem is-Saff	Titlu tas-Saff	Tip ta' oġġett ġeografiku
EL.BreakLine	Linja ta' Qsim	BreakLine
EL.ContourLine	Linja ta' Kontorn	ContourLine
EL.IsolatedArea	Żona Iżolata	IsolatedArea
EL.SpotElevation	Elevazzjoni fil-Post	SpotElevation
EL.VoidArea	Żona Nulla	VoidArea
EL.ElevationGridCoverage	Elevazzjoni Kopertura ta' Grilja	ElevationGridCoverage
EL.ElevationTIN	Elevazzjoni TIN	ElevationTIN

2. KOPERTURA TAL-ART (LAND COVER)

2.1. **Definizzjonijiet**

Minbarra d-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

▼M2

(1) “sistema ta’ klassifikazzjoni (classification system)” tfisser sistema għall-assenjazzjoni ta’ oġġetti lil klassijiet, skont l-ISO 19144-1:2012;

(2) “kopertura diskreta (discrete coverage)” tfisser kopertura li tirritorna l-istess valuri tal-attributi tal-karatteristika għal kull pożizzjoni diretta fi ħdan kwalunkwe oġġett ġeografiku, oġġett temporali jew oġġett ġeotemporali fid-dominju tagħha, skont l-EN ISO 19123:2007;

(3) “oġġett ta’ kopertura tal-art (land cover object)” tfisser oġġett ġeografiku (punt, pixel jew poligonu) fejn tkun ġiet osservata l-kopertura tal-art;

(4) “tifsira (legend)” tfisser l-applikazzjoni ta’ klassifikazzjoni f’żona speċifika billi jintużaw skala ta’ mmappjar definita u sett ta’ dejta speċifiku;

(5) “unità ta’ mmappjar minima (minimal mapping unit)” tfisser l-iċken daqs tal-erja ta’ poligonu li jista’ jiġi rrappreżentat f’sett ta’ dejta ta’ kopertura tal-art partikolari;

(6) “sitwazzjoni (situation)” tfisser l-istat ta’ oġġett partikolari kopertura tal-art f’waqt (ta’ żmien) partikolari.

2.2. **Struttura tat-Tema ta’ Dejta Ġeografika Kopertura tal-Art**

It-tipi speċifikati għat-tema ta’ dejta ġeografika Kopertura tal-Art huma strutturati fil-pakketti li ġejjin:

— Nomenklatura ta’ Kopertura tal-Art (Land Cover Nomenclature)

— Vettur ta’ Kopertura tal-Art (Land Cover Vector)

— Raster ta’ Kopertura tal-Art (Land Cover Raster)

2.3. **Nomenklatura ta’ Kopertura tal-Art (Land Cover Nomenclature)**

2.3.1. *Tipi ta’ dejta*

2.3.1.1. Nomenklatura ta’ Kopertura tal-Art (LandCoverNomenclature)

Informazzjoni dwar nomenklatura ta’ referenza nazzjonali, istituzzjonali jew lokali ta’ Kopertura tal-Art.

Attributi tat-tip ta’ dejta LandCoverNomenclature

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
inspireId	Identifikatur ta’ oġġett estern tal-oġġett ġeografiku.	Identifier	
responsibleParty	Parti responsabbli għall-iżvilupp u/jew il-manutenzjoni tan-nomenklatura.	RelatedParty	
externalDescription	Dokument li jiddeskrivi n-nomenklatura użata f’dan is-sett ta’ dejta.	DocumentCitation	voidable
embeddedDescription	Kodifikazzjoni inkorporata tas-sistema ta’ klassifikazzjoni skont l-ISO 19144-2.	LC_LandCoverClassificationSystem	voidable
nomenclatureCodeList	URI http li jindika l-lista ta’ kodiċijiet marbuta man-nomenklatura użata.	URI	

▼M2

Limitazzjonijiet tat-tip ta' dejta LandCoverNomenclature

Għandu jiġi pprovdut l-attribut embeddedDescription jew l-attribut externaldescription.

2.3.2. *Listi ta' kodiċijiet*

2.3.2.1. Klassi ta' Kopertura tal-Art (LandCoverClassValue)

Lista ta' kodiċijiet jew klassifikazzjoni ta' koperturi tal-art.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu kwalunkwe valur iddefinit mill-fornituri tad-dejta.

Il-fornituri tad-dejta jistgħu jużaw il-valuri u l-kodiċijiet intiġer (integer) (li għandhom jintużaw sabiex jirrappreżentaw klassijiet speċifiċi ta' kopertura tal-art fil-medda tal-oġġetti LandCoverGridCoverage) speċifikati għal-lista ta' kodiċijiet tal-Komponent Pur tal-Kopertura tal-Art (PureLandCoverComponentValue) fid-dokument ta' Gwida Teknika tal-INSPIRE Technical dwar Kopertura tal-Art.

2.4. **Vettur ta' Kopertura tal-Art (Land Cover Vector)**

2.4.1. *Tipi ta' oġġetti ġeografiċi*

Il-pakkett Vettur ta' Kopertura tal-Art fih it-tipi ta' oġġetti ġeografiċi li ġejjin:

— Sett ta' Dejta ta' Kopertura tal-Art (Land Cover Data Set)

— Unità ta' Kopertura tal-Art (Land Cover Unit)

2.4.1.1. Sett ta' Dejta ta' Kopertura tal-Art (LandCoverDataset)

Rappreżentazzjoni vetturjali għal dejta ta' Kopertura tal-Art.

Attributi tat-tip ta' oġġett ġeografiku LandCoverDataset

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
name	L-isem tas-sett ta' dejta ta' Kopertura tal-Art	CharacterString	
inspireId	Identifikatur ta' oġġett estern tal-oġġett ġeografiku.	Identifier	
extent	Fiha l-firxa tas-sett ta' dejta.	EX_Extent	
nomenclatureDocumentation	Informazzjoni dwar in-nomenklatura użata f'dan is-sett ta' dejta.	LandCoverNomenclature	
beginLifespanVersion	Id-data u l-ħin li fihom din il-verżjoni tal-oġġett ġeografiku ddaħħlet jew tbiddlet fis-sett ta' dejta ġeografika.	DateTime	voidable
endLifespanVersion	Id-data u l-ħin li fihom din il-verżjoni tal-oġġett ġeografiku ġiet sostitwita jew irtirata fis-sett ta' dejta ġeografika.	DateTime	voidable
validFrom	Il-ħin meta l-fenomenu beda jeżisti fid-dinja reali.	DateTime	voidable

▼M2

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
validTo	Il-ħin minn meta l-fenomenu ma jibqax jeżisti iktar fid-dinja reali.	DateTime	voidable

Rwoli ta' assoċjazzjoni tat-tip ta' oġġett ġeografiku LandCoverDataset

Rwol ta' assoċjazzjoni	Definizzjoni	Tip	Voidability
member	Unità ta' Kopertura tal-Art li tkun parti mis-sett ta' dejta.	LandCoverUnit	

2.4.1.2. Unità ta' Kopertura tal-Art (LandCoverUnit)

Element individwali tas-sett ta' dejta ta' Kopertura tal-Art irrappreżentat minn punt jew minn superfiċje.

Attributi tat-tip ta' oġġett ġeografiku LandCoverUnit

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
inspireId	Identifikatur ta' oġġett estern tal-oġġett ġeografiku.	Identifier	
beginLifespanVersion	Id-data u l-ħin li fihom din il-verżjoni tal-oġġett ġeografiku ddaħħlet jew tbiddlet fis-sett ta' dejta ġeografika.	DateTime	voidable
endLifespanVersion	Id-data u l-ħin li fihom din il-verżjoni tal-oġġett ġeografiku ġiet sostitwita jew irtirata fis-sett ta' dejta ġeografika.	DateTime	voidable
geometry	Rappreżentazzjoni ġeografika tad-dejta ta' Kopertura tal-Art.	GM_Object	
landCoverObservation	Informazzjoni dwar kopertura tal-art f'ħin u f'post speċifiċi.	LandCoverObservation	

Limitazzjonijiet tat-tip ta' oġġett ġeografiku LandCoverUnit

Il-ġeometriji għandhom ikunu punti jew superfiċji.

2.4.2. *Tipi ta' dejta*

2.4.2.1. Osservazzjoni ta' Kopertura tal-Art (LandCoverObservation)

Informazzjoni dwar Kopertura tal-Art interpretata f'ħin u f'post speċifiċi.

Attributi tat-tip ta' dejta LandCoverObservation

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
class	L-assenjazzjoni ta' klassi ta' kopertura tal-art lil unità ta' kopertura tal-art permezz ta' identifikatur tal-kodiċi ta' klassifikazzjoni.	LandCoverClassValue	

▼M2

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
observationDate	Id-data tal-osservazzjoni assoċjata ma' osservazzjoni.	DateTime	voidable
mosaic	Lista ta' valuri ta' klassifikazzjoni li li jiddeskrivu b'mod dettaljat unità ta' kopertura tal-art, assoċjati ma' perċentwali.	LandCoverValue	voidable

Limitazzjonijiet tat-tip ta' oġġett ġeografiku LandCoverObservation

Is-somma tal-attributi coveredPercentage (perċentwali koperta) kollha marbuta ma' kull LandCoverObservation għandha tkun inqas minn jew ta' 100.

2.4.2.2. Kopertura tal-Art (LandCoverValue)

Klassi ġenerika li tappoġġja l-valur u l-perċentwal ta' Kopertura tal-Art.

Attributi tat-tip ta' dejta LandCoverValue

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
class	Assenjazzjoni ta' oġġett ġeografiku kopertura tal-art lil klassi ta' kopertura tal-art permezz ta' identifikatur tal- kodiċi ta' klassifikazzjoni.	LandCoverClassValue	
coveredPercentage	Frazzjoni tal-LandCoverUnit li qed tkun ikkonċernata mill-valur ta' klassifikazzjoni.	Integer	voidable

2.5. **Raster ta' Kopertura tal-Art (Land Cover Raster)**

2.5.1. *Tipi ta' oġġetti ġeografiċi*

Il-pakkett Raster ta' Kopertura tal-Art fih it-tip ta' oġġett ġeografiku Kopertura ta' Grilja ta' Kopertura tal-Art (Land Cover Grid Coverage).

2.5.1.1. Kopertura ta' Grilja ta' Kopertura tal-Art (LandCoverGridCoverage)

Rappreżentazzjoni raster għad-dejta ta' Kopertura tal-Art.

Dan it-tip huwa subtip ta' RectifiedGridCoverage.

Attributi tat-tip ta' oġġett ġeografiku LandCoverGridCoverage

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
name	L-isem tal-kopertura tal-Kopertura tal-Art.	CharacterString	
inspireId	Identifikatur ta' oġġett estern tal-oġġett ġeografiku.	Identifier	
extent	Fiha l-firxa tas-sett ta' dejta.	EX_Extent	
nomenclatureDocumentation	Informazzjoni dwar in-nomenklatura użata f'din il-kopertura.	LandCoverNomenclature	

▼M2

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
beginLifespanVersion	Id-data u l-ħin li fihom din il-verżjoni tal-oġġett ġeografiku ddaħħlet jew tbiddlet fis-sett ta' dejta ġeografika.	DateTime	voidable
endLifespanVersion	Id-data u l-ħin li fihom din il-verżjoni tal-oġġett ġeografiku ġiet sostitwita jew irtirata fis-sett ta' dejta ġeografika.	DateTime	voidable
validFrom	Il-ħin meta l-fenomenu beda jeżisti fid-dinja reali.	DateTime	voidable
validTo	Il-ħin minn meta l-fenomenu ma jibqax jeżisti iktar fid-dinja reali.	DateTime	voidable

Limitazzjonijiet tat-tip ta' oġġett ġeografiku LandCoverGridCoverage

Il-valuri fis-sett ta' medda huma restritti għal Integer (intiġer).

2.6. **Rekwiżiti speċifiċi għat-tema**

Jekk għal tip ta' dejta LandCoverNomenclature jiġi pprovdut attribut onlineDescription, id-deskrizzjoni onlajn referenzjata għandha tiddefinixxi, għal kull klassi, mill-inqas kodiċi, isem, definizzjoni u valur RGB li għandu jintuża għar-rappreżentazzjoni. Jekk id-deskrizzjoni onlajn tiddeskrivi n-nomenklatura għal oġġett LandCoverGridCoverage, għal kull kassi għandu jiġi pprovdut anki kodiċi ta' grilja intiġer. Dan il-kodiċi għandu jintuża fil-firxa tal-LandCoverGridCoverage biex jirrappreżenta l-klassi korrispondenti.

2.7. **Saffi**

Saffi għat-tema ta' dejta ġeografika Kopertura tal-Art

Isem is-Saff	Titlu tas-Saff	Tip ta' oġġett ġeografiku
LC.LandCoverPoints	Punti ta' Kopertura tal-Art	LandCoverUnit
LC.LandCoverSurfaces	Superfiċji ta' Kopertura tal-Art	LandCoverUnit
LC.LandCoverRaster	Raster ta' Kopertura tal-Art (Land Cover Raster)	LandCoverGridCoverage

3. ORTOIMMAĠNIJIET (ORTHOIMAGERY)

3.1. **Definizzjonijiet**

Minbarra d-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "mużajk (mosaic)" tfisser immaġni komposta minn ritratti jew immaġnijiet multipli sovrapposti jew kontigwi amalgamati flimkien.

(2) "aggregazzjoni ta' ortoimmaġnijiet (orthoimage aggregation)" tfisser kombinazzjoni ta' subsettijiet minn diversi koperturi omoġenji ta' ortoimmaġnijiet li jifformaw kopertura ta' ortoimmaġni ġdida.

▼M2

(3) “raster (raster)” tfisser disinn ġeneralment rettangolari ta’ linji paralleli ta’ skenjar li jifformaw jew li jikkorrispondu għall-wiri fuq tubu tar-raġġi katodiċi, skont l-EN ISO 19123:2007.

3.2. **Tipi ta’ oġġetti ġeografiċi**

It-tipi ta’ oġġetti ġeografiċi li ġejjin huma speċifikati għat-tema ta’ dejta ġeografika Ortoimmaġnijiet:

— Kopertura ta’ Ortoimmaġni (Orthoimage Coverage)

— Element ta’ Mużajk (Mosaic Element)

— Element ta’ Możajk Uniku (Single Mosaic Element)

— Element ta’ Możajk Aggregat (Aggregated Mosaic Element)

3.2.1. *Kopertura ta’ Ortoimmaġni (OrthoimageCoverage)*

Immaġni raster tas-superfiċje tad-Dinja li ġiet korretta ġeometrikament (“ortorettifikata”) sabiex titneħħa d-distorsjoni kkawżata minn differenzi fl-elevazzjoni, mill-inklinazzjoni tas-sensuri, u fakultattivament, mill-ottika tas-sensuri.

Dan it-tip huwa subtip ta’ RectifiedGridCoverage.

Attributi tat-tip ta’ oġġett ġeografiku OrthoimageCoverage

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
inspireId	Identifikatur ta’ oġġett estern tal-oġġett ġeografiku.	Identifier	
domainExtent	Firxa tad-dominju ġeotemporali tal-kopertura.	EX_Extent	
footprint	Żona ġeografika li tagħlaq id-dejta valida tal-kopertura ta’ ortoimmaġni.	GM_MultiSurface	voidable
interpolationType	Metodu matematiku li għandu jintuża sabiex tiġi evalwata kopertura kontinwa, jiġifieri jiġu ddeterminati l-valuri tal-kopertura fi kwalunkwe pożizzjoni diretta fi ħdan id-dominju tal-kopertura.	InterpolationMethodValue	
name	Isem b’test liberu tal-kopertura ta’ ortoimmaġni.	CharacterString	voidable
phenomenonTime	Deskrizzjoni tal-firxa ta’ osservazzjoni/kisba fil-ħin tal-immaġni(jiet) ta’ input.	TM_Period	voidable
beginLifespanVersion	Pożizzjoni temporali li fiha din il-verżjoni tal-oġġett ġeografiku ddaħħlet jew inbidlet fis-sett ta’ dejta ġeografika.	TM_Position	voidable

▼M2

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
endLifespanVersion	Pożizzjoni temporali li fiha din il-verżjoni tal-oġġett ġeografiku ġiet sostitwita jew irtirata mis-sett ta' dejta ġeografika.	TM_Position	voidable

Rwoli ta' assoċjazzjoni tat-tip ta' oġġett ġeografiku Orthoimage-Coverage

Rwol ta' assoċjazzjoni	Definizzjoni	Tip	Voidability
contributingOrthoimageCoverage	Referenza għall-koperturi ta' ortoimmaġnijiet li jikkomponu kopertura ta' ortoimmaġni aggregata. L-assoċjazzjoni għandha proprjetajiet addizzjonali kif ġew iddefiniti fil-klassi ta' assoċjazzjoni OrthoimageAggregation.	OrthoimageCoverage	
mosaicElement	Rappreżentazzjoni ġeografika tal-ħin tal-kisba ta' kopertura ta' ortoimmaġni f'forma ta' mużajk.	MosaicElement	voidable

Limitazzjonijiet tat-tip ta' oġġett ġeografiku OrthoimageCoverage

Il-ħin tal-kisba tal-kopertura ta' ortoimmaġni għandu jiġi pprovdut permezz tal-attribut phenomenonTime jew tal-assoċjazzjoni mosaicElement.

Id-dimensjoni tal-grilja użata għandha dejjem tkun ta' 2.

L-attribut domainExtent għandu jkun mill-inqas ippopolat b'subtip ta' EX_GeographicExtent.

Għandha tiġi pprovduta s-sistema ta' referenza ta' koordinati użata għar-referenzjar tal-grilja.

L-istanzi kollha ta' OrthoimageCoverage, li għalihom tirreferi istanza ta' OrthoimageCoverage aggregata, għandhom jikkondividu l-istess orjentazzjoni tal-assi tal-grilja u l-istess spazjar fil-grilja f'kull direzzjoni.

L-oriġini tal-grilja għandha tiġi deskritta f'żewġ dimensjonijiet.

Il-valuri fis-sett ta' medda għandhom jiġu deskritti mit-tip Integer.

3.2.2. *Element ta' Mużajk (MosaicElement)*

Tip astratt li jidentifika kemm iż-żona kontributorja kif ukoll il-ħin tal-kisba ta' immaġni ta' input waħda jew diversi immaġnijiet ta' input użat sabiex tiġi ġġenerata kopertura ta' ortoimmaġni f'forma ta' mużajk.

Dan it-tip huwa astratt.

Attributi tat-tip ta' oġġett ġeografiku MosaicElement

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
inspireId	Identifikatur ta' oġġett estern tal-oġġett ġeografiku.	Identifier	

▼M2

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
geometry	Rappreżentazzjoni ġeometrika li ġeografikament tiddelinea d-data u l-ħin tal-kisba tad-diversi immaġnijiet ta' input li jikkontribwixxu għall-mużajk finali.	GM_MultiSurface	
phenomenonTime	Deskrizzjoni tal-firxa temporali ta' osservazzjoni/kisba tal-immaġni(jiet) ta' input.	TM_Period	

3.2.3. *Element ta' Mużajk Wieħed (SingleMosaicElement)*

Element ta' mużajk relatat ma' immaġni ta' input waħda.

Dan it-tip huwa subtip ta' MosaicElement.

Attributi tat-tip ta' oġġett ġeografiku SingleMosaicElement

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
imageSourceReference	Referenza għall-immaġni ta' input.	CharacterString	voidable

3.2.4. *Element ta' Mużajk Aggregat (AggregatedMosaicElement)*

Element ta' mużajk relatat ma' diversi immaġnijiet ta' input li jikkondividu l-istess ħin ta' kisba fuq livell partikolari ta' definizzjoni (pereżempju, jum jew xahar).

Dan it-tip huwa subtip ta' MosaicElement.

3.3. **Tipi ta' dejta**

3.3.1. *Aggregazzjoni ta' Ortoimmaġnijiet (OrthoimageAggregation)*

Il-karatteristiċi ġeometriċi tal-aggregazzjoni ta' ortoimmaġnijiet.

Dan it-tip huwa klassi ta' assoċjazzjoni.

Attributi tat-tip ta' dejta OrthoimageAggregation

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
contributingFootprint	Rappreżentazzjoni ġeometrika li tiddelinea ż-żona ġeografika ta' kopertura ta' ortoimmaġni li tikkontribwixxi għall-kopertura ta' ortoimmaġni aggregata.	GM_MultiSurface	

3.4. **Listi ta' kodiċijiet**

3.4.1. *Metodu ta' Interpolazzjoni (InterpolationMethodValue)*

Lista ta' kodiċijiet li tidentifika l-metodi ta' interpolazzjoni li jistgħu jintużaw għall-evalazzjonijiet tal-koperturi ta' ortoimmaġnijiet.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu l-valuri speċifikati fit-tabella ta' hawn taħt biss.

Valuri għal-lista ta' kodiċijiet InterpolationTypeValue

Valur	Isem	Definizzjoni
nearestNeighbour	L-eqreb ġar	Interpolazzjoni tal-eqreb ġar

▼M2

Valur	Isem	Definizzjoni
bilinear	bilineari	Interpolazzjoni bilineari
biquadratic	bikwadratika	Interpolazzjoni bikwadratika
bicubic	bikubika	Interpolazzjoni bikubika

3.5. **Rekwiżiti speċifiċi għat-tema**

3.5.1. *Rekwiżiti dwar identifikaturi ta' oġġett estern*

(1) Jekk ortoimmaġni tiġi aġġornata abbażi ta' dejta ġdida tas-sors, l-oġġetti aġġornati għandhom jirċievu identifikatur ta' oġġett estern ġdid.

3.5.2. *Rekwiżiti għal Koperturi ta' Ortoimmaġnijiet*

(1) Bħala deroga mir-rekwiżit fit-Taqsima 2.2 tal-Anness II, kwalunkwe grilja li tkun kompatibbli ma' waħda mis-sistemi ta' referenza ta' koordinati li ġejjin tista' tintuża sabiex tagħmel disponibbli dejta f'forma ta' grilja dwar Ortoimmaġnijiet:

— koordinati ġeodetiċi bidimensjonali (latitudni u lonġitudni) ibbażati fuq datum speċifikat fit-Taqsima 1.2 tal-Anness II u billi jintużaw il-parametri tal-ellisojdi GRS80;

— koordinati ta' pjan billi tintuża s-sistema ta' referenza ta' koordinati Konika Konformali ta' Lambert ETRS89;

— koordinati ta' pjan billi tintuża s-sistema ta' referenza ta' koordinati Mercator Trasversa ETRS89.

Il-grilja speċifikata fit-Taqsima 2.2.1 tal-Anness II ma għandhiex tintuża.

(2) L-impronta ta' istanza ta' OrthoimageCoverage għandha tiġi inkluża ġeografikament fil-firxa ġeografika tagħha li ġiet deskritta permezz tal-proprjetà domainExtent.

(3) It-tip ta' valur tal-proprjetà metadata li jġorr it-tip ta' oġġett ġeografiku OrthoimageCoverage għandha tkun iffissata għal OM_Observation meta jintuża l-mudell ta' metadejta Observation and Measurement iddefinit fl-ISO 19156:2011.

(4) L-istanzi kollha ta' OrthoimageCoverage, li għalihom tirreferi istanza ta' OrthoimageCoverage aggregata, għandhom ikunu konsistenti. Dan ifisser li huma għandhom jikkondividu l-istess tip ta' medda, l-istess sistema ta' referenza ta' koordinati u l-istess riżoluzzjoni. Huma għandhom jappoġġjaw ukoll l-allinjament tal-grilja, jiġifieri l-punti ta' grilja f'istanza ta' OrthoimageCoverage waħda għandhom ikunu allinjati mal-punti ta' grilja tal-istanzi ta' OrthoimageCoverage l-oħra, sabiex iċ-ċelluli tal-grilja ma jkunux parzjalment sovrapposti.

(5) L-impronta kontributorja ta' istanza ta' OrthoimageCoverage li ssir referenza għaliha minn istanza ta' OrthoimageCoverage aggregata għandha tiġi inkluża ġeografikament fl-impronta tagħha.

(6) L-impronti kontributorji ta' kwalunkwe żewġ istanzi ta' OrthoimageCoverage li ssir referenza għalihom mill-istess istanza ta' OrthoimageCoverage aggregata għandhom jew ikunu kontigwi jew ikunu mifruda minn xulxin.

▼M2

(7) L-unjoni tal-impronti kontributorji tal-istanzi ta' OrthoimageCoverage li ssir referenza għalihom mill-istess istanza ta' OrthoimageCoverage aggregata għandha tiddetermina l-impronta tal-istanza OrthoimageCoverage aggregata.

3.5.3. *Rekwiżiti għall-elementi ta' mużajk*

(1) L-elementi kollha ta' mużajk relatati ma' istanza ta' OrthoimageCoverage għandhom ikunu tal-istess tip, jiġifieri jew SingleMosaicElement jew AggregatedMosaicElement.

(2) Il-ġeometriji li jiddelineaw kwalunkwe żewġ istanzi ta' MosaicElement relatati mal-istess istanza ta' OrthoimageCoverage għandhom jew ikunu kontigwi jew ikunu mifruda minn xulxin.

(3) L-unjoni tal-ġeometriij li jiddelineaw l-istanzi kollha ta' MosaicElement relatati mal-istess istanza ta' OrthoimageCoverage għandha tinkludi l-impronta tagħha u għandha tkun inkluża fil-firxa tad-dominju ġeografiku tagħha.

3.5.4. *Rekwiżiti dwar is-sistemi ta' referenza*

(1) Id-dejta relatata mat-tema ta' dejta ġeografika Ortoimmaġnijiet għandha tiġi restritta għal ġeometriji bidimensjonali.

(2) Sabiex jiġu rappreżentati settijiet ta' dejta ta' ortoimmaġnijiet tal-INSPIRE għandhom jintużaw sistemi ta' referenza ta' koordinati bidimensjonali biss.

3.5.5. *Rekwiżiti dwar il-kwalità tad-dejta*

(1) Il-kejl "valur kwadratiku medju tal-iżball f'X (root mean square error in X)" (RMSE-x) u "valur kwadratiku medju tal-iżball f'Y (root mean square error in Y)" (RMSE-y) għandu jiġi pprovdut flimkien meta jintuża sabiex tiġi vvalutata l-pożizzjoni tad-dejta f'forma ta' grilja tad-dejta ta' ortoimmaġnijiet.

3.6. **Saffi**

Saffi għat-tema ta' dejta ġeografika Ortoimmaġnijiet

Isem is-Saff	Titlu tas-Saff	Tip ta' oġġett ġeografiku
OI.OrthoimageCoverage	kopertura ta' ortoimmaġni	OrthoimageCoverage
OI.MosaicElement	element ta' mużajk	MosaicElement

4. ĠEOLOĠIJA

4.1. **Struttura tat-Tema ta' Dejta Ġeografika Ġeoloġija**

It-tipi speċifikati għat-tema ta' dejta ġeografika Ġeoloġija huma strutturati fil-pakketti li ġejjin:

— Ġeoloġija

— Ġeofiżika (Geophysics)

— Idroġeoloġija (Hydrogeology)

4.2. **Ġeoloġija**

4.2.1. *Tipi ta' oġġetti ġeografiċi*

Il-pakkett Ġeoloġija fih it-tipi ta' oġġetti ġeografiċi li ġejjin:

— Karatteristika Ġeomorfoloġika Antropoġenika (Anthropogenic Geomorphologic Feature)

▼M2

— Borehole

— Tinja (Fold)

— Ġabra Ġeoloġika (Geologic Collection)

— Avveniment Ġeoloġiku (Geologic Event)

— Karatteristika Ġeoloġika (Geologic Feature)

— Struttura Ġeoloġika (Geologic Structure)

— Unità Ġeoloġika (Geologic Unit)

— Karatteristika Ġeomorfoloġika (Geomorphologic Feature)

— Karatteristika Mmappjata (Mapped Feature)

— Intervall Immappjat (Mapped Interval)

— Karatteristika Ġeomorfoloġika Naturali (Natural Geomorphologic Feature)

— Struttura ta' Spostament minħabba Tagħfis minn Pressjoni (Shear) (Shear Displacement Structure)

4.2.1.1. Karatteristika Ġeomorfoloġika Antropoġenika (AnthropogenicGeomorphologicFeature)

Karatteristika ġeomorfoloġika (jiġifieri, fattizzi naturali tas-superfiċje tal-art) li nħolqot permezz tal-attività tal-bniedem.

Dan it-tip huwa subtip ta' GeomorphologicFeature.

Attributi tat-tip ta' oġġett ġeografiku AnthropogenicGeomorphologicFeature

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
anthropogenicGeomorphologicFeatureType	Termini li jiddeskrivu t-tip ta' karatteristika ġeomorfoloġika.	AnthropogenicGeomorphologicFeatureTypeValue	

4.2.1.2. Spiera (Borehole)

Spiera hija t-terminu ġeneralizzat għal kwalunkwe xaft dejjaq imħaffer fl-art.

Attributi tat-tip ta' oġġett ġeografiku Borehole

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
inspireId	Identifikatur ta' oġġett estern tal-oġġett ġeografiku.	Identifier	
boreholeLength	Id-distanza tul spiera.	Quantity	voidable
elevation	L-għoli vertikali 'l fuq mid-datum tal-bokka tal-ispiera.	DirectPosition	voidable
location	Il-post fejn tinsab il-bokka tal-ispiera.	GM_Point	
purpose	L-iskop għaliex tħaffret l-ispiera.	BoreholePurposeValue	voidable
downholeGeometry	Il-ġeometrija tat-toqba mħaffra (downhole) tal-ispiera	GM_Curve	voidable

▼M2

Rwoli ta' assoċjazzjoni tat-tip ta' oġġett ġeografiku Borehole

Rwol ta' assoċjazzjoni	Definizzjoni	Tip	Voidability
logElement	L-istanzi 1-D ta' MappedFeature li huma intervalli rreġistrati (interpretati) fi ħdan spiera.	MappedInterval	voidable

4.2.1.3. Tinja (Fold)

Saff ikkurvat, superfiċje kkurvata, jew linja kkurvata b'mod sistematiku wieħed jew iktar f'korp ta' blat.

Dan it-tip huwa subtip ta' GeologicStructure.

Attributi tat-tip ta' oġġett ġeografiku Fold

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
profileType	It-tip tat-tinja.	FoldProfileTypeValue	voidable

4.2.1.4. Ġabra Ġeoloġika (GeologicCollection)

Ġabra ta' oġġetti ġeoloġiċi jew ġeofiżiċi.

Attributi tat-tip ta' oġġett ġeografiku GeologicCollection

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
inspireId	Identifikatur ta' oġġett estern tal-oġġett ġeografiku.	Identifier	
name	L-isem tal-ġabra.	CharacterString	
collectionType	It-tip tal-ġabra.	CollectionTypeValue	
reference	Referenza għall-ġabra.	DocumentCitation	voidable
beginLifespanVersion	Id-data u l-ħin li fihom din il-verżjoni tal-oġġett ġeografiku ddaħħlet jew tbiddlet fis-sett ta' dejta ġeografika.	DateTime	voidable
endLifespanVersion	Id-data u l-ħin li fihom din il-verżjoni tal-oġġett ġeografiku ġiet sostitwita jew irtirata fis-sett ta' dejta ġeografika.	DateTime	voidable

Rwoli ta' assoċjazzjoni tat-tip ta' oġġett ġeografiku GeologicCollection

Rwol ta' assoċjazzjoni	Definizzjoni	Tip	Voidability
geophObjectSet	Membru GeophObjectSet tal-ġabra ġeoloġika.	GeophObjectSet	voidable
geophObjectMember	GeophObjectMember tal-ġabra ġeoloġika.	GeophObject	voidable
boreholeMember	Membru Borehole ta' ġabra ġeoloġika.	Borehole	voidable

▼M2

Rwol ta' assoċjazzjoni	Definizzjoni	Tip	Voidability
mapMember	Membru MappedFeature ta' ġabra ġeoloġika.	MappedFeature	voidable

4.2.1.5. Avveniment Ġeoloġiku(GeologicEvent)

Avveniment identifikabbli li matulu proċess ġeoloġiku wieħed jew iktar jaġixxi sabiex jimmodifika entitajiet ġeoloġiċi.

Attributi tat-tip ta' oġġett ġeografiku GeologicEvent

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
name	L-isem tal-avveniment ġeoloġiku.	CharacterString	voidable
eventEnvironment	L-ambjent fiżiku li fih iseħħ l-avveniment ġeoloġiku.	EventEnvironmentValue	voidable
eventProcess	Il-proċess li seħħ jew il-proċessi li seħħew waqt l-avveniment ġeoloġiku.	EventProcessValue	voidable
olderNamedAge	L-eqdem limitu tal-era tal-avveniment ġeoloġiku.	GeochronologicEraValue	voidable
youngerNamedAge	L-iktar limitu reċenti tal-era tal-avveniment ġeoloġiku.	GeochronologicEraValue	voidable

4.2.1.6. Karatteristika Ġeoloġika (GeologicFeature)

Karatteristika ġeoloġika kunċettwali li qed jiġi ipotizzat li teżisti b'mod koerenti fid-dinja.

Dan it-tip huwa astratt.

Attributi tat-tip ta' oġġett ġeografiku GeologicFeature

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
inspireId	Identifikatur ta' oġġett estern tal-oġġett ġeografiku.	Identifier	
name	L-isem tal-karatteristika ġeoloġika.	CharacterString	voidable

Rwoli ta' assoċjazzjoni tat-tip ta' oġġett ġeografiku GeologicFeature

Rwol ta' assoċjazzjoni	Definizzjoni	Tip	Voidability
themeClass	Klassifikazzjoni tematika tal-karatteristika ġeoloġika.	ThematicClass	voidable
geologicHistory	Assoċjazzjoni li tirrelata avveniment ġeoloġiku wieħed jew iktar ma' karatteristika ġeoloġika sabiex tiġi deskritta l-età jew l-istorja ġeoloġika tiegħu jew tagħhom.	GeologicEvent	voidable

▼M2

4.2.1.7. Struttura Ġeoloġika (GeologicStructure)

Konfigurazzjoni ta' materja fid-Dinja bbażata fuq nuqqas ta' omoġeneità, disinn jew frattura deskrivibbli f'materjal tad-Dinja.

Dan it-tip huwa subtip ta' GeologicFeature.

Dan it-tip huwa astratt.

4.2.1.8. Unità Ġeoloġika (GeologicUnit)

Volum ta' blat b'karatteristiċi distinti.

Dan it-tip huwa subtip ta' GeologicFeature.

Attributi tat-tip ta' oġġett ġeografiku GeologicUnit

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
geologicUnitType	It-tip tal-unità ġeoloġika.	GeologicUnitTypeValue	

Rwoli ta' assoċjazzjoni tat-tip ta' oġġett ġeografiku GeologicUnit

Rwol ta' assoċjazzjoni	Definizzjoni	Tip	Voidability
composition	Tiddeskrivi l-kompożizzjoni tal-unità ġeoloġika.	CompositionPart	voidable

4.2.1.9. Karatteristika Ġeomorfoloġika (GeomorphologicFeature)

Tip ta' oġġett ġeografiku astratt li jiddeskrivi l-forma u n-natura tas-superfiċje tal-art tad-Dinja (jiġifieri, il-fattizzi naturali tas-superfiċje tal-art).

Dan it-tip huwa subtip ta' GeologicFeature.

Dan it-tip huwa astratt.

4.2.1.10. Karatteristika Mmappjata (MappedFeature)

Rappreżentazzjoni ġeografika ta' GeologicFeature.

Attributi tat-tip ta' oġġett ġeografiku MappedFeature

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
shape	Il-ġeometrija tal-karatteristika mmappjata.	GM_Object	
mappingFrame	Is-superfiċje li fuqha tiġi projettata l-karatteristika mmappjata.	MappingFrameValue	

Rwoli ta' assoċjazzjoni tat-tip ta' oġġett ġeografiku MappedFeature

Rwol ta' assoċjazzjoni	Definizzjoni	Tip	Voidability
specification	Assoċjazzjoni ta' deskrizzjoni li tikkollega l-karatteristika mmappjata ma' karatteristika ġeoloġika nozzjonali.	GeologicFeature	

▼M2

4.2.1.11. Intervall Immappjat (MappedInterval)

Tip speċjali ta' karatteristika mmappjata li l-forma tagħha huwa intervall 1-D u li tuża s-sistema ta' referenza ġeografika tal-ispiera kontenitriċi.

Dan it-tip huwa subtip ta' MappedFeature.

4.2.1.12. Karatteristika Ġeomorfoloġika Naturali (NaturalGeomorphologicFeature)

Karatteristika ġeomorfoloġika (jiġifieri, il-fattizzi naturali tas-superfiċje tal-art) li nħolqot permezz ta' proċessi dinjija naturali.

Dan it-tip huwa subtip ta' GeomorphologicFeature.

Attributi tat-tip ta' oġġett ġeografiku NaturalGeomorphologicFeature

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
naturalGeomorphologicFeatureType	It-tip tal-karatteristika ġeomorfoloġika naturali.	NaturalGeomorphologicFeatureTypeValue	
activity	Il-livell ta' attività tal-karatteristika ġeomorfoloġika naturali.	GeomorphologicActivityValue	voidable

4.2.1.13. Struttura ta' Spostament minħabba Tagħfis minn Pressjoni (Shear) (ShearDisplacementStructure)

Strutturi bi stil minn fraġli għal duttili li matulhom ikun seħħ spostament.

Dan it-tip huwa subtip ta' GeologicStructure.

Attributi tat-tip ta' oġġett ġeografiku ShearDisplacementStructure

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
faultType	Tirreferi għal vokabularju ta' termini li jiddeskrivu t-tip ta' struttura ta' spostament minħabba tagħfis minn pressjoni (shear).	FaultTypeValue	

4.2.2. *Tipi ta' dejta*

4.2.2.1. Parti minn Kompożizzjoni (CompositionPart)

Il-kompożizzjoni ta' unità ġeoloġika f'termini ta' kostitwenti litoloġiċi.

Attributi tat-tip ta' dejta CompositionPart

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
material	Il-materjal li jikkostitwixxi parti mill-unità ġeoloġika jew l-unità kollha.	LithologyValue	
proportion	Kwantità li tispeċifika l-frazzjoni tal-unità ġeoloġika komposta mill-materjal.	QuantityRange	voidable
role	Ir-relazzjoni tal-parti minn kompożizzjoni mal-kompożizzjoni tal-unità ġeoloġika kollha.	CompositionPartRoleValue	

▼M2

4.2.2.2. Klassi Tematika (ThematicClass)

Klassifikatur tematiku ġeneriku li jippermetti r-riklassifikazzjoni ta' Karatteristiċi Ġeoloġiċi permezz ta' klassijiet iddefiniti mill-utent li jkunu adattati għal mapep tematiċi.

Attributi tat-tip ta' dejta ThematicClass

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
themeClass	Il-valur tal-klassi tematika.	ThematicClassValue	
themeClassification	Il-klassifikazzjoni użata	ThematicClassificationV-alue	

4.2.3. *Listi ta' kodiċijiet*

4.2.3.1. Tip ta' Karatteristika Ġeomorfoloġika Antropoġenika (AnthropogenicGeomorphologicFeatureTypeValue)

Tipi ta' karatteristiċi ġeomorfoloġiċi antropoġeniċi.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu l-valuri speċifikati fit-tabella ta' hawn taħt u valuri addizzjonali fuq kwalunkwe livell iddefiniti mill-fornituri tad-dejta.

Valuri għal-lista ta' kodiċijiet AnthropogenicGeomorphologicFeatureTypeValue

Valur	Isem	Definizzjoni
artificialCollapsedDepression	depressjoni mġarrfa artifiċjali	Baċin ta' tiġrif (collapse basin), ġeneralment depressjoni magħluqa, li huwa r-riżultat dirett ta' ċediment surfiċjali assoċjat ma' tħaffir f'minjiera jew ma' tħaffir għal mina fis-sottosuperfiċje.
artificialDrainage	skular artifiċjali	Netwerk magħmul mill-bniedem mibni primarjament sabiex ibaxxi jew jikkontrolla l-water-table (is-saff taħt l-art li taħtu l-art hija saturata bl-ilma) lokali.
artificialLevee	moll artifiċjali	Imbankment artifiċjali mibni tul ix-xatt ta' kanal tal-ilma jew ta' bajja sabiex jipproteġi l-art minn inondazzjoni jew sabiex jikkonfina l-fluss ta' xmajra għall-kanal tagħha.
dredgedChannel	kanal imħammel	Żona ta' ilma fond bejn wieħed u ieħor lineari fformata minn operazzjoni ta' tħammil għal finijiet ta' navigazzjoni
dump	post ta' rimi ta' skart (dump)	Żona ta' akkumulazzjonijiet jew ta' munzelli lixxi jew irregolari ta' skart ta' blat, ta' materjal tal-ħamrija jew ta' skart ġenerali li mingħajr reklamazzjoni sinifikanti ma tkunx tista' ssostni l-pjanti.
fill	Mili	Depożiti mibnija mill-bniedem ta' materjali tad-Dinja naturali u/jew ta' materjali ta' skart użati għall-mili ta' depressjoni, għall-estensjoni tal-art ta' plajja f'korp ta' ilma, jew għall-bini ta' digi.
impactCraterAnthropogenic	kratier ta' impatt (antropoġeniku)	Depressjoni ġeneralment ċirkulari jew ellittika fformata mill-impatt iperveloċi ta' projettili sperimentali jew ta' artillerija f'materjal tal-ħamrija jew tal-blat.

▼M2

Valur	Isem	Definizzjoni
landfillSite	sit ta' miżbla	Sit għar-rimi tal-iskart użat għad-depożitu kkontrollat tal-iskart fuq jew fl-art.
levelledLand	art livellata	Żona ta' art, ġeneralment għalqa, li tkun ġiet iċċattjata jew imwittja mekkanikament sabiex jiġu ffaċilitati prattiki ta' ġestjoni bħat-tisqija b'għargħar (flood irrigation).
openpitMine	minjiera miftuħa (openpit mine)	Depressjoni relattivament kbira li tirriżulta mill-iskavar ta' materjal u mir-ridistribuzzjoni tal-overburden (materjal sovrastanti depożitu minerali utli) assoċjat ma' operazzjonijiet ta' tħaffir f'minjiera surfiċjali.
pit	fossa	Depressjoni, foss jew fossa skavata sabiex tipprovdi żrar, ramel jew materjali oħrajn għat-toroq jew għal finijiet ta' kostruzzjoni oħrajn; tip ta' borrow pit (fossa maħluqa sabiex tipprovdi materjal li jista' jintuża bħala mili f'sit ieħor.
quarry	barriera	Żoni ta' skavaar, fil-miftuħ, ġeneralment għall-estrazzjoni tal-ġebel.
reclaimedLand	art reklamata	Żona ta' art komposta minn materjal tal-ħamrija għall-mili li tqiegħed u ngħata forma sabiex bejn wieħed u ieħor ikollu kontorni naturali, ġeneralment parti minn sforzi għal reklamazzjoni ta' art wara operazzjonijiet ta' tħaffir f'minjiera. Jew żona ta' art, ġeneralment taħt wiċċ l-ilma fl-istat nativ tagħha, li ġie protetta bi strutturi artifiċjali u li l-ilma ġie skulat minnha għal finijiet agrikoli jew ta' xorta oħra.
reservoirLake	lag ta' riżerva (reservoir lake)	Korp intern tal-ilma qiegħed b'mod permanenti, ġeneralment tal-ilma ħelu, li jokkupa depressjoni fis-superfiċje tad-Dinja magħluq b'diga.
spoilBank	bank ta' skart (materjal) tal-barrieri (spoil bank)	Bank, borġ jew akkumulazzjoni artifiċjali oħra ta' fdal ta' blat u depożiti ta' materjal tal-ħamrija f'postijiet ta' rimi ta' skart mneħħija minn fossijiet, minn strip mines (minjieri miftuħa, speċjalment tal-faħam, li l-vini jew is-saffi ta' blat mikxufa tagħhom ikunu qrib il-livell tal-art u jiġu esposti meta jitneħħew is-saff ta' fuq tal-ħamrija u l-overburden jew skavi oħrajn.
subsidenceAreaAnthropogenic	żona ta' ċediment (antropoġenika)	Żona soġġetta għal proċess ta' ċediment ikkawżat minn attivitajiet antropoġeniġi, pereżempju t-tħaffir ta' minjiera fis-sottosuperfiċje, it-tħaffir għal mina jew il-produzzjoni ta' idrokarburi jew ta' ilma ta' taħt l-art.

4.2.3.2. Skop ta' Spiera (BoreholePurposeValue)

Il-finijiet għaliex tħaffret spiera.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu l-valuri speċifikati fit-tabella ta' hawn taħt u valuri addizzjonali fuq kwalunkwe livell iddefiniti mill-forniturі tad-dejta.

Din il-lista ta' kodiċijiet hija ġerarkika.

Valuri għal-lista ta' kodiċijiet BoreholePurposeValue

Valur	Isem	Definizzjoni	Parent
geologicalSurvey	stħarriġ ġeoloġiku	Eżami ġenerali tal-entitajiet ġeoloġiċi ta' żona.	

▼M2

Valur	Isem	Definizzjoni	Parent
explorationExploitationRawMaterial	esplorazzjoni u esplojtazzjoni ta' materja prima	L-iskoperta u l-identifikazzjoni ta' riżorsi minerali, inkluża l-valutazzjoni tal-importanza tagħhom u l-evalwazzjoni tal-potenzjal ekonomiku tagħhom.	
explorationExploitationEnergyResources	esplorazzjoni u esplojtazzjoni tar-riżorsi tal-enerġija	Eżami tas-sottosuperfiċje fir-rigward tad-disponibbiltà tar-riżorsi tal-enerġija fossili u tal-ippjanar biex jiġu estratti.	
hydrocarbonProduction	produzzjoni ta' idrokarburi	Produzzjoni ta' żejt mhux maħdum (petroleum) u/jew ta' gass miż-żejt mhux maħdum.	explorationExploitationRawMaterial
hydrocarbonExploration	esplorazzjoni għal idrokarburi	Espolorazzjoni f'żona mhux ipprovata sabiex isiru testijiet għal art ġdida fejn jinsabu l-idrokarburi, għal ġibjun ġdid li fih idrokarburi li jistgħu jiġu rkuprati b'mod ekonomiku (pay), għal ġibjun iktar fond jew għal ġibjun iktar baxx.	explorationExploitationRawMaterial
hydrocarbonAppraisal	valutazzjoni ta' idrokarburi	Valutazzjoni tal-karatteristiċi ta' akkumulazzjoni pprovata ta' idrokarburi.	explorationExploitationRawMaterial
geothermalEnergy	skambjaturi ta' enerġija ġeotermali, ta' sħana ġeotermali	Esplorazzjoni relatata mal-użu ta' riżorsi ta' enerġija ġeotermali u mad-disinn ta' pompi tas-sħana ġeotermali.	explorationExploitationRawMaterial
heatStorage	ħżin ta' sħana	Bir sabiex taħt l-art ikun jista' jintuża biex tinħażen is-sħana.	geothermalEnergy
mineralExplorationExtraction	esplorazzjoni għal u estrazzjoni ta' minerali	Bir imħaffer sabiex jiġu lokalizzati u/jew jiġu estratti riżorsi minerali mis-sottosuperfiċje, ġeneralment permezz tal-injezzjoni u/jew tal-estrazzjoni ta' fluwidi li jkunu mimlijin bil-minerali.	explorationExploitationRawMaterial
explorationExploitationNonmetallicMineralDeposits	esplorazzjoni u esplojtazzjoni ta' depożiti ta' minerali mhux metalliċi	Prospettar fir-rigward tad-disponibbiltà u l-ippjanar għat-tħaffir għal depożiti ta' minerali mhux metalliċi prinċipalment għal finijiet ta' kostruzzjoni, għal ġebel għall-bini, għall-industrija tas-siment u taċ-ċeramika jew tal-ħġieġ.	explorationExploitationRawMaterial
disposal	rimi	Bir, ta' spiss bir taż-żejt jew tal-gass imbattal, li fih jistgħu jiġu injettati fluwidi ta' skart sabiex jintremew b'mod sikur.	
explorationNaturalUndergroundStorage	esplorazzjin ta' spazju naturali ta' taħt l-art għal ħżin	Eżami tal-kapaċità tas-sottosuperfiċje li taħżen diversi materjali.	
waterSupply	provvista tal-ilma	Provvista tal-ilma b'mod ġenerali.	
drinkingWaterSupply	provvista ta' ilma tajjeb għax-xorb	Il-bini ta' bjar għal ilma tajjeb għax-xorb.	waterSupply

▼M2

Valur	Isem	Definizzjoni	Parent
industrialWaterSupply	provvista ta’ ilma industrijali	Il-bini ta’ bjar għal provvista ta’ ilma industrijali.	waterSupply
aquaculture	aquaculture	Biex jiġi pprovdut ilma għal finijiet ta’ akkwakultura.	waterSupply
irrigation	tisqija	Il-bini ta’ bjar għal finijiet ta’ tisqija.	waterSupply
emergencyWaterSupply	provvista ta’ ilma ta’ emerġenza	Il-bini ta’ bjar għal provvista ta’ ilma ta’ emerġenza.	waterSupply
contingencyWaterSupply	provvista ta’ ilma ta’ kontinġenza	Provvista ta’ ilma ta’ riżerva f’każ ta’ nuqqas ta’ ilma.	waterSupply
geophysicalSurvey	stħarriġ ġeofiżiku	Eżami tal-proprjetajiet ġeofiżiċi tas-sottosuperfiċje.	
shotHole	shot hole (toqba mħaffra fejn jitqiegħdu splussivi qabel id-detonazzjoni)	B’rabta ma’ stħarriġ sismiku splussivi jitqiegħdu f’shot holes (toqob imħaffra fejn jitqiegħu l-isplussivi qabel id-detonazzjoni).	geophysicalSurvey
flowingShot	flowing shot	Flowing shot hole hija toqba mħaffra għal finijiet sismiċi li tkun daħlet fuq għajn ta’ ilma ta’ taħt l-art li jkollha biżżejjed pressjoni li twassal biex it-toqba “tfur”.	shotHole
hydrogeologicalSurvey	stħarriġ idroġeoloġiku, ġestjoni tal-ilma	Eżami tal-fluss tal-ilma ta’ taħt l-art, tal-proprjetajiet kimiċi tal-ilma ta’ taħt l-art u tat-trasport ta’ partiċelli, ta’ soluti u tal-enerġija kif ukoll il-ġestjoni tal-użu sostenibbli tar-riżorsi tal-ilma ta’ taħt l-art.	
geotechnicalSurvey	stħarriġ ġeotekniku, karatterizzazzjoni ta’ sit ta’ kostruzzjoni	Investigazzjonijiet ġeotekniċi mwettqa sabiex tinkiseb informazzjoni dwar il-proprjetajiet fiżiċi u mekkaniċi tal-ħamrija u tal-blat madwar sit sabiex jitfasslu xogħlijiet tal-art u sisien għall-istrutturi proposti u għat-tiswija ta’ deterjorazzjoni fix-xogħlijiet tal-art u fl-istrutturi kkawżata minn kundizzjonijiet tas-sottosuperfiċje.	
geochemicalSurvey	stħarriġ, analiżijiet ġeokimiċi	Eżami tal-proprjetajiet kimiċi tal-formazzjoni tal-blat u/jew tal-porożità tal-fluwidi.	
pedologicalSurvey	stħarriġ pedoloġiku	Investigazzjoni sabiex jiġu kkaratterizzati t-tipi ta’ ħamrija	
environmentalMonitoring	monitoraġġ ambjentali	Monitoraġġ tal-kimika tal-ilma ta’ taħt l-art u tal-livell tal-ilma ta’ taħt l-art.	
pollutionMonitoring	monitoraġġ tat-tniġġis	Monitoraġġ ta’ siti magħrufa ta’ tniġġis.	environmentalMonitoring

▼**M2**

Valur	Isem	Definizzjoni	Parent
waterQualityMonitoring	monitoraġġ tal-kwalità tal-ilma	Monitoraġġ sabiex jiġu vvalutati n-natura u d-distribuzzjoni tal-inkwinanti u tal-kontaminanti fl-ilma ta' taħt l-art; in-natura u d-distribuzzjoni ta' kostitwenti kimiċi naturali; il-kundizzjonijiet idroloġiċi tas-sottosuperfiċje u l-proprjetajiet idrawliċi tal-istrati hekk kif jirrelataw mal-moviment tal-inkwinanti u tal-kontaminanti.	environmentalMonitoring
groundwaterLevelMonitoring	monitoraġġ tal-livell tal-ilma ta' taħt l-art	Il-kostruzzjoni ta' gejġ biex jiġu rreġistrati l-bidliet fil-livell tal-ilma ta' taħt l-art.	environmentalMonitoring
dewatering	deidratazzjoni	Id-deidratazzjoni hija t-tneħħija tal-ilma minn materjal solidu jew mill-ħamrija permezz ta' klassifikazzjoni fl-imxarrab (wet classification), ċentrifugazzjoni, filtrazzjoni jew proċessi simili għas-separazzjoni tas-solidi mil-likwidi. It-tneħħija jew l-iskular tal-ilma minn qiegħ ta' xmara, minn sit ta' kostruzzjoni, minn kaxxun jew minn xaft ta' minjiera, permezz ta' ppumpjar jew evaporazzjoni.	
mitigation	mitigazzjoni	It-tbaxxija tal-livell tal-ilma ta' taħt l-art sabiex ma jitħalliex li l-water-table (is-saff taħt l-art li taħtu l-art hija saturata bl-ilma) tasal f'siti inkwinati.	deidratazzjoni
remediation	remediation	Rimedjazzjoni b'mod ġenerali. It-tneħħija ta' tniġġis jew ta' kontaminanti mill-ilma ta' taħt l-art, mill-ħamrija u minn blat ieħor.	
thermalCleaning	traxxix, tindif termali	Xorta ta' rimedjazzjoni. Tindif fil-post tal-ħamrija permezz ta' sħana jew fwar.	remediation
recharge	risanament	(a) Bjar għar-Risanament tal-Akwiferi (Aquifer Recharge Wells): Użati għar-risanament ta' akkwiferi mbattla bl-injezzjoni ta' ilma minn għadd ta' għejjun bħal lagi, xmajriet, impjanti tat-trattament tal-ilma mormi domestiku, akwiferi oħrajn, eċċ. (b) Bjar bħala Barriera għall-Intrużjoni tal-Ilma Mielaħ (Saline Water Intrusion Barrier Wells): Użati għall-injezzjoni ta' ilma f'akwiferi tal-ilma ħelu sabiex tkun ipprevenuta l-intrużjoni ta' ilma mielaħ f'akwiferi tal-ilma ħelu. (c) Bjar għall-Kontroll taċ-Ċedimenti (Subsidence Control Wells): Użati għall-injezzjoni ta' fluwidi f'żona li ma tipproduċix żejt jew gass sabiex jitnaqqsu jew jiġu eliminati ċ-ċedimenti tal-art assoċjati ma' estrazzjoni iktar milli jkun għaqli (overdrafting) ta' ilma ħelu.	

▼M2

4.2.3.3. Tip ta’ Ġabra (CollectionTypeValue)

Tipi ta’ ġabriet ta’ oġġetti ġeoloġiċi u ġeofiżiċi.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta’ kodiċijiet jinkludu l-valuri speċifikati fit-tabella ta’ hawn taħt u valuri addizzjonali fuq kwalunkwe livell iddefiniti mill-forniturituri tad-dejta.

Valuri għal-lista ta’ kodiċijiet CollectionTypeValue

Valur	Isem	Definizzjoni
boreholeCollection	ġabra ta’ spieri	Ġabra ta’ spieri
geologicalModel	mudell ġeoloġiku	Ġabra ta’ oġġetti għal mudell ġeografiku ġeoloġiku 3D
geologicalMap	mappa ġeoloġika	Ġabra ta’ karatteristiċi għal mappa ġeoloġika li tiddeskrivi unitajiet ġeoloġiċi, strutturi, karatteristiċi ġeomorfoloġiċi, eċċ.
geophysicalObjectCollection	ġabra ta’ oġġetti ġeofiżiċi	Ġabra ta’ oġġetti ġeofiżiċi

4.2.3.4. Rwol ta’ Parti minn Kompożizzjoni (CompositionPartRoleValue)

Ir-rwoli li jkollha parti minn kompożizzjoni f’unità ġeoloġika.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta’ kodiċijiet jinkludu l-valuri speċifikati fit-tabella ta’ hawn taħt u valuri addizzjonali fuq kwalunkwe livell iddefiniti mill-forniturituri tad-dejta.

Din il-lista ta’ kodiċijiet hija ġerarkika.

Valuri għal-lista ta’ kodiċijiet CompositionPartRoleValue

Valur	Isem	Definizzjoni	Parent
onlyPart	parti unika	Unità deskritta kollha li tikkonsisti f’parti waħda jew f’kostitwent wieħed.	
partOf	parti minn	Ir-rwol ta’ parti minn unità ġeoloġika mhuwiex magħruf f’iktar dettall.	
facies	facies	Tirrappreżenta korp partikolari ta’ blat li huwa varjant laterali ta’ unità litostratigrafika, jew varjant ta’ unità litodemika.	partOf
inclusion	inklużjoni	Kostitwent ta’ unità ġeoloġika li jkun preżenti bħala mases b’limiti ġeneralment ċari magħluq fi ħdan matriċi ta’ xi materjal ieħor.	partOf
lithosome	litożoma	Tip ta’ korp ta’ blat li jkollu okkorrenzi multipli f’unità ġeoloġika waħda. Massa ta’ blat b’karattru uniformi, ikkaratterizzata minn ġeometrija, kompożizzjoni u struttura interna.	partOf

▼M2

Valur	Isem	Definizzjoni	Parent
stratigraphicPart	parti stratigrafika	Parti minn unità ġeoloġika li tokkupa pożizzjoni stratigrafika partikolari fi ħdan unità ġeoloġika.	partOf
unspecifiedPartRole	rwol ta' parti mhux speċifikat	Parti minn unità ġeoloġika bi rwol mhux speċifikat.	partOf

4.2.3.5. Ambjent ta' Avveniment (EventEnvironmentValue)

Termini għall-ambjenti ġeoloġiċi fejn iseħħu avvenimenti ġeoloġiċi.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu l-valuri speċifikati fit-tabella ta' hawn taħt u valuri addizzjonali fuq kwalunkwe livell iddefiniti mill-fornituri tad-dejta.

Il-fornituri tad-dejta jistgħu jużaw ukoll il-valuri idjaq speċifikati għal din il-lista ta' kodiċijiet fid-dokument ta' Gwida Teknika tal-INSPIRE dwar Ġeoloġija.

Valuri għal-lista ta' kodiċijiet EventEnvironmentValue

Valur	Isem	Definizzjoni
earthInteriorSetting	ambjent intern tad-Dinja	Ambjenti ġeoloġiċi fi ħdan id-Dinja solida.
earthSurfaceSetting	ambjent tas-superfiċje tad-Dinja	Ambjenti ġeoloġiċi fis-superfiċje tad-Dinja solida.
extraTerrestrialSetting	ambjent ekstraterrestri	Materjal li jaf l-oriġini tiegħu barra mid-Dinja jew mill-atmosfera tagħha.
tectonicallyDefinedSetting	ambjent iddefinit tettonikament	Ambjent iddefinit permezz ta' relazzjonijiet mal-pjattaformi tettoniċi fuq jew fid-Dinja.

4.2.3.6. Proċess ta' Avveniment (EventProcessValue)

Termini li jispeċifikaw il-proċess jew il-proċessi li seħħ jew seħħew waqt avveniment.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu l-valuri speċifikati fit-tabella ta' hawn taħt u valuri addizzjonali fuq kwalunkwe livell iddefiniti mill-fornituri tad-dejta.

Il-fornituri tad-dejta jistgħu jużaw ukoll il-valuri idjaq speċifikati għal din il-lista ta' kodiċijiet fid-dokument ta' Gwida Teknika tal-INSPIRE dwar Ġeoloġija.

Valuri għal-lista ta' kodiċijiet EventProcessValue

Valur	Isem	Definizzjoni
bolideImpact	impatt ta' bolide	L-impatt ta' korp ekstraterrestri mas-superfiċje tad-Dinja.
deepWaterOxygenDepletion	tnaqqis ta' ossiġnu mill-ilma fond	Proċess ta' tneħħija tal-ossiġnu mill-parti fonda ta' korp ta' ilma.

▼M2

Valur	Isem	Definizzjoni
deformation	deformazzjoni	Moviment ta' korpi ta' blat permezz ta' spostament fuq żoni ta' kisriet ġeoloġiċi jew ta' tagħfis minn pressjoni (shear) jew bidla fil-forma ta' korp ta' materjal tad-dinja.
diageneticProcess	proċess dijaġenetiku	Kwalunkwe proċess kimiku, fiżiku jew bijoloġiku li jaffettwa materjal tad-dinja sedimentarju wara d-depożizzjoni inizjali, u waqt jew wara l-litifikazzjoni, għajr it-tagħwir minħabba l-kundizzjonijiet tat-temp u l-metamorfiżmu.
extinction	estinzjoni	Proċess ta' għajbien ta' speċi jew ta' grupp tassonomiku ogħla, tant li la jibqa' jeżisti f'x'imkien u lanqas fir-rekord fossili sussegwenti.
geomagneticProcess	proċess ġeomanjetiku	Proċess li jirriżulta f'bidla fil-kamp manjetiku tad-Dinja.
humanActivity	attività tal-bniedem	Proċessi ta' modifikazzjoni tad-Dinja mill-bniedem sabiex jiġu prodotti karatteristiċi ġeoloġiċi.
magmaticProcess	proċess magmatiku	Proċess li jinvolvi blat maħlul (magma).
metamorphicProcess	proċess metamorfiku	Aġġustament mineraloġiku, kimiku u strutturali ta' blat solidu għal kundizzjonijiet fiżiċi u kimiċi li jkunu differenti mill-kundizzjonijiet li fihom ikun ra l-oriġini tiegħu l-blat inkwistjoni, u ġeneralment jiġi impost fil-fond, taħt iż-żoni tas-superfiċje tat-tagħwir minħabba l-kundizzjonijiet tat-temp u tas-simentazzjoni.
seaLevelChange	bidla fil-livell tal-baħar	Proċess ta' tibdil tal-livell medju tal-baħar meta pparagunat ma' xi datum.
sedimentaryProcess	proċess sedimentarju	Fenomenu li jbiddel id-distribuzzjoni jew il-proprjetajiet fiżiċi ta' sediment fis-superfiċje tad-Dinja jew qrib is-superfiċje tad-Dinja.
speciation	speċjazzjoni	Proċess li jwassal biex tifaċċa speċi ġdida.
tectonicProcess	proċess tettoniku	Proċessi relatati mal-interazzjoni bejn jew mad-deformazzjoni ta' pjattaformi riġidi li jifformaw il-qoxra tad-Dinja.
weathering	tagħwir minħabba l-kundizzjonijiet tat-temp	Il-proċess jew il-grupp ta' proċessi li permezz tiegħu jew tagħhom il-materjali tad-Dinja esposti għal aġenti atmosferiċi fis-superfiċje tad-Dinja jew qrib is-superfiċje tad-Dinja jitbiddlilhom il-kulur, il-konsistenza, il-kompożizzjoni, l-ebusija jew il-forma tagħhom, bi ftit trasport jew bl-ebda trasport tal-materjal maħlul jew alterat. Il-proċessi tipikament jinkludu l-ossidazzjoni, l-idratazzjoni u l-lissija ta' kostitwenti li jinħallu.

4.2.3.7. Tip ta' Kisra Ġeoloġika (FaultTypeValue)

Termini li jiddeskrivu t-tip ta' struttura ta' spostament minħabba tagħfis minn pressjoni (shear).

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu l-valuri speċifikati fit-tabella ta' hawn taħt u valuri addizzjonali fuq kwalunkwe livell iddefiniti mill-forniturі tad-dejta.

Il-forniturі tad-dejta jistgħu jużaw ukoll il-valuri idjaq speċifikati għal din il-lista ta' kodiċijiet fid-dokument ta' Gwida Teknika tal-INSPIRE dwar Ġeoloġija.

▼**M2**

Din il-lista ta' kodiċijiet hija ġerarkika.

Valuri għal-lista ta' kodiċijiet FaultTypeValue

Valur	Isem	Definizzjoni	Parent
fault	fault	Superfiċje diskreta jew żona ta' superfiċji diskreti, xi ftit ħoxna, li tissepara żewġ mases ta' blat fejn massa minnhom tkun iżżerżqet fuq l-oħra.	
extractionFault	kisra ġeoloġika ta' estrazzjoni (extraction fault)	Kisra ġeoloġika li ż-żewġ naħat tagħha jkunu avviċinaw b'mod sostanzjali lil xulxin fid-direzzjoni perpendikulari għall-kisra ġeoloġika.	fault
highAngleFault	kisra ġeoloġika b'angolu għoli (high angle fault)	Kisra ġeoloġika li tinżel mill-inqas 45 grad fuq iktar minn nofs il-firxa rikonoxxuta tagħha, fejn is-slip (moviment relattiv tal-karatterstika ġeoloġika preżenti fuq kwalunkwe naħa ta' pjan ta' kisra ġeoloġika) jew is-separazzjoni tagħha ma tiġix speċifikata b'mod espliċitu.	fault
lowAngleFault	kisra ġeoloġika b'angolu baxx (low angle fault)	Kisra ġeoloġika li tinżel inqas minn 45 grad fuq iktar minn nofs il-firxa rikonoxxuta tal-kisra ġeoloġika.	fault
obliqueSlipFault	kisra ġeoloġika bi slip oblikwa (oblique slip fault)	Kisra ġeoloġika b'vettur ta' slip li jkollu proporzjon ta' spostament strike-parallel għal dip-parallel bejn 10 għal 1 u 1 għal 10 f'mill-inqas post wieħed tul it-traċċa mmappjata tal-kisra ġeoloġika.	fault
reverseFault	kisra ġeoloġika inversa (reverse fault)	Kisra ġeoloġika b'komponent ta' spostament dip-parallel tal-vettur ta' slip ta' iktar minn għaxar (10) darbiet il-komponent strike-parallel tal-vettur ta' slip f'mill-inqas post wieħed tul it-traċċa mmappjata tal-kisra ġeoloġika, u l-kisra ġeoloġika tinżel b'mod konsistenti fl-istess direzzjoni bin-naħa tal-kisra li tiġi 'l fuq minn kisra ġeoloġika mhux vertikali (hanging wall) spostata 'l fuq meta pparagunata man-naħa tal-kisra li tiġi taħt kisra ġeoloġika mhux vertikali (footwall) fuq mill-inqas nofs it-traċċa mmappjata tal-kisra ġeoloġika.	fault
scissorFault	kisra ġeoloġika mqass (scissor fault)	Kisra ġeoloġika li fuqha jkun hemm dejjem iktar spostament orizzontali bejn punti fuq kwalunkwe naħa tal-kisra (offset) jew separazzjoni tul l-istrike minn punt inizjali tal-ebda spostament orizzontali (offset), bis-sens oppost tal-ispostament orizzontali (offset) fid-direzzjoni opposta.	fault
strikeSlipFault	strike slip fault	Kisra ġeoloġika b'komponent ta' spostament strike-parallel ta' vettur ta' slip ta' iktar minn għaxar (10) darbiet il-komponent dip-parallel tal-vettur ta' slip f'mill-inqas post wieħed tul it-traċċa mmappjata tal-kisra ġeoloġika.	fault

4.2.3.8. Tip ta' Profil ta' Tinja (FoldProfileTypeValue)

Termini li jispeċifikaw it-tip ta' fold (tinja).

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu l-valuri speċifikati fit-tabella ta' hawn taħt u valuri addizzjonali fuq kwalunkwe livell iddefiniti mill-fornituri tad-dejta.

▼M2

Valuri għal-lista ta' kodiċijiet FoldProfileTypeValue

Valur	Isem	Definizzjoni
anticline	antiklinal	Tinja, ġeneralment konvessa 'l fuq, li l-qalba tagħha fiha blat stratigrafikament eqdem.
antiform	antiforma	Kwalunkwe tinja konvessa 'l fuq jew konkava 'l isfel.
syncline	sinklinal	Tinja li l-qalba tagħha fiha blat stratigrafikament iktar reċenti; ġeneralment tkun konkava 'l fuq.
synform	sinforma	Kwalunkwe tinja li l-friegħi tagħha jingħalqu fin-naħa ta' isfel.

4.2.3.9. Era Ġeokronoloġika (GeochronologicEraValue)

Termini li jispeċifikaw unitajiet rikonoxxuti ta' żmien ġeoloġiku.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu l-valuri speċifikati f'Cohen, K.M., Finney, S. &Gibbard, P.L., *International Chronostratigraphic Chart, August 2012*, International Commission on Stratigraphy of the International Union of Geological Sciences, 2012 u valuri addizzjonali fuq kwalunkwe livell iddefiniti mill-forniturituad-dejta.

Il-forniturituad-dejta jistgħu jużaw il-valuri addizzjonali għall-blat Pre-Kambrijan u l-unitajiet tal-Kwaternarji speċifikati fid-dokument ta' Gwida Teknika tal-INSPIRE dwar il-Ġeoloġija.

4.2.3.10. Tip ta' Unità Ġeoloġika (GeologicUnitTypeValue)

Termini li jiddeskrivu t-tip ta' unità ġeoloġika.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu l-valuri speċifikati fit-tabella ta' hawn taħt u valuri addizzjonali fuq kwalunkwe livell iddefiniti mill-forniturituad-dejta.

Din il-lista ta' kodiċijiet hija ġerarkika.

Valuri għal-lista ta' kodiċijiet GeologicUnitTypeValue

Valur	Isem	Definizzjoni	Parent
geologicUnit	unità ġeoloġika	Tip ta' unità ġeoloġika li mhuwiex magħruf, ma ġiex speċifikat, mhuwiex rilevanti jew xi tip li ma ġiex inkluż fil-vokabolarju.	
allostratigraphicUnit	unità allostratigrafika	Unità ġeoloġika ddefinita minn superfiċji ta' delimitazzjoni. Mhux bilfors stratifikata.	geologicUnit
alterationUnit	unità ta' alterazzjoni	Unità ġeoloġika ddefinita minn proċess ta' alterazzjoni.	geologicUnit
biostratigraphicUnit	unità bijostratigrafika	Unità ġeoloġika ddefinita bbażata fuq il-kontenut fossili.	geologicUnit

▼M2

Valur	Isem	Definizzjoni	Parent
chronostratigraphicUnit	unità kronostratigrafika	Unità ġeoloġika li tinkludi l-blat kollu li ġie fformat waqt intervall speċifiku ta' żmien ġeoloġiku.	geologicUnit
geophysicalUnit	unità ġeofiżika	Unità ġeoloġika ddefinita mill-karatteristiċi ġeofiżiċi tagħha.	geologicUnit
magnetostratigraphicUnit	unità manjetostratigrafika	Unità ġeoloġika ddefinita minn karatteristiċi manjetiċi.	geophysicalUnit
lithogeneticUnit	unità litoġenetika	Unità ġeoloġika ddefinita minn ġenesi. Il-ġenesi tintwera permezz ta' proprjetajiet materjali, imma l-materjal mhuwiex il-proprjetà li tiddefinixxi.	geologicUnit
artificialGround	art artifiċjali	Unità ġeoloġika ddefinita minn ġenesi li tinvolvi azzjoni diretta tal-bniedem sabiex jiġi ddepożitat jew immodifikat il-materjal.	lithogeneticUnit
excavationUnit	unità ta' skavar	Unità ġeoloġika ddefinita minn ġenesi magħmula mill-bniedem li tinvolvi skavar.	lithogeneticUnit
massMovementUnit	unità ta' moviment ta' massa	Unità ġeoloġika prodotta minn spostament ta' materjal xprunat mill-gravità għan-niżla tul xaqliba u kkaratterizzata mit-tip ta' moviment li jagħti lok għad-depożitu u minn kif it-tipi ta' movimenti individwali preżenti fid-depożitu jkunu relatati mil-lat temporali u mil-lat ġeografiku.	lithogeneticUnit
lithologicUnit	unità litoloġika	Unità ġeoloġika ddefinita permezz tal-litoloġija indipendentement mir-relazzjonijiet ma' unitajiet oħrajn.	geologicUnit
lithostratigraphicUnit	unità litostratigrafika	Unità ġeoloġika ddefinita abbażi ta' proprjetajiet litoloġiċi jew ta' kombinazzjoni ta' proprjetajiet litoloġiċi u ta' relazzjonijiet stratigrafiċi osservabbli u distintivi.	geologicUnit
lithodemicUnit	unità litodemika	Unità litostratigrafika li ma għandhiex stratifikazzjoni.	lithostratigraphicUnit
lithotectonicUnit	unità litotettonika	Unità ġeoloġika ddefinita abbażi ta' karatteristiċi strutturali jew ta' deformazzjoni, ta' relazzjonijiet reċiproċi, tal-oriġini jew tal-evoluzzjoni storika. Il-materjal ta' ġo fiha jista' jkun ignew, sedimentarju jew metamorfiku.	geologicUnit
deformationUnit	unità ta' deformazzjoni	Unità litotettonika ddefinita minn stil ta' deformazzjoni jew minn struttura ġeoloġika karatteristika osservabbli f'saff ta' blat mikxuf.	lithotectonicUnit

▼M2

Valur	Isem	Definizzjoni	Parent
pedostratigraphicUnit	unità pedostratigrafika	Unità ġeoloġika li tirrappreżenta orizzont pedoloġiku wieħed f'sekwenza ta' strati (konsolidati jew mhux konsolidati).	geologicUnit
polarityChronostratigraphicUnit	unità kronostratigrafika ta' polarità	Unità ġeoloġika ddefinita mir-rekord primarju manjetiku u ta' polarità impost meta l-blata ġiet iddepożitata jew kristallizzata waqt intervall speċifiku ta' żmien ġeoloġiku.	geologicUnit

4.2.3.11. Attività Ġeomorfoloġika (GeomorphologicActivityValue)

Termini li jindikaw il-livell ta' attività ta' karatteristika ġeomorfoloġika.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu l-valuri speċifikati fit-tabella ta' hawn taħt u valuri addizzjonali fuq kwalunkwe livell iddefiniti mill-forniturituri tad-dejta.

Valuri għal-lista ta' kodiċijiet GeomorphologicActivityValue

Valur	Isem	Definizzjoni
active	attiv	Proċess ġeomorfoloġiku li attwalment ikun fi stat ta' azzjoni, jew li jkun ġie riattivat perjodu konvenzjonalment qasir ta' żmien qabel.
dormant	passiv (dormant)	Proċess ġeomorfoloġiku li ilu perjodu konvenzjonalment qasir ta' żmien ma juri sinjali ta' attività, u li jista' jiġi riattivat permezz tal-kawżi oriġinali tiegħu, jew jista' jiġi attivat permezz ta' kawżi indotti bħal attivitajiet antropoġeniċi.
reactivated	riattivat	Proċess ġeomorfoloġiku riattivat huwa proċess ġeomorfoloġiku attiv li kien passiv (dormant).
stabilised	stabilizzat	Proċess ġeomorfoloġiku stabilizzat huwa proċess inattiv li ġie protett mill-kawżi oriġinali tiegħu permezz ta' miżuri rimedjali.
inactive	inattiv	Proċess ġeomorfoloġiku relitt jew fossili.

4.2.3.12. Litoloġija (LithologyValue)

Termini li jiddeskrivu l-litoloġija.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu l-valuri speċifikati fit-tabella ta' hawn taħt u valuri addizzjonali fuq kwalunkwe livell iddefiniti mill-forniturituri tad-dejta.

Il-forniturituri tad-dejta jistgħu jużaw ukoll il-valuri idjaq speċifikati għal din il-lista ta' kodiċijiet fid-dokument ta' Gwida Teknika tal-INSPIRE dwar Ġeoloġija.

Din il-lista ta' kodiċijiet hija ġerarkika.

▼M2

Valuri għal-lista ta' kodiċijiet LithologyValue

Valur	Isem	Definizzjoni	Parent
compoundMaterial	materjal kompost	Materjal tad-dinja kompost minn aggregazzjoni ta' partiċelli ta' materjal tad-dinja li jista' jinkludi anki Materjali Komposti oħrajn.	
anthropogenicMaterial	materjal antropoġeniku	Materjal li huwa magħruf li għandu oriġini artifiċjali (relatata mal-bniedem); imma ma hemmx informazzjoni biżżejjed sabiex jiġi kklassifikat f'iktar dettall.	compoundMaterial
anthropogenicConsolidatedMaterial	materjal antropoġeniku konsolidat	Materjal konsolidat li huwa magħruf li għandu oriġini artifiċjali (relatata mal-bniedem).	anthropogenicMaterial
anthropogenicUnconsolidatedMaterial	materjal antropoġeniku mhux konsolidat	Materjal mhux konsolidat li huwa magħruf li għandu oriġini artifiċjali (relatata mal-bniedem).	anthropogenicMaterial
breccia	breċċja	Materjal bil-grana raffa kompost minn frammenti angolati ta' blat imkisser; il-frammenti tipikament ikollhom truf li jaqtgħu u rkejjen mhux mittiekla.	compoundMaterial
compositeGenesisMaterial	materjal kompożitu ta' ġenesi	Materjal bi stat ta' konsolidament mhux speċifikat ifformat bil-modifikazzjoni ġeoloġika ta' materjali preeżistenti barra mill-qasam tal-proċessi ignej u sedimentarji.	compoundMaterial
compositeGenesisRock	blat kompożitu ta' ġenesi	Blat ifformat bil-modifikazzjoni ġeoloġika ta' blat preeżistenti barra mill-qasam ta' proċessi ignej u sedimentarji.	compositeGenesisMaterial
faultRelatedMaterial	materjal relatat ma' kisra ġeoloġika	Materjal ifformat minħabba ksur ġeoloġiku fraġli, kompost minn matriċi ta' iktar minn 10 fil-mija; il-matriċi hija materjal bi grana fina kkawżat minn tnaqqis tettoniku tad-daqs tal-grana (tectonic grain size reduction).	compositeGenesisMaterial
impactGeneratedMaterial	materjal iġġenerat minn impatt	Materjal li fih karatteristiċi li jindikaw metamorfiżmu minħabba xokk (shock metamorphism), bħal karatteristiċi ta' deformazzjoni planari mikroskopika fi ħdan grani jew koni ta' tifrik (shatter cones), interpretati bħala li huma r-riżultat ta' impatt ta' bolide ekstraterrestri. Jinkludi l-breċċji u l-blat tat-tidwib (melt rocks).	compositeGenesisMaterial
materialFormedInSurficialEnvironment	materjal ifformat f'ambjent surfiċjali	Materjal li huwa l-prodott ta' proċessi ta' tagħwir minħabba l-kundizzjonijiet tat-temp li joperaw fuq blat jew depożiti preeżistenti, analogu għal blat idrotermali jew metasomatiku, imma fformat f'temperatura u fi pressjoni ambjentali tas-superfiċje tad-Dinja.	compositeGenesisMaterial
rock	rock	Aggregat konsolidat ta' materjal tad-dinja wieħed jew iktar, jew korp ta' materja minerali mhux differenzjata jew ta' materjal organiku solidu.	compoundMaterial

▼M2

Valur	Isem	Definizzjoni	Parent
aphanite	afanit	Blata li għandha grana wisq fina sabiex tiġi kkategorizzata f'iktar dettall	rock
sedimentaryRock	blat sedimentarju	Blat ifformat bl-akkumulazzjoni u bis-simentazzjoni ta' materjal frammentarju solidu ddepożitat bl-arja, bl-ilma jew bis-silġ jew b'riżultat ta' aġenti naturali oħrajn, bħall-preċipitazzjoni minn soluzzjoni, l-akkumulazzjoni ta' materjal organiku jew permezz ta' proċessi bijoġeniċi, inkluża s-sekrezzjoni minn organiżmi.	rock
tuffite	tuffit	Blata li tikkonsisti f'iktar minn 50 fil-mija ta' partiċelli b'oriġini piroklastika jew epiklastika indeterminata u f'inqas minn 75 fil-mija ta' partiċelli b'oriġini piroklastika ċara.	rock
sedimentaryMaterial	materjal sedimentarju	Materjal ifformat bl-akkumulazzjoni ta' materjal frammentarju solidu ddepożitat bl-arja, bl-ilma jew bis-silġ jew materjal li akkumula permezz ta' aġenti naturali oħrajn, bħall-preċipitazzjoni kimika minn soluzzjoni jew is-sekrezzjoni minn organiżmi.	compoundMaterial
carbonateSedimentaryMaterial	materjal sedimentarju karbonat	Materjal sedimentarju fejn mill-inqas 50 fil-mija tal-kostitwenti primarji u/jew rikristallizzati tiegħu huma komposti minn wieħed (jew iktar) mill-minerali karbonati kalċit, aragonit u dolomit, f'partiċelli li jafu l-oriġini tagħhom fi ħdan baċin (intrabasinal).	sedimentaryMaterial
chemicalSedimentaryMaterial	materjal sedimentarju kimiku	Materjal sedimentarju li jikkonsisti f'mill-inqas 50 fil-mija ta' materjal prodott bi proċessi kimiċi inorganiċi fi ħdan il-baċin ta' depożizzjoni. Jinkludi klassijiet ta' sedimenti inorganiċi siliċeji, karbonati, evaporiti, rikki fil-ħadid u fosfatiċi.	sedimentaryMaterial
clasticSedimentaryMaterial	materjal sedimentarju klastiku	Materjal sedimentarju bi stat ta' konsolidament mhux speċifikat fejn mill-inqas 50 fil-mija tal-partiċelli kostitwenti kienu derivati mill-erożjoni, mit-tagħwir minħabba l-kundizzjonijiet tat-temp jew minn movimenti ta' massa (mass-wasting) ta' materjali preeżistenti tad-Dinja u ġew ittrasportati lejn il-post ta' depożizzjoni minn aġenti mekkaniċi bħall-ilma, ir-riħ, is-silġ u l-gravità.	sedimentaryMaterial
nonClasticSiliceousSedimentaryMaterial	materjal sedimentarju siliċeju mhux klastiku	Materjal sedimentarju li jikkonsisti f'mill-inqas 50 fil-mija ta' materjal minerali silikat, iddepożitat direttament permezz ta' proċessi kimiċi jew bijoloġiċi fis-superfiċje depożizzjonali, jew f'partiċelli fformati permezz ta' proċessi kimiċi jew bijoloġiċi fi ħdan il-baċin ta' depożizzjoni.	sedimentaryMaterial

▼M2

Valur	Isem	Definizzjoni	Parent
organicRichSedimentaryMaterial	materjal sedimetarju organikament rikk	Materjal sedimentarju fejn 50 fil-mija jew iktar mill-materjal sedimentarju primarju jkun karbonju organiku.	sedimentaryMaterial
igneousMaterial	materjal ignew	Materjal tad-Dinja fformat b'riżultat ta' proċessi ignej, pereżempju intrużjoni u tkessiħ tal-magna fil-qoxra tad-Dinja jew eruzzjoni ta' vulkan.	compoundMaterial
fragmentalIgneousMaterial	materjal ignew frammentarju	Materjal ignew bi stat ta' konsolidament mhux speċifikat fejn iktar minn 75 fil-mija tal-blat jikkonsisti fi frammenti prodotti b'riżultat ta' proċess ta' formazzjoni tal-blat ignew.	igneousMaterial
acidicIgneousMaterial	materjal ignew aċidiku	Materjal ignew fejn is-SiO_2 ilaħħaq iktar minn 63 fil-mija.	igneousMaterial
basicIgneousMaterial	materjal ignew bażiku	Materjal ignew fejn is-SiO_2 ilaħħaq bejn 45 u 52 fil-mija	igneousMaterial
igneousRock	blat ignew	Blat ifformat b'riżultat ta' proċessi ignej, pereżempju intrużjoni u tkessiħ ta' magma fil-qoxra tad-Dinja jew eruzzjoni ta' vulkan.	igneousMaterial
intermediateCompositionIgneousMaterial	materjal ignew b'kompożizzjoni intermedja	Materjal ignew fejn is-SiO_2 ilaħħaq bejn 52 u 63 fil-mija	igneousMaterial
unconsolidatedMaterial	materjal mhux konsolidat	Materjal mhux konsolidat kompost minn aggregazzjoni ta' partiċelli li ma jaderixxux ma' xulxin b'mod biżżejjed b'saħħtu li l-aggregat jista' jiġi kkunsidrat bħala solidu fih innifsu.	compoundMaterial
naturalUnconsolidatedMaterial	materjal naturali mhux konsolidat	Materjal mhux konsolidat li huwa magħruf li għandu oriġini naturali, jiġifieri mhuwiex magħmul mill-bniedem.	unconsolidatedMaterial
sediment	sediment	Materjal mhux konsolidat li jikkonsisti f'aggregazzjoni ta' partiċelli ttrasportati jew iddepożitati bl-arja, bl-ilma jew bis-silġ jew li akkumula permezz ta' aġenti naturali oħrajn, bħall-preċipitazzjoni kimika, u li jifforma ruħu f'saffi fuq is-superfiċje tad-Dinja.	naturalUnconsolidatedMaterial

4.2.3.13. Qafas ta' Mmappjar (MappingFrameValue)

Termini li jindikaw is-superfiċje li fuqha qed tiġi projettata l-MappedFeature.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu l-valuri speċifikati fit-tabella ta' hawn taħt u valuri addizzjonali fuq kwalunkwe livell iddefiniti mill-forniturі tad-dejta.

Valuri għal-lista ta' kodiċijiet MappingFrameValue

Valur	Isem	Definizzjoni
baseOfQuaternary	bażi tal- kwaternarju	Bażi ta' materjal sedimentarju prinċipalment mhux konsolidat tal-era Kwaternarja.

▼M2

Valur	Isem	Definizzjoni
surfaceGeology	ġeoloġija tas-superfiċje	Sodda ta' blat u depożiti superfiċjali li jkunu viżibbli jekk il-ħamrija sovrastanti titneħħa jew jekk jiġu esposti fis-superfiċje topografika.
topOfBasement	saff ta' fuq nett ta' basement (blat taħt pjattaforma jew kopertura sedimentarja jew kwalunkwe blat taħt blat sedimentarju jew baċini sedimentarji li jkun metamorfiku jew ignew)	Is-superfiċje fil-qoxra tad-Dinja taħt depożiti sedimentarji jew vulkaniċi jew unità ta' blat ittrasportata tettonikament.
topOfBedrock	saff ta' fuq nett ta' sodda ta' blat	Is-superfiċje ta' fuq nett ta' blat ġeneralment solidu li jista' jew jiġi espost fis-superfiċje topografika jew jiġi mgħotti b'depożiti mhux konsolidati oħrajn.

4.2.3.14. Tip ta' Karatteristika Ġeomorfoloġika Naturali (NaturalGeomorphologicFeatureTypeValue)

Termini li jiddeskrivu t-tip ta' karatteristika ġeomorfoloġika naturali.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu l-valuri speċifikati fit-tabella ta' hawn taħt u valuri addizzjonali fuq kwalunkwe livell iddefiniti mill-fornituri tad-dejta.

Valuri għal-lista ta' kodiċijiet NaturalGeomorphologicFeatureTypeValue

Valur	Isem	Definizzjoni
naturalGeomorphologicFeature	karatteristika ġeomorfoloġika naturali	Karatteristika ġeomorfoloġika prodotta b'dinamika naturali.
drainagePattern	xejra ta' skular	Il-konfigurazzjoni jew l-arranġament ta' kanali ta' xmajriet f'żona, inklużi widien li fil-qiegħ tagħhom tgħaddi xmara (gullies) jew żoni fejn il-fluss jgħaddi minn kanali tal-ewwel grad (first-order channelized flow), tributarji ta' grad superjuri u xmajriet prinċipali.
constructionalFeature	karatteristika ta' kostruzzjoni	Sit ta' fattizzi naturali tas-superfiċje tal-art li jaf l-oriġini, il-forma, il-pożizzjoni jew il-karattru ġenerali tiegħu lil proċessi depożizzjonali (aggradazzjonali), bħall-akkumulazzjoni ta' sediment
destructionalFeature	karatteristika ta' qerda	Sit ta' fattizzi naturali tas-superfiċje tal-art li jaf l-oriġini, il-forma, il-pożizzjoni jew il-karattru ġenerali tiegħu lit-tneħħija ta' materjal permezz ta' proċessi ta' erożjoni u ta' tagħwir minħabba l-kundizzjonijiet tat-temp (degradazzjoni) li jirriżultaw mit-tekil jew mill-erożjoni gradwali tas-superfiċje tal-art.
degradationFeature	karatteristika ta' degradazzjoni	Karatteristika ġeomorfoloġika li tirriżulta mit-tekil jew mill-erożjoni gradwali u mit-tbaxxija jew mit-tnaqqis ġenerali tas-superfiċje tad-Dinja permezz ta' proċessi naturali ta' tagħwir minħabba l-kundizzjonijiet tat-temp u ta' erożjoni, u li tista' timplika l-proċessi tat-trasport tas-sediment.
relic	relitt	Fattizzi naturali tas-superfiċje tal-art li ssopravivew t-tmermir jew id-diżintegrazzjoni, jew fattizzi naturali tas-superfiċje tal-art rimanenti wara l-għajbien tal-ikbar parti tas-sustanza tiegħu bħala ġżira rimanenti.
exhumedFeature	karatteristika eżumata	Fattizzi naturali tas-superfiċje tal-art, superfiċji ġeomorfoloġiċi, jew paleosols (saffi ta' ħamrija fossilizzata, ġeneralment midfuna taħt saffi ta' blat jew orizzonti ta' ħamrija iktar reċenti) li qabel kienu midfuna u li ġew riesposti bl-erożjoni tal-mantell tad-Dinja li kien qed jgħattihom.

▼M2

Valur	Isem	Definizzjoni
buriedFeature	karatteristika midfuna	Fattizzi naturali tas-superfiċje tal-art, superfiċji ġeomorfoloġiċi jew paleosols mgħottija b'sedimenti iktar reċenti.
pediment	pediment	Superfiċje ta' erożjoni b'xaqliba ċkejkna żviluppata f'sieq għolja mdaħħla 'l ġewwa jew xaqliba ta' muntanja, ġeneralment bi profil xi ftit konkavi 'l fuq, li taqta' b'mod trasversali l-blat jew l-istrati tas-sedimenti li jestendu taħt l-artijiet fl-għoli kontigwi.
erosional	karatteristiċi ta' erożjoni	Superfiċje tal-art imsawra bl-azzjoni tal-erożjoni, speċjalment mill-ilma ġieri.
hill	għolja	Terminu ġeneriku għal żona elevata tas-superfiċje tal-art, li togħla minn għall-inqas 30 metru sa kważi 300 metru 'l fuq mill-artijiet fil-baxx tal-madwar, ġeneralment b'żona nominali tal-quċċata (summit) meta pparagunata max-xaqlibiet ta' delimitazzjoni, b'kontorn ittondjat iddefinit sew u b'xaqlibiet li ġeneralment jaqbżu l-15 fil-mija.
interfluve	għolja interfluvjali (interfluve)	Komponent ġeomorfoloġiku tal-għoljiet li jikkonsisti fiż-żona ta' fuq nett, komparattivament watja jew b'xaqliba ċkejkna ta' għolja; l-isporġenzi laterali tax-xaqlibiet ta' għolja li minħabba l-erożjoni qed tidħol 'il ġewwa imma mhijiex qed titlef il-pendil tagħha (backwearing) jistgħu jdejqu r-reġjun fl-għoli jew jamalgamaw biex jirriżultaw f'forma ferm konvessa.
crest	quċċata (crest)	Komponent ġeomorfoloġiku tal-għoljiet li jikkonsisti f'xaqlibiet konvessi (perpendikulari għall-kontorn) li jifformaw iż-żona dejqa, ftit jew wisq lineari ta' fuq nett ta' għolja, ta' katina ta' għoljiet jew ta' artijiet oħrajn fl-għoli fejn l-isporġenzi laterali jkunu kkonverġew sa tali punt li jifdal ftit jew xejn quċċata (summit); iddominat mill-proċessi u mis-sedimenti tal-erożjoni, tat-trasport ta' blat u ta' ħamrija 'l isfel tul xaqliba (slope wash) u tal-movimenti tal-massa.
headSlope	xaqliba f'forma ta' ras (head slope)	Komponent ġeomorfoloġiku tal-għoljiet li jikkonsisti f'żona lateralment konkava ta' ġenb ta' għolja, speċjalment fir-ras ta' mogħdija tal-iskular, li tirriżulta fi fluss ta' ilma konverġenti li jgħaddi minn fuq l-art.
sideSlope	xaqliba tal-ġenb (side slope)	Komponent ġeomorfoloġiku tal-għoljiet li jikkonsisti f'żona lateralment planari ta' ġenb ta' għolja, li tirriżulta fi fluss ta' ilma prinċipalment parallel li jgħaddi minn fuq l-art. Il-linji ta' kontorn ġeneralment jifformaw linji dritti.
noseSlope	xaqliba f'forma ta' mnieħer (nose slope)	Komponent ġeomorfoloġiku tal-għoljiet li jikkonsisti fit-tarf sporġenti (żona lateralment konvessa) ta' ġenb ta' għolja, li jirriżulta fi fluss ta' ilma prinċipalment diverġenti li jgħaddi minn fuq l-art; il-linji ta' kontorn ġeneralment jifformaw kurvi konvessi.
freeFace	wiċċ liberu (free face)	Komponent ġeomorfoloġiku tal-għoljiet u tal-muntanji li jikkonsisti f'saff ta' blat għeri mikxuf li jarmi frammenti ta' blat u sedimenti oħrajn lejn u komunement ikun iktar wieqaf mill-angolu tal-mistrieħ tax-xaqliba kolluvjali immedjatament taħtu; ġeneralment jinsab l-iktar fil-pożizzjonijiet tal-isporġenzi laterali u tax-xaqliba ta' wara tal-għoljiet u tal-muntanji u jista' jinkludi parti minn xaqliba f'forma ta' mnieħer (nose slope) jew minn xaqliba tal-ġenb (side slope) jew xaqliba f'forma ta' mnieħer jew xaqliba tal-ġenb kollha.

▼M2

Valur	Isem	Definizzjoni
baseSlope	xaqliba bażi (base slope)	Komponent ġeomorfoloġiku tal-għoljiet li jikkonsisti f'xaqliba minn konkava għal lineari (perpendikulari għall-kontorn) li, irrispettivament mill-forma laterali, hija żona li tifforma rampa jew feles fil-qiegħ ta' ġenb ta' għolja ddominata minn proċessi u sedimenti kolluvjali u tat-trasport ta' blat u ta' ħamrija 'l isfel tul xaqliba (slope wash).
mountain	muntanja	Terminu ġeneriku għal żona elevata tas-superfiċje tal-art, li togħla iktar minn 300 metru 'l fuq mill-artijiet fil-baxx tal-madwar, ġeneralment b'żona nominali tal-quċċata (summit) meta pparagunata max-xaqlibiet ta' delimitazzjoni u ġeneralment bi ġnub weqfin (xaqliba ta' iktar minn 25 fil-mija) b'ammont konsiderevoli ta' blat għeri espost jew mingħajr tali ammont konsiderevoli ta' blat għeri espost.
mountaintop	quċċata ta' muntanja (mountaintop)	Komponent ġeomorfoloġiku tal-muntanji li jikkonsisti fiż-żona ta' fuq nett, komparattivament watja jew b'xaqliba ċkejkna tal-muntanji, ikkaratterizzata minn xaqlibiet relattivament qosra u sempliċi komposti minn blat għeri, residwi jew sedimenti kolluvjali li jiġu ttrasportati fuq distanzi qosra.
mountainslope	xaqliba ta' muntanja	Parti minn muntanja bejn il-quċċata (summit) u s-sieq.
mountainflank	ġenb ta' muntanja	Komponent ġeomorfoloġiku tal-muntanji kkaratterizzat minn xaqlibiet fuq wara twal ħafna u kumplessi bi gradjenti tax-xaqliba komparattivament għoljin u kompost minn mantelli ta' sedimenti kolluvjali ferm differenti, minn saffi ta' blat mikxufa jew minn structural benches (strixxi twal u relattivament dojoq ta' art relattivament wajta jew b'inklinazzjoni żgħira li hija delimitata minn xaqlibiet iktar wieqfa fuqha u taħtha frott ta' erożjoni differenzjali ta' blat jew sedimenti b'ebusija u reżistenza għall-erożjoni differenti).
mountainbase	bażi ta' muntanja	Komponent ġeomorfoloġiku tal-muntanji li jikkonsisti f'rampa jew f'feles kolluvjali minn ferm konkava sa ftit konkava isfel nett tax-xaqlibiet tal-muntanji.
depression	depressjoni	Kwalunkwe parti relattivament taħt il-livell tas-superfiċje tad-Dinja; b'mod speċjali żona li tinsab fil-baxx imdawra b'art iktar fl-għoli.
plain	pjanura	Kwalunkwe żona ċatta, kbira jew żgħira, b'elevazzjoni baxxa; speċifikatament reġjun estensiv ta' art komparattivment lixxa u watja jew ftit immewġa, li jkollha ftit jew l-ebda irregolarità prominenti fis-superfiċje, imma li xi drabi jkollha xaqliba konsiderevoli, u ġeneralment f'elevazzjoni baxxa b'referenza għaż-żoni tal-madwar.
tectonicStructural	karatteristiċi tettoniċi u strutturali	Pajsaġġi u fattizzi ġeomorfoloġiċi naturali tas-superfiċje tal-art relatati ma' strutturi ta' sodda ta' blat reġjonali jew lokali jew moviment tal-qoxra tad-Dinja; u pajsaġġi u fattizzi ġeomorfoloġiċi naturali tas-superfiċje tal-art relatati prinċipalment mal-erożjoni mill-ilma imma bl-esklużjoni ta' erożjoni minn flussi fil-kanali perenni (jiġifieri, fluvjali jew glaċjofjuvjali) jew mir-riħ.
volcanic	karatteristiċi vulkaniċi	Pajsaġġi u fattizzi ġeomorfoloġiċi naturali tas-superfiċje tal-art relatati ma' proċessi (ignej) fil-fond li permezz tagħhom il-magma u l-gassijiet assoċjati jitilgħu mill-qoxra tad-Dinja u jintefgħu 'l barra fuq is-superfiċje tad-Dinja u fl-atmosfera.
hydrothermal	karatteristiċi idrotermali	Pajsaġġi u fattizzi ġeomorfoloġiċi naturali tas-superfiċje tal-art relatati ma' proċessi idrotermali.

▼M2

Valur	Isem	Definizzjoni
erosionSurface	superfiċje ta' erożjoni	Pajsaġġi u fattizzi ġeomorfoloġiċi naturali tas-superfiċje tal-art relatati prinċipalment mal-erożjoni mill-ilma imma bl-esklużjoni tal-erożjoni minn flussi fil-kanali perenni (jiġifieri, fluvjali jew glaċjofluvjali) jew mir-riħ.
slopeGravitational	karatteristiċi ta' xaqlibiet u gravitazzjonali	Pajsaġġi u fattizzi ġeomorfoloġiċi naturali tas-superfiċje tal-art relatati ma' ambjenti ta' xaqlibiet; pajsaġġi u fattizzi ġeomorfoloġiċi naturali tas-superfiċje tal-art żviluppati taħt l-azzjoni tal-forza gravitazzjonali.
nivalPeriglacialPermafrost	karatteristiċi tas-silġ, periglaċjali u tal-permafrost	Pajsaġġi u fattizzi ġeomorfoloġiċi naturali tas-superfiċje tal-art relatati ma' ambjenti ta' silġ, mhux glaċjali u bi klima kiesħa; pajsaġġi u fattizzi ġeomorfoloġiċi naturali tas-superfiċje tal-art li jseħħu fil-viċinanza ta' glaċieri u ta' firxiet ta' silġ; pajsaġġi u u fattizzi ġeomorfoloġiċi naturali tas-superfiċje tal-art relatati mal-art, mal-ħamrija jew mal-blat li jibqgħu f'temperatura ta' 0° C jew taħt iż-0° C għal mill-inqas sentejn.
glacial	karatteristiċi glaċjali, glaċjofjuvali, glaċjolakustri u glaċjomarini	Pajsaġġi u fattizzi ġeomorfoloġiċi naturali tas-superfiċje tal-art relatati ma' ambjenti glaċjali, glaċjofjuvjali, glaċjolakustri u glaċjomarini.
eolian	karatteristiċi tar-riħ	Pajsaġġi u fattizzi ġeomorfoloġiċi naturali tas-superfiċje tal-art relatati ma' ambjenti ddominati mir-riħ.
marineLittoralCoastalWetland	karatteristiċi tal-baħar, littorali u ta' artijiet mistgħadra kostali	Pajsaġġi u fattizzi ġeomorfoloġiċi naturali tas-superfiċje tal-art relatati mad-dinamika tal-mewġ jew tal-mareat żviluppati f'ambjenti tal-baħar, tal-baħar mhux fondi, qrib ix-xatt u ta' żoni littorali u dawk relatati ma' żoni bil-veġetazzjoni u/jew żoni mistgħadra baxxi.
karstChemicalWeathering	karatteristiċi tal-karst u tat-tagħwir minħabba l-kundizzjonijiet kimiċi tat-temp	Pajsaġġi u fattizzi ġeomorfoloġiċi naturali tas-superfiċje tal-art ddominati mid-dissoluzzjoni tal-minerali u komunement mill-iskular tas-sottosuperfiċje.
alluvialFluvial	karatteristiċi alluvjali u fluvjali	Pajsaġġi u fattizzi ġeomorfoloġiċi naturali tas-superfiċje tal-art prinċipalment relatati ma' fluss ikkonċentrat ta' ilma (fluss f'kanal).
lacustrine	karatteristiċi lakustri	Pajsaġġi u fattizzi ġeomorfoloġiċi naturali tas-superfiċje tal-art relatati ma' korpi tal-ilma interni permanenti (lagi).
impact	karatteristiċi ta' impatt	Pajsaġġi u fattizzi ġeomorfoloġiċi naturali tas-superfiċje tal-art relatati mal-impatt ta' materjal ekstraterrestri mas-superfiċje tad-Dinja.

4.2.3.15. Klassi Tematika (ThematicClassValue)

Valuri għal klassifikazzjoni tematika ta' karatteristiċi ġeoloġiċi.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu kwalunkwe valur iddefinit mill-forniturі tad-dejta.

4.2.3.16. Klassifikazzjoni Tematika (ThematicClassificationValue)

Lista ta' klassifikazzjonijiet tematiċi għal karatteristiċi ġeoloġiċi.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu kwalunkwe valur iddefinit mill-forniturі tad-dejta.

▼M2

4.3. **Ġeofiżika (Geophysics)**

4.3.1. *Tipi ta' oġġetti ġeografiċi*

Il-pakkett Ġeofiżika fih it-tipi ta' oġġetti ġeografiċi li ġejjin:

— Kampanja (Campaign)

— Kejl Ġeofiżiku (Geophysical Measurement)

— Oġġett Ġeofiżiku (Geophysical Object)

— Sett ta' Oġġetti Ġeofiżiċi (Geophysical Object Set)

— Profil Ġeofiżiku (Geophysical Profile)

— Stazzjon Ġeofiżiku (Geophysical Station)

— Radda Ġeofiżika (Geophysical Swath)

4.3.1.1. Kampanja (Campaign)

Attività ġeofiżika li testendi tul medda limitata ta' żmien u fuq żona limitata għall-produzzjoni ta' kejl ġeofiżiku, ta' riżultati tal-ipproċessar jew ta' mudelli simili.

Dan it-tip huwa subtip ta' GeophObjectSet.

Attributi tat-tip ta' oġġett ġeografiku Campaign

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
campaignType	Tip ta' attività sabiex tiġi prodotta dejta.	CampaignTypeValue	
surveyType	Tip ta' stħarriġ ġeofiżiku.	SurveyTypeValue	
client	Il-parti li għaliha nħolqot id-dejta.	RelatedParty	voidable
contractor	Il-parti li ħolqot id-dejta.	RelatedParty	voidable

Limitazzjonijiet tat-tip ta' oġġett ġeografiku Campaign

L-attribut shape għandu jkun tat-tip GM_Surface.

4.3.1.2. Oġġet Ġeofiżiku (GeophObject)

Klassi ġenerika għal oġġetti ġeofiżiċi.

Dan it-tip huwa subtip ta' SF_SpatialSamplingFeature.

Dan it-tip huwa astratt.

Attributi tat-tip ta' oġġett ġeografiku GeophObject

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
inspireId	Identifikatur ta' oġġett estern tal-oġġett ġeografiku.	Identifier	
citation	Ċitazzjoni ta' dokumentazzjoni ġeofiżika	DocumentCitation	

▼M2

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
projectedGeometry	Projezzjoni 2D tal-karatteristika għas-superfiċje tal-art (bħala punt rappreżentattiv, kurva rappreżentattiva jew poligonu ta' delimitazzjoni rappreżentattiv) li għandha tintuża minn servizz ta' viżjoni tal-INSPIRE sabiex il-lokalità tal-oġġett ġeografiku tintwera fuq mappa.	GM_Object	
verticalExtent	Firxa vertikali tal-medda ta' interess.	EX_VerticalExtent	voidable
distributionInfo	Metadejta ta' distribuzzjoni.	MD_Distributor	voidable
largerWork	Identifikatur ta' sett ikbar ta' dejta ta' ħidma, tipikament kampanja jew proġett.	Identifier	voidable

Limitazzjonijiet tat-tip ta' oġġett ġeografiku GeophObject

L-attribut projectedGeometry għandu jkun tat-tip GM_Point, GM_Curve jew GM_Surface.

4.3.1.3. Kejl Ġeofiżiku (GeophMeasurement)

Tip ta' oġġett ġeografiku ġeneriku għal kejl ġeofiżiku.

Dan it-tip huwa subtip ta' GeophObject.

Dan it-tip huwa astratt.

Attributi tat-tip ta' oġġett ġeografiku GeophMeasurement

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
relatedModel	Identifikatur tal-mudell ġeofiżiku li nħoloq mill-kejl.	Identifier	voidable
platformType	Pjattaforma minn fejn sar il-kejl.	PlatformTypeValue	
relatedNetwork	L-isem ta' netwerk ta' osservazzjoni nazzjonali jew internazzjonali li lilu tappartjeni l-faċilità, jew li lilu tiġi rrapportata d-dejta mkejla.	NetworkNameValue	voidable

4.3.1.4. Sett ta' Oġġetti Ġeofiżiċi (GeophObjectSet)

Klassi ġenerika għal ġabriet ta' oġġetti ġeofiżiċi.

Dan it-tip huwa subtip ta' SF_SpatialSamplingFeature.

Attributi tat-tip ta' oġġett ġeografiku GeophObjectSet

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
inspireId	Identifikatur ta' oġġett estern tal-oġġett ġeografiku.	Identifier	
citation	Ċitazzjoni ta' dokumentazzjoni ġeofiżika	DocumentCitation	

▼M2

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
verticalExtent	Firxa vertikali tal-medda ta' interess.	EX_VerticalExtent	voidable
distributionInfo	Metadejta ta' distribuzzjoni.	MD_Distributor	voidable
projectedGeometry	Projezzjoni 2D tal-karatteristika għas-superfiċje tal-art (bħala punt rappreżentattiv, kurva rappreżentattiva jew poligonu ta' delimitazzjoni rappreżentattiv) li għandha tintuża minn servizz ta' viżjoni tal-INSPIRE sabiex il-lokalità tal-oġġett ġeografiku tintwera fuq mappa.	GM_Object	
largerWork	Identifikatur ta' sett ikbar ta' dejta ta' ħidma.	Identifier	voidable

Limitazzjonijiet tat-tip ta' oġġett ġeografiku GeophObjectSet

L-attribut projectedGeometry għandu jkun tat-tip GM_Point, GM_Curve jew GM_Surface.

4.3.1.5. Profil Ġeofiżiku (GeophProfile)

Kejl ġeofiżiku ġeografikament referenzjat għal kurva.

Dan it-tip huwa subtip ta' GeophMeasurement.

Attributi tat-tip ta' oġġett ġeografiku GeophProfile

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
profileType	Tip ta' profil ġeofiżiku.	ProfileTypeValue	

Limitazzjonijiet tat-tip ta' oġġett ġeografiku GeophProfile

L-attribut shape għandu jkun tat-tip GM_Curve.

4.3.1.6. Stazzjon Ġeofiżiku (GeophStation)

Kejl ġeofiżiku ġeogrfikament referenzjat għal post b'punt wieħed.

Dan it-tip huwa subtip ta' GeophMeasurement.

Attributi tat-tip ta' oġġett ġeografiku GeophStation

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
stationType	Tip ta' stazzjon ġeofiżiku.	StationTypeValue	
stationRank	L-istazzjonijiet ġeofiżiċi jistgħu jkunu parti minn sistema ġerarkika. Il-grad huwa proporzjonali għall-importanza ta' stazzjon.	StationRankValue	voidable

Limitazzjonijiet tat-tip ta' oġġett ġeografiku GeophStation

L-attribut shape għandu jkun tat-tip GM_Point.

4.3.1.7. Radda Ġeofiżika (GeophSwath)

Kejl ġeofiżiku ġeografikament referenzjat għal superfiċje.

Dan it-tip huwa subtip ta' GeophMeasurement.

▼M2

Attributi tat-tip ta' oġġett ġeografiku GeophSwath

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
swathType	Tip ta' radda ġeofiżika.	SwathTypeValue	

Limitazzjonijiet tat-tip ta' oġġett ġeografiku GeophSwath

L-attribut shape għandu jkun tat-tip GM_Surface.

4.3.2. *Listi ta' kodiċijiet*

4.3.2.1. Tip ta' Kampanja (CampaignTypeValue)

Tip ta' kampanja ġeofiżika.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu l-valuri speċifikati fit-tabella ta' hawn taħt u valuri addizzjonali fuq kwalunkwe livell iddefiniti mill-forniturі tad-dejta.

Valuri għal-lista ta' kodiċijiet CampaignTypeValue

Valur	Isem	Definizzjoni
measurement	kejl	Kampanja għall-kisba ta' dejta fuq il-post.

4.3.2.2. Isem ta' Netwerk (NetworkNameValue)

Isem ta' netwerk ġeofiżiku.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu l-valuri speċifikati fit-tabella ta' hawn taħt u valuri addizzjonali fuq kwalunkwe livell iddefiniti mill-forniturі tad-dejta.

Valuri għal-lista ta' kodiċijiet NetworkNameValue

Valur	Isem	Definizzjoni
GSN	GSN	Global Seismographic Network (Netwerk Sismografiku Globali)
IMS	IMS	IMS Seismological network (Netwerk Sismoloġiku tal-IMS)
INTERMAGNET	INTERMAGNET	International Real-time Magnetic Observatory Network (Netwerk Internazzjonali ta' Osservatorji Manjetiċi f'Ħin Reali)
UEGN	UEGN	Unified European Gravity Network (Netwerk Unifikat Ewropew tal-Gravità)
WDC	WDC	World Data Center (Ċentru Dinji tad-Dejta)

4.3.2.3. Tip ta' Pjattaforma (PlatformTypeValue)

Pjattaforma li l-kisba tad-dejta tkun twettqet fuqha.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu l-valuri speċifikati fit-tabella ta' hawn taħt u valuri addizzjonali fuq kwalunkwe livell iddefiniti mill-forniturі tad-dejta.

Valuri għal-lista ta' kodiċijiet PlatformTypeValue

Valur	Isem	Definizzjoni
ground	art	Kejl ibbażat fuq l-art.
landVehicle	vettura tal-art	Kejl imwettaq minn vettura tal-art.

▼M2

Valur	Isem	Definizzjoni
fixedWingAirplane	ajruplan bil-ġwienaħ fissi	Kejl imwettaq minn ajruplan bil-ġwienaħ fissi.
helicopter	ħelikopter	Kejl imwettaq minn ħelikopter.
seafloor	qiegħ il-baħar	Kejl ibbażat fuq qiegħ il-baħar.
researchVessel	bastiment ta' riċerka	Kejl imwettaq minn bastiment
satellite	satellita	Kejl imwettaq minn satellita.

4.3.2.4. Tip ta' Profil (ProfileTypeValue)

Tip ta' profil ġeofiżiku.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu l-valuri speċifikati fit-tabella ta' hawn taħt u valuri addizzjonali fuq kwalunkwe livell iddefiniti mill-fornituri tad-dejta.

Valuri għal-lista ta' kodiċijiet ProfileTypeValue

Valur	Isem	Definizzjoni
boreholeLogging	reġistrazzjoni ta' spiera	Kejl ġeofiżiku tul l-assi ta' spiera mwettaq b'apparat ta' reġistrazzjoni speċjali.
multielectrodeDCProfile	profil dc b'multielettrodi	Kejl tar-reżistività għal u/jew taċ-ċarġabbiltà bil-kurrent dirett (IP) imwettaq tul profil b'sett ikbar ta' elettrodi. Magħruf ukoll bħala t-tomografija tar-reżistività 2D.
seismicLine	linja sismika	Kejl ġeofiżiku użat sabiex jiġi rreġistrat ir-rispons akustiku ta' sorsi sismiċi tul linja ħalli jiġu ddefiniti l-proprjetajiet sismiċi f'sezzjoni trasversali tad-Dinja.

4.3.2.5. Grad ta' Stazzjon (StationRankValue)

Grad ta' stazzjon ġeofiżiku.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu l-valuri speċifikati fit-tabella ta' hawn taħt u valuri addizzjonali fuq kwalunkwe livell iddefiniti mill-fornituri tad-dejta.

Valuri għal-lista ta' kodiċijiet StationRankValue

Valur	Isem	Definizzjoni
observatory	osservatorju	Faċilità permanenti ta' monitoraġġ bi skeda ta' osservazzjoni kontinwa.
secularStation	stazzjon sekulari	Stazzjon bażi sabiex jiġu rreġistrati varjazzjonijiet fil-ħin tul medda twila ta' żmien tal-kamp fiżiku osservat.
1stOrderBase	bażi tal-ewwel ordni	Stazzjon bażi tal-ikbar preċiżjoni miżmum minn xi awtorità. Huwa jintuża sabiex kejl relattiv jintrabat ma' netwerk assolut minn osservaturi terzi.

▼M2

Valur	Isem	Definizzjoni
2ndOrderBase	bażi tat-tieni ordni	Stazzjon bażi ta' preċiżjoni kbira inqas importanti miżmum minn awtorità. Huwa jintuża sabiex kejl relattiv jintrabat ma' netwerk assolut minn osservaturi terzi.

4.3.2.6. Tip ta' Stazzjon (StationTypeValue)

Tip ta' stazzjon ġeofiżiku.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu l-valuri speċifikati fit-tabella ta' hawn taħt u valuri addizzjonali fuq kwalunkwe livell iddefiniti mill-forniturі tad-dejta.

Valuri għal-lista ta' kodiċijiet StationTypeValue

Valur	Isem	Definizzjoni
gravityStation	stazzjon tal-gravità	Stazzjon ġeofiżiku sabiex jiġi osservat kamp gravitazzjonali.
magneticStation	stazzjon manjetiku	Stazzjon ġeofiżiku sabiex jiġi osservat kamp manjetiku.
seismologicalStation	stazzjon sismoloġiku	Stazzjon ġeofiżiku sabiex jiġu osservati avvenimenti sismoloġiċi jew ħoss ambjentali ta' movimenti qawwija (terremot).
verticalElectricSounding	sondar elettriku vertikali	Stazzjon ġeofiżiku sabiex jitkejlu bidliet fir-reżistività u/jew fiċ-ċarġabbiltà elettrika ta' taħt l-art (IP) fil-fond billi jintużaw erba' (4) elettrodi (AMNB) u kurrenti dirett. Magħruf ukoll bħala VES.
magnetotelluricSounding	sondar manjetotelluriku	Stazzjon ġeofiżiku sabiex jitkejlu bidliet fir-reżistività elettrika ta' taħt l-art billi jintużaw ta' varjazzjonijiet fil-kamp elettromanjetiku naturali. Magħruf ukoll bħala MT sounding (sondar MT)

4.3.2.7. Tip ta' Stħarriġ (SurveyTypeValue)

Tip ta' stħarriġ ġeofiżiku jew ta' sett ta' dejta ġeofiżika.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu l-valuri speċifikati fit-tabella ta' hawn taħt u valuri addizzjonali fuq kwalunkwe livell iddefiniti mill-forniturі tad-dejta.

Valuri għal-lista ta' kodiċijiet SurveyTypeValue

Valur	Isem	Definizzjoni
airborneGeophysicalSurvey	stħarriġ ġeofiżiku mill-arju	Kampanja ta' kejl ġeofiżiku mill-arju.
groundGravitySurvey	stħarriġ dwar il-gravità mill-art	Kampanja ta' kejl tal-gravità mill-art.
groundMagneticSurvey	stħarriġ manjetiku mill-art	Kampanja ta' kejl manjetiku mill-art.
3DResistivitySurvey	stħarriġ dwar ir-reżistività 3D	Kampanja ta' kejl DC b'Multielettrodi 3D.
seismologicalSurvey	stħarriġ sismoloġiku	Kampanja ta' kejl sismoloġiku.

▼M2

4.3.2.8. Tip ta’ Radda (SwathTypeValue)

Tip ta’ radda ġeofiżika.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta’ kodiċijiet jinkludu l-valuri speċifikati fit-tabella ta’ hawn taħt u valuri addizzjonali fuq kwalunkwe livell iddefiniti mill-forniturituri tad-dejta.

Valuri għal-lista ta’ kodiċijiet SwathTypeValue

Valur	Isem	Definizzjoni
3DSeismics	sismika 3d	Kejl ġeofiżiku użat sabiex jiġi rreġistrat ir-rispons akusti ta’ sorsi sismiċi fuq żona ħalli tiġi ddefinita d-distribuzzjoni tal-proprjetajiet sismiċi 3D f’volum tad-Dinja.

4.4. **Idroġeoloġija (Hydrogeology)**

4.4.1. *Tipi ta’ oġġetti ġeografiċi*

Il-pakkett Idroġeoloġija fih it-tipi ta’ oġġetti ġeografiċi li ġejjin:

— Bir Attiv (Active Well)

— Akwiklud (Aquiclude)

— Akwifer (Aquifer)

— Sistema ta’ Akwiferi (Aquifer System)

— Akwitard

— Korp ta’ Ilma ta’ Taħt l-Art (Groundwater Body)

— Oġġett Idroġeoloġiku (Hydrogeological Object)

— Oġġett Idroġeoloġiku Magħmul mill-Bniedem (Man-made Hydrogeological Object)

— Oġġett Idroġeoloġiku Naturali (Natural Hydrogeological Object)

— Unità Idroġeoloġika (Hydrogeological Unit)

4.4.1.1. Bir Attiv (ActiveWell)

Bir li jinfluwenza r-riżorsi tal-ilma ta’ taħt l-art tal-akwifer.

Dan it-tip huwa subtip ta’ HydrogeologicalObjectManMade.

Attributi tat-tip ta’ oġġett ġeografiku ActiveWell

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
activityType	It-tip ta’ attività mwettqa mill-bir.	ActiveWellTypeValue	

Rwoli ta’ assoċjazzjoni tat-tip ta’ oġġett ġeografiku ActiveWell

Association role	Definition	Type	Voidability
groundWaterBody	Il-GroundWaterBody minn fejn l-ActiveWell jislet ir-riżorsi ta’ ilma ta’ taħt l-art.	GroundWaterBody	voidable

▼M2

Association role	Definition	Type	Voidability
environmentalMonitoringFacility	L-EnvironmentalMonitoringFacility relatata.	EnvironmentalMonitoringFacility	voidable
borehole	Il-Borehole li fuqha huwa bbażat l-ActiveWell.	Borehole	voidable

4.4.1.2. Akwiklud (Aquiclude)

Korp impermeabbli ta' blat jew strat ta' sediment li jaġixxi bħala barriera għall-fluss tal-ilma ta' taħt l-art.

Dan it-tip huwa subtip ta' HydrogeologicalUnit.

4.4.1.3. Akwifer (Aquifer)

Saff imxarrab ta' taħt l-art ta' blat jew ta' materjali mhux konsolidati (żrar, ramel, ħama jew tafal) permeabbli li jżomm l-ilma minn fejn l-ilma ta' taħt l-art jista' jiġi estratt b'mod utli billi jintuża bir tal-ilma.

Dan it-tip huwa subtip ta' HydrogeologicalUnit.

Attributi tat-tip ta' oġġett ġeografiku Aquifer

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
aquiferType	It-tip ta' akwifer.	AquiferTypeValue	
mediaType	Il-klassifikazzjoni tal-midjum li fih iseħħ il-fluss tal-ilma ta' taħt l-art.	AquiferMediaTypeValue	
isExploited	Jindika jekk l-ilma ta' taħt l-art mill-akwifer ikunx qed jiġi esplojtat minn bjar jew minn bokok.	Boolean	voidable
isMainInSystem	Jindika jekk l-akwifer huwiex l-akwifer utli prinċipali fis-sistema ta' akwiferi.	Boolean	voidable
vulnerabilityToPollution	Valur ta' indiċi jew intervall ta' valuri li jiddetermina l-grad potenzjali ta' riskju ta' akwifer li jirriżulta mill-istruttura ġeoloġika, mill-kundizzjonijiet idroġeoloġiċi u mill-eżistenza ta' sors reali jew potenzjali ta' kontaminazzjoni.	QuantityValue	voidable
permeabilityCoefficient	Il-volum ta' fluwidu inkompressibbli li se jgħaddi f'unità ta' ħin minn unità kubika ta' sustanza poruża li fuqha qed tinżamm unità ta' differenza fil-pressjoni.	QuantityValue	voidable
storativityCoefficient	Il-kapaċità ta' akwifer li jaħżen l-ilma.	QuantityValue	voidable
hydroGeochemicalRockType	It-tip ta' blat fir-rigward ta' komponenti li jinħallu ta' blat u l-influwenza idroġeokimika tagħhom fuq l-ilma ta' taħt l-art.	HydroGeochemicalRockTypeValue	voidable

Rwoli ta' assoċjazzjoni tat-tip ta' oġġett ġeografiku Aquifer

Rwol ta' assoċjazzjoni	Definizzjoni	Tip	Voidability
aquitard	L-Akwitard(i) li jissepara(w) l-Akwifer.	Aquitard	voidable

▼M2

Rwol ta' assoċjazzjoni	Definizzjoni	Tip	Voidability
hydrogeologicalObject	Il-HydrogeologicalObject(s) relatat(i) mal-akwifer.	HydrogeologicalObject	voidable
aquiferSystem	L-AquiferSystem speċifika fejn iseħħ l-Akwitard.	AquiferSystem	voidable

4.4.1.4. Sistema ta' Akwiferi (AquiferSystem)

Ġabra ta' akwiferi u ta' akwitardi, li flimkien jikkostitwixxi l-ambjent tal-ilma ta' tat l-art – "reċipjenti komunikanti", li jimtlew jew jistgħu jimtlew bl-ilma.

Dan it-tip huwa subtip ta' HydrogeologicalUnit.

Attributi tat-tip ta' oġġett ġeografiku AquiferSystem

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
isLayered	Jindika jekk l-AquiferSystem tikkonsistix f'iktar minn saff wieħed.	Boolean	voidable

Rwoli ta' assoċjazzjoni tat-tip ta' oġġett ġeografiku AquiferSystem

Rwol ta' assoċjazzjoni	Definizzjoni	Tip	Voidability
aquitard	L-Akwitard(i) inkluż(i) fi ħdan l-AquiferSystem.	Aquitard	voidable
aquiclude	Akwiklud li jdawwar l-AquiferSystem.	Aquiclude	voidable
aquifer	L-Akwifer(i) inkluż(i) fl-AquiferSystem.	Aquifer	voidable

4.4.1.5. Akwitard (Aquitard)

Sodda saturata, imma li ma tantx hija permeabbli, li timpedixxi l-moviment tal-ilma ta' taħt l-art.

Dan it-tip huwa subtip ta' HydrogeologicalUnit.

Attributi tat-tip ta' oġġett ġeografiku Aquitard

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
approximatePermeabilityCoefficient	Il-volum ta' fluwidu inkompressibbli li se jgħaddi f'unità ta' ħin minn unità kubika ta' sustanza poruża li fuqha qed tinżamm unità ta' differenza fil-pressjoni.	QuantityValue	voidable
approximateStorativityCoefficient	Il-kapaċità ta' akwifer li jaħżen l-ilma.	QuantityValue	voidable

▼M2

Rwoli ta' assoċjazzjoni tat-tip ta' oġġett ġeografiku Aquitard

Rwol ta' assoċjazzjoni	Definizzjoni	Tip	Voidability
aquiferSystem	L-AquiferSystem li minnha jagħmel parti l-Aquitard.	AquiferSystem	voidable
aquifer	L-Akwiferi sseparati mill-Akwitard.	Aquifer	voidable

4.4.1.6. Korp ta' Ilma ta' Taħt l-Art (GroundWaterBody)

Volum distint ta' ilma ta' taħt l-art fi ħdan akwifer jew fi ħdan sistema ta' akwiferi, li jiġi iżolat idrawlikament mill-korpi ta' ilma ta' taħt l-art fil-qrib.

Attributi tat-tip ta' oġġett ġeografiku GroundWaterBody

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
inspireId	Identifikatur ta' oġġett estern tal-oġġett ġeografiku.	Identifier	
approximateHorizontal-Extend	Il-ġeometrija li tiddefinixxi l-limitu ta' GroundWaterBody.	GM_Surface	voidable
conditionOfGroundWat-erBody	Il-grad approssimattiv ta' bidla għal ilma ta' taħt l-art minħabba attività tal-bniedem.	ConditionOfGroundwat-erValue	
mineralization	Waħda mill-karatteristiċi kimiċi prinċipali tal-ilma. Valur huwa s-somma tal-komponenti tal-konċentrazzjoni kimika kollha tal-ilma.	WaterSalinityValue	voidable
piezometricState	Jispeċifika l-istat pjeżometriku tal-water-table (is-saff taħt l-art li taħtu l-art hija saturata bl-ilma) tal-GroundwaterBody.	PiezometricState	voidable
beginLifespanVersion	Id-data u l-ħin li fihom din il-verżjoni tal-oġġett ġeografiku ddaħħlet jew tbiddlet fis-sett ta' dejta ġeografika.	DateTime	voidable
endLifespanVersion	Id-data u l-ħin li fihom din il-verżjoni tal-oġġett ġeografiku ġiet sostitwita jew irtirata fis-sett ta' dejta ġeografika.	DateTime	voidable

Rwoli ta' assoċjazzjoni tat-tip ta' oġġett ġeografiku GroundWa-terBody

Rwol ta' assoċjazzjoni	Definizzjoni	Tip	Voidability
activeWell	L-ActiveWell li jbiddel l-istat tal-GroundwaterBody permezz tal-estrazzjoni tar-riżorsi tal-ilma ta' taħt l-art.	ActiveWell	voidable

▼M2

Rwol ta' assoċjazzjoni	Definizzjoni	Tip	Voidability
aquiferSystem	L-AquiferSystem li tinkludi l-GroundWaterBody.	AquiferSystem	voidable
hydrogeologicalObject-Natural	HydrogeologicalObjectNatural li jinteraġixxi mal-GroundwaterBody.	HydrogeologicalObject-Natural	voidable
observationWell	Il-bjar ta' osservazzjoni li jimmonitorjaw il-GroundWaterBody	EnvironmentalMonitoringFacility	voidable

4.4.1.7. Oġġett Idroġeoloġiku (HydrogeologicalObject)

Klassi astratta għal faċilitajiet magħmula mill-bniedem jew għal karatteristiċi naturali li jkollhom interazzjoni mas-sistema idroġeoloġika.

Dan it-tip huwa astratt.

Attributi tat-tip ta' oġġett ġeografiku HydrogeologicalObject

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
inspireId	Identifikatur ta' oġġett estern tal-oġġett ġeografiku.	Identifier	
geometry	Il-ġeometrija li tiddefinixxi l-lokalità ġeografika tal-HydrogeologicalObject.	GM_Primitive	
name	L-isem jew il-kodiċi tal-HydrogeologicalObject.	PT_FreeText	voidable
description	Id-deskrizzjoni tal-HydrogeologicalObject.	PT_FreeText	voidable
beginLifespanVersion	Id-data u l-ħin li fihom din il-verżjoni tal-oġġett ġeografiku ddaħħlet jew tbiddlet fis-sett ta' dejta ġeografika.	DateTime	voidable
endLifespanVersion	Id-data u l-ħin li fihom din il-verżjoni tal-oġġett ġeografiku ġiet sostitwita jew irtirata fis-sett ta' dejta ġeografika.	DateTime	voidable

Rwoli ta' assoċjazzjoni tat-tip ta' oġġett ġeografiku HydrogeologicalObject

Rwol ta' assoċjazzjoni	Definizzjoni	Tip	Voidability
aquifer	L-Akwifer li fi ħdanu jkun hemm il-HydrogeologicalObject.	Aquifer	voidable

4.4.1.8. Oġġett Idroġeoloġiku Magħmul mill-Bniedem (HydrogeologicalObjectManMade)

Oġġett idroġeoloġiku magħmul mill-bniedem.

Dan it-tip huwa subtip ta' HydrogeologicalObject.

Dan it-tip huwa astratt.

▼M2

Attributi tat-tip ta' oġġett ġeografiku HydrogeologicalObjectMan-Made

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
validFrom	Id-data u l-ħin uffiċjali meta l-oġġett idroġeoloġiku ġie/se jiġi legalment stabbilit.	DateTime	voidable
validTo	Id-data u l-ħin uffiċjali meta l-oġġett idroġeoloġiku legalment waqaf/se jieqaf jintuża.	DateTime	voidable
statusCode	Kodiċi li jiddefinixxi l-istatus formali ta' oġġett idroġeoloġiku magħmul mill-bniedem.	StatusCodeTypeValue	voidable

4.4.1.9. Oġġett Idroġeoloġiku Naturali (HydrogeologicalObjectNatural)

Oġġett idroġeoloġiku li nħoloq bi proċessi naturali.

Dan it-tip huwa subtip ta' HydrogeologicalObject.

Attributi tat-tip ta' oġġett ġeografiku HydrogeologicalObjectNatural

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
naturalObjectType	It-tip ta' oġġett idroġeoloġiku naturali.	NaturalObjectTypeValue	
waterPersistence	Il-grad ta' persistenza tal-fluss tal-ilma.	WaterPersistenceValue	voidable
approximateQuantityOf-Flow	Valur approssimattiv li jiddefinixxi r-rendiment tal-ilma f'oġġett idroġeoloġiku naturali.	QuantityValue	voidable

Rwoli ta' assoċjazzjoni tat-tip ta' oġġett ġeografiku HydrogeologicalObjectNatural

Rwol ta' assoċjazzjoni	Definizzjoni	Tip	Voidability
groundWaterBody	Il-GroundWaterBody li miegħu jinteraġixxi l-oġġett idroġeoloġiku naturali.	GroundWaterBody	voidable

4.4.1.10. Unità Idroġeoloġika (HydrogeologicalUnit)

Parti mil-litosfera b'parametri distintivi għall-ħżin u għall-konduzzjoni tal-ilma.

Dan it-tip huwa subtip ta' GeologicUnit.

Attributi tat-tip ta' oġġett ġeografiku HydrogeologicalUnit

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
description	Id-deskrizzjoni tal-HydrogeologicalUnit.	PT_FreeText	voidable

▼M2

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
approximateDepth	Il-fond approssimattiv tal-okkorrenza tal-HydrogeologicalUnit.	QuantityValue	voidable
approximateThickness	Il-ħxuna approssimattiva tal-HydrogeologicalUnit.	QuantityValue	voidable
beginLifespanVersion	Id-data u l-ħin li fihom din il-verżjoni tal-oġġett ġeografiku ddaħħlet jew tbiddlet fis-sett ta' dejta ġeografika.	DateTime	voidable
endLifespanVersion	Id-data u l-ħin li fihom din il-verżjoni tal-oġġett ġeografiku ġiet sostitwita jew irtirata fis-sett ta' dejta ġeografika.	DateTime	voidable

Rwoli ta' assoċjazzjoni tat-tip ta' oġġett ġeografiku HydrogeologicalUnit

Rwol ta' assoċjazzjoni	Definizzjoni	Tip	Voidability
geologicStructure	Tirrelata HydrogeologicalUnit waħda jew ħafna HydrogeologicalUnit(s) ma' GeologicStructure.	GeologicStructure	voidable

4.4.2. *Tipi ta' dejta*

4.4.2.1. Superfiċje Idroġeoloġika (HydrogeologicalSurface)

Superfiċje li tirrappreżenta l-water-table (is-saff taħt l-art li taħtu l-art hija saturata bl-ilma) interpolata jew superfiċje oħra, għal żona lokali jew reġjonali.

Dan it-tip huwa tip ta' unjoni.

Attributi tat-tip ta' unjoni HydrogeologicalSurface

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
surfaceRectifiedGrid	Superfiċje li d-dominju tagħha hija grilja rettifikata.	RectifiedGridCoverage	
surfaceReferenceableGrid	Superfiċje li d-dominju tagħha jikkonsisti fi grilja referenzabbli.	ReferenceableGridCoverage	
surfacePointCollection	Superfiċje idroġeoloġika rrappreżentata minn ġabra ta' osservazzjonijiet f'punti.	PointObservationCollection	

4.4.2.2. Stat Pjeżometriku (PiezometricState)

L-istat pjeżometriku ta' GroundWaterBody

Attributi tat-tip ta' dejta PiezometricState

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
observationTime	Id-data u l-ħin tal-osservazzjoni tal-istat tal-ilma ta' taħt l-art.	DateTime	

▼M2

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
piezometricSurface	Superfiċje li tirrappreżenta l-livell sa fejn se jogħla l-ilma fi bjar b'kejsing dejjaq.	HydrogeologicalSurface	

4.4.2.3. Valur ta' Kwantità (QuantityValue)

Kontenitur ta' dejta b'valur ta' kwantità wieħed jew b'medda ta' valuri ta' kwantità.

Dan it-tip huwa tip ta' unjoni.

Attributi tat-tip ta' unjoni QuantityValue

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
singleQuantity	Komponent skalari b'rappreżentazzjoni deċimali u b'unità ta' kejl li jintuża sabiex jaħżen valur ta' kwantità kontinwa.	Quantity	
quantityInterval	Par deċimali sabiex tiġi speċifikata medda ta' kwantitajiet b'unità ta' kejl.	QuantityRange	

4.4.3. *Listi ta' kodiċijiet*

4.4.3.1. Tip ta' Bir Attiv (ActiveWellTypeValue)

Tipi ta' bjar attivi.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu l-valuri speċifikati fit-tabella ta' hawn taħt u valuri addizzjonali fuq kwalunkwe livell iddefiniti mill-forniturі tad-dejta.

Valuri għal-lista ta' kodiċijiet ActiveWellTypeValue

Valur	Isem	Definizzjoni
exploitation	esplojtazzjoni	L-estrazzjoni ta' ilma ta' taħt l-art minn akwifer għal diversi finijiet (domestiċi, industrijali, konsum tal-provvista tal-ilma u oħrajn)
recharge	risanament	(a) Bjar għar-Risanament tal-Akwiferi (Aquifer Recharge Wells): Użati għar-risanament ta' akkwiferi mbattla bl-injezzjoni ta' ilma minn għadd ta' għejjun bħal lagi, xmajriet, impjanti tat-trattament tal-ilma mormi domestiku, akwiferi oħrajn, eċċ. (b) Bjar bħala Barriera għall-Intrużjoni tal-Ilma Mielaħ (Saline Water Intrusion Barrier Wells): Użati għall-injezzjoni ta' ilma f'akwiferi tal-ilma ħelu sabiex tkun ipprevenuta l-intrużjoni ta' ilma mielaħ f'akwiferi tal-ilma ħelu. (c) Bjar għall-Kontroll taċ-Ċedimenti (Subsidence Control Wells): Użati għall-injezzjoni ta' fluwidi f'żona li ma tipproduċix żejt jew gass sabiex jitnaqqsu jew jiġu eliminati ċ-ċedimenti tal-art assoċjati ma' estrazzjoni iktar milli jkun għaqli (overdrafting) ta' ilma ħelu.

▼M2

Valur	Isem	Definizzjoni
dewatering	deidratazzjoni	It-tneħħija ta' ilma minn materjal solidu jew mill-ħamrija minn akwifer sabiex jitbaxxa l-livell tal-water-table (is-saff taħt l-art li taħtu l-art hija saturata bl-ilma), pereżempju waqt il-faża tal-iżvilupp ta' sit ta' proġett kbir ta' kostruzzjoni minħabba livell għoli tal-water-table (is-saff taħt l-art li taħtu l-art hija saturata bl-ilma). Ġeneralment jinvolvi l-użu ta' pompi ta' "deidratazzjoni".
decontamination	dekontaminazzjoni	Bir użat fi skemi ta' rimedjazzjoni li jnaqqsu t-tniġġis f'akwifer.
disposal	rimi	Bir, ta' spiss bir taż-żejt jew tal-gass imbattal, fejn jistgħu jiġu injettati fluwidi ta' skart sabiex jintremew. Tipikament, il-bjar għar-rimi jkunu soġġetti għal rekwiżiti regolatorji sabiex tkun evitata l-kontaminazzjoni tal-akwiferi tal-ilma ħelu.
waterExploratory	esploratorju għall-ilma	Bir imħaffer sabiex isir tiftix għal ilma ta' taħt l-art ġdid.
thermal	termali	Bir użat sabiex jiġi estratt ilma għal provvista termali għal diversi finijiet termali (pereżempu, balneoloġija).
observation	osservazzjoni	Bir użat għal finijiet ta' osservazzjoni.

4.4.3.2. Tip ta' Midja ta' Akwifer (AquiferMediaTypeValue)

Valuri li jiddeskrivu l-karatteristiċi tal-midjum tal-akwifer.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu l-valuri speċifikati fit-tabella ta' hawn taħt u valuri addizzjonali fuq kwalunkwe livell iddefiniti mill-forniturituri tad-dejta.

Valuri għal-lista ta' kodiċijiet AquiferMediaTypeValue

Valur	Isem	Definizzjoni
fractured	fratturat	L-akwiferi fratturati huma blat li fihom l-ilma ta' taħt l-art jgħaddi minn xquq, qasmiet vertikali jew fratturi fi blat mill-bqija solidu.
porous	poruż	Il-midja poruża huma dawk l-akwiferi li jikkonsistu f'aggregati ta' partiċelli individwali, bħal ramel jew żrar, u l-fluss tal-ilma ta' taħt l-art iseħħ fi u jgħaddi mill-feħiet bejn il-grani individwali.
karstic	karstiku	L-akwiferi karstiċi huma akwiferi fratturati fejn ix-xquq u l-fratturi jkunu tkabbru permezz ta' taħlita likwida, biex ifformaw kanali kbar jew saħanistra kaverni.
compound	kompost	Kombinazzjoni ta' akwiferu poruż, karstiku u/jew fratturat.
karsticAndFractured	karstiku u fratturat	Kombinazzjoni kemm ta' akwifer karstiku kif ukoll ta' akwifer fratturat.
porousAndFractured	poruż u fratturat	Kombinazzjoni kemm ta' akwifer poruż kif ukoll ta' akwifer fratturat.

▼M2

4.4.3.3. Tip ta’ Akwifer (AquiferTypeValue)

Tipi ta’ akwiferi.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta’ kodiċijiet jinkludu l-valuri speċifikati fit-tabella ta’ hawn taħt biss.

Valuri għal-lista ta’ kodiċijiet AquiferTypeValue

Valur	Isem	Definizzjoni
confinedSubArtesian	subartesjan ikkonfinat (confined subartesian)	Akwifer li fih ilma bejn żewġ limiti relattivament impermeabbli. Il-livell tal-ilma f’bir li qed iġib l-ilma minn akwifer ikkonfinat ikun ’il fuq mill-parti ta’ fuq nett tal-akwifer ikkonfinat u jista’ jkun ogħla jew iktar baxx mill-water-table (is-saff taħt l-art li taħtu l-art hija saturata bl-ilma) li tista’ tkun preżenti fil-materjal ta’ fuqu. Il-livell tal-ilma ma jogħliex ’il fuq mis-superfiċje tal-art.
confinedArtesian	artesjan ikkonfinat (confined artesian)	Akwifer li fih ilma bejn żewġ limiti relattivament impermeabbli. Il-livell tal-ilma f’bir li qed iġib l-ilma minn akwifer ikkonfinat ikun ’il fuq mill-parti ta’ fuq nett tal-akwifer ikkonfinat u jista’ jkun ogħla jew iktar baxx mill-water-table (is-saff taħt l-art li taħtu l-art hija saturata bl-ilma) li tista’ tkun preżenti fil-materjal ta’ fuqu. Il-livell tal-ilma jogħla ’l fuq mis-superfiċje tal-art, fejn jagħti lok għal bir ġieri (flowing well, jiġifieri bir li jġib l-ilma minn akwifer li jkun taħt pressjoni biżżejjed sabiex jimbotta l-ilma lejn is-superfiċje).
unconfined	mhux ikkonfinat	Akwifer li fih ilma li mhuwiex taħt pressjoni. Il-livell tal-ilma f’bir huwa l-istess bħall-water-table (is-saff taħt l-art li taħtu l-art hija saturata bl-ilma) barra mill-bir.

4.4.3.4. Kundizzjoni Tal-Ilma Ta’ Taħt l-Art (ConditionOfGroundwaterValue)

Valuri li jindikaw il-grad approssimativ ta’ bidla li saret fl-istat naturali tal-ilma ta’ taħt l-art.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta’ kodiċijiet jinkludu l-valuri speċifikati fit-tabella ta’ hawn taħt biss.

Valuri għal-lista ta’ kodiċijiet ConditionOfGroundwaterValue

Valur	Isem	Definizzjoni
natural	naturali	Il-kwantità jew il-kwalità tal-ilma ta’ taħt l-art tiddependi biss minn fatturi naturali.
lightlyModified	modifikata bi ftit	Il-kwantità jew il-kwalità tal-ilma ta’ taħt l-ilma tiddependi prinċipalment minn fatturi naturali, imma ħemm xi ftit influwenza mill-attività tal-bniedem.
modified	modifikata	Il-kwantità jew il-kwalità tal-ilma ta’ taħt l-art ġiet modifikata bl-attività tal-bniedem.
stronglyModified	ferm modifikata	Il-kwantità jew il-kwalità tal-ilma ta’ taħt l-art ġiet modifikata bl-attività tal-bniedem u l-valuri ta’ għadd ta’ parametri jaqbżu l-istandards ta’ ilma tajjeb għax-xorb.
unknown	mhux magħruf	L-istat naturali tal-kundizzjoni tal-ilma ta’ taħt l-art mhuwiex magħruf.

▼M2

4.4.3.5. Tip Idroġeokimiku ta’ Blat (HydroGeochemicalRockTypeValue)

Valuri li jiddeskrivu l-kundizzjoni idroġeokimika tal-ambjent tal-ilma ta’ taħt l-art.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta’ kodiċijiet jinkludu l-valuri speċifikati fit-tabella ta’ hawn taħt u valuri addizzjonali fuq kwalunkwe livell iddefiniti mill-fornituri tad-dejta.

Valuri għal-lista ta’ kodiċijiet HydroGeochemicalRockTypeValue

Valur	Isem	Definizzjoni
silicatic	siliċjatiku	Tip idrokimiku siliċjatiku ta’ ilma ta’ taħt l-art.
carbonatic	karbonatiku	Tip idrokimiku karbonatiku ta’ ilma ta’ taħt l-art.
sulfatic	sulfatiku	Tip idrokimiku sulfatiku ta’ ilma ta’ taħt l-art.
chloridic	kloridiku	Tip idrokimiku kloridiku ta’ ilma ta’ taħt l-art.
organic	organiku	Tip idrokimiku organiku ta’ ilma ta’ taħt l-art.

4.4.3.6. Tip ta’ Oġġett Naturali (NaturalObjectTypeValue)

Tipi ta’ oġġetti idroġeoloġiċi naturali.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta’ kodiċijiet jinkludu l-valuri speċifikati fit-tabella ta’ hawn taħt u valuri addizzjonali fuq kwalunkwe livell iddefiniti mill-fornituri tad-dejta.

Valuri għal-lista ta’ kodiċijiet NaturalObjectTypeValue

Valur	Isem	Definizzjoni
spring	nixxiegħa	Kwalunkwe sitwazzjoni naturali fejn l-ilma ta’ taħt l-art jiġri lejn is-superfiċje tad-Dinja. B’hekk, nixxiegħa hija sit fejn is-superfiċje tal-akwifer tmiss mas-superfiċje tal-art.
seep	post ta’ tnixxija (seep)	Post niedi jew imxarrab fejn l-ilma ta’ taħt l-art jasal sas-superfiċje tad-Dinja minn akwifer ta’ taħt l-art.
swallowHole	swallow hole	Depressjoni jew tobqa naturali fis-superfiċje tad-Dinja, magħrufa wkoll bħala sink, shake hole, sinkhole, swallow hole, swallet, dolina jew cenote; hija kkawżata prinċipalment minn proċessi karstiċi – id-dissoluzzjoni kimika ta’ blat karbonat jew proċessi ta’ suffużjoni (suffusion), pereżempju fil-ġebel ramli.
fen	moxa mgħaddra	Art baxxa li tkun mgħottija kompletament jew parzjalment bl-ilma u li ġeneralment ikollha ħamrija alkalina bil-pit u flora karatteristika (bħas-sogħda u l-qasab).
notSpecified	mhix speċifikata	Postijiet mhux speċifikati fejn l-ilma ta’ taħt l-art imiss mas-superfiċje.

4.4.3.7. Tip ta’ Kodiċi ta’ Status (StatusCodeTypeValue)

Valuri li jiddeskrivu l-istatus ta’ oġġetti idroġeoloġiċi magħmula mill-bniedem.

▼M2

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu l-valuri speċifikati fit-tabella ta' hawn taħt u valuri addizzjonali fuq kwalunkwe livell iddefiniti mill-forniturituri tad-dejta.

Valuri għal-lista ta' kodiċijiet StatusCodeTypeValue

Valur	Isem	Definizzjoni
abandonedDry	abbandunat, niexef	Abbandunat minħabba nuqqas ta' ilma.
abandonedInsufficient	abbandunat, ilma insuffiċjenti	Abbandunat minħabba ammont insuffiċjenti ta' ilma.
abandonedQuality	abbandunat, kwalità fqira ta' ilma	Abbandunat minħabba raġunijiet ta' kwalità tal-ilma.
deepened	imħaffer iktar fil-fond	Fond tat-tħaffir miżjud.
new	ġdid	Spiera mibnija f'sit li ma ntużax qabel.
notInUse	mhux qed jintuża	Ma għadu jintuża għall-ebda skop.
reconditioned	rikundizzjonat	Bir li kien soġġett għal xogħlijiet rimedjali sabiex jittejjeb il-funzjonament tiegħu.
standby	riżerva	Astrazzjoni li tintuża biss meta ma jkunux disponibbli oħrajn.
unfinished	mhux lest	It-tħaffir jew il-kostruzzjoni mhuwiex lest.
unknown	mhux magħruf	L-istatus mhuwiex magħruf jew ma ġiex iddefinit.

4.4.3.8. Persistenza tal-Ilma (WaterPersistenceValue)

Tipi ta' persistenza idroloġika tal-ilma.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu l-valuri speċifikati fit-tabella ta' hawn taħt u valuri addizzjonali fuq kwalunkwe livell iddefiniti mill-forniturituri tad-dejta.

Valuri għal-lista ta' kodiċijiet WaterPersistenceValue

Valur	Isem	Definizzjoni
intermittent	intermittenti	Mimli u/jew ġieri għal parti mis-sena.
seasonal	staġjonali	Mimli u/jew ġieri għal staġunijiet partikolari tas-sena, pereżempju il-ħarifa/ix-xitwa
perennial	perenni	Mimli u/jew ġieri b'mod kontinwu matul is-sena kollha peress li s-sodda tiegħu tinsab taħt il-water-table (is-saff taħt l-art li taħtu l-art hija saturata bl-ilma).
notSpecified	mhix speċifikata	It-tip ta' persistenza idroloġika tal-ilma ma ġietx speċifikata.
ephemeral	effimera	Mimli u/jew ġieri waqt u immedjatament wara li tagħmel ix-xita.

4.4.3.9. Salinità tal-Ilma (WaterSalinityValue)

Lista ta' kodiċijiet li tindika l-klassijiet ta' salinità fl-ilma.

▼M2

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu l-valuri speċifikati fit-tabella ta' hawn taħt u valuri addizzjonali fuq kwalunkwe livell iddefiniti mill-forniturituri tad-dejta.

Valuri għal-lista ta' kodiċijiet WaterSalinityValue

Valur	Isem	Definizzjoni
ultraFreshWater	ilma ħelu ħafna (ultra fresh)	Ilma b'salinità baxxa ħafna. Is-salinità hija ekwivalenti jew kważi ekwivalenti għal dik tal-ilma tax-xita.
freshWater	ilma ħelu	Ilma ħelu jirreferi għal korpi ta' ilma bħal għadajjar, lagi, xmajjar jew xmajriet li fihom konċentrazzjonijiet baxxi ta' mluħa maħlula.
brackishWater	ilma salmastru	L-ilma salmastru huwa ilma li għandu iktar salinità mill-ilma ħelu imma mhux daqs l-ilma baħar. Huwa jista' jkun ir-riżultat ta' taħlita ta' ilma baħar ma' ilma ħelu, bħal fl-estwarji, jew jista' jseħħ f'akwiferi fossili salmastri.
salineWater	ilma mielaħ	L-ilma mielaħ huwa ilma li fih konċentrazzjoni sinifikanti ta' mluħa maħlula. L-ilma baħar għandu salinità ta' bejn wieħed u ieħor 35 000 ppm, ekwivalenti għal 35 g/L.
brineWater	salmura	Is-salmura hija saturata jew kważi saturata bil-melħ.

4.5. **Saffi**

Saffi għat-tema ta' dejta ġeografika Ġeoloġija

Isem is-Saff	Titlu tas-Saff	Tip ta' oġġett ġeografiku
GE.GeologicUnit	Unitajiet Ġeoloġiċi	MappedFeature (oġġetti ġeoloġiċi li l-proprjetà specification tagħhom hija tat-tip GeologicUnit)
GE.<CodeListValue> ([1])	<isem li jista' jinqara mill-bniedem>	MappedFeature (oġġetti ġeoloġiċi li l-proprjetà specification tagħhom hija tat-tip GeologicFeature u li jiġu kklassifikati (billi tintuża l-proprjetà themeClass) skont l-istess klassifikazzjoni tematika)
Eżempju: GE.ShrinkingAndSwelling Clays	Eżempju: Tafal li jiċkien u jintefaħ	(themeClassification: ThematicClassificationValue)
GE.GeologicFault	Kisriet Ġeoloġiċi	MappedFeature (oġġetti ġeoloġiċi li l-proprjetà specification tagħhom hija tat-tip ShearDisplacementStructure)
GE.GeologicFold	Tiwjiet Ġeoloġiċi	MappedFeature (oġġetti ġeoloġiċi li l-proprjetà specification tagħhom hija tat-tip Fold)
GE.GeomorphologicFeature	Karatteristiċi Ġeomorfoloġiċi	MappedFeature (oġġetti ġeoloġiċi li l-proprjetà specification tagħhom hija tat-tip GeomorphologicFeature)
GE.Borehole	Spieri	Borehole
GE.Aquifer	Akwiferi	MappedFeature (oġġetti ġeoloġiċi li l-proprjetà specification tagħhom hija tat-tip Aquifer)
GE.Aquiclude	Akwikludi	MappedFeature (oġġetti ġeoloġiċi li l-proprjetà specification tagħhom hija tat-tip Aquiclude)

▼M2

Isem is-Saff	Titlu tas-Saff	Tip ta' oġġett ġeografiku
GE.Aquitard	Akwitardi	MappedFeature (oġġetti ġeoloġiċi li l-proprjetà specification tagħhom hija tat-tip Aquitard)
GE.AquiferSystems	Sistemi ta' Akwiferi	MappedFeature (oġġetti ġeoloġiċi li l-proprjetà specification tagħhom hija tat-tip AquiferSystem)
GE.Groundwaterbody	Korpi ta' Ilma ta' Taħt l-Art	Groundwaterbody
GE.ActiveWell	Bjar Attivi	ActiveWell
GE.<CodeListValue> (2)	<isem li jista' jinqara mill-bniedem>	GeophStation (stationType: StationTypeValue)
Eżempju: GE.gravityStation	Eżempju: Stazzjonijiet tal-Gravità	
GE.<CodeListValue> (3)	<isem li jista' jinqara mill-bniedem>	GeophStation (profilType: ProfileTypeValue)
Eżempju: GE.seismicLine	Eżempju: Linji Sismiċi	
GE.<CodeListValue> (4)	<isem li jista' jinqara mill-bniedem>	GeophStation (surveyType: SurveyTypeValue)
Eżempju: GE.groundGravitySurvey	Eżempju: Stħarriġ tal-Gravità mill-Art	
GE.<CodeListValue> (5)	<isem li jista' jinqara mill-bniedem>	Campaign (surveyType: SurveyTypeValue)
Eżempju: GE.groundMagneticSurvey	Eżempju: Stħarriġ Manjetiku mill-Art	
GE.Geophysics.3DSeismics	Sismika 3D	GeophSwath

(1) Saff wieħed għandu jkun disponibbli għal kull valur ta' lista ta' kodiċijiet, skont l-Artikolu 14(3).
(2) Saff wieħed għandu jkun disponibbli għal kull valur ta' lista ta' kodiċijiet, skont l-Artikolu 14(3).
(3) Saff wieħed għandu jkun disponibbli għal kull valur ta' lista ta' kodiċijiet, skont l-Artikolu 14(3).
(4) Saff wieħed għandu jkun disponibbli għal kull valur ta' lista ta' kodiċijiet, skont l-Artikolu 14(3).
(5) Saff wieħed għandu jkun disponibbli għal kull valur ta' lista ta' kodiċijiet, skont l-Artikolu 14(3).

▼M2

ANNESS IV

REKWIŻITI GĦAT-TEMI TA' DEJTA ĠEOGRAFIKA ELENKATI FL-ANNESS III TAD-DIRETTIVA 2007/2/KE

1. UNITAJIET STATISTIĊI (STATISTICAL UNITS)

1.1. **Struttura tat-Tema ta' Dejta Ġeografika Unitajiet Statistiċi**

It-tipi speċifikati għat-tema ta' dejta ġeografika Unitajiet Statistiċi huma strutturati fil-pakketti li ġejjin:

— Bażi ta' Unitajiet Statistiċi

— Vettur ta' Unitajiet Statistiċi

— Grilja ta' Unitajiet Statistiċi

1.2. **Bażi ta' Unitajiet Statistiċi**

1.2.1. *Tipi ta' oġġetti ġeografiċi*

Il-pakkett Bażi ta' Unitajiet Statistiċi fih it-tip ta' oġġett ġeografiku Unità Statistika (Statistical Unit).

1.2.1.1. Unità Statistika (StatisticalUnit)

Unità għat-tixrid jew għall-użu ta' informazzjoni statistika.

Dan it-tip huwa astratt.

1.3. **Vettur ta' Unitajiet Statistiċi**

1.3.1. *Tipi ta' oġġetti ġeografiċi*

Il-pakkett Vettur fih it-tipi ta' oġġetti ġeografiċi li ġejjin:

— Unità Statistika ta' Vettur (Vector Statistical Unit)

— Unità Statistika ta' Erja (Area Statistical Unit)

— Tassellazzjoni Statistika (Statistical Tesselation)

— Evolution

1.3.1.1. Unità Statistika ta' Vettur (VectorStatisticalUnit)

Unità statistika rrappreżentata bħala ġeometrija ta' vettur (punt, linja jew superfiċje).

Dan it-tip huwa subtip ta' StatisticalUnit.

Attributi tat-tip ta' oġġett ġeografiku VectorStatisticalUnit

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
inspireId	Identifikatur ta' oġġett estern tal-oġġett ġeografiku.	Identifier	
thematicId	Identifikatur deskrittiv ta' oġġett uniku applikat għal oġġetti ġeografiċi f'tema ta' informazzjoni ddefinita.	ThematicIdentifier	
country	Il-kodiċi tal-pajjiż li l-oġġett jappartjeni lilu.	CountryCode	
geographicalName	Ismijiet ġeografiċi possibbli tal-oġġett.	GeographicalName	
validityPeriod	Il-perjodu meta preferibbilment suppost li tintuża l-unità statistika u meta le.	TM_Period	

▼M2

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
referencePeriod	Il-perjodu meta d-dejta suppost tagħti stampa tad-diviżjoni territorjali f'unitajiet statistiċi.	TM_Period	
beginLifespanVersion	Id-data u l-ħin li fihom din il-verżjoni tal-oġġett ġeografiku ddaħħlet jew tbiddlet fis-sett ta' dejta ġeografika.	DateTime	voidable
endLifespanVersion	Id-data u l-ħin li fihom din il-verżjoni tal-oġġett ġeografiku ġiet sostitwita jew irtirata fis-sett ta' dejta ġeografika.	DateTime	voidable

Rwoli ta' assoċjazzjoni tat-tip ta' oġġett ġeografiku VectorStatisticalUnit

Rwol ta' assoċjazzjoni	Definizzjoni	Tip	Voidability
geometry	Rappreżentazzjonijiet ġeometriċi tal-unità statistika ta' vettur.	VectorStatisticalUnitGeometry	
evolutions	L-evoluzzjonijiet kollha li ltaqgħet magħhom l-unità statistika.	Evolution	voidable

Limitazzjonijiet tat-tip ta' oġġett ġeografiku VectorStatisticalUnit

L-unitajiet statistiċi ta' vettur b'istanza ta' ġeometrija ta' referenza ta' *GM_MultiSurface* għandhom ikunu istanzi tal-klassi speċjalizzata *AreaStatisticalUnit*.

1.3.1.2. Unità Statistika ta' Erja (AreaStatisticalUnit)

Unità statistika ta' vettur b'ġeometrija ta' referenza tas-superfiċje.

Dan it-tip huwa subtip ta' VectorStatisticalUnit.

Attributi tat-tip ta' oġġett ġeografiku AreaStatisticalUnit

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
areaValue	L-erja tal-ġeometrija ta' referenza.	Erja	
landAreaValue	L-erja tal-parti li qiegħda 'l fuq mill-ilma.	Erja	voidable
livableAreaValue	L-erja tal-parti abitabbli.	Erja	voidable

Rwoli ta' assoċjazzjoni tat-tip ta' oġġett ġeografiku AreaStatisticalUnit

Rwol ta' assoċjazzjoni	Definizzjoni	Tip	Voidability
administrativeUnit	Unitajiet amministrattivi użati sabiex tinbena l-unità statistika ta' erja.	AdministrativeUnit	voidable
lowers	L-unitajiet statistiċi ta' erja tal-livell inferjuri li jmiss.	AreaStatisticalUnit	voidable

▼M2

Rwol ta' assoċjazzjoni	Definizzjoni	Tip	Voidability
uppers	L-unitajiet statistiċi ta' erja tal-livell superjuri li jmiss.	AreaStatisticalUnit	voidable
successors	Is-suċċessuri tal-unità statistika ta' erja.	AreaStatisticalUnit	voidable
predecessors	Il-preċedessuri tal-unità statistika ta' erja.	AreaStatisticalUnit	voidable
tesselation	It-tassellazzjoni komposta minn unitajiet.	StatisticalTessellation	voidable

Limitazzjonijiet tat-tip ta' oġġett ġeografiku AreaStatisticalUnit

Il-ġeometrija ta' referenza ta' unitajiet statistiċi ta' erja għandha tkun *GM_MultiSurface*.

1.3.1.3. Tassellazzjoni Statistika (StatisticalTessellation)

Tassellazzjoni komposta minn unitajiet statistiċi ta' erja.

Attributi tat-tip ta' oġġett ġeografiku StatisticalTessellation

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
inspireId	Identifikatur ta' oġġett estern tal-oġġett ġeografiku.	Identifier	

Rwoli ta' assoċjazzjoni tat-tip ta' oġġett ġeografiku StatisticalTessellation

Rwol ta' assoċjazzjoni	Definizzjoni	Tip	Voidability
units	L-unitajiet li jikkomponu tassellazzjoni.	AreaStatisticalUnit	voidable
lower	It-tassellazzjoni statistika immedjatament inferjuri.	StatisticalTessellation	voidable
upper	It-tassellazzjoni statistika immedjatament superjuri.	StatisticalTessellation	voidable

1.3.1.4. Evoluzzjoni (Evolution)

Rappreżentazzjoni ta' evoluzzjoni ta' unità statistika ta' vettur.

Attributi tat-tip ta' oġġett ġeografiku Evolution

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
date	Id-data meta seħħet il-bidla.	DateTime	
evolutionType	It-tip ta' evoluzzjoni.	EvolutionTypeValue	
areaVariation	Il-varjazzjoni fl-erja waqt l-evoluzzjoni. Dan l-attribut għandu jiġi ppopulat biss jekk it-tip ikun "change" (bidla).	Erja	voidable

▼M2

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
populationVariation	Il-varjazzjoni fil-populazzjoni waqt l-evoluzzjoni. Dan l-attribut għandu jiġi ppopulat biss jekk it-tip ikun “change” (bidla).	Integer	voidable

Rwoli ta’ assoċjazzjoni tat-tip ta’ oġġett ġeografiku Evolution

Rwol ta’ assoċjazzjoni	Definizzjoni	Tip	Voidability
finalUnitVersions	Il-verżjonijiet tal-unità finali kollha kkonċernati mill-evoluzzjoni.	VectorStatisticalUnit	voidable
units	L-unitajiet kollha kkonċernati mill-evoluzzjoni.	VectorStatisticalUnit	voidable
initialUnitVersions	Il-verżjonijiet tal-unità inizjali kollha kkonċernati mill-evoluzzjoni.	VectorStatisticalUnit	voidable

Limitazzjonijiet tat-tip ta’ oġġett ġeografiku Evolution

Ir-rappreżentazzjonijiet tal-evoluzzjoni għandhom ikunu konsistenti mal-verżjonijiet tal-oġġetti kkonċernati.

Evoluzzjoni b’typeValue “creation” (ħolqien) ma għandu jkollha l-ebda verżjoni ta’ unità inizjali u għandu jkollha verżjoni ta’ unità finali waħda biss.

Evoluzzjoni b’typeValue “deletion” (ħassir) għandu jkollha verżjoni ta’ unità inizjali waħda u l-ebda verżjoni ta’ unità finali.

Evoluzzjoni b’typeValue “aggregation” (aggregazzjoni) għandu jkollha mill-inqas żewġ verżjonijiet ta’ unità inizjali (l-unitajiet li għandhom jiġu aggregati) u verżjoni ta’ unità finali waħda (l-aggregazzjoni li tirriżulta).

Evoluzzjoni b’typeValue “change” (bidla) għandu jkollha verżjoni ta’ unità inizjali waħda u verżjoni ta’ unità finali waħda.

Evoluzzjoni b’typeValue “splitting” (qsim) għandu jkollha verżjoni ta’ unità inizjali waħda (l-unità li għandha tinqasam) u mill-inqas żewġ verżjonijiet ta’ unità finali (l-unitajiet li jirriżultaw mill-qsim).

1.3.2. *Tipi ta’ dejta*

1.3.2.1. Ġeometrija ta’ Unità Statistika ta’ Vettur (VectorStatisticalUnitGeometry)

Rappreżentazzjoni ġeometrika għal unitajiet statistiċi ta’ vettur.

Attributi tat-tip ta’ dejta VectorStatisticalUnitGeometry

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
geometry	Il-ġeometrija.	GM_Object	
geometryDescriptor	Id-deskrittur tal-ġeometrija tal-unità statistika.	GeometryDescriptor	

1.3.2.2. Deskrittur ta’ Ġeometrija (GeometryDescriptor)

Deskrittur għall-ġeometrija ta’ unità statistika ta’ vettur.

▼M2

Attributi tat-tip ta’ dejta GeometryDescriptor

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
geometryType	It-tip ta’ ġeometrija.	GeometryTypeValue	
mostDetailedScale	L-iktar skala dettaljata li l-ġeometrija ġeneralizzata suppost li tkun adattata għaliha (espressa bħala l-invers ta’ skala indikattiva).	Integer	
leastDetailedScale	L-inqas skala dettaljata li l-ġeometrija ġeneralizzata suppost li tkun adattata għaliha (espressa bħala l-invers ta’ skala indikattiva).	Integer	

Limitazzjonijiet tat-tip ta’ dejta GeometryDescriptor

L-oqsma *mostDetailedScale* u *leastDetailedScale* għandhom jiġu pprovduti biss għal deskritturi ta’ ġeometriji b’tip *generalisedGeometry*

Jekk jiġi pprovdut, *mostDetailedScale* għandu jkun iżgħar minn *leastDetailedScale*

1.3.3. *Listi ta’ kodiċijiet*

1.3.3.1. Tip ta’ Ġeometrija (GeometryTypeValue)

Valuri ta’ kodiċijiet għat-tipi ta’ ġeometrija.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta’ kodiċijiet jinkludu l-valuri speċifikati fit-tabella ta’ hawn taħt u valuri addizzjonali fuq kwalunkwe livell iddefiniti mill-forniturituri tad-dejta.

Valuri għal-lista ta’ kodiċijiet GeometryTypeValue

Valur	Isem	Definizzjoni
referenceGeometry	ġeometrija ta’ referenza	Il-ġeometrija deskritta hija l-ġeometrija ta’ referenza.
pointLabel	tikketta ta’ punt	Il-ġeometrija deskritta hija ġeometrija ta’ punt għal tikkettar.
centerOfGravity	ċentru ta’ gravità	Il-ġeometrija deskritta hija ġeometrija ta’ punt li tinsab fiċ-ċentru ta’ gravità tal-unità
generalisedGeometry	ġeometrija ġeneralizzata	Ġeometrija ġeneralizzata tal-unità statistika.
other	ieħor	Tip ieħor ta’ tip ta’ ġeometrija

1.3.3.2. Tip ta’ Evoluzzjoni (EvolutionTypeValue)

Valuri ta’ kodiċijiet għat-tipi ta’ evoluzzjoni.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta’ kodiċijiet jinkludu kwalunkwe valur iddefinit mill-forniturituri tad-dejta.

Il-forniturituri tad-dejta jistgħu jużaw il-valuri speċifikati fid-dokument ta’ Gwida Teknika tal-INSPIRE dwar Unitajiet Statistiċi.

▼M2

1.4. **Grilja ta' Unitajiet Statistiċi**

1.4.1. *Tipi ta' oġġetti ġeografiċi*

Il-pakkett Grilja fih it-tipi ta' oġġetti ġeografiċi li ġejjin:

— Ċellula ta' Grilja Statistika (Statistical Grid Cell)

— Grilja Statistika (Statistical Grid)

1.4.1.1. Ċellula ta' Grilja Statistika (StatisticalGridCell)

Unità għat-tixrid jew għall-użu ta' informazzjoni statistika li tiġi rrappreżentata bħala ċellula ta' grilja.

Dan it-tip huwa subtip ta' StatisticalUnit.

Attributi tat-tip ta' oġġett ġeografiku StatisticalGridCell

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
code	Kodiċi ta' ċellula	CharacterString	voidable
geographicalPosition	Il-pożizzjoni ġeografika taċ-ċellula ta' grilja fir-rokna xellugija ta' isfel.	DirectPosition	voidable
gridPosition	Il-pożizzjoni taċ-ċellula ta' grilja fi ħdan il-grilja abbażi tal-koordinati tal-grilja.	GridPosition	voidable
geometry	Il-ġeometrija ta' ċellula ta' grilja.	GM_Surface	voidable

Rwoli ta' assoċjazzjoni tat-tip ta' oġġett ġeografiku StatisticalGridCell

Rwol ta' assoċjazzjoni	Definizzjoni	Tip	Voidability
lowers	Iċ-ċelluli immedjatament inferjuri ta' grilja statistika.	StatisticalGridCell	voidable
upper	Iċ-ċelluli immedjatament superjuri ta' grilja statistika.	StatisticalGridCell	voidable
grid	Il-grilja magħmula minn ċelluli.	StatisticalGrid	

Limitazzjonijiet tat-tip ta' oġġett ġeografiku StatisticalGridCell

Il-pożizzjoni taċ-ċellula għandha tkun fi ħdan il-grilja, skont il-wisa' u l-għoli tagħha.

Għandu jiġi pprovdut mill-inqas wieħed mill-attributi code, geographicalPosition, gridPosition jew geometry.

Fejn jiġu pprovduti diversi rappreżentazzjonijiet ġeografiċi (code, geographicalPosition, gridPosition u geometry), dawn għandhom ikunu konsistenti.

Il-kodiċi għandu jkun kompost minn:

(1) Parti ta' sistema ta' referenza ta' koordinati, irrappreżentata mill-kelma **CRS**, segwita mill-kodiċi tal-EPSG.

(2) Parti ta' riżoluzzjoni u pożizzjoni:

— Jekk is-sistema ta' referenza ta' koordinati tkun projettata, il-kelma **RES** segwita mir-riżoluzzjoni tal-grilja f'metri u mill-ittra **m**. Imbagħad l-ittra **N** segwita mill-valur tax-xejra lejn it-Tramuntana f'metri, u l-ittra **E** segwita mill-valur tax-xejra lejn il-Lvant f'metri.

▼M2

— Jekk is-sistema ta’ referenza ta’ koordinata ma tkunx projettata, il-kelma **RES** segwita mir-riżoluzzjoni tal-grilja fi gradi-minuti-sekondi (degree-minute-second), segwita mill-kelma **dms**. Imbagħad il-kelma **LON** segwita mill-valur tal-lonġitudni fi gradi-minuti-sekondi, u l-kelma **LAT** segwita mill-valur tal-latitudni fi gradi-minuti-sekondi.

Għaż-żewġ każijiet, il-pożizzjoni mogħtija għandha tkun il-pożizzjoni tar-rokna taċ-ċellula xellugija ta’ isfel.

1.4.1.2. Grilja Statistika (StatisticalGrid)

Grilja komposta minn ċelluli statistiċi.

Attributi tat-tip ta’ oġġett ġeografiku StatisticalGrid

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
inspireId	Identifikatur ta’ oġġett estern tal-oġġett ġeografiku.	Identifier	
EPSGCode	Il-kodiċi tal-EPSG sabiex tiġi identifikata s-Sistema ta’ Referenzjar ta’ Koordinati tal-grilja.	Integer	
resolution	Ir-riżoluzzjoni tal-grilja.	StatisticalGridResolution	
origin	Il-pożizzjoni tal-punt tal-oriġini tal-grilja fis-sistema ta’ referenza ta’ koordinati speċifikata (jekk tiġi ddefinita).	DirectPosition	
width	Il-wisa’ tal-grilja, f’numru ta’ ċelluli (jekk tiġi ddefinita).	Integer	
height	L-għoli tal-grilja, f’numru ta’ ċelluli (jekk jiġi ddefinit).	Integer	

Rwoli ta’ assoċjazzjoni tat-tip ta’ oġġett ġeografiku StatisticalGrid

Rwol ta’ assoċjazzjoni	Definizzjoni	Tip	Voidability
cells	Iċ-ċelluli li jikkomponu grilja.	StatisticalGridCell	
lower	Il-grilja statistika immedjatament inferjuri.	StatisticalGrid	voidable
upper	Il-grilja statistika immedjatament superjuri.	StatisticalGrid	voidable

Limitazzjonijiet tat-tip ta’ oġġett ġeografiku StatisticalGrid

Jekk is-sistema ta’ referenza ta’ koordinati tkun waħda projettata, ir-riżoluzzjoni għandha tkun tul. Inkella, għandha tkun angolu.

1.4.2. *Tipi ta’ dejta*

1.4.2.1. Pożizzjoni fil-Grilja (GridPosition)

Pożizzjoni ta’ ċellula ta’ grilja fi ħdan grilja.

▼M2

Attributi tat-tip ta' dejta GridPosition

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
x	Il-pożizzjoni taċ-ċellula fuq l-assi orizzontali, li jibda mix-xellug għal-lemin, minn 0 sal-wisgħa tal-grilja - 1.	Integer	
y	Il-pożizzjoni taċ-ċellula fuq l-assi vertikali, li tibda mill-qiegħ għall-quċċata, minn 0 sal-għoli tal-grilja - 1.	Integer	

1.4.2.2. Riżoluzzjoni ta' Grilja Statistika (StatisticalGridResolution)

Valur tar-riżoluzzjoni ta' unità statistika.

Dan it-tip huwa tip ta' unjoni.

Attributi tat-tip ta' unjoni StatisticalGridResolution

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
lengthResolution	Riżoluzzjoni ta' distanza.	Length	
angleResolution	Riżoluzzjoni ta' angolu.	Angle	

1.5. **Rekwiżiti speċifiċi għat-tema**

(1) Għandha tkun disponibbli wkoll mill-inqas il-ġeometrija ta' unitajiet statistiċi, li għaliha tkun disponibbli dejta statistika taħt l-INSPIRE. Dan ir-rekwiżit japplika għat-temi tal-INSPIRE li jirreferu għal unitajiet statistiċi.

(2) Għal użu pan-Ewropew, għandha tintuża l-Grilja b'Erja Ndaqs iddefinita fit-Taqsima 2.2.1 tal-Anness II.

(3) Id-dejta statistika għandha tirreferi għall-unità statistika tagħha permezz tal-identifikatur ta' oġġett estern tal-unità (inspireId) jew permezz tal-identifikatur tematiku (għall-unitajiet ta' vettur) jew permezz tal-kodiċi tal-unità (għaċ-ċelluli ta' grilja).

(4) Id-dejta statistika għandha tirreferi għal verżjoni speċifika ta' unità statistika.

1.6. **Saffi**

Saffi għat-tema ta' dejta ġeografika Unitajiet Statistiċi

Isem is-Saff	Titlu tas-Saff	Tip ta' oġġett ġeografiku
SU.VectorStatisticalUnit	Unitajiet statistiċi ta' vettur	VectorStatisticalUnit
SU.StatisticalGridCell	Ċelluli ta' grilja statistika	StatisticalGridCell

▼M2

2. BINI

2.1. **Definizzjonijiet**

Minbarra d-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) “dejta 2D (2D data)” tfisser dejta fejn il-ġeometrija tal-oġġetti ġeografiċi tiġi rrappreżentata fi spazju bidimensjonali.

(2) “dejta 2,5D (2,5D data)” tfisser dejta fejn il-ġeometrija tal-oġġetti ġeografiċi tiġi rrappreżentata fi spazju tridimensjonali bil-limitazzjoni li, għal kull pożizzjoni (X,Y), hemm Z waħda biss.

(3) “dejta 3D (3D data)” tfisser dejta fejn fejn il-ġeometrija tal-oġġetti ġeografiċi tiġi rrappreżentata fi spazju tridimensjonali.

(4) “komponent ta’ bini (building component)” tfisser kwalunkwe suddiviżjoni jew element ta’ bini.

2.2. **Struttura tat-Tema ta’ Dejta Ġeografika Bini**

It-tipi speċifikati għat-tema ta’ dejta ġeografika Bini huma strutturati fil-pakketti li ġejjin:

— Bażi ta’ Bini

— Bini 2D (Buildings 2D)

— Bini 3D (Buildings 3D)

2.3. **Bażi ta’ Bini**

2.3.1. *Tipi ta’ oġġetti ġeografiċi*

Il-pakkett Bażi ta’ Bini fih it-tipi ta’ oġġetti ġeografiċi li ġejjin:

— Kostruzzjoni Astratta (Abstract Construction)

— Bini Astratt (Abstract Building)

— Bini (Building)

— Parti ta’ Bini (Building Part)

2.3.1.1. Kostruzzjoni Astratta (AbstractConstruction)

Tip ta’ oġġett ġeografiku astratt li jirraggruppa l-proprjetajiet semantiċi tal-bini u ta’ partijiet ta’ bini.

Dan it-tip huwa astratt.

Attributi tat-tip ta’ oġġett ġeografiku AbstractConstruction

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
inspireId	Identifikatur ta’ oġġett estern tal-oġġett ġeografiku.	Identifier	
name	L-isem tal-kostruzzjoni.	GeographicalName	voidable
dateOfConstruction	Id-data tal-kostruzzjoni.	DateOfEvent	voidable
dateOfDemolition	Id-data tad-demolizzjoni.	DateOfEvent	voidable
dateOfRenovation	Id-data tal-aħħar rinnovazzjoni kbira.	DateOfEvent	voidable

▼**M2**

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
elevation	Proprjetà dimensjonali limitata vertikalment li tikkonsisti f'kejl assolut referenzjat għal superfiċje ddefinita sew li komunement titqies bħala l-oriġini (geoïd, livell tal-ilma, eċċ.)	Elevation	voidable
externalReference	Referenza għal sistema ta' informazzjoni esterna li fiha kwalunkwe biċċa informazzjoni relatata mal-oġġett ġeografiku.	ExternalReference	voidable
heightAboveGround	L-għoli 'l fuq mill-art.	HeightAboveGround	voidable
conditionOfConstruction	L-istatus tal-kostruzzjoni.	ConditionOfConstructionValue	voidable
beginLifespanVersion	Id-data u l-ħin li fihom din il-verżjoni tal-oġġett ġeografiku ddaħħlet jew tbiddlet fis-sett ta' dejta ġeografika.	DateTime	voidable
endLifespanVersion	Id-data u l-ħin li fihom din il-verżjoni tal-oġġett ġeografiku ġiet sostitwita jew irtirata fis-sett ta' dejta ġeografika.	DateTime	voidable

2.3.1.2. Bini Astratt (AbstractBuilding)

Tip ta' oġġett ġeografiku astratt li jirraggruppa l-proprjetajiet semantiċi komuni tat-tipi ta' oġġetti ġeografiċi Building u BuildingPart.

Dan it-tip huwa subtip ta' AbstractConstruction.

Dan it-tip huwa astratt.

Attributi tat-tip ta' oġġett ġeografiku AbstractBuilding

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
buildingNature	Karatteristika tal-bini li tagħmlu ġeneralment ta' interess għal applikazzjonijiet ta' mmapppjar. Il-karatteristika tista' tkun relatata mal-aspett fiżiku u/jew mal-funzjoni tal-bini.	BuildingNatureValue	voidable
currentUse	L-attività ospitata fi ħdan il-bini. Dan l-attribut jindirizza prinċipalment il-bini li jospita attivitajiet tal-bniedem.	CurrentUse	voidable
numberOfDwellings	In-numru ta' abitazzjonijiet.	Integer	voidable
numberOfBuildingUnits	In-numru ta' unitajiet ta' bini fil-bini. BuildingUnit hija suddiviżjoni ta' Building bl-aċċess li jista' jissakkar tagħha stess minn barra jew minn żona komuni (jiġifieri mhux minn BuildingUnit oħra), li hija atomika, funzjonalment indipendenti u tista' tinbiegħ, tinkera jew tintwiret separatament eċċ.	Integer	voidable
numberOfFloorsAboveGround	In-numru ta' sulari 'l fuq mill-art.	Integer	voidable

▼M2

2.3.1.3. Bini (Building)

Bini huwa kostruzzjoni magħluqa ’l fuq mill-art u/jew taħt l-art, li tintuża jew hija maħsuba biex tagħti kenn lil bnedmin, annimali jew oġġetti jew għall-produzzjoni ta’ oġġetti ekonomiċi. Bini jirreferi għal kwalunkwe struttura mibnija jew eretta b’mod permanenti fis-sit tagħha.

Dan it-tip huwa subtip ta’ AbstractBuilding.

Dan it-tip huwa astratt.

Rwoli ta’ assoċjazzjoni tat-tip ta’ oġġett ġeografiku Building

Rwol ta’ assoċjazzjoni	Definizzjoni	Tip	Voidability
parts	Il-partijiet ta’ bini li l-bini huwa kompost minnhom.	BuildingPart	voidable

2.3.1.4. Parti ta’ Bini (BuildingPart)

BuildingPart hija suddiviżjoni ta’ Building li tista’ tiġi kkunsidrata hija stess bħala bini.

Dan it-tip huwa subtip ta’ AbstractBuilding.

Dan it-tip huwa astratt.

2.3.2. *Tipi ta’ dejta*

2.3.2.1. Użu Kurrenti (CurrentUse)

Din it-tip ta’ dejta tagħti l-possibbiltà li jiġi(u) elenkat(i) b’mod dettaljat l-użu(i) kurrenti.

Attributi tat-tip ta’ dejta CurrentUse

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
currentUse	L-użu kurrenti.	CurrentUseValue	
percentage	Il-proporzjon, mogħti bħala perċentwal, iddedikat lil dan l-użu kurrenti.	Integer	

Limitazzjonijiet tat-tip ta’ dejta CurrentUse

It-total tal-perċentwali kollha għandu jkun inqas minn jew ta’ 100.

2.3.2.2. Data Ta’ Avveniment (DateOfEvent)

Din it-tip ta’ dejta tinkludi l-modi differenti kif tista’ tiġi ddefinita d-data ta’ avveniment.

Attributi tat-tip ta’ dejta DateOfEvent

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
anyPoint	Data u ħin ta’ kwalunkwe punt tal-avveniment, bejn il-bidu u t-tmiem tiegħu.	DateTime	voidable
beginning	Id-data u l-ħin meta beda l-avveniment.	DateTime	voidable
end	Id-data u l-ħin meta ntemm l-avveniment.	DateTime	voidable

▼M2

Limitazzjonijiet tat-tip ta' dejta DateOfEvent

Għandu jiġi pprovdut mill-inqas wieħed mill-attributi beginning, end jew anyPoint.

Jekk jiġi pprovdut, l-attribut beginning ma għandux ikun wara l-attribut anyPoint u l-attribut end, u l-attribut anyPoint ma għandux ikun wara l-attribut end.

2.3.2.3. Elevazzjoni (Elevation)

Din it-tip ta' dejta tinkludi l-valur tal-elevazzjoni nnifsu u informazzjoni dwar kif tkejjel.

Attributi tat-tip Elevation

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
elevationReference	Element fejn tkejlet l-elevazzjoni.	ElevationReferenceValue	
elevationValue	Valur tal-elevazzjoni.	DirectPosition	

2.3.2.4. Referenza Esterna (ExternalReference)

Referenza għal sistema ta' informazzjoni esterna li fiha kwalunkwe biċċa informazzjoni relatata mal-oġġett ġeografiku.

Attributi tat-tip ta' dejta ExternalReference

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
informationSystem	Identifikatur Uniformi tar-Riżorsa (Uniform Resource Identifier) tas-sistema ta' informazzjoni esterna.	URI	
informationSystemName	L-isem tas-sistema ta' informazzjoni esterna.	PT_FreeText	
reference	Identifikatur tematiku tal-oġġett ġeografiku jew ta' kwalunkwe biċċa informazzjoni relatata mal-oġġett ġeografiku.	CharacterString	

2.3.2.5. Għoli 'L Fuq mill-Art (HeightAboveGround)

Distanza vertikali bejn referenza baxxa u oħra għolja.

Attributi tat-tip ta' dejta HeightAboveGround

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
heightReference	Element użat bħala r-referenza għolja.	ElevationReferenceValue	voidable
lowReference	Element użat bħala r-referenza baxxa.	ElevationReferenceValue	voidable
status	Il-mod li bih inkiseb l-għoli.	HeightStatusValue	voidable
value	Valur tal-għoli 'l fuq mill-art.	Length	

▼M2

Limitazzjonijiet tat-tip ta' dejta HeightAboveGround

Il-valur ta' HeightAboveGround għandu jkun f'metri.

2.3.2.6. Ġeometrija 2D ta' Bini (BuildingGeometry2D)

Din it-tip ta' dejta tinkludi l-ġeometrija tal-bini u informazzjoni f'termini ta' metadejta dwar liema element tal-bini nkiseb u kif.

Attributi tat-tip ta' dejta BuildingGeometry2D

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
geometry	Rappreżentazzjoni ġeometrika 2D jew 2,5D tal-parti ta' bini.	GM_Object	
horizontalGeometryEstimatedAccuracy	Il-preċiżjoni pożizzjonali assoluta stmata tal-koordinati (X,Y) tal-ġeometrija tal-bini fis-Sistema ta' Referenza ta' Koordinati uffiċjali tal-INSPIRE. Il-preċiżjoni pożizzjonali assoluta hija ddefinita bħala l-valur medju tal-inċertezzi pożizzjonali għal sett ta' pożizzjonijiet fejn l-inċertezzi pożizzjonali jiġu ddefiniti bħala d-distanza bejn pożizzjoni mkejla u dik li tiġi kkunsidrata bħala l-pożizzjoni vera korrispondenti.	Length	voidable
horizontalGeometryReference	Element tal-bini li nkiseb mill-koordinati (X,Y).	HorizontalGeometryReferenceValue	
referenceGeometry	Il-ġeometrija li għandha titqies mis-servizzi ta' viżjoni, għal rappreżentazzjoni.	Boolean	
verticalGeometryEstimatedAccuracy	Il-preċiżjoni pożizzjonali assoluta stmata tal-koordinata Z tal-ġeometrija tal-bini fis-Sistema ta' Referenza ta' Koordinati uffiċjali tal-INSPIRE. Il-preċiżjoni pożizzjonali assoluta hija ddefinita bħala l-valur medju tal-inċertezzi pożizzjonali għal sett ta' pożizzjonijiet fejn l-inċertezzi pożizzjonali jiġu ddefiniti bħala d-distanza bejn pożizzjoni mkejla u dik li tiġi kkunsidrata bħala l-pożizzjoni vera korrispondenti.	Length	voidable
verticalGeometryReference	Element tal-bini li nkiseb b'koordinati vertikali.	ElevationReferenceValue	

Limitazzjonijiet tat-tip ta' dejta BuildingGeometry2D

Il-ġeometrija għandha tkun tat-tip GM_Point jew GM_Surface jew GM_MultiSurface.

Il-valur ta' horizontalGeometryEstimatedAccuracy għandu jingħata f'metri.

Għal eżattament oġġett wieħed ta' BuildingGeometry, il-valur tal-attribut referenceGeometry għandu jkun 'veru' ('true').

Il-valur ta' verticalGeometryEstimatedAccuracy għandu jingħata f'metri.

2.3.3. *Listi ta' kodiċijiet*

2.3.3.1. Natura ta' Bini (BuildingNatureValue)

Valuri li jindikaw in-natura ta' bini.

▼M2

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu l-valuri speċifikati fit-tabella ta' hawn taħt u valuri addizzjonali fuq kwalunkwe livell iddefiniti mill-forniturituri tad-dejta.

Valuri għal-lista ta' kodiċijiet BuildingNatureValue

Valur	Isem	Definizzjoni
arch	arkata	Struttura magħmula mill-bniedem fil-forma ta' arkata.
bunker	banker	Faċilità, parzjalment taħt l-art, maħsuba għal jew użata mill-militar jew bħala post għal ċentri ta' kmand/kontroll jew għall-ikkampjar tat-truppi.
canopy	kanopew	Saqaf fuq l-irjus li jipprovdi kenn lill-affarijiet li jkun hemm taħtu. Il-kanopewijiet jistgħu jkunu oqfsa awtonomi li fuqhom tkun mehmuża għata jew jistgħu jkunu kkollegati jew sospiżi mal-parti esterna ta' bini.
caveBuilding	bini għar	Spazju li jospita attività tal-bniedem jew ekonomika li ġeneralment ikun imdawwar bil-blat biż-żieda ta' ħitan esterni magħmula mill-bniedem u li jista' jkun fih strutturi paragunabbli għall-istrutturi interni ta' bini awtonomu.
chapel	kappella	Post ta' qima Kristjan, ġeneralment iżgħar minn knisja.
castle	kastell	Bini kbir elaborat jew iffortifikat ġeneralment mibni bħala residenza privata jew għal finijiet ta' sigurtà.
church	knisja	Bini jew struttura li l-iskop primarju tiegħu huwa li jiffaċilita l-prattika reliġjuża tal-komunità Kristjana.
dam	diga	Barriera permanenti tul kanal tal-ilma li tintuża sabiex taħżen l-ilma jew tikkontrolla l-fluss tiegħu.
greenhouse	serra	Bini li spiss jinbena primarjament b'materjal trasparenti (pereżempju: ħġieġ), fejn it-temperatura u l-umdità jistgħu jiġu kkontrollati għall-kultivazzjoni u/jew għall-protezzjoni tal-pjanti.
lighthouse	fanal tal-port	Torri maħsub sabiex jemetti dawl minn sistema ta' fanali u ta' lentijiet.
mosque	moskea	Bini jew struttura li l-iskop primarju tiegħu huwa li jiffaċilita l-prattika reliġjuża tal-komunità Musulmana.
shed	barrakka tal-injam	Bini b'kostruzzjoni ħafifa, li ġeneralment ikollu naħa waħda jew iktar miftuħa, li tipikament jintuża għal ħżin.
silo	sajlo	Struttura kbira għall-ħżin, ġeneralment ċilindrika, li tintuża biex jinħażnu materjali maħlula.
stadium	grawnd	Post jew sit għal sports, kunċerti jew avvenimenti oħrajn u li jikkonsisti f'għalqa jew f'palk li tkun parzjalment jew kompletament imdawra bi struttura maħsuba sabiex l-ispettaturi jkunu jistgħu joqogħdu bilwieqfa jew bilqiegħda u jaraw l-avveniment.
storageTank	tank għall-ħżin	Kontenitur ġeneralment sabiex iżomm likwidi u gassijiet ikkompressati.

▼M2

Valur	Isem	Definizzjoni
synagogue	sinagoga	Bini jew struttura li l-iskop primarju tiegħu huwa li jiffaċilita l-prattika reliġjuża ta' komunità Lhudija jew Samaritana.
temple	tempju	Bini jew struttura li l-iskop primarju tiegħu huwa li jiffaċilita prattiki reliġjuż.
tower	torri	Struttura relattivament għolja u dejqa li tista' jew tkun awtonoma jew tifforma parti minn struttura oħra.
windmill	mitħna tar-riħ	Bini li jikkonverti l-enerġija tar-riħ f'moviment rotatorju permezz ta' qlugħ jew ta' partijiet ċatti ta' pali aġġustabbli.
windTurbine	turbina tar-riħ	Torri u tagħmir assoċjat li jiġġeneraw enerġija elettrika mir-riħ.

2.3.3.2. Kundizzjoni Ta' Kostruzzjoni (ConditionOfConstructionValue)

Valuri li jindikaw il-kundizzjoni ta' kostruzzjoni.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu l-valuri speċifikati fit-tabella ta' hawn taħt biss.

Valuri għal-lista ta' kodiċijiet ConditionOfConstructionValue

Valur	Isem	Definizzjoni
declined	marret lura	Il-kostruzzjoni ma tistax tintuża f'kundizzjonijiet normali, għalkemm l-elementi prinċipali tagħha (il-ħitan u s-saqaf) għadhom preżenti.
demolished	demolita	Il-kostruzzjoni ġiet iddemolita. Ma hemm l-ebda fdal viżibbli.
functional	funzjonali	Il-kostruzzjoni hija funzjonali
projected	proġettata	Il-kostruzzjoni qed tiġi ddisinjata. Il-kostruzzjoni għadha ma bdietx.
ruin	rovina	Il-kostruzzjoni ġiet parzjalment iddemolita u xi elementi prinċipali (is-saqaf u l-ħitan) inqerdu. Hemm xi fdalijiet viżibbli tal-kostruzzjoni.
underConstruction	taħt kostruzzjoni	Il-kostruzzjoni qed tinbena u għadha mhijiex funzjonali. Dan japplika biss għall-kostruzzjoni inzjali tal-kostruzzjoni u mhux għax-xogħol ta' manutenzjoni.

2.3.3.3. Użu Kurrenti (CurrentUseValue)

Valuri li jindikaw l-użu kurrenti.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu l-valuri speċifikati fit-tabella ta' hawn taħt u valuri idjaq iddefiniti mill-forniturituad-dejta.

Din il-lista ta' kodiċijiet hija ġerarkika.

Valuri għal-lista ta' kodiċijiet CurrentUseValue

Valur	Isem	Definizzjoni	Parent Value (Valur Prinċipali)
residential	residential	Il-bini (jew il-komponent ta' bini) jintuża għal finijiet residenzjali.	

▼**M2**

Valur	Isem	Definizzjoni	Parent Value (Valur Prinċipali)
individualResidence	residenza individwali	Il-bini (jew il-komponent ta' bini) jospita abitazzjoni waħda biss.	residential
collectiveResidence	residenza kollettiva	Il-bini (jew il-komponent ta' bini) jospita iktar minn abitazzjoni waħda.	residential
twoDwellings	żewġ abitazzjonijiet	Il-bini (jew il-komponent ta' bini) jospita żewġ abitazzjonijiet.	collectiveResidence
moreThanTwoDwelling	iktar minn żewġ abitazzjonijiet	Il-bini (jew il-komponent ta' bini) jospita mill-inqas tliet (3) abitazzjonijiet.	collectiveResidence
residenceForCommunities	residenza għal komunitajiet	Il-bini (jew il-komponent ta' bini) jospita residenza għal komunitajiet.	residential
agriculture	agrikoltura	Il-bini (jew il-komponent ta' bini) jintuża għal attivitajiet agrikoli.	
industrial	industrijali	Il-bini (jew il-komponent ta' bini) jintuża għal attivitajiet tas-settur sekondarju (industrijali)	
commerceAndServices	kummerċ u servizzi	Il-bini (jew il-komponent ta' bini) jintuża għal kwalunkwe attività ta' servizz. Dan il-valur jindirizza l-bini u l-komponenti ta' bini ddedikati għal attivitajiet tas-settur terzjarju (kummerċjali u servizzi).	
office	uffiċċju	Il-bini (jew il-komponent ta' bini) jospita uffiċċji.	commerceAndServices
trade	kummerċ	Il-bini (jew il-komponent ta' bini) jospita attivitajiet kummerċjali.	commerceAndServices
publicServices	servizzi pubbliċi	Il-bini (jew il-komponent ta' bini) jospita servizzi pubbliċi. Is-servizzi pubbliċi huma servizzi terzjarji pprovduti għall-benefiċċju taċ-ċittadini.	commerceAndServices
ancillary	anċillari	Bini (jew komponent ta' bini) ta' daqs ċkejken li jintuża biss b'konnessjoni ma' bini (jew ma' komponent ta' bini) ikbar fid-daqs ieħor u ġeneralment ma jiritx l-istess funzjoni u l-istess karatteristiċi bħall-bini (jew bħall-komponent ta' bini) li jkun konness miegħu.	

▼M2

2.3.3.4. Referenza ta’ Elevazzjoni (ElevationReferenceValue)

Lista ta’ elementi possibbli kkunsidrati sabiex tinkiseb ġeometrija vertikali.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta’ kodiċijiet jinkludu l-valuri speċifikati fit-tabella ta’ hawn taħt biss.

Valuri għal-lista ta’ kodiċijiet ElevationReferenceValue

Valur	Isem	Definizzjoni
aboveGroundEnvelope	involkru ’l fuq mill-art	L-elevazzjoni nkisbet fuq il-livell tal-firxa massima tal-involkru tal-kostruzzjoni ’l fuq mill-art.
bottomOfConstruction	qiegħ ta’ kostruzzjoni	L-elevazzjoni nkisbet fil-qiegħ tal-parti utilizzabbli tal-kostruzzjoni.
entrancePoint	punt ta’ daħla	L-elevazzjoni nkisbet fid-daħla tal-kostruzzjoni, ġeneralment isfel nett tal-bieb ta’ dħul.
generalEave	qattara tal-bejt ġenerali	L-elevazzjoni nkisbet fuq il-livell tal-qattara tal-bejt, fi kwalunkwe post bejn l-iktar livelli baxxi u l-ogħla livelli tal-qattara tal-bejt tal-kostruzzjoni.
generalGround	art ġenerali	L-elevazzjoni nkisbet fuq il-livell tal-art, fi kwalunkwe post bejn l-iktar punti baxxi u l-ogħla punti tal-art tal-kostruzzjoni.
generalRoof	saqaf ġenerali	L-elevazzjoni nkisbet fuq il-livell tas-saqaf, fi kwalunkwe post bejn l-iktar livell baxx tat-tarf tas-saqaf u l-parti ta’ fuq nett tal-kostruzzjoni.
generalRoofEdge	saqaf ġenerali tarf	L-elevazzjoni nkisbet fuq il-livell tat-tarf tas-saqaf, fi kwalunkwe post bejn l-iktar truf tas-saqaf baxxi u l-ogħla truf tas-saqaf tal-kostruzzjoni.
highestEave	l-ogħla qattara tal-bejt	L-elevazzjoni nkisbet fuq l-ogħla livell tal-qattara tal-bejt tal-kostruzzjoni.
highestGroundPoint	l-ogħla punt tal-art	L-elevazzjoni nkisbet fl-ogħla punt tal-art tal-kostruzzjoni.
highestPoint	l-ogħla punt	L-elevazzjoni nkisbet fl-ogħla punt tal-kostruzzjoni, inkuži l-installazzjonijiet, bħaċ-ċmieni u l-antenni.
highestRoofEdge	l-ogħla tarf tas-saqaf	L-elevazzjoni nkisbet fuq l-ogħla livell tat-tarf tas-saqaf tal-kostruzzjoni.
lowestEave	l-iktar qattara tal-bejt baxxa	L-elevazzjoni nkisbet fuq l-iktar livell baxx tal-qattara tal-bejt tal-kostruzzjoni.

▼M2

Valur	Isem	Definizzjoni
lowestFloorAboveGround	l-iktar sular baxx 'il fuq mill-art	L-elevazzjoni nkisbet fuq il-livell tal-iktar sular baxx ’il fuq mill-art
lowestGroundPoint	l-iktar punt baxx tal-art	L-elevazzjoni nkisbet fuq il-livell tal-iktar punt baxx tal-art tal-kostruzzjoni.
lowestRoofEdge	l-iktar tarf baxx tas-saqaf	L-elevazzjoni nkisbet fuq il-livell tal-iktar tarf baxx tas-saqaf tal-kostruzzjoni.
topOfConstruction	quċċata tal-kostruzzjoni	L-elevazzjoni nkisbet fuq il-livell tal-quċċata tal-kostruzzjoni.

2.3.3.5. Status tal-Għoli (HeightStatusValue)

Valuri li jindikaw il-metodu li ntuża sabiex jinkiseb għoli.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta’ kodiċijiet jinkludu l-valuri speċifikati fit-tabella ta’ hawn taħt biss.

Valuri għal-lista ta’ kodiċijiet HeightStatusValue

Valur	Isem	Definizzjoni
estimated	stmati	L-għoli ġie stmat u mhux imkejjel.
measured	Imkejjel	L-għoli tkejjel (direttament jew indirettament).

2.3.3.6. Referenza ta’ Ġeometrija Orizzontali (HorizontalGeometryReferenceValue)

Valuri li jindikaw l-element ikkunsidrat sabiex tinkiseb ġeometrija orizzontali.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta’ kodiċijiet jinkludu l-valuri speċifikati fit-tabella ta’ hawn taħt biss.

Valuri għal-lista ta’ kodiċijiet HorizontalGeometryReferenceValue

Valur	Isem	Definizzjoni
aboveGroundEnvelope	involkru ’l fuq mill-art	Il-ġeometrija orizzontali tal-bini nkisbet billi ntuża l-invokru ’l fuq mill-art tal-bini, jiġifieri l-firxa massima tal-bini ’l fuq mill-art.
combined	ikkombinat	Il-ġeometrija orizzontali tal-bini nkisbet mill-kombinazzjoni tal-ġeometriji tal-partijiet ta’ bini tagħha mal-ġeometriji tal-partijiet ta’ bini li jużaw referenzi ta’ ġeometrija orizzontali differenti.
entrancePoint	punt ta’ daħla	Il-ġeometrija tal-bini hija rrappreżentata minn punt li jinsab fid-daħla tal-bini.
envelope	involkru	Il-ġeometrija orizzontali tal-bini nkisbet billi ntuża l-involkru kollu tal-bini, jiġifieri l-firxa massima tal-bini ’l fuq u taħt l-art.
footPrint	impronta	Il-ġeometrija orizzontali tal-bini nkisbet billi ntużat l-impronta tal-bini, jiġifieri l-firxa tiegħu fuq il-livell tal-art.

▼M2

Valur	Isem	Definizzjoni
lowestFloorAboveGround	l-iktar sular baxx 'il fuq mill-art	Il-ġeometrija orizzontali tal-bini nkisbet billi ntuża l-iktar sular baxx 'il fuq mill-art.
pointInsideBuilding	punt ġewwa l-bini	Il-ġeometrija orizzontali tal-bini hija rrappreżentata minn punt li jinsab fi ħdan il-bini.
pointInsideCadastralParcel	punt ġewwa l-meded katastali	Il-ġeometrija orizzontali tal-bini hija rrappreżentata minn punt li jinsab fi ħdan il-medda li għaliha jappartjeni l-bini.
roofEdge	tarf tas-saqaf	Il-ġeometrija orizzontali tal-bini nkisbet billi ntużaw it-truf tas-saqaf tal-bini.

2.4. **Bini 2D (Buildings 2D)**

2.4.1. *Tipi ta' oġġetti ġeografiċi*

Il-pakkett Bini 2D fih it-tipi ta' oġġetti ġeografiċi li ġejjin:

— Bini (Building)

— Parti ta' Bini (Building Part)

2.4.1.1. Bini (Building)

Bini huwa kostruzzjoni magħluqa 'l fuq mill-art u/jew taħt l-art, li tintuża jew hija maħsuba biex tagħti kenn lil bnedmin, annimali jew oġġetti jew għall-produzzjoni ta' oġġetti ekonomiċi. Bini jirreferi għal kwalunkwe struttura mibnija jew eretta b'mod permanenti fis-sit tagħha.

Dan it-tip huwa subtip ta' Building tal-pakkett Bażi ta' Bini.

Attributi tat-tip ta' oġġett Building

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
geometry2D	Rappreżentazzjoni ġeometrika 2D jew 2,5D tal-bini.	BuildingGeometry2D	

Limitazzjonijiet tat-tip ta' oġġett ġeografiku Building

Eżattament attribut geometry2D wieħed għandu jkun ġeometrija ta' referenza, jiġifieri geometry2D b'attribut referenceGeometry iffissat għal 'veru'.

Il-partijiet ta' bini għandhom jiġu rrappreżentati billi jintuża t-tip BuildingPart tal-pakkett Buildings2D.

2.4.1.2. Parti ta' Bini (BuildingPart)

BuildingPart hija suddiviżjoni ta' Building li tista' tiġi kkunsidrata hija stess bħala bini.

Dan it-tip huwa subtip ta' Building tal-pakkett Bażi ta' Bini.

Attributi tat-tip ta' oġġett ġeografiku BuildingPart

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
geometry2D	Rappreżentazzjoni ġeometrika 2D jew 2,5D tal-bini.	BuildingGeometry2D	

▼M2

Limitazzjonijiet tat-tip ta' oġġett ġeografiku BuildingPart

Eżattament attribut geometry2D wieħed għandu jkun ġeometrija ta' referenza, jiġifieri l-attribut referenceGeometry irid ikun 'veru'.

2.5. **Bini 3D (Buildings 3D)**

2.5.1. *Tipi ta' oġġetti ġeografiċi*

Il-pakkett Buildings 3D fih it-tipi ta' oġġetti ġeografiċi li ġejjin:

— Bini (Building)

— Parti ta' Bini (Building Part)

2.5.1.1. Bini (Building)

Bini huwa kostruzzjoni magħluqa 'l fuq mill-art u/jew taħt l-art, li tintuża jew hija maħsuba biex tagħti kenn lil bnedmin, annimali jew oġġetti jew għall-produzzjoni ta' oġġetti ekonomiċi. Bini jirreferi għal kwalunkwe struttura mibnija jew eretta b'mod permanenti fis-sit tagħha.

Dan it-tip huwa subtip ta' Building fil-pakkett Bażi ta' Bini.

Attributi tat-tip ta' oġġett Building

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
geometry2D	Rappreżentazzjoni ġeometrika 2D jew 2,5D tal-parti ta' bini.	BuildingGeometry2D	voidable
geometry3DLoD1	Rappreżentazzjoni ġeometrika 3D fuq livell ta' dettall (LoD) ta' 1, li tikkonsisti fir-rappreżentazzjoni ġeneralizzata tal-limitu estern minn superfiċji laterali vertikali u minn poligoni tal-bażi orizzontali.	BuildingGeometry3DLoD1	—
geometry3DLoD2	Rappreżentazzjoni ġeometrika 3D fuq livell ta' dettall (LoD) ta' 2, li tikkonsisti fir-rappreżentazzjoni ġeneralizzata tal-limitu estern minn superfiċji laterali vertikali u minn forma jew kopertura tas-saqaf prototipika (minn lista ddefinita ta' forom ta' saqaf)	BuildingGeometry3DLoD2	—
geometry3DLoD3	Rappreżentazzjoni ġeometrika 3D fuq livell ta' dettall (LoD) ta' 3, li tikkonsisti fir-rappreżentazzjoni dettaljata tal-limitu estern (inklużi l-isporġenzi, l-elementi tal-faċċata u d-daħliet tat-twieqi) kif ukoll tal-forma tas-saqaf (inklużi t-twieqi u ċ-ċmieni).	BuildingGeometry3DLoD	—
geometry3DLoD4	Rappreżentazzjoni ġeometrika 3D fuq livell ta' dettall (LoD) ta' 4, li tikkonsisti fir-rappreżentazzjoni dettaljata tal-limitu estern (inklużi l-isporġenzi, l-elementi tal-faċċata u d-daħliet tat-twieqi) kif ukoll tal-forma tas-saqaf (inklużi t-twieqi u ċ-ċmieni).	BuildingGeometry3DLoD	—

▼M2

Limitazzjonijiet tat-tip ta' oġġett ġeografiku Building

Jekk Building ma jkollu l-ebda BuildingParts, għandhom jiġu pprovduti mill-inqas l-attributi geometry3DLoD1 jew geometry3DLoD2 jew geometry3DLoD3 jew geometry3DLoD4.

Il-partijiet ta' bini għandhom jiġu rrappreżentati billi jintuża t-tip BuildingPart tal-pakkett Buildings3D.

2.5.1.2. Parti ta' Bini (BuildingPart)

BuildingPart hija suddiviżjoni ta' Building li tista' tiġi kkunsidrata hija stess bħala bini.

Dan it-tip huwa subtip ta' BuildingPart fil-pakkett Bażi ta' Bini.

Attributi tat-tip ta' oġġett ġeografiku BuildingPart

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
geometry2D	Rappreżentazzjoni ġeometrika 2D jew 2,5D.	BuildingGeometry2D	voidable
geometry3DLoD1	Rappreżentazzjoni ġeometrika 3D fuq livell ta' dettall (LoD) ta' 1, li tikkonsisti fir-rappreżentazzjoni ġeneralizzata tal-limitu estern minn superfiċji laterali vertikali u minn poligoni tal-bażi orizzontali.	BuildingGeometry3DLoD1	—
geometry3DLoD2	Rappreżentazzjoni ġeometrika 3D fuq livell ta' dettall (LoD) ta' 2, li tikkonsisti fir-rappreżentazzjoni ġeneralizzata tal-limitu estern minn superfiċji laterali vertikali u minn forma jew kopertura tas-saqaf prototipika (minn lista ddefinita ta' forom ta' saqaf).	BuildingGeometry3DLoD2	—
geometry3DLoD3	Rappreżentazzjoni ġeometrika 3D fuq livell ta' dettall (LoD) ta' 3, li tikkonsisti fir-rappreżentazzjoni dettaljata tal-limitu estern (inklużi l-isporġenzi, l-elementi tal-faċċata u d-daħliet tat-twieqi) kif ukoll tal-forma tas-saqaf (inklużi t-twieqi u ċ-ċmieni).	BuildingGeometry3DLoD	—
geometry3DLoD4	Rappreżentazzjoni ġeometrika 3D fuq livell ta' dettall (LoD) ta' 4, li tikkonsisti fir-rappreżentazzjoni dettaljata tal-limitu estern (inklużi l-isporġenzi, l-elementi tal-faċċata u d-daħliet tat-twieqi) kif ukoll tal-forma tas-saqaf (inklużi t-twieqi u ċ-ċmieni).	BuildingGeometry3DLoD	—

Limitazzjonijiet tat-tip ta' oġġett ġeografiku BuildingPart

Għandu jiġi pprovdut mill-inqas wieħed mill-attributi geometry3DLoD1 jew geometry3DLoD2 jew geometry3DLoD3 jew geometry3DLoD4.

▼M2

2.5.2. *Tipi ta' dejta*

2.5.2.1. LoD Geometry3D ta' Bini (BuildingGeometry3DLoD)

Tip ta' dejta li tirraggruppa l-ġeometrija 3D ta' bini jew ta' parti ta' bini u l-informazzjoni f'termini ta' metadejta marbuta ma' din il-ġeometrija.

Attributi tat-tip ta' dejta BuildingGeometry3DLoD

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
geometryMultiSurface	Rappreżentazzjoni tal-limitu estern minn Multisuperfiċje, li tista' – b'kuntrast għal rappreżentazzjoni solida – ma tkunx topoloġikament nadifa. B'mod partikolari, is-superfiċje tal-art tista' tkun nieqsa.	GM_MultiSurface	
geometrySolid	Rappreżentazzjoni tal-limitu estern minn oġġett solidu.	GM_Solid	
terrainIntersection	Linja jew multilinja fejn l-oġġett ġeografiku (Building, BuildingPart,.) imiss ir-rappreżentazzjoni tat-terren.	GM_MultiCurve	voidable
horizontalGeometryEstimatedAccuracy	Il-preċiżjoni pożizzjonali assoluta stmata tal-koordinati (X,Y) tal-ġeometrija, fis-Sistema ta' Referenza ta' Koordinati uffiċjali tal-INSPIRE. Il-preċiżjoni pożizzjonali assoluta hija ddefinita bħala l-valur medju tal-inċertezzi pożizzjonali għal sett ta' pożizzjonijiet fejn l-inċertezzi pożizzjonali jiġu ddefiniti bħala d-distanza bejn pożizzjoni mkejla u dik li tiġi kkunsidrata bħala l-pożizzjoni vera korrispondenti.	Length	voidable
verticalGeometryEstimatedAccuracy	Il-preċiżjoni pożizzjonali assoluta stmata tal-koordinata Z tal-ġeometrija, fis-Sistema ta' Referenza ta' Koordinati uffiċjali tal-INSPIRE. Il-preċiżjoni pożizzjonali assoluta hija ddefinita bħala l-valur medju tal-inċertezzi pożizzjonali għal sett ta' pożizzjonijiet fejn l-inċertezzi pożizzjonali jiġu ddefiniti bħala d-distanza bejn pożizzjoni mkejla u dik li tiġi kkunsidrata bħala l-pożizzjoni vera korrispondenti.	Length	voidable
verticalGeometryReference3DBottom	Il-livell tal-għoli li għalih jirreferi l-għoli inferjuri tal-mudell (valur Z tal-poligonu orizzontali inferjuri).	ElevationReferenceValue	

Limitazzjonijiet tat-tip ta' dejta BuildingGeometry3DLoD

Għandu jiġi pprovdut jew l-attribut geometryMultiSurface jew l-attribut geometrySolid.

2.5.2.2. LoD1 Geometry3D ta' Bini (BuildingGeometry3DLoD1)

Tip ta' dejta li tirraggruppa l-metadejta speċifika marbuta mal-ġeometrija 3D meta tiġi pprovduta minn rappreżentazzjoni LoD1.

Dan it-tip huwa subtip ta' BuildingGeometry3DLoD.

▼M2

Attributi tat-tip ta' dejta BuildingGeometry3DLoD1

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
horizontalGeometryReference	Element miksub mill-koordinati (X,Y) tal-ġeometrija LoD1 ta' Multi-superfiċje jew ta' Oġġett Solidu.	HorizontalGeometryReferenceValue	
verticalGeometryReference3DTop	Il-livell tal-għoli li għalih jirreferi l-għoli superjuri tal-mudell (valur Z tal-poligonu orizzontali superjuri).	ElevationReferenceValue	

Limitazzjonijiet tat-tip ta' dejta BuildingGeometry3DLoD1

L-attribut horizontalGeometryReference ma għandux jieħu l-valur entrancePoint, pointInsideBuilding jew pointInsideCadastralParcel.

2.5.2.3. LoD2 Geometry3D ta' Bini (BuildingGeometry3DLoD2)

Tip ta' dejta li tirraggruppa l-metadejta speċifika marbuta mal-ġeometrija 3D, meta tiġi pprovduta minn rappreżentazzjoni LoD2.

Dan it-tip huwa subtip ta' BuildingGeometry3DLoD.

Attributi tat-tip ta' dejta BuildingGeometry3DLoD2

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
horizontalGeometryReference	Element miksub mill-koordinati (X,Y) tal-ġeometrija LoD2 ta' Multi-Superfiċje jew ta' Oġġett Solidu.	HorizontalGeometryReferenceValue	

Limitazzjonijiet tat-tip ta' dejta BuildingGeometry3DLoD2

L-attribut horizontalGeometryReference ma għandux jieħu l-valur entrancePoint, pointInsideBuilding jew pointInsideCadastralParcel.

2.6. **Rekwiżiti speċifiċi għat-tema**

(1) Bħala deroga mill-Artikolu 12(1), il-valur domain tal-proprjetajiet ġeografiċi użati fil-pakkett *Bini 3D* ma għandux jiġi ristrett.

2.7. **Saffi**

Saffi għat-tema ta' dejta ġeografika Bini

Isem is-Saff	Titlu tas-Saff	Tip ta' oġġett ġeografiku
BU.Building	Bini	Building (tal-pakkett Bini 2D)
BU.BuildingPart	Partijiet ta' Bini	BuildingPart (tal-pakkett Bini 2D)

Għall-pakkett Bini 3D ma ġie ddefinit l-ebda saff.

3. ĦAMRIJA (SOIL)

3.1. **Tipi ta' oġġetti ġeografiċi**

It-tipi ta' oġġetti ġeografiċi li ġejjin ġew speċifikati għat-tema ta' dejta ġeografika Ħamrija:

— Profil Derivat ta' Ħamrija (Derived Soil Profile)

▼M2

— Profil Osservat ta' Ħamrija (Observed Soil Profile)

— Element ta' Profil (Profile Element)

— Korp ta' Ħamrija (Soil Body)

— Oġġett Derivat mill-Ħamrija (Soil Derived Object)

— Orizzont ta' Ħamrija (Soil Horizon)

— Saff ta' Ħamrija (Soil Layer)

— Roqgħa Ħamrija (Soil Plot)

— Profil tal-Ħamrija (Soil Profile)

— Sit tal-Ħamrija (Soil Site)

— Kopertura tat-Tema tal-Ħamrija (Soil Theme Coverage)

— Kopertura Deskrittiva tat-Tema tal-Ħamrija (Soil Theme Descriptive Coverage)

3.1.1. *Profil tal-Ħamrija Derivat (DerivedSoilProfile)*

Profil ta' ħamrija mhux lokalizzat f'punt li jservi bħala profil ta' referenza għal tip speċifiku ta' ħamrija f'żona ġeografika partikolari.

Dan it-tip huwa subtip ta' SoilProfile.

Rwoli ta' assoċjazzjoni tat-tip ta' oġġett ġeografiku DerivedSoilProfile

Rwol ta' assoċjazzjoni	Definizzjoni	Tip	Voidability
isDerivedFrom	Link ma' profil osservat ta' ħamrija wieħed jew iktar minn fejn kien derivat dan il-profil.	ObservedSoilProfile	voidable

3.1.2. *Profil Osservat ta' Ħamrija (ObservedSoilProfile)*

Rappreżentazzjoni ta' profil ta' ħamrija li jinsab f'post speċifiku li ġie deskritt abbażi ta' osservazzjonijiet f'ħofra għal sondar (trial pit) jew permezz ta' spiera.

Dan it-tip huwa subtip ta' SoilProfile.

Rwoli ta' assoċjazzjoni tat-tip ta' oġġett ġeografiku ObservedSoilProfile

Rwol ta' assoċjazzjoni	Definizzjoni	Tip	Voidability
location	Il-post ta' profil osservat hija roqgħa ħamrija.	SoilPlot	

3.1.3. *Element ta' Profil (ProfileElement)*

Tip ta' oġġett ġeografiku astratt li jirraggruppa saffi u/jew orizzonti ta' ħamrija għal għanijiet funzjonali/operattivi.

Dan it-tip huwa astratt.

Attributi tat-tip ta' oġġett ġeografiku ProfileElement

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
inspireId	Identifikatur ta' oġġett estern tal-oġġett ġeografiku.	Identifier	

▼M2

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
particleSizeFraction	Parti minerali tal-ħamrija, frazzjonata abbażi tad-daqs (dijametru) jew tal-limiti tal-partiċelli. Hija tindika kemm il-materjal minerali tal-ħamrija ikun kompost minn partiċelli tal-ħamrija tal-medda ta' daqsijiet speċifikata.	ParticleSizeFractionType	voidable
profileElementDepthRange	Fond massimu u inferjuri tal-element ta' profil (saff jew orizzont) imkejjel mis-superfiċje (0 cm) ta' profil ta' ħamrija (f'cm).	RangeType	
beginLifespanVersion	Id-data u l-ħin li fihom din il-verżjoni tal-oġġett ġeografiku ddaħħlet jew tbiddlet fis-sett ta' dejta ġeografika.	DateTime	voidable
endLifespanVersion	Id-data u l-ħin li fihom din il-verżjoni tal-oġġett ġeografiku ġiet sostitwita jew irtirata fis-sett ta' dejta ġeografika.	DateTime	voidable

Rwoli ta' assoċjazzjoni tat-tip ta' oġġett ġeografiku ProfileElement

Rwol ta' assoċjazzjoni	Definizzjoni	Tip	Voidability
isPartOf	Link mal-profil ta' ħamrija kkostitwit mill-element ta' profil.	SoilProfile	
profileElementObservation	Osservazzjoni ta' proprjetà tal-ħamrija għal karatterizzazzjoni tal-element ta' profil (saff jew orizzont).	OM_Observation	voidable

Limitazzjonijiet tat-tip ta' oġġett ġeografiku ProfileElement

Sabiex timtela l-proprjetà featureOfInterest tal-osservazzjonijiet tal-element ta' profil ta' oġġett ProfileElement, għandu jintuża dak l-istess oġġett ProfileElement.

L-observedProperty tal-osservazzjoni tal-element ta' profil għandha tiġi speċifikata billi jintuża valur mil-lista ta' kodiċijiet ProfileElementParameterNameValue.

Ir-result tal-osservazzjoni tal-element ta' profil għandu jkun ta' wieħed mit-tipi li ġejjin: Number; RangeType; CharacterString.

3.1.4. *Korp ta' Ħamrija (SoilBody)*

Parti mill-kopertura tal-ħamrija li hija ddelineata u omoġenja fir-rigward ta' ċerti proprjetajiet u/jew ta' ċerti xejriet ġeografiċi tal-ħamrija.

Attributi tat-tip ta' oġġett ġeografiku SoilBody

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
inspireId	Identifikatur ta' oġġett estern tal-oġġett ġeografiku.	Identifier	
geometry	Il-ġeometrija li tiddefinixxi l-limitu tal-Korp ta' Ħamrija.	GM_MultiSurface	

▼M2

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
soilBodyLabel	Tikketta sabiex jiġi identifikat il-korp ta' ħamrija skont il-qafas ta' referenza speċifikat (metadejta).	CharacterString	voidable
beginLifespanVersion	Id-data u l-ħin li fihom din il-verżjoni tal-oġġett ġeografiku ddaħħlet jew tbiddlet fis-sett ta' dejta ġeografika.	DateTime	voidable
endLifespanVersion	Id-data u l-ħin li fihom din il-verżjoni tal-oġġett ġeografiku ġiet sostitwita jew irtirata fis-sett ta' dejta ġeografika.	DateTime	voidable

Rwoli ta' assoċjazzjoni tat-tip ta' oġġett ġeografiku SoilBody

Rwol ta' assoċjazzjoni	Definizzjoni	Tip	Voidability
isDescribedBy	Link ma' profil derivat ta' ħamrija li jikkaratterizza l-korp ta' ħamrija, possibbilment flimkien ma' profili derivati ta' ħamrija oħrajn. L-assoċjazzjoni għandha proprjetajiet addizzjonali kif ġew iddefiniti fil-klassi ta' assoċjazzjoni DerivedProfilePresenceInSoilBody.	DerivedSoilProfile	voidable

3.1.5. *Oġġett Derivat mill-Ħamrija (SoilDerivedObject)*

Tip ta' oġġett ġeografiku għar-rappreżentazzjoni ta' oġġetti ġeografiċi permezz ta' proprjetà relatata mal-ħamrija derivata minn proprjetà tal-ħamrija waħda jew iktar u possibbilment minn proprjetajiet oħrajn mhux tal-ħamrija.

Attributi tat-tip ta' oġġett ġeografiku SoilDerivedObject

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
geometry	Il-ġeometrija li tiddefinixxi l-oġġett derivat mill-ħamrija.	GM_Object	
inspireId	Identifikatur ta' oġġett estern tal-oġġett ġeografiku.	Identifier	

Rwoli ta' assoċjazzjoni tat-tip ta' oġġett ġeografiku SoilDerivedObject

Rwol ta' assoċjazzjoni	Definizzjoni	Tip	Voidability
isBasedOnSoilDerivedObject	Link ma' oġġett derivat mill-ħamrija li l-valur derivat huwa bbażat fuq il-proprjetajiet tiegħu.	SoilDerivedObject	voidable
isBasedOnObservedSoilProfile	Link ma' profil osservat ta' ħamrija li l-valur derivat huwa bbażat fuq il-proprjetajiet tiegħu.	ObservedSoilProfile	voidable

▼M2

Rwol ta' assoċjazzjoni	Definizzjoni	Tip	Voidability
isBasedOnSoilBody	Link ma' korp ta' ħamrija li l-valur derivat huwa bbażat fuq il-proprjetajiet tiegħu.	SoilBody	voidable
soilDerivedObjectObservation	Osservazzjoni ta' proprjetà ta' ħamrija għal karatterizzazzjoni tal-oġġett derivat mill-ħamrija.	OM_Observation	voidable

Limitazzjonijiet tat-tip ta' oġġett ġeografiku SoilDerivedObject

Sabiex timtela l-proprjetà featureOfInterest tal-osservazzjoni tal-oġġett derivat mill-ħamrija, għandu jintuża l-istess oġġett SoilDerivedObject.

L-observedProperty tal-osservazzjoni tal-oġġett derivat mill-ħamrija għandha tiġi speċifikata billi jintuża valur mil-lista ta' kodiċijiet SoilDerivedObjectParameterNameValue.

Ir-result tal-osservazzjoni tal-oġġett derivat mill-ħamrija għandu jkun ta' wieħed mit-tipi li ġejjin: Number; RangeType; CharacterString.

3.1.6. *Orizzont ta' Ħamrija (SoilHorizon)*

Dominju ta' ħamrija b'ċerta estensjoni vertikali, ftit jew wisq parallel għas-superfiċje u omoġenju għall-parti l-kbira tal-karatteristiċi morfoloġiċi u analitiċi, żviluppat f'saff ta' materjal prinċipali permezz ta' proċessi pedoġeniċi jew magħmul minn residwi organiċi sedimentati fil-post ta' pjanti li jikbru 'l fuq (pit).

Dan it-tip huwa subtip ta' ProfileElement.

Attributi tat-tip ta' oġġett ġeografiku SoilHorizon

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
FAOHorizonNotation	Id-dežinjazzjoni tal-orizzont ta' ħamrija.	FAOHorizonNotationType	voidable
otherHorizonNotation	Id-dežinjazzjoni tal-orizzont ta' ħamrija skont sistema ta' klassifikazzjoni speċifika.	OtherHorizonNotationType	voidable

3.1.7. *Saff ta' Ħamrija (SoilLayer)*

Dominju ta' ħamrija b'ċerta estensjoni vertikali żviluppat permezz ta' proċessi mhux pedoġeniċi, li juri bidla fl-istruttura u/jew fil-kompożizzjoni għal dominji kontigwi sovrastanti jew sottostanti possibbli, jew raggruppament ta' orizzonti tal-ħamrija jew ta' subdominji oħrajn bi skop speċjali.

Dan it-tip huwa subtip ta' ProfileElement.

Attributi tat-tip ta' oġġett ġeografiku SoilLayer

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
layerType	Assenjazzjoni ta' saff skont il-kunċett li jaqbel max-xorta tiegħu.	LayerTypeValue	
layerRockType	It-tip tal-materjal li fih żviluppa s-saff.	LithologyValue	voidable

▼M2

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
layerGenesisProcess	L-aħħar proċess mhux pedoġeniku (ġeoloġiku jew antropoġeniku) li ħoloq il-kompożizzjoni materjali u l-istruttura interna tas-saff.	EventProcessValue	voidable
layerGenesisEnvironment	L-ambjent fejn seħħ l-aħħar proċess mhux pedoġeniku (ġeoloġiku jew antropoġeniku) li ħoloq il-kompożizzjoni materjali u l-istruttura interna tas-saff.	EventEnvironmentValue	voidable
layerGenesisProcessState	Indikazzjoni jekk il-proċess speċifikat f'layerGenesisProcess għadux għaddej jew waqafx fl-imgħoddi.	LayerGenesisProcessStateValue	voidable

Limitazzjonijiet tat-tip ta' oġġett ġeografiku SoilLayer

L-attributi layerGenesisProcess, layerGenesisEnvironment, layerGenesisProcessState u layerRockType għandhom jiġu pprovduti biss fejn il-layerType ikollu valur "geogenic" (ġeoġeniku).

3.1.8. *Roqgħa Ħamrija (SoilPlot)*

Post fejn titwettaq investigazzjoni speċifika tal-ħamrija.

Attributi tat-tip ta' oġġett ġeografiku SoilPlot

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
inspireId	Identifikatur ta' oġġett estern tal-oġġett ġeografiku.	Identifier	
soilPlotLocation	Referenza għal lokalità fid-Dinja; tista' tkun lokalità f'punt identifikata minn koordinati jew deskrizzjoni tal-lokalità billi jintuża test jew identifikatur.	Location	
soilPlotType	Jagħti informazzjoni dwar fuq liema tip ta' roqgħa qed issir l-osservazzjoni tal-ħamrija.	SoilPlotTypeValue	
beginLifespanVersion	Id-data u l-ħin li fihom din il-verżjoni tal-oġġett ġeografiku ddaħħlet jew tbiddlet fis-sett ta' dejta ġeografika.	DateTime	voidable
endLifespanVersion	Id-data u l-ħin li fihom din il-verżjoni tal-oġġett ġeografiku ġiet sostitwita jew irtirata fis-sett ta' dejta ġeografika.	DateTime	voidable

Rwoli ta' assoċjazzjoni tat-tip ta' oġġett ġeografiku SoilPlot

Rwol ta' assoċjazzjoni	Definizzjoni	Tip	Voidability
locatedOn	Link mas-sit ta' ħamrija fejn tinsab il-roqgħa ħamrija jew li lilu tappartjeni l-roqgħa ħamrija.	SoilSite	voidable

▼M2

Rwol ta' assoċjazzjoni	Definizzjoni	Tip	Voidability
observedProfile	Link mal-profil osservat ta' ħamrija li għalih ir-roqgħa ħamrija tipprovdi informazzjoni dwar il-lokalità.	ObservedSoilProfile	voidable

3.1.9. *Profil ta' Ħamrija (SoilProfile)*

Deskrizzjoni tal-ħamrija li hija kkaratterizzata minn suċċessjoni vertikali ta' elementi ta' profil.

Dan it-tip huwa astratt.

Attributi tat-tip ta' oġġett ġeografiku SoilProfile

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
inspireId	Identifikatur ta' oġġett estern tal-oġġett ġeografiku.	Identifier	
WRBSoilName	Identifikazzjoni tal-profil ta' ħamrija.	WRBSoilNameType	voidable
otherSoilName	Identifikazzjoni tal-profil ta' ħamrija skont skema ta' klassifikazzjoni speċifika.	OtherSoilNameType	voidable
localIdentifier	Identifikatur uniku tal-profil ta' ħamrija mogħti mill-fornitur tad-dejta tas-sett ta' dejta.	CharacterString	voidable
beginLifespanVersion	Id-data u l-ħin li fihom din il-verżjoni tal-oġġett ġeografiku ddaħħlet jew tbiddlet fis-sett ta' dejta ġeografika.	DateTime	voidable
endLifespanVersion	Id-data u l-ħin li fihom din il-verżjoni tal-oġġett ġeografiku ġiet sostitwita jew irtirata fis-sett ta' dejta ġeografika.	DateTime	voidable
validFrom	Il-ħin meta l-fenomenu beda jeżisti fid-dinja reali.	DateTime	voidable
validTo	Il-ħin minn meta l-fenomenu ma jibqax jeżisti iktar fid-dinja reali.	DateTime	voidable

Rwoli ta' assoċjazzjoni tat-tip ta' oġġett ġeografiku SoilProfile

Rwol ta' assoċjazzjoni	Definizzjoni	Tip	Voidability
isDescribedBy	L-elementi ta' profil (saffi u/jew orizzonti) li jikkostitwixxu l-profil ta' ħamrija.	ProfileElement	voidable
soilProfileObservation	Osservazzjoni ta' proprjetà tal-ħamrija għal karatterizzazzjoni tal-profil ta' ħamrija.	OM_Observation	voidable

▼M2

Limitazzjonijiet tat-tip ta' oġġett ġeografiku SoilProfile

Sabiex timtela l-proprjetà featureOfInterest tal-osservazzjonijiet tal-profil ta' ħamrija ta' oġġett SoilProfile, għandu jintuża dak l-istess oġġett SoilProfile.

L-observedProperty tal-osservazzjoni tal-profil ta' ħamrija għandha tiġi speċifikata billi jintuża valur mil-lista ta' kodiċijiet SoilProfileParameterNameValue.

Ir-result tal-osservazzjoni tal-profil ta' ħamrija għandu jkun ta' wieħed mit-tipi li ġejjin: Number; RangeType; CharacterString.

3.1.10. *Sit ta' Ħamrija (SoilSite)*

Żona fi ħdan żona ikbar ta' stħarriġ, ta' studju jew immonitorjata fejn titwettaq investigazzjoni speċifika tal-ħamrija.

Attributi tat-tip ta' oġġett ġeografiku SoilSite

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
inspireId	Identifikatur ta' oġġett estern tal-oġġett ġeografiku.	Identifier	
geometry	Il-ġeometrija li tiddefinixxi s-sit ta' ħamrija.	GM_Object	
soilInvestigationPurpose	Indikazzjoni għaliex sar stħarriġ.	SoilInvestigationPurposeValue	
beginLifespanVersion	Id-data u l-ħin li fihom din il-verżjoni tal-oġġett ġeografiku ddaħħlet jew tbiddlet fis-sett ta' dejta ġeografika.	DateTime	voidable
endLifespanVersion	Id-data u l-ħin li fihom din il-verżjoni tal-oġġett ġeografiku ġiet sostitwita jew irtirata fis-sett ta' dejta ġeografika.	DateTime	voidable
validFrom	Il-ħin meta l-fenomenu beda jeżisti fid-dinja reali.	DateTime	voidable
validTo	Il-ħin minn meta l-fenomenu ma jibqax jeżisti iktar fid-dinja reali.	DateTime	voidable

Rwoli ta' assoċjazzjoni tat-tip ta' oġġett ġeografiku SoilSite

Rwol ta' assoċjazzjoni	Definizzjoni	Tip	Voidability
isObservedOnLocation	Link ma' lokalità(ajiet) fejn is-sit ta' ħamrija ġie investigat.	SoilPlot	voidable
soilSiteObservation	Osservazzjoni ta' proprjetà tal-ħamrija għal karatterizzazzjoni tas-sit ta' ħamrija.	OM_Observation	voidable

Limitazzjonijiet tat-tip ta' oġġett ġeografiku SoilSite

Sabiex timtela l-proprjetà featureOfInterest tal-osservazzjonijiet tas-sit ta' ħamrija ta' oġġett SoilSite, għandu jintuża dak l-istess oġġett SoilSite.

▼M2

L-observedProperty tal-osservazzjoni tas-sit ta' ħamrija għandha tiġi speċifikata billi jintuża valur mil-lista ta' kodiċijiet SoilSiteParameterNameValue.

Ir-result tal-osservazzjoni tas-sit ta' ħamrija għandu jkun ta' wieħed mit-tipi li ġejjin: Number; RangeType; CharacterString.

Ir-result tal-osservazzjoni tas-sit ta' ħamrija għandu jkun tat-tip SoilObservationResult.

3.1.11. *Kopertura tat-Tema tal-Ħamrija (SoilThemeCoverage)*

Tip ta' oġġett ġeografiku li jkollu valuri għal proprjetà bbażati fuq parametru tal-ħamrija wieħed jew iktar u possibbilment fuq parametri mhux tal-ħamrija fi ħdan id-dominju ġeografiku, temporali jew ġeotemporali tiegħu.

Dan it-tip huwa subtip ta' RectifiedGridCoverage.

Attributi tat-tip ta' oġġett ġeografiku SoilThemeCoverage

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
beginLifespanVersion	Id-data u l-ħin li fihom din il-verżjoni tal-oġġett ġeografiku ddaħħlet jew tbiddlet fis-sett ta' dejta ġeografika.	DateTime	
endLifespanVersion	Id-data u l-ħin li fihom din il-verżjoni tal-oġġett ġeografiku ġiet sostitwita jew irtirata fis-sett ta' dejta ġeografika.	DateTime	
domainExtent	L-attribut domainExtent għandu jkun fih il-firxa tad-dominju ġeotemporali tal-kopertura. Il-firxiet jistgħu jiġu speċifikati kemm mil-lat ġeografiku kif ukoll minn dak temporali.	EX_Extent	
validTimeFrom	Il-ValidTime jispeċifika l-perjodu ta' ħin li għalih ikun inkiseb kejl sabiex tiġi kkalkulata l-proprjetà tematika tal-ħamrija rilevanti għal dak il-perjodu. Il-ħin tal-bidu jiddefinixxi meta beda l-perjodu.	Date	voidable
validTimeTo	Il-ValidTime jispeċifika l-perjodu ta' ħin li għalih ikun inkiseb kejl sabiex tiġi kkalkulata l-proprjetà tematika tal-ħamrija rilevanti għal dak il-perjodu. Il-ħin tat-tmiem jiddefinixxi meta waqaf il-perjodu.	Date	voidable
soilThemeParameter	Proprjetà relatata mal-ħamrija (tema tal-ħamrija) li hija rrappreżentata minn din il-kopertura.	SoilThemeParameterType	

Rwoli ta' assoċjazzjoni tat-tip ta' oġġett ġeografiku SoilThemeCoverage

Rwol ta' assoċjazzjoni	Definizzjoni	Tip	Voidability
isDescribedBy	Din l-assoċjazzjoni tippermetti li ċerta SoilThemeCoverage jkollha Kopertura relatata li ma għandhiex tifsira mingħajr il-kopertura bażi.	SoilThemeDescriptiveCoverage	voidable

▼M2

Limitazzjonijiet tat-tip ta' oġġett ġeografiku SoilThemeCoverage

Il-valuri rangeSet għandhom ikunu ta' wieħed mit-tipi li ġejjin: Number; RangeType; CharacterString.

3.1.12. *Kopertura Deskrittiva tat-Tema tal-Ħamrija (SoilThemeDescriptiveCoverage)*

Tip ta' oġġett ġeografiku li huwa assoċjat mal-kopertura tat-tema tal-ħamrija u għandu informazzjoni addizzjonali dwar il-valuri ta' proprjetà tal-kopertura tat-tema tal-ħamrija.

Dan it-tip huwa subtip ta' RectifiedGridCoverage.

Attributi tat-tip ta' oġġett ġeografiku SoilThemeDescriptiveCoverage

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
beginLifespanVersion	Id-data u l-ħin li fihom din il-verżjoni tal-oġġett ġeografiku ddaħħlet jew tbiddlet fis-sett ta' dejta ġeografika.	DateTime	
endLifespanVersion	Id-data u l-ħin li fihom din il-verżjoni tal-oġġett ġeografiku ġiet sostitwita jew irtirata fis-sett ta' dejta ġeografika.	DateTime	
domainExtent	L-attribut domainExtent għandu jkun fih il-firxa tad-dominju ġeotemporali tal-kopertura. Il-firxiet jistgħu jiġu speċifikati kemm mil-lat ġeografiku kif ukoll minn dak temporali.	EX_Extent	
soilThemeDescriptiveParameter	Proprjetà deskrittiva għall-proprjetà relatata mal-ħamrija (tema tal-ħamrija) li hija rrappreżentata mis-SoilThemeCoverage assoċjata tagħha.	SoilThemeDescriptiveParameterType	

Rwoli ta' assoċjazzjoni tat-tip ta' oġġett ġeografiku SoilThemeDescriptiveCoverage

Rwol ta' assoċjazzjoni	Definizzjoni	Tip	Voidability
isDescribing	Din l-assoċjazzjoni tippermetti li ċerta SoilThemeCoverage jkollha Kopertura relatata li ma għandhiex tifsira mingħajr il-kopertura bażi.	SoilThemeCoverage	

Limitazzjonijiet tat-tip ta' oġġett ġeografiku SoilThemeDescriptiveCoverage

Il-valuri rangeSet għandhom ikunu ta' wieħed mit-tipi li ġejjin: Number; RangeType; CharacterString.

3.2. **Tipi ta' dejta**

3.2.1. *Preżenza ta' Profil Derivat fil-Korp ta' Ħamrija (DerivedProfilePresenceInSoilBody)*

Tip ta' dejta li jindika l-medda tal-perċentwal (espressa b'limitu inferjuri u limitu superjuri) okkupata bil-profil derivat fil-korp tal-ħamrija.

Dan it-tip huwa klassi ta' assoċjazzjoni.

▼M2

Attributi tat-tip ta' dejta DerivedProfilePresenceInSoilBody

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
derivedProfilePercentageRange	Intervall li jiddefinixxi l-perċentwal minimu u dak massimu tal-erja tal-korp ta' ħamrija rrappreżentata minn profil derivat ta' ħamrija speċifiku.	RangeType	voidable

3.2.2. *Tip ta' Notazzjoni tal-Orizzonti tal-FAO (FAOHorizonNotationType)*

Klassifikazzjoni ta' orizzonti skont is-sistema ta' klassifikazzjoni tal-orizzonti speċifikata fil-*Guidelines for soil description, 4th edition*, Food and Agriculture Organization of the United Nations, Rome, 2006.

Attributi tat-tip ta' dejta FAOHorizonNotationType

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
FAOHorizonDiscontinuity	Numru użat sabiex jindika diskontinwità fin-notazzjoni tal-orizzonti.	Integer	
FAOHorizonMaster	Simbolu tal-parti prinċipali tan-notazzjoni tal-orizzonti.	FAOHorizonMasterValue	
FAOPrime	Prim u prim doppju jistgħu jintużaw sabiex jikkonnotaw is-simbolu tal-orizzont prinċipali tal-orizzont l-iktar baxx miż-żewġ (prim) jew mit-tliet (prim doppju) orizzonti li jkollhom kombinazzjonijiet identifiċi bi prefissi ta' numri Għarab u b'ittri.	FAOPrimeValue	
FAOHorizonSubordinate	Id-dežinjazzjonijiet ta' distinzjonijiet u ta' karatteristiċi subordinati fi ħdan l-orizzonti u s-saffi prinċipali huma bbażati fuq karatteristiċi ta' profil osservabbli fil-post u jiġu applikati waqt id-deskrizzjoni tal-ħamrija fis-sit.	FAOHorizonSubordinateValue	
FAOHorizonVertical	In-numru tal-ordni tas-suddiviżjoni vertikali fin-notazzjoni tal-orizzonti.	Integer	
isOriginalClassification	Valur Boolean sabiex jiġi indikat jekk in-notazzjoni tal-orizzonti tal-FAO kinitx in-notazzjoni oriġinali ħalli jiġi deskritt l-orizzont.	Boolean	

3.2.3. *Tip Ieħor ta' Notazzjoni tal-Orizzonti (OtherHorizonNotationType)*

Klassifikazzjoni ta' orizzonti tal-ħamrija skont sistema ta' klassifikazzjoni speċifika.

▼M2

Attributi tat-tip ta' dejta OtherHorizonNotationType

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
horizonNotation	Notazzjoni li tikkaratterizza l-orizzont ta' ħamrija skont sistema ta' klassifikazzjoni speċifikata.	OtherHorizonNotationTypeValue	
isOriginalClassification	Valur Boolean sabiex jiġi indikat jekk is-sistema ta' notazzjoni tal-orizzonti speċifikata kinitx is-sistema ta' notazzjoni oriġinali sabiex ħalli deskritt l-orizzont.	Boolean	

3.2.4. *Tip Ieħor ta' Isem ta' Ħamrija (OtherSoilNameType)*

Identifikazzjoni tal-profil ta' ħamrija skont skema ta' klassifikazzjoni speċifika.

Attributi tat-tip ta' dejta OtherSoilNameType

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
soilName	L-isem tal-profil ta' ħamrija skont skema ta' klassifikazzjoni speċifika.	OtherSoilNameTypeValue	
isOriginalClassification	Valur Boolean sabiex jiġi indikat jekk is-sistema ta' klassifikazzjoni speċifikata kintx l-iskema ta' klassifikazzjoni oriġinali ħalli jiġi deskritt il-profil.	Boolean	

3.2.5. *Tip ta' Frazzjoni ta' Daqs ta' Partiċella (ParticleSizeFractionType)*

Sehem mill-ħamrija li huwa kompost minn partiċelli minerali tal-ħamrija ta' daqs inkluż fi ħdan il-medda ta' daqsijiet speċifikata.

Attributi tat-tip ta' dejta ParticleSizeFractionType

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
fractionContent	Perċentwal tal-frazzjoni ddefinita.	Number	
fractionParticleSizeRange	Limitu superjuri u limitu inferjuri tad-daqs tal-partiċelli tal-frazzjoni ddefinita (espressi f'µm).	RangeType	

3.2.6. *Tip ta' Medda (RangeType)*

Valur ta' medda ddefinit minn limitu superjuri u minn limitu inferjuri.

Attributi tat-tip ta' dejta RangeType

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
upperValue	Valur li jiddefinixxi l-limitu superjuri ta' proprjetà speċifika.	Real	
lowerValue	Valur li jiddefinixxi l-limitu inferjuri ta' proprjetà speċifika.	Real	

▼**M2**

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
uom	L-unità ta' kejl li tintuża sabiex jiġu espressi l-valuri tal-medda.	UnitOfMeasure	

Limitazzjonijiet tat-tip ta' dejta RangeType

Għall-inqas wieħed mill-valuri ma għandux ikun vojt.

3.2.7. *Tip ta' Parametru Deskrittiv tat-Tema tal-Ħamrija (SoilThemeDescriptiveParameterType)*

Tip ta' dejta li tipprovdi proprjetà deskrittiva għall-proprjetà relatata mal-ħamrija (tema tal-ħamrija) li hija rrappreżentata mis-SoilThemeCoverage assoċjata tiegħu.

Attributi tat-tip ta' dejta SoilThemeDescriptiveParameterType

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
soilThemeDescriptiveParameterName	L-isem tal-parametru sabiex tiġi pprovduta informazzjoni żejda dwar il-valuri tas-SoilThemeCoverage relatata.	CharacterString	
uom	L-unità ta' kejl li tintuża sabiex jiġi espress is-soilThemeDescriptiveParameter.	UnitOfMeasure	

3.2.8. *Tip ta' Parametru tat-Tema tal-Ħamrija (SoilThemeParameterType)*

Proprjetà relatata mal-ħamrija (tema tal-ħamrija) li hija rrappreżentata minn din il-kopertura. Hija komposta minn isem ta' parametru li ġej minn lista ta' kodiċijiet SoilDerivedObjectParameterNameValue u minn Unità ta' Kejl li tintuża sabiex jiġi espress dak il-parametru.

Attributi tat-tip ta' dejta SoilThemeParameterType

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
soilThemeParameterName	L-isem tal-parametru rrappreżentat mis-soilThemeCoverage.	SoilDerivedObjectParameterNameValue	
uom	L-unità ta' kejl li qed tintuża sabiex jiġi espress is-soilThemeParameter.	UnitOfMeasure	

3.2.9. *Tip ta' Grupp Kwalifikatur tad-WRB (WRBQualifierGroupType)*

Tip ta' dejta li tiddefinixxi l-grupp ta' kwalifikatur u l-ispeċifikatur(i) possibbli tiegħu, il-post u l-pożizzjoni tiegħu fir-rigward tal-World Reference Base (WRB) Reference Soil Group (RSG) (Grupp ta' Referenza tal-Ħamrija (RSG) tal-Bażi Dinjija ta' Referenza (WRB)) li jappartjeni lilu skont il-*World reference base for soil resources 2006, first update 2007*, World Soil Resources Reports No. 103, Food and Agriculture Organization of the United Nations, Rome, 2007.

▼M2

Attributi tat-tip ta' dejta WRBQualifierGroupType

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
qualifierPlace	Attribut biex jiġi indikat il-kollokament tal-Kwalifikatur fir-rigward tad-WRB reference soil group (RSG). Il-kollokament jista' jkun quddiem l-RSG, jiġifieri "prefiss" jew jista' jkun wara l-RSG, jiġifieri "suffiss".	WRBQualifierPlaceValue	
qualifierPosition	Numru biex tiġi indikata l-pożizzjoni ta' kwalifikatur fir-rigward tad-WRB reference soil group (RSG) li jappartjeni lilu u fir-rigward tal-kollokament tiegħu fir-rigward ta' dan (RSG), jiġifieri bħala prefiss jew bħala suffiss.	Integer	
WRBqualifier	L-element tal-isem tad-WRB, it-tieni livell ta' klassifikazzjoni.	WRBQualifierValue	
WRBspecifier	Kodiċi li jindika l-grad ta' espressjoni ta' kwalifikatur jew il- medda tal-fond li l-kwalifikatur japplika għaliha.	WRBSpecifierValue	

3.2.10. *Tip ta' Isem ta' Ħamrija tad-WRB (WRBSoilNameType)*

Identifikazzjoni tal-profil ta' ħamrija skont il-*World reference base for soil resources 2006, first update 2007*, World Soil Resources Reports No. 103, Food and Agriculture Organization of the United Nations, Rome, 2007.

Attributi tat-tip ta' dejta WRBSoilNameType

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
WRBQualifierGroup	Il-grupp ta' kwalifikatur u l-ispeċifikatur(i) possibbli tiegħu, il-post u l-pożizzjoni tiegħu fir-rigward tad-WRBReferenceSoilGroup li jappartjeni lilu.	WRBQualifierGroupType	
WRBReferenceSoilGroup	L-ewwel livell ta' klassifikazzjoni tal-Bażi ta' Referenza Dinjija għar-Riżorsi tal-Ħamrija (World Reference Base for Soil Resources).	WRBReferenceSoilGroupValue	
isOriginalClassification	Valur Boolean biex jiġi indikat jekk is-sistema ta' klassifikazzjoni tad-WRB kinitx is-sistema ta' klassifikazzjoni oriġinali ħalli jiġi deskritt il-profil ta' ħamrija.	Boolean	

Rwoli ta' assoċjazzjoni tat-tip ta' dejta WRBSoilNameType

Rwol ta' assoċjazzjoni	Definizzjoni	Tip	Voidability
over	Assoċjazzjoni sabiex jiġi indikat li fil-klassifikazzjoni tad-WRB profil ta' ħamrija jkopri ħamrija żviluppata u eqdem oħra.	WRBSoilNameType	

▼M2

3.3. **Listi ta’ kodiċijiet**

3.3.1. *Prinċipali tal-Orizzont tal-FAO (FAOHorizonMasterValue)*

Lista ta’ kodiċijiet tal-parti prinċipali tad-dežinjazzjoni tal-orizzont.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta’ kodiċijiet jinkludu l-valuri speċifikati fil-*Guidelines for soil description, 4th edition*, Food and Agriculture Organization of the United Nations, Rome, 2006, p. 67-77 biss.

3.3.2. *Subordinat tal-Orizzont tal-FAO (FAOHorizonSubordinateValue)*

Lista ta’ kodiċijiet ta’ dežinjazzjonijiet ta’ distinzjonijiet u ta’ karatteristiċi subordinati fi ħdan l-orizzonti u s-saffi prinċipali li huma bbażati fuq karatteristiċi ta’ profil osservabbli fil-post u jiġu applikati waqt id-deskrizzjoni tal-ħamrija fis-sit.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta’ kodiċijiet jinkludu l-valuri speċifikati fil-*Guidelines for soil description, 4th edition*, Food and Agriculture Organization of the United Nations, Rome, 2006, p. 67-77 biss.

3.3.3. *Prim tal-FAO (FAOPrimeValue)*

Prim u prim doppju jistgħu jintużaw sabiex jikkonnotaw is-simbolu tal-orizzont prinċipali tal-orizzont l-iktar baxx miż-żewġ (prim) jew mit-tliet (prim doppju) orizzonti li jkollhom kombinazzjonijiet identifiċi bi prefissi ta’ numri Għarab u b’ittri.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta’ kodiċijiet jinkludu l-valuri speċifikati fil-*Guidelines for soil description, 4th edition*, Food and Agriculture Organization of the United Nations, Rome, 2006, p. 67-77 biss.

3.3.4. *Tip Ieħor ta’ Notazzjoni tal-Orizzonti (OtherHorizonNotationTypeValue)*

Klassifikazzjoni ta’ orizzonti tal-ħamrija skont sistema ta’ klassifikazzjoni speċifika.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta’ kodiċijiet jinkludu kwalunkwe valur iddefinit mill-fornituri tad-dejta.

3.3.5. *Tip Ieħor ta’ Isem ta’ Ħamrija (OtherSoilNameTypeValue)*

Identifikazzjoni tal-profil ta’ ħamrija skont skema ta’ klassifikazzjoni speċifika.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta’ kodiċijiet jinkludu kwalunke valur iddefinit mill-fornituri tad-dejta.

3.3.6. *Stat ta’ Proċess ta’ Ġenesi ta’ Saff (LayerGenesisProcessStateValue)*

Indikazzjoni jekk il-proċess speċifikat fil-layerGenesisProcess ikunx għadu għaddej jew ikunx waqaf.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta’ kodiċijiet jinkludu l-valuri speċifikati fit-tabella ta’ hawn taħt biss.

Valuri għal-lista ta’ kodiċijiet LayerGenesisProcessStateValue

Valur	Isem	Definizzjoni
ongoing	għadu għaddej	Il-proċess beda fl-imgħoddi u għadu attiv.
terminated	intemm	Il-proċess ma għadux iktar attiv

▼M2

3.3.7. *Tip ta' Saff (LayerTypeValue)*

Klassifikazzjoni ta' saff skont il-kunċett li huwa adattat għall-iskop.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu l-valuri speċifikati fit-tabella ta' hawn taħt biss.

Valuri għal-lista ta' kodiċijiet LayerTypeValue

Valur	Isem	Definizzjoni
depthInterval	intervall ta' fond	Medda fissa ta' fond fejn tiġi deskritta l-ħamrija u/jew jittieħdu kampjuni.
geogenic	ġeoġeniku	Dominju tal-profil ta' ħamrija kompost minn materjal li jirriżulta mill-istess proċess mhux pedoġeniku, pereżempju sedimentazzjoni, li jista' juri nuqqas ta' konformità ma' dominji kontigwi sovrastanti jew sottostanti possibbli.
subSoil	sottoswol	Materjal naturali tal-ħamrija taħt is-saff ta' fuq tal-ħamrija u sovrastanti l-materjal prinċipal mhux mgħawwar minħabba l-kundizzjonijiet tat-temp.
topSoil	saff ta' fuq tal-ħamrija	Il-parti superjuri ta' ħamrija naturali li ġeneralment ikollha kulur skur u kontenut ta' materja organika u ta' nutrijent ikbar meta pparagunata mal-orizzonti (minerali) ta' taħt, eskluż is-saff tal-ħumus.

3.3.8. *Isem ta' Parametru ta' Element ta' Profil (ProfileElementParameterNameValue)*

Proprjetajiet li jistgħu jiġu osservati sabiex jiġi kkaratterizzat l-element ta' profil.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu l-valuri speċifikati fit-tabella ta' hawn taħt u valuri idjaq iddefiniti mill-fornituri tad-dejta.

Din il-lista ta' kodiċijiet hija ġerarkika.

Valuri għal-lista ta' kodiċijiet ProfileElementParameterNameValue

Valur	Isem	Definizzjoni	Parent Value (Valur Prinċipali)
chemicalParameter	parametru kimiku	Parametri kimiċi osservati sabiex jiġi kkaratterizzat l-element ta' profil.	
physicalParameter	parametru fiżiku	Parametri fiżiċi osservati sabiex jiġi kkaratterizzat l-element ta' profil.	
biologicalParameter	parametru bijoloġiku	Parametri bijoloġiċi osservati sabiex jiġi kkaratterizzat l-element ta' profil.	
organicCarbonContent	kontenut ta' karbonju organiku	Porzjon tal-ħamrija mkejjel bħala karbonju f'forom organiċi, eskluži l-makrofawna u l-mesofawna ħajjin u t-tessuti tal-pjanti ħajjin.	chemicalParameter
nitrogenContent	kontenut ta' nitroġenu	Il-kontenut totali ta' nitroġenu fil-ħamrija, li jinkludi kemm il-forom organiċi kif ukoll dawk inorganiċi.	chemicalParameter

▼**M2**

Valur	Isem	Definizzjoni	Parent Value (Valur Prinċipali)
pHValue	valur tal-pH	Il-valur tal-pH tal-element ta' profil.	chemicalParameter
cadmiumContent	kontenut ta' kadmju	Il-kontenut ta' kadmju tal-element ta' profil.	chemicalParameter
chromiumContent	kontenut ta' kromu	Il-kontenut ta' kromu tal-element ta' profil.	chemicalParameter
copperContent	kontenut ta' ram	Il-kontenut ta' ram tal-element ta' profil.	chemicalParameter
leadContent	kontenut ta' ċomb	Il-kontenut ta' ċomb tal-element ta' profil.	chemicalParameter
mercuryContent	kontenut ta' merkurju	Il-kontenut ta' merkurju tal-element ta' profil.	chemicalParameter
nickelContent	kontenut ta' nikil	Il-kontenut ta' nikil tal-element ta' profil.	chemicalParameter

3.3.9. *Isem ta' Parametru ta' Oġġett Derivat mill-Ħamrija (SoilDerivedObjectParameterNameValue)*

Proprjetajiet relatati mal-ħamrija li jistgħu jkunu derivati mill-ħamrija u minn dejta oħra.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu l-valuri speċifikati fit-tabella ta' hawn taħt u valuri idjaq iddefiniti mill-fornituri tad-dejta.

Din il-lista ta' kodiċijiet hija ġerarkika.

Valuri għal-lista ta' kodiċijiet SoilDerivedObjectParameterNameValue

Valur	Isem	Definizzjoni	Parent value
chemicalParameter	parametru kimiku	Parametri kimiċi li jistgħu jkunu derivati minn dejta oħra tal-ħamrija.	
physicalParameter	parametru fiżiku	Parametri fiżiċi li jistgħu jkunu derivati minn dejta oħra tal-ħamrija.	
biologicalParameter	parametru bijoloġiku	Parametri bijoloġiċi li jistgħu jkunu derivati minn dejta oħra tal-ħamrija.	
potentialRootDepth	fond potenzjali tal-għeruq	Fond potenzjali tal-profil ta' ħamrija fejn jistgħu jiżviluppaw l-għeruq (f'cm).	physicalParameter
availableWaterCapacity	kapaċità tal-ilma disponibbli	L-ammont ta' ilma li tista' taħżen ħamrija li jista' jintuża mill-pjanti, ibbażat fuq il-fond potenzjali tal-għeruq.	physicalParameter
carbonStock	ħażna ta' karbonju	Il-massa totali ta' karbonju f'ħamrija għal fond partikolari.	chemicalParameters
waterDrainage	skular tal-ilma	Il-klassi tal-iskular tal-ilma naturali tal-profil ta' ħamrija.	physicalParameter

▼M2

Valur	Isem	Definizzjoni	Parent value
organicCarbonContent	kontenut ta' karbonju organiku	Porzjon tal-ħamrija mkejjel bħala karbonju f'forma organika, esklużi l-makrofawna u l-mesofawna ħajjin u t-tessuti tal-pjanti ħajjin.	chemicalParameter
nitrogenContent	kontenut ta' nitroġenu	Il-kontenut totali ta' nitroġenu fil-ħamrija, li jinkludi kemm il-forom organiċi kif ukoll dawk inorganiċi.	chemicalParameter
pHValue	valur tal-pH	Il-valur tal-pH tal-oġġett derivat mill-ħamrija.	chemicalParameter
cadmiumContent	kontenut ta' kadmju	Il-kontenut ta' kadmju tal-oġġett derivat mill-ħamrija.	chemicalParameter
chromiumContent	kontenut ta' kromu	Il-kontenut ta' kromu tal-oġġett derivat mill-ħamrija.	chemicalParameter
copperContent	kontenut ta' ram	Il-kontenut ta' ram tal-oġġett derivat mill-ħamrija.	chemicalParameter
leadContent	kontenut ta' ċomb	Il-kontenut ta' ċomb tal-oġġett derivat mill-ħamrija.	chemicalParameter
mercuryContent	kontenut ta' merkurju	Il-kontenut ta' merkurju tal-oġġett derivat mill-ħamrija.	chemicalParameter
nickelContent	kontenut ta' nikil	Il-kontenut ta' nikil tal-oġġett derivat mill-ħamrija.	chemicalParameter
zincContent	kontenut ta' żingu	Il-kontenut ta' żingu tal-oġġett derivat mill-ħamrija.	chemicalParameter

3.3.10. *Skop ta' Investigazzjoni ta' Ħamrija (SoilInvestigationPurposeValue)*

Lista ta' kodiċijiet ta' valuri possibbli li jindikaw ir-raġunijiet sabiex jitwettaq stħarriġ.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu l-valuri speċifikati fit-tabella ta' hawn taħt biss.

Valuri għal-lista ta' kodiċijiet SoilInvestigationPurposeValue

Valur	Isem	Definizzjoni
generalSoilSurvey	stħarriġ ġenerali ta' ħamrija	Karatterizzazzjoni ta' ħamrija b'għażla mhux ippreġudikata tal-lokalità tal-investigazzjoni.
specificSoilSurvey	stħarriġ speċifiku ta' ħamrija	Investigazzjoni tal-proprjetajiet ta' ħamrija f'lokalitajiet ippreġudikati minn skop speċifiku.

3.3.11. *Tip ta' Roqgħa Ħamrija (SoilPlotTypeValue)*

Lista ta' kodiċijiet ta' termini li jispeċifikaw fuq liema tip ta' roqgħa qed issir l-osservazzjoni tal-ħamrija.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu l-valuri speċifikati fit-tabella ta' hawn taħt biss.

▼M2

Valuri għal-lista ta' kodiċijiet SoilPlotTypeValue

Valur	Isem	Definizzjoni
borehole	spiera	Penetrazzjoni fis-sottosuperfiċje bit-tneħħija ta' materjal tal-ħamrija/blat billi tintuża, pereżempju, għodda vojta minn ġewwa f'forma ta' tubu, sabiex jitwettqu deskrizzjonijiet tal-profil, jittieħdu kampjuni u/jew jitwettqu testijiet fuq il-post.
sample	kampjun	Skavar fejn materjal tal-ħamrija jitneħħa bħala kampjun ta' ħamrija mingħajr ma ssir xi deskrizzjoni tal-profil ta' ħamrija.
trialPit	ħofra għal sondar (trial pit)	Skavar jew espożizzjoni oħra tal-ħamrija ppreparata sabiex jitwettqu deskrizzjonijiet tal-profil, jittieħdu kampjuni u/jew jitwettqu testijiet fil-post.

3.3.12. *Isem ta' Parametru ta' Profil ta' Ħamrija (SoilProfileParameterNameValue)*

Proprjetajiet li jistgħu jiġu osservati sabiex jiġi kkaratterizzat il-profil ta' ħamrija.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu l-valuri speċifikati fit-tabella ta' hawn taħt u valuri idjaq iddefiniti mill-forniturі tad-dejta.

Din il-lista ta' kodiċijiet hija ġerarkika.

Valuri għal-lista ta' kodiċijiet SoilProfileParameterNameValue

Valur	Isem	Definizzjoni	Parent Value (Valur Prinċipali)
chemicalParameter	parametru kimiku	Parametri kimiċi osservati sabiex jiġi kkaratterizzat il-profil ta' ħamrija.	
physicalParameter	parametru fiżiku	Parametri fiżiċi osservati sabiex jiġi kkaratterizzat il-profil ta' ħamrija.	
biologicalParameter	parametru bijoloġiku	Parametri bijoloġiċi osservati sabiex jiġi kkaratterizzat il-profil ta' ħamrija.	
potentialRootDepth	fond potenzjali tal-għeruq	Fond potenzjali tal-profil ta' ħamrija fejn jistgħu jiżviluppaw l-għeruq (f'cm).	physicalParameter
availableWaterCapacity	kapaċità tal-ilma disponibbli	L-ammont ta' ilma li tista' taħżen ħamrija li jista' jintuża mill-pjanti, ibbażat fuq il-fond potenzjali tal-għeruq.	physicalParameter
carbonStock	ħażna ta' karbonju	Il-massa totali ta' karbonju f'ħamrija għal fond partikolari.	chemicalParameters
waterDrainage	skular tal-ilma	Il-klassi tal-iskular tal-ilma intern naturali tal-profil ta' ħamrija.	physicalParameter

3.3.13. *Isem ta' Parametru ta' Sit ta' Ħamrija (SoilSiteParameterNameValue)*

Proprjetajiet li jistgħu jiġi osservati sabiex jiġi kkaratterizzat is-sit ta' ħamrija.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu l-valuri speċifikati fit-tabella ta' hawn taħt u valuri idjaq iddefiniti mill-forniturі tad-dejta.

▼M2

Valuri għal-lista ta' kodiċijiet SoilSiteParameterNameValue

Valur	Isem	Definizzjoni
chemicalParameter	parametru kimiku	Parametri kimiċi osservati sabiex jiġi kkaratterizzat is-sit ta' ħamrija.
physicalParameter	parametru fiżiku	Parametri fiżiċi osservati sabiex jiġi kkaratterizzat is-sit ta' ħamrija.
biologicalParameter	parametru bijoloġiku	Parametri bijoloġiċi osservati sabiex jiġi kkaratterizzat is-sit ta' ħamrija.

3.3.14. *Post ta' Kwalifikatur tad-WRB (WRBQualifierPlaceValue)*

Lista ta' kodiċijiet ta' valuri li jindikaw il-kollokament tal-Kwalifikatur fir-rigward tad-WRB reference soil group (RSG). Il-kollokament jista' jkun quddiem l-RSG, jiġifieri "prefiss" jew jista' jkun wara l-RSG, jiġifieri "suffiss".

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu il-valuri "prefix" u "suffix" biss. skont ir-regoli ta' tismija speċifikati fil-*World reference base for soil resources 2006, first update 2007*, World Soil Resources Reports No. 103, Food and Agriculture Organization of the United Nations, Rome, 2007.

3.3.15. *Kwalifikaturi tad-WRB (WRBQualifierValue)*

Lista ta' kodiċijiet ta' kwalifikaturi possibbli tal-Bażi ta' Referenza Dinjija għar-Riżorsi tal-Ħamrija (World Reference Base for Soil Resources).

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu l-valuri speċifikati fil-*World reference base for soil resources 2006, first update 2007*, World Soil Resources Reports No. 103, Food and Agriculture Organization of the United Nations, Rome, 2007 biss.

3.3.16. *WRB Reference Soil Group (RSG) (WRBReferenceSoilGroupValue)*

Lista ta' kodiċijiet ta' gruppi ta' referenza ta' ħamrija possibbli (jiġifieri l-ewwel livell ta' klassifikazzjoni tal-Bażi ta' Referenza Dinjija għar-Riżorsi tal-Ħamrija (World Reference Base for Soil Resources)).

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu l-valuri speċifikati fil-*World reference base for soil resources 2006, first update 2007*, World Soil Resources Reports No. 103, Food and Agriculture Organization of the United Nations, Rome, 2007 biss.

3.3.17. *Speċifikaturi tad-WRB (WRBSpecifierValue)*

Lista ta' kodiċijiet ta' speċifikaturi possibbli.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu l-valuri speċifikati fil-*World reference base for soil resources 2006, first update 2007*, World Soil Resources Reports No. 103, Food and Agriculture Organization of the United Nations, Rome, 2007 biss.

3.4. **Rekwiżiti speċifiċi għat-tema**

(1) Il-valuri tal-listi ta' kodiċijiet ġerarkiċi tal-ewwel livell ProfileElementParameterNameValue, SoilDerivedObjectParameterNameValue, SoilProfileParameterNameValue, SoilSiteParameterNameValue (chemicalParameter, biologicalParameter, physicalParameter) għandhom biss l-iskop li jistrutturaw; għandhom jintużaw biss il-valuri ta' livell inferjuri.

▼M2

(2) Meta jkun meħtieġ parametru deskrittiv addizzjonali għall-oġġett derivat mill-ħamrija, għandu jintuża l-attribut parameter (parametru) tat-tip ta' oġġett ġeografiku OM_Observation.

(3) Għal sett ta' dejta, għandha tintuża klassifikazzjoni ta' Tipi Oħra ta' Notazzjoni tal-Orizzonti waħda biss.

(4) Għal sett ta' dejta għandha tintuża klassifikazzjoni ta' Tipi Oħra ta' Ismijiet ta' Ħamrija waħda biss.

3.5. **Saffi**

Saffi għat-tema ta' dejta ġeografika Ħamrija

Isem is-Saff	Titlu tas-Saff	Tip ta' oġġett ġeografiku
SO.SoilBody	Ħamrija	SoilBody
SO.ObservedSoilProfile	Profili ta' Ħamrija Osservati	ObservedSoilProfile, SoilPlot
SO.SoilSite	Siti ta' Ħamrija	SoilSite
SO.<CodeListValue> ([1])	<isem li jista' jinqara mill-bniedem>	SoilDerivedObject (basePhenomenon: SoilDerivedObjectParameterNameValue)
Eżempju: SO. OrganicCarbonContent	Eżempju: Kontenut ta' Karbonju Organiku	
SO.<CodeListValue>Coverage ([2])	<isem li jista' jinqara mill-bniedem>	SoilThemeCoverage (soilThemeParameter / soilThemeParameterName: SoilDerivedObjectParameterNameValue)
Eżempju: SO. OrganicCarbonContentCoverage	Eżempju: Kopertura ta' Kontenut ta' Karbonju Organiku	

([1]) Saff wieħed għandu jkun disponibbli għal kull valur ta' lista ta' kodiċijiet, skont l-Artikolu 14(3).
([2]) Saff wieħed għandu jkun disponibbli għal kull valur ta' lista ta' kodiċijiet, skont l-Artikolu 14(3).

4. UŻU TAL-ART (LAND USE)

4.1. **Definizzjonijiet**

Minbarra d-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "użu eżistenti tal-art (existing land use)" tfisser rappreżentazzjoni oġġettiva tal-użu u tal-funzjonijiet ta' territorju kif kien u kif effettivament għadu fil-ħajja reali.

(2) "użu eżistenti tal-art f'forma ta' grilja (gridded existing land use)" tfisser rappreżentazzjoni oġġettiva bħala grilja ortorettifikata regolari (immaġni) tal-użu u tal-funzjonijiet ta' territorju kif kien u kif effettivament għadu fil-ħajja reali.

(3) "Sistema Ġerarkika ta' Klassifikazzjoni tal-Użi tal-Art tal-INSPIRE (Hierarchical INSPIRE Land Use Classification System) (HILUCS)" tfisser sistema ta' klassifikazzjoni b'għadd ta' livelli għalll-Użu tal-Art li l-użu tagħha huwa mandatorju fuq l-iktar livell xieraq.

▼M2

(4) “unità minima ta’ interess (minimum unit of interest)” tfisser l-iċken erja poligonali għall-oġġetti tal-użu tal-art li tqiesu fis-sett ta’ dejta.

(5) “użu ppjanat tal-art (planned land use)” tfisser pjanijiet ġeografiċi, iddefiniti minn awtoritajiet ta’ ppjanar ġeografiku, li juru l-użu possibbli tal-art fil-ġejjieni.

(6) “teħid ta’ kampjuni minn użu eżistenti tal-art (sampled existing land use)” tfisser rappreżentazzjoni oġġettiva tal-użu u tal-funzjonijiet ta’ territorju [kif kien u kif effettivament għadu] fil-ħajja reali kif ġie osservata f’lokalità fejn ittieħdu l-kampjuni.

(7) “tqassim f’żoni (zoning)” tfisser tqassim fejn jiġi rrappreżentat l-użu ppjanat tal-art, fejn id-drittijiet u l-projbizzjonijiet dwar kostruzzjonijiet ġodda li japplikaw fi ħdan kull element tat-tqassim isiru espliċiti.

4.2. **Struttura tat-Tema ta’ Dejta Ġeografika Użu tal-Art**

It-tipi speċifikati għat-tema ta’ dejta ġeografika Użu tal-Art huma strutturati fil-pakketti li ġejjin:

— Nomenklatura tal-Użu tal-Art

— Użu eżistenti tal-art (Existing land use)

— Użu eżistenti tal-art f’forma ta’ grilja (Gridded existing land use)

— Teħid ta’ kampjuni minn użu eżistenti tal-art (Sampled existing land use)

— Użu ppjanat tal-art (Planned land use)

4.3. **Nomenklatura tal-Użu tal-Art**

4.3.1. *Tipi ta’ dejta*

4.3.1.1. Perċentwal tal-HILUCS (HILUCSPercentage)

Perċentwal tal-oġġett tal-użu tal-art li huwa kopert minn din il-preżenza tal-HILUCS.

Attributi tat-tip ta’ dejta HILUCSPercentage

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
hilucsValue	Kategorija tal-HILUCS għal dan il-perċentwal tal-HILUCS.	HILUCSValue	
percentage	Perċentwal tal-oġġett tal-użu tal-art li huwa kopert minn din il-preżenza tal-HILUCS.	Integer	

4.3.1.2. Preżenza tal-HILUCS (HILUCSPresence)

Il-preżenza ta’ valur tal-HILUCS wieħed jew ta’ diversi valuri tal-HILUCS f’żona, indikata jew bħala l-perċentwal kopert għal kull valur jew bħala l-valuri elenkati skont kemm ikunu importanti.

Dan it-tip huwa tip ta’ unjoni.

Attributi tat-tip ta’ unjoni HILUCSPresence

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
orderedList	Lista ordnata tal-preżenza tal-valur tal-użu tal-art	HILUCSValue	
percentageList	Lista ta’ perċentwali tal-valuri tal-użu tal-art.	HILUCSPercentage	

▼M2

4.3.1.3. Perċentwal Speċifiku (SpecificPercentage)

Perċentwal ta' oġġett tal-użu tal-art li huwa kopert minn preżenza speċifika.

Attributi tat-tip ta' dejta SpecificPercentage

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
specificValue	Kategorija ta' valur speċifika għal dan il-perċentwal speċifiku.	LandUseClassificationValue	
percentage	Perċentwal ta' oġġett tal-użu tal-art li huwa kopert minn din il-preżenza speċifika.	Integer	

4.3.1.4. Preżenza Speċifika (SpecificPresence)

Il-preżenza ta' valur wieħed jew ta' diversi valuri tal-klassifikazzjoni tal-użi tal-art f'żona skont il-lista ta' kodiċijiet ipprovduta mill-fornitur tad-dejta, indikata jew bħala l-perċentwal kopert għal kull valur jew bħala l-valuri elenkati skont kemm ikunu importanti.

Dan it-tip huwa tip ta' unjoni.

Attributi tat-tip ta' unjoni SpecificPresence

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
orderedList	Lista ordnata ta' valuri tal-użu tal-art.	LandUseClassificationValue	
percentageList	Lista ta' perċentwali tal-valuri tal-użu tal-art.	SpecificPercentage	

4.3.2. *Listi ta' kodiċijiet*

4.3.2.1. HILUCS (HILUCSValue)

Lista ta' kategoriji tal-użu tal-art li għandhom jintużaw fl-Użu tal-Art tal-INSPIRE.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu l-valuri speċifikati fit-tabella ta' hawn taħt biss.

Din il-lista ta' kodiċijiet hija ġerarkika.

Valuri għal-lista ta' kodiċijiet HILUCSValue

Valur	Isem	Definizzjoni	Parent Value (Valur Prinċipali)
1_PrimaryProduction	produzzjoni primarja	Iż-żoni fejn l-industriji tal-manifattura jaggregaw, jippakkjaw, jippurifikaw jew jipproċessaw il-prodotti primarji qrib il-produtturi primarji huma inklużi, speċjalment jekk il-materja prima ma tkunx adattata għall-bejgħ jew ikun diffiċli li tiġi ttrasportata fuq distanzi twal.	

▼**M2**

Valur	Isem	Definizzjoni	Parent Value (Valur Prinċipali)
1_1_Agriculture	agrikoltura	Il-produzzjoni ta' wċuħ tar-raba' (pjanti, fungi, eċċ.) u ta' prodotti tal-annimali għall-ikel, għall-bejgħ, għall-konsum proprju jew għal finijiet industrijali. Tinkludi l-pjanti għall-bijokarburanti u t-tkabbir ta' wċuħ tar-raba' f'għelieqi fil-miftuħ kif ukoll f'serer. Anki l-art mhux maħduma ta' riżerva fit-tinwib tappartjeni lil din il-klassi. Il-preparazzjoni tal-prodotti għas-swieq primarji hija inkluża, il-kostruzzjoni tal-għelieqi (pereżempju, it-titriġ tal-art agrikola, l-iskular, il-preparazzjoni tal-għelieqi tar-ross, eċċ.) kif ukoll il-kura u l-manutenzjoni tal-pajsaġġi.	1_PrimaryProduction
1_1_1_CommercialAgriculturalProduction	produzzjoni agrikola kummerċjali	Raba', uċuħ tar-raba' permanenti u bwar li qed jintużaw għal finijiet agrikoli (kemm bwar miżrugħa kif ukoll bwar naturali). Il-prodotti jistgħu jintużaw għall-ikel tal-bniedem jew għall-għalf jew għall-produzzjoni bijoenerġetika.	1_1_Agriculture
1_1_2_FarmingInfrastructure	infrastruttura tal-biedja	Abitazzjonijiet tal-azjendi agrikoli, infrastruttura għat-trobbija tal-bhejjem (abitazzjonijiet għall-annimali u infrastruttura tal-ipproċessar marbuta mal-azjendi agrikoli), ħżin tad-demel u infrastruttura oħra tal-biedja (pereżempju, bini marbut mal-immaniġġjar u mal-ipproċessar tal-pjanti fl-azjendi agrikoli).	1_1_Agriculture
1_1_3_AgriculturalProductionForOwnConsumption	produzzjoni agrikola għal konsum proprju	Produzzjoni ta' pjanti jew ta' annimali għal konsum proprju (ġonna tal-kċina, barrakki privati tal-annimali, eċċ.)	1_1_Agriculture
1_2_Forestry	foresterija	Produzzjoni ta' njam tond u ta' prodotti primarji oħrajn ibbażati fuq l-injam. Minbarra l-produzzjoni tal-injam, l-attivitajiet tal-foresterija jirriżultaw fi prodotti li jkunu soġġetti għal ftit ipproċessar, bħal ħatab, faħam u njam tond użat f'forma mhux ipproċessata (pereżempju, riffieda tal-minjieri (pit-props), injam tajjeb għall-polpa mill-injam (pulpwood), eċċ.). L-imxietel tas-siġar tal-foresti, iż-żoni ta' ħażna u ta' trasport marbuta mal-qtugħ tas-siġar, mas-siġar u mal-pjanti għudin għall-bijokarburanti huma inklużi wkoll. Dawn l-attivitajiet jistgħu jitwettqu f'foresti naturali jew f'foresti mħawla.	1_PrimaryProduction

▼M2

Valur	Isem	Definizzjoni	Parent Value (Valur Prinċipali)
1_2_1_ForestryBasedOnShortRotation	foresterija bbażata fuq newba qasira	Żoni ta' foresterija fejn il-perjodu ta' newba ta' ġenerazzjoni ta' siġar huwa ta' 50 sena jew inqas, biex wara l-foresta tiġi rriġenerata b'mod naturali jew artifiċjali bi tħawwil jew bi żrigħ. Il-pjantaġġjuni tas-siġar (produzzjoni tal-injam tajjeb għall-polpa mill-injam) u l-injam użat għall-produzzjoni tal-bijomassa wkoll jappartjenu lil din il-klassi.	1_2_Forestry
1_2_2_ForestryBasedOnIntermediateOrLongRotation	foresterija bbażata fuq newba intermedja jew twila	Żoni ta' foresterija fejn il-perjodu tan-newba ta' ġenerazzjoni ta' siġar huwa ta' iktar minn 50 sena biex wara l-foresta tiġi rriġenerata b'mod naturali jew artifiċjali bi tħawwil jew bi żrigħ.	1_2_Forestry
1_2_3_ForestryBasedOnContinuousCover	foresterija bbażata fuq kopertura kontinwa	Żoni ta' foresterija fejn il-ġestjoni u r-riġenerazzjoni tal-foresta tkun ibbażata fuq tkabbir kontinwu ta' siġar.	1_2_Forestry
1_3_MiningAndQuarrying	tħaffir f'minjieri u f'barrieri	Tħaffir f'minjieri u f'barrieri fil-forma ta' estrazzjoni ta' minerali u ta' materjali naturali bħal solidi (faħam, minerali mhux maħduma (ores), żrar, ramel, melħ), likwidi (żejt mhux maħdum), gassijiet (gass naturali) jew bijomassa (pit). L-estrazzjoni tista' ssir b'metodi differenti bħal tħaffir f'minjieri jew estrazzjoni taħt l-art jew fis-superfiċje, operazzjonijiet fi bjar, eċċ.	1_PrimaryProduction
1_3_1_MiningOfEnergyProducingMaterials	tħaffir f'minjieri għal materjali li jipproduċu enerġija	Tħaffir f'minjieri u estrazzjoni ta' faħam, ta' linjite, ta' pit, ta' żejt mhux maħdum, ta' gass naturali, ta' uranju u ta' torju.	1_3_MiningAndQuarrying
1_3_2_MiningOfMetalOres	tħaffir f'minjieri għal minerali metalliċi mhux maħduma	Tħaffir f'minjieri għal ħadid u minerali metalliċi mhux maħduma mhux tal-ħadid oħrajn (ħlief l-uranju u t-torju).	1_3_MiningAndQuarrying
1_3_3_OtherMiningAndQuarrying	tħaffir ieħor f'minjieri u f'barrieri	Tħaffir f'barrieri għal ġebel, ramel, tafal, kimiċi, minerali fertilizzanti, il-produzzjoni tal-melħ u tħaffir ieħor f'minjieri u f'barrieri.	1_3_MiningAndQuarrying
1_4_AquacultureAndFishing	akkwakultura u sajd	Sajd u akkwakultura professjonali.	1_PrimaryProduction
1_4_1_Aquaculture	aquaculture	Imfaqas tal-ħut u siti ta' tkabbir ġestiti.	1_4_AquacultureAndFishing
1_4_2_ProfessionalFishing	sajf professjonali	Żoni tal-ilma użati għal sajd professjonali.	1_4_AquacultureAndFishing

▼**M2**

Valur	Isem	Definizzjoni	Parent Value (Valur Prinċipali)
1_5_OtherPrimaryProduction	produzzjoni primarja oħra	Kaċċa professjonali, ġbir ta' prodotti tal-foresterija li mhumiex injam u li jikbru fis-selvaġġ, trobbija ta' annimali migratorji u kwalunkwe produzzjoni primarja oħra li ma ġietx inkluża fil-valuri 1_1_Agriculture, 1_2_Forestry, 1_3_MiningAndQuarrying, 1_4_AquacultureAndFishing jew kwalunkwe wieħed mill-valuri idjaq tagħhom.	1_PrimaryProduction
1_5_1_Hunting	kaċċa	Kaċċa professjonali. Iż-żoni jistgħu jkunu magħluqa bi ċnut jew miftuħa.	1_5_OtherPrimaryProduction
1_5_2_ManagementOfMigratoryAnimals	ġestjoni ta' annimali migratorji	Iż-żamma u t-tmigħ ta' annimali migratorji bħal renni u ċriev.	1_5_OtherPrimaryProduction
1_5_3_PickingOfNaturalProducts	ġbir ta' prodotti naturali	Ġbir ta' prodotti naturali mhux ibbażati fuq l-injam bħal berries mhux ikkultivati, ħażiż, likeni, eċċ.) għal finijiet kummerċjali.	1_5_OtherPrimaryProduction
2_SecondaryProduction	produzzjoni sekondarja	Attivitajiet industrijali u ta' manifattura li jieħdu l-produzzjoni tas-settur primarju u jimmanifatturaw oġġetti lesti u prodotti intermedji għal negozji oħrajn. Tinkludi wkoll iż-żoni ta' ħażna u ta' trasport marbuta direttament mal-attivitajiet ta' manifattura. Il-fergħat tal-industriji koperti minn din il-klassi huma l-ipproċessar tal-ikel, it-tessuti, il-ġilda, l-injam u l-prodotti tal-injam, il-polpa, il-karti, il-pubblikazzjonijiet, l-istampar, l-irrekordjar, iż-żejt mhux maħdum u karburanti oħrajn, il-kimiċi, il-prodotti kimiċi, il-fibri magħmula mill-bniedem il-prodotti tal-lakstu u tal-plastik, il-prodotti minn minerali mhux metalliċi, il-prodotti tal-metalli bażiċi u tal-metall, il-prodotti tal-metall iffabrikat, il-makkinarju u t-tagħmir, it-tagħmir elettriku u ottiku, it-tagħmir tat-trasport, u l-għamara.	
2_1_RawIndustry	industrija prima (raw industry)	Attivitajiet industrijali li jittrasformaw il-produzzjoni tas-settur primarju fi prodotti primi manifatturati.	2_SecondaryProduction
2_1_1_ManufacturingOfTextileProducts	manifattura ta' prodotti tessili	Il-preparazzjoni u l-għażil tal-fibri tessili, tal-ħajt tal-ħjata, tal-insiġ tat-tessuti, tal- kunzatura u tal-irfinar tal-ġilda.	2_1_RawIndustry
2_1_2_ManufacturingOfWoodAndWoodBasedProducts	manifattura ta' njam u ta' prodotti bbażati fuq l-injam	Xogħol ta' serrar u ta' inċanar tal-injam, manifattura ta' fuljetti, ta' plajwud, ta'laming boards, ta' bords tal-fibra, ħidma ta' mastrudaxxi u xogħol fuq l-injam, prodotti tas-sufra, tat-tiben u tat-trizza.	2_1_RawIndustry

▼**M2**

Valur	Isem	Definizzjoni	Parent Value (Valur Prinċipali)
2_1_3_Manufacturing-OfPulpPaperAndPaper-Products	manifattura ta' prodotti tal-polpa tal-karti u tal-karti	Manifattura ta' polpa, ta' karta, ta' kartun, ta' oġġetti sanitarja bbażati fuq il-karti u ta' karta tal-ħajt.	2_1_RawInd-ustry
2_1_4_Manufacturing-OfCokeRefinedPetrole-umProductsAndNuclea-rFuel	manifattura ta' prodotti taż-żejt (petroleum) raffinat bil-kokk u karburant nukleari	Manifattura ta' kokk, ta' żejt (petro-leum) raffinat u pproċessar ta' karbu-rant nukleari.	2_1_RawInd-ustry
2_1_5_ManufacturingO-fChemicalsChemicalPro-ductsManMadeFibers	manifattura ta' kimiċi prodotti kimiċi fibri magħmula mill-bniedem	Manifattura ta' kimiċi bażiċi, ta' agro-kimiċi, ta' żebgħat, ta' prodotti farma-ċewtiċi, ta' sapun, ta' deterġenti, ta' kolol, ta' prodotti kimiċi oħrajn u ta' fibri magħmula mill-bniedem.	2_1_RawInd-ustry
2_1_6_Manufacturing-OfBasicMetalsAndFabr-icatedMetals	manifattura ta' metalli bażiċi u ta' metalli ffabbrikati	Manifattura, ipproċessar u kkastjar ta' ħadid, ta' azzar u ta' metalli bażiċi prezzjuži u mhux tal-ħadid. Hija tink-ludi wkoll il-manifattura ta' prodotti metalliċi.	2_1_RawInd-ustry
2_1_7_Manufacturing-OfNonMetallicMineral-Products	manifattura ta' prodotti minerali mhux metalliċi	Manifattura ta' ħġieġ, ta' brikks, ta' ċeramika, ta' konkrit, ta' siment, ta' ġir, ta' ġibs, il-qtugħ u t-tiswir tal-ġebel u ta' prodotti minerali mhux metalliċi oħrajn.	2_1_RawInd-ustry
2_1_8_ManufacturingO-fRubberPlasticProducts	manifattura ta' prodotti tal-lakstu tal-plastik	Manifattura ta' tajers, ta' tubi, ta' oġġetti għall-ippakkjar tal-plastik u ta' prodotti oħrajn tal-lakstu u tal-plastik.	2_1_RawInd-ustry
2_1_9_Manufacturing-OfOtherRawMaterials	manifattura ta' materja prima oħra	Produzzjoni ta' materja prima li ma ġiet inkluża fl-ebda valur idjaq ieħor ta' 2_1_RawIndustry.	2_1_RawInd-ustry
2_2_HeavyEndProduct-Industry	industrija ta' prodotti finali peżanti	Attivitajiet li jittrasformaw prodotti primi manifatturati fi prodotti manifat-turati peżanti.	2_Secondary-Production
2_2_1_Manufacturing-OfMachinery	manifattura ta' makkinarju	Manifattura ta' makkinarju ta' produz-zjoni, agrikolu, tal-foresterija u makki-narju ieħor (ħlief l-inġenji tal-ajru u l-vetturi), ta' armi, ta' munizzjoni u ta' tagħmir domestiku.	2_2_HeavyE-ndProductInd-ustry
2_2_2_Manufacturing-OfVehiclesAndTranspo-rtEquipment	manifattura ta' vetturi u ta' tagħmir tat-trasport	Manifattura ta' vetturi bil-mutur, ta' inġenji tal-ajru, ta' inġenji tal-ispazju, ta' vapuri, ta' dgħajjes, ta' tagħmir ferrovjarju u tat-tramm, ta' muturi, ta' roti u ta' tagħmir ieħor tat-trasport.	2_2_HeavyE-ndProductInd-ustry
2_2_3_Manufacturing-OfOtherHeavyEndProd-ucts	manifattura ta' prodotti finali peżanti oħrajn	Produzzjoni ta' prodotti finali peżanti oħrajn li ma ġew inklużi fl-ebda valur idjaq ieħor ta' 2_2_HeavyEndProductIndustry.	2_2_HeavyE-ndProductInd-ustry
2_3_LightEndProductI-ndustry	industrija ta' prodotti finali ħfief	Attivitajiet li jittrasformaw prodotti primi manifatturati fi prodotti manifat-turati ħfief.	2_Secondary-Production

▼M2

Valur	Isem	Definizzjoni	Parent Value (Valur Prinċipali)
2_3_1_Manufacturing-OfFoodBeveragesAndTobaccoProducts	manifattura ta' ikel xorb u prodotti tat-tabakk	Manifattura ta' laħam, ta' ħut, ta' frott u ħxejjex, ta' żjut u xaħmijiet jew ta' prodotti derivati, ta' prodotti tal-ħalib, ta' prodotti tal-imtieħen tal-qmuħ u tal-lamtu, ta' għalf ippreparat, ta' prodotti tal-ikel, ta' xorb u ta' prodotti tat-tabakk oħrajn.	2_3_LightEndProductIndustry
2_3_2_Manufacturing-OfClothesAndLeather	manifattura ta' lbies u ta' ġilda	Manifattura ta' ħwejjeġ li jintlibsu, ta' lbies tal-ġilda, ta' ħwejjeġ, ta' aċċessorji tiżbigħ ta' fer u manifattura ta' prodotti tal-fer, ta' bagalji, ta' basktijiet, ta' oġġetti tas-sarraġ u ta' xdud tas-saqajn.	2_3_LightEndProductIndustry
2_3_3_PublishingAndPrinting	pubblikazzjonijiet u stampar	Pubblikazzjoni u stampar ta' kotba, ta' gazzetti, ta' ġurnali u l-pubblikazzjoni u r-riproduzzjoni ta' reġistrazzjonijiet tal-awdjo.	2_3_LightEndProductIndustry
2_3_4_Manufacturing-OfElectricalAndOpticalEquipment	manifattura ta' tagħmir elettriku u ottiku	Manifattura ta' makkinarju tal-uffiċċji, ta' kompjuters, ta' muturi, ta' ġeneraturi, ta' apparat għad-distribuzzjoni u għall-kontroll tal-elettriku, ta' wajers u kejbils, ta' akkumulaturi, ta' batteriji, ta' lampi, ta' radjijiet, ta' settijiet tat-televiżjoni, ta' telefons, ta' valvs u ta' tubi elettroniċi, ta' strumenti mediċi, ta' preċiżjoni u ottiċi, ta' arloġġi tal-idejn u ta' tagħmir elettriku u ottiku ieħor.	2_3_LightEndProductIndustry
2_3_5_Manufacturing-OfOtherLightEndProducts	manifattura ta' prodotti finali ħfief oħrajn	Manifattura ta' għamara, ta' ġojjelli, ta' strumenti mużikali, ta' oġġetti għallisports, ta' logħbiet, ta' ġugarelli u ta' prodotti mixxellanji oħrajn.	2_3_LightEndProductIndustry
2_4_EnergyProduction	produzzjoni ta' enerġija	Produzzjoni ta' enerġija.	2_SecondaryProduction
2_4_1_NuclearBasedEnergyProduction	produzzjoni ta' enerġija bbażata fuq in-nukleari	Impjanti tal-enerġija nukleari.	2_4_EnergyProduction
2_4_2_FossilFuelBasedEnergyProduction	produzzjoni ta' enerġija bbażata fuq il-karburanti fossili	Impjanti tal-enerġija li jużaw karburanti fossili (faħam, żejt, gass naturali, pit u karburanti fossili oħrajn).	2_4_EnergyProduction
2_4_3_BiomassBasedEnergyProduction	produzzjoni ta' enerġija bbażata fuq il-bijomassa	Impjanti tal-enerġija ta' kombustjoni li jużaw karburanti bbażati fuq il-bijomassa (karburanti solidi u likwidi bbażati fuq l-injam u fuq pjanti oħrajn, bijogass u bijokarburanti oħrajn).	2_4_EnergyProduction
2_4_4_RenewableEnergyProduction	produzzjoni ta' enerġija rinnovabbli	Enerġija idro, solari, mir-riħ, termali (aero, ġeo u idro), mareali, mill-mewġ, eċċ. u enerġija rinnovabbli oħra (ħlief l-enerġija mill-bijomassa, li hija koperta mill-valur 2_4_3_BiomassBasedEnergyProduction).	2_4_EnergyProduction
2_5_OtherIndustry	industrija oħra	Produzzjoni ta' prodotti industrijali oħrajn li ma ġew inklużi fl-ebda valur idjaq ieħor ta' 2_SecondaryProduction.	2_SecondaryProduction

▼**M2**

Valur	Isem	Definizzjoni	Parent Value (Valur Prinċipali)
3_TertiaryProduction	produzzjoni terzjarja	Servizzi li huma prodotti għal negozji oħrajn u għall-konsumaturi, kemm servizzi privati kif ukoll pubbliċi. Hija tinkludi l-kummerċ bl-ingrossa u bl-imnut, is-servizzi ta' tiswija, il-lukandi u r-restoranti, is-servizzi finanzjarji, is-servizzi immobiljarji, is-servizzi ta' negozju, is-servizzi ta' kiri, l-amministrazzjoni pubblika, id-difiża u s-sigurtà soċjali, l-edukazzjoni, is-saħħa u l-ħidma soċjali u servizzi komunitarji, soċjali u personali oħrajn.	
3_1_CommercialServices	servizzi kummerċjali	Provvediment ta' servizzi kummerċjali.	3_TertiaryProduction
3_1_1_WholesaleAndRetailTradeAndRepairOfVehiclesAndPersonalAndHouseholdGoods	kummerċ bl-ingrossa u bl-imnut u tiswija ta' vetturi u ta' oġġetti personali u tad-dar	Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut ta' vetturi bil-mutur, ta' karburanti, ta' materja prima agrikola, ta' annimali ħajjin, ta' minerali mhux maħduma, ta' metalli, ta' kimiċi, ta' njam, ta' makkinarju, ta' vapuri, ta' għamara, ta' oġġetti tad-dar, ta' tessuti, ta' ikel, ta' xorb, ta' prodotti tat-tabakk, ta' prodotti farmaċewtiċi, ta' oġġetti użati, ta' prodotti oħrajn, ta' skart u ta' ruttam. Din il-klassi tinkludi wkoll it-tiswija ta' vetturi u ta' oġġetti personali u tad-dar.	3_1_CommercialServices
3_1_2_RealEstateServices	servizzi immobiljari	Provvediment ta' servizzi immobiljari u ta' kiri.	3_1_CommercialServices
3_1_3_AccomodationAndFoodServices	servizzi ta' akkomodazzjoni u tal-ikel	Servizzi ta' lukandi, ta' villaġġi għall-vaganzi, ta' siti ta' kampeġġ, ta' restoranti, ta' bars u ta' kantins.	3_1_CommercialServices
3_1_4_OtherCommercialServices	servizzi kummerċjali oħrajn	Servizzi kummerċjali oħrajn li ma ġew inklużi fl-ebda valur idjaq ieħor ta' 3_1_CommercialServices, bħal servizzi ta' sbuħija u ta' benesseri.	3_1_CommercialServices
3_2_FinancialProfessionalAndInformationServices	servizzi finanzjarji professjonali u ta' informazzjoni	Provvediment ta' servizzi finanzjarji, professjonali jew ta' informazzjoni.	3_TertiaryProduction
3_2_1_FinancialAndInsuranceServices	servizzi finanzjarji u assigurattivi	Provvediment ta' servizzi bankarji, kreditizji, assigurattivi u finanzjari oħrajn.	3_2_FinancialProfessionalAndInformationServices

▼**M2**

Valur	Isem	Definizzjoni	Parent Value (Valur Prinċipali)
3_2_2_ProfessionalTechnicalAndScientificServices	servizzi professjonali tekniċi u xjentifiċi	Servizzi ta' konsulenza fil-qasam tal-IT, ta' pproċessar ta' dejta, ta' riċerka u żvilupp, legali, ta' kontabbiltà, ta' ġestjoni ta' negozju, arkitettoniċi, tal-inġinerija, tar-reklamar, tal-ittestjar, investigattivi, ta' konsulenza, u professjonali oħrajn.	3_2_FinancialProfessionalAndInformationServices
3_2_3_InformationAndCommunicationServices	servizzi ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni	Servizzi ta' pubblikazzjoni, ta' reġistrazzjonijiet tal-awdjo, ta' programmi televiżivi, ta' films, ta' xandir radjofoniku, postali u ta' telekomunikazzjoni, ta' kompjuters u ta' pproċessar ta' dejta.	3_2_FinancialProfessionalAndInformationServices
3_2_4_AdministrativeAndSupportServices	servizzi amministrattivi u ta' appoġġ	Servizzi ta' aġenziji tal-ivvjaġġar, ta' kiri, ta' tindif, ta' sigurtà u servizzi amministrattivi u ta' appoġġ oħrajn.	3_2_FinancialProfessionalAndInformationServices
3_2_5_OtherFinancialProfessionalAndInformationServices	servizzi finanzjarji professjonali u ta' informazzjoni oħrajn	Servizzi finanzjarji, professjonali u ta' informazzjoni oħrajn li ma ġew inklużi fl-ebda valur idjaq ieħor ta' 3_2_FinancialProfessionalAndInformationServices.	3_2_FinancialProfessionalAndInformationServices
3_3_CommunityServices	servizzi komunitarji	Provvediment ta' servizzi għall-komunità.	3_TertiaryProduction
3_3_1_PublicAdministrationDefenceAndSocialSecurityServices	servizzi tal-amministrazzjoni pubblika tad-difiża u tas-sigurtà soċjali	Provvediment ta' servizzi ġeneriċi amminstrattivi, tad-difiża, tal-ġustizzja, tas-sigurtà pubblika, tat-tifi tan-nar u tas-servizzi soċjali obbligatorji.	3_3_CommunityServices
3_3_2_EducationalServices	servizzi edukattivi	Provvediment ta' servizzi ta' edukazzjoni primarja, sekondarja, ogħla, għall-adulti u ta' servizzi edukattivi oħrajn.	3_3_CommunityServices
3_3_3_HealthAndSocialServices	servizzi tas-saħħa u soċjali	Provvediment ta' servizzi tas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u tal-ħidma soċjali.	3_3_CommunityServices
3_3_4_ReligiousServices	servizzi reliġjużi	Provvediment ta' servizzi reliġjużi.	3_3_CommunityServices
3_3_5_OtherCommunityServices	servizzi komunitarji oħrajn	Servizzi komunitarji oħrajn, pereżempju ċimiterji.	3_3_CommunityServices
3_4_CulturalEntertainmentAndRecreationalServices	servizzi kulturali ta' divertiment u rikreattivi	Provvediment ta' servizzi kulturali, ta' divertiment u rikreattivi.	3_TertiaryProduction
3_4_1_CulturalServices	servizzi kulturali	Provvediment ta' servizzi artistiċi, ta' libreriji, ta' mużewijiet, ta' żuwijiet, ta' ġonna botaniċi, ta' siti storiċi, u servizzi kulturali oħrajn.	3_4_CulturalEntertainmentAndRecreationalServices

▼**M2**

Valur	Isem	Definizzjoni	Parent Value (Valur Prinċipali)
3_4_2_EntertainmentServices	servizzi ta’ divertiment	Parks ta’ divertiment, parks tematiċi, attivitajiet ta’ mħatri u ta’ logħob tal-ażżard u servizzi oħrajn ta’ divertiment.	3_4_CulturalEntertainmentAndRecreationalServices
3_4_3_SportsInfrastructure	infrastruttura sportiva	Infrastruttura sportiva, bħal grawnds, swali sportivi, pixxini, faċilitajiet għas-saħħa tal-ġisem, ċentri tal-iskijjar, korsijiet tal-golf u infrastruttura sportiva oħra.	3_4_CulturalEntertainmentAndRecreationalServices
3_4_4_OpenAirRecreationalAreas	żoni rikreattivi fil-miftuħ	Żoni rikreattivi fil-miftuħ, pereżempju parks urbani, grawnds tal-logħob, parks nazzjonali u żoni naturali użati għal finijiet rikreattivi.	3_4_CulturalEntertainmentAndRecreationalServices
3_4_5_OtherRecreationalServices	servizzi rikreattivi oħrajn	Servizzi rikreattivi oħrajn li ma ġew inklużi fl-ebda valur idjaq ieħor ta’ 3_4_CulturalEntertainmentAndRecreationalServices.	3_4_CulturalEntertainmentAndRecreationalServices
3_5_OtherServices	servizzi oħrajn	Provvediment ta' servizzi oħrajn li ma ġew inklużi fl-ebda valur idjaq ieħor ta’ 3_TertiaryProduction.	3_TertiaryProduction
4_TransportNetworksLogisticsAndUtilities	netwerks ta’ trasport loġistika u utilitajiet	Infrastruttura u netwerks bażiċi tas-soċjetà. Is-setturi l-oħra kollha jużaw l-infrastruttura u n-netwerks sabiex jipproduċu l-oġġetti u s-servizzi u huma wkoll vitali għaż-żoni residenzjali. Dawn jinkludu l-provvista tal-ilma, il-ġbir, it-trattament u r-riċiklaġġ tad-drenaġġ u tal-iskart, it-trasport, in-netwerks, il-ħżin u l-komunikazzjoni.	
4_1_TransportNetworks	netwerks ta’ trasport	Infrastruttura relatata mat-trasport.	4_TransportNetworksLogisticsAndUtilities
4_1_1_RoadTransport	trasport bit-triq	Żoni użati għat-trasport bit-triq, pereżempju toroq, parkeġġi, pompi tal-petrol.	4_1_TransportNetworks
4_1_2_RailwayTransport	trasport ferrovjarju	Żoni għat-trasport ferrovjarju, pereżempju linji ferrovjarji, stazzjonijiet u deposti ferrovjarji eċċ.	4_1_TransportNetworks
4_1_3_AirTransport	trasport bl-ajru	Żoni użati għat-trasport bl-ajru, pereżempju ajurporti u servizzi relatati.	4_1_TransportNetworks
4_1_4_WaterTransport	trasport bl-ilma	Żoni użati għat-trasport bl-ilma, pereżempju portijiet, xmajjar, baċini u servizzi relatati.	4_1_TransportNetworks

▼**M2**

Valur	Isem	Definizzjoni	Parent Value (Valur Prinċipali)
4_1_5_OtherTransportNetwork	netwerk ta' trasport ieħor	Żoni użati għal trasport ieħor li ma ġew inklużi fl-ebda valur idjaq ieħor ta' 4_1_TransportNetworks.	4_1_TransportNetworks
4_2_LogisticalAndStorageServices	servizzi loġistiċi u ta' ħżin	Żoni użati għal servizzi ta' ħżin u għal servizzi loġistiċi separati (mhux marbuta direttament mal-industriji).	4_TransportNetworksLogisticsAndUtilities
4_3_Utilities	utilitajiet	Infrastruttura relatata mal-utilitajiet	4_TransportNetworksLogisticsAndUtilities
4_3_1_ElectricityGasAndThermalPowerDistributionServices	servizzi ta' distribuzzjoni tal-elettriku tal-gass u tal-enerġija termali	Żoni użati għad-distribuzzjoni tal-elettriku, tal-gass u tal-enerġija termali, inklużi l-pipelines użati għat-trasport taż-żejt u tal-gass.	4_3_Utilities
4_3_2_WaterAndSewageInfrastructure	infrastruttura tal-ilma u tad-dranġġ	Żoni użati għall-estrazzjoni, għall-ġbir, għall-purifikazzjoni, għall-ħżin u għad-distribuzzjoni tal-ilma, għall-ġbir u għat-trattament tad-drenaġġ (inklużi l-katusi)	4_3_Utilities
4_3_3_WasteTreatment	trattament tal-iskart	Żoni użati gall-ġbir, għat-trattament u għar-riċiklaġġ tal-iskart.	4_3_Utilities
4_3_4_OtherUtilities	utilitajiet oħrajn	Żoni użati għal utilitajiet oħrajn li ma ġew inklużi fl-ebda valur idjaq ieħor ta' 4_3_Utilities.	4_3_Utilities
5_ResidentialUse	użu residenzjali	Żoni użati prinċipalment għall-akkomodazzjoni tan-nies. Il-forom ta' akkomodazzjoni jvarajw b'mod sinfikanti bejn, u fiż-żoni residenzjali. Dawn iż-żoni jinkludu akkomodazzjoni għal familja waħda, żoni residenzjali għal iktar minn familja waħda jew djar mobbli fi bliet, f'muniċipalitajiet u f'distretti rurali jekk ma jkunux konnessi mal-produzzjoni primarja. L-użu residenzjali jippermetti użu ta' art b'densità għolja u użi b'densità baxxa. Din il-klassi tinkludi wkoll żoni residenzjali mħallta ma' użi mhux kunfliġġenti oħrajn u żoni residenzjali oħrajn.	
5_1_PermanentResidentialUse	użu residenzjali permanenti	Żoni residenzjali ddominati minn djar li ma jmissux ma bini ieħor (detached) imdawra b'ġonna u/jew bi btieħi, taħlita ta' djar singoli, djar li jmissu ma' bini fuq naħa waħda biss (semi-detached), djar f'ringiela ta' djar (terraced), djar tal-ibliet, djar f'ringieli, u blokok ta' appartamenti użati bħala residenza permanenti.	5_ResidentialUse

▼**M2**

Valur	Isem	Definizzjoni	Parent Value (Valur Prinċipali)
5_2_ResidentialUseWithOtherCompatibleUses	użu residenzjali b'użi kompatibbli oħrajn	Żoni residenzjali mħallta ma' użi mhux kunfliġġenti oħrajn (pereżempju, servizzi differenti, industriji ħfief, eċċ.)	5_Residential-Use
5_3_OtherResidentialUse	użu residenzjali ieħor	Żoni użati prinċiplament għal abitazzjonijiet temporanji (kampjiet ta' persuni migranti), residenzi għall-vaganzi (dwejriet għall-villeġġjatura fis-sajf), eċċ.	5_Residential-Use
6_OtherUses	użi oħrajn	Żoni mhux inklużi fil-valuri 1_PrimaryProduction, 2_SecondaryProduction 3_TertiaryProduction 4_TransportNetworksLogisticsAndUtilities, 5_ResidentialUse jew fi kwalunkwe valur idjaq tagħhom, jew żoni taħt kostruzzjoni.	
6_1_TransitionalAreas	żoni tranżitorji	Żoni taħt kostruzzjoni. Din il-klassi tintuża biss għal użu eżistenti tal-art u mhux għal użu ppjanat tal-art.	6_OtherUses
6_2_AbandonedAreas	żoni abbandunati	Żoni agrikoli, residenzjali u industrijali, tat-trasport u tal-infrastruttura bażika abbandunati. Iż-żona tappartjeni lill-klassi tal-abbandunati jekk ma tkunx qed tintuża u ma tistax tintuża iktar għall-iskop oriġinali tagħha mingħajr xogħol estiż ta' tiswija jew ta' rinnovazzjoni.	6_OtherUses
6_3_NaturalAreasNotInOtherEconomicUse	żoni naturali mingħajr użu ekonomiku ieħor	Żoni li qegħdin fl-istat naturali tagħhom u li ma għandhomx użu ekonomiku ieħor.	6_OtherUses
6_3_1_LandAreasNotInOtherEconomicUse	żoni tal-art mingħajr użu ekonomiku ieħor	Żoni li qegħdin fl-istat naturali tagħhom, pereżempju bosk, moxa (shrubland), bur, art mistgħadra, art għerja, li ma għandhom l-ebda użu soċjoekonomiku ieħor. Dan jinkludi ż-żoni bi status ta' ppjanar ta' "żona naturali". Iż-żoni protetti jistgħu jappartjenu lil din il-klassi jew, jekk jekk ikunu preżenti użi oħrajn, anki lil klassijiet oħrajn. Iż-żoni protetti dejjem jiġu ttikkettati bi status skont regolament supplimentari "żona protetta".	6_3_Natural-AreasNotInOtherEconomicUse
6_3_2_WaterAreasNotInOtherEconomicUse	żoni tal-ilma mingħajr użu ekonomiku ieħor	Żoni tal-ilma li ma għandhom l-ebda użu soċjoekonomiku ieħor.	6_3_Natural-AreasNotInOtherEconomicUse
6_4_AreasWhereAnyUseAllowed	żoni fejn jiġi permess kwalunkwe użu	Żoni fejn jiġi permess kwalunkwe użu fl-Użu Ppjanat tal-Art (PLU).	6_OtherUses

▼M2

Valur	Isem	Definizzjoni	Parent Value (Valur Prinċipali)
6_5_AreasWithoutAny-SpecifiedPlannedUse	żoni bla ebda użu ppjanat speċifikat	Żoni fejn ma ġie speċifikat l-ebda użu fl-Użu Ppjanat tal-Art (PLU), pere-żempju, żoni li jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-pjan.	6_OtherUses
6_6_NotKnownUse	użu mhux magħruf	Żoni fejn l-użu tal-art mhuwiex magħruf.	6_OtherUses

4.3.2.2. Klassifikazzjoni tal-Użi tal-Art (LandUseClassificationValue)

Lista ta' kategoriji ta' użi tal-art li għandhom jintużaw fl-Użu tal-Art tal-INSPIRE u li ntlaħaq ftehim dwarhom fuq livell nazzjonali jew lokali.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu kwalunkwe valur iddefinit mill-forniturituri tad-dejta.

4.4. **Użu Eżistenti tal-Art**

4.4.1. *Tipi ta' oġġetti ġeografiċi*

Il-Pakkett użu eżistenti tal-art fih it-tipi ta' oġġetti ġeografiċi li ġejjin:

— Sett ta' Dejta tal-Użu Eżistenti tal-Art (Existing Land Use Data Set)

— Oġġett tal-Użu Eżistenti tal-Art (Existing Land Use Object)

4.4.1.1. Sett ta' Dejta tal-Użu Eżistenti tal-Art (ExistingLandUseDataSet)

Sett ta' dejta tal-użu eżistenti tal-art huwa ġabra ta' żoni li għaliha tiġi pprovduta informazzjoni dwar użi eżistenti (fil-preżent jew fl-imgħoddi) tal-art.

Attributi tat-tip ta' oġġett ġeografiku ExistingLandUseDataSet

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
inspireId	Identifikatur ta' oġġett estern tal-oġġett ġeografiku.	Identifier	
extent	Limitu tal-unjoni ġeometrika tal-istanzi kollha tat-tip ta' oġġett ġeografiku typeExistingLandUseObject.	GM_MultiSurface	
name	Isem li jista' jinqara mill-bniedem tas-sett ta' dejta.	CharacterString	
beginLifespanVersion	Id-data u l-ħin li fihom din il-verżjoni tal-oġġett ġeografiku ddaħħlet jew tbiddlet fis-sett ta' dejta ġeografika.	DateTime	voidable
endLifespanVersion	Id-data u l-ħin li fihom din il-verżjoni tal-oġġett ġeografiku ġiet sostitwita jew irtirata fis-sett ta' dejta ġeografika.	DateTime	voidable
validFrom	Il-ħin meta s-sett ta' dejta tal-użu eżis-tenti tal-art beda jeżisti fid-dinja reali.	DateTime	voidable

▼M2

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
validTo	Il-ħin minn meta dan is-sett ta' dejta tal-użu eżistenti tal-art ma jibqax jeżisti fid-dinja reali.	DateTime	voidable

Rwoli ta' assoċjazzjoni tat-tip ta' oġġett ġeografiku ExistingLandUseDataSet

Rwol ta' assoċjazzjoni	Definizzjoni	Tip	Voidability
member	Referenza għal-LandUseObjects li jappartjenu lil dan l-ExistingLandUseDataSet	ExistingLandUseObject	

4.4.1.2. Oġġett tal-Użu Eżistenti tal-Art (ExistingLandUseObject)

Oġġett tal-użu eżistenti tal-art jiddeskrivi l-użu tal-art ta' żona li jkollha kombinazzjoni omoġenja ta' tipi ta' użi tal-art.

Attributi tat-tip ta' oġġett ġeografiku ExistingLandUseObject

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
inspireId	Identifikatur ta' oġġett estern tal-oġġett ġeografiku.	Identifier	
geometry	Rappreżentazzjoni ġeometrika taż-żona ġeografika koperta minn dan l-oġġett.	GM_MultiSurface	
beginLifespanVersion	Id-data u l-ħin li fihom din il-verżjoni tal-oġġett ġeografiku ddaħħlet jew tbiddlet fis-sett ta' dejta ġeografika.	DateTime	voidable
hilucsPresence	Il-preżenza effettiva ta' kategorija ta' użi tal-art skont l-HILUCS fi ħdan l-oġġett.	HILUCSPresence	voidable
hilucsLandUse	Klassijiet ta' użi tal-art tal- HILUCS li jkunu preżenti f'dan l-oġġett tal-użu eżistenti tal-art.	HILUCSValue	
specificLandUse	Kategorija ta' Użi tal-Art skont in-nomenklatura speċifika għal dan is-sett ta' dejta.	LandUseClassificationValue	voidable
specificPresence	Il-preżenza effettiva ta' kategorija ta' użi tal-art fi ħdan l-oġġett.	SpecificPresence	voidable
observationDate	Id-data tal-osservazzjoni assoċjata mad-deskrizzjoni.	Date	voidable
endLifespanVersion	Id-data u l-ħin li fihom din il-verżjoni tal-oġġett ġeografiku ġiet sostitwita jew irtirata fis-sett ta' dejta ġeografika.	DateTime	voidable
validFrom	Il-ħin meta l-fenomenu beda jeżisti fid-dinja reali.	DateTime	voidable

▼M2

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
validTo	Il-ħin minn meta l-fenomenu ma jibqax jeżisti iktar fid-dinja reali.	DateTime	voidable

Rwoli ta' assoċjazzjoni tat-tip ta' oġġett ġeografiku ExistingLandUseObject

Rwol ta' assoċjazzjoni	Definizzjoni	Tip	Voidability
dataSet	Sett ta' dejta tal-użu eżistenti tal-art li dan l-oġġett tal-użu tal-art jappartjeni lilu.	ExistingLandUseDataSet	

4.5. **Użu tal-Art f'Forma ta' Grilja**

4.5.1. *Tipi ta' oġġetti ġeografiċi*

Il-pakkett użu tal-art f'forma ta' grilja fih it-tip ta' oġġett ġeografiku Grilja tal-Użu Eżistenti tal-Art (Existing Land Use Grid).

4.5.1.1. Grilja tal-Użu Eżistenti tal-Art (ExistingLandUseGrid)

Grilja tal-użu eżistenti tal-art hija ġabra ta' pixels li għaliha tiġi pprovduta informazzjoni dwar l-użu eżistenti (fil-preżent jew fl-imgħoddi) tal-art. Is-sistema tal-HILUCS għandha tintuża għall-klassifikazzjoni.

Dan it-tip huwa subtip ta' RectifiedGridCoverage.

Attributi tat-tip ta' oġġett ġeografiku ExistingLandUseGrid

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
name	Isem li jista' jinqara mill-bniedem tas-sett ta' dejta.	CharacterString	
inspireId	Identifikatur ta' oġġett estern tal-oġġett ġeografiku.	Identifier	
extent	Fiha l-firxa tas-sett ta' dejta.	EX_Extent	
beginLifespanVersion	Id-data u l-ħin li fihom din il-verżjoni tal-oġġett ġeografiku ddaħħlet jew tbiddlet fis-sett ta' dejta ġeografika.	DateTime	voidable
endLifespanVersion	Id-data u l-ħin li fihom din il-verżjoni tal-oġġett ġeografiku ġiet sostitwita jew irtirata fis-sett ta' dejta ġeografika.	DateTime	voidable
validFrom	L-ewwel data meta din il-grilja tkun rappreżentazzjoni valida tar-realtà.	DateTime	voidable
validTo	Il-ħin minn meta l-grilja ma tibqax iktar rappreżentazzjoni valida tar-realtà.	DateTime	voidable

▼M2

Limitazzjonijiet tat-tip ta' oġġett ġeografiku ExistingLandUse-Grid

Il-valuri rangeSet values għandhom ikunu tat-tip CategoryOrNil-Reason.

Il-medda hija bbażata jew fuq l-HILUCS jew fuq sistema ta' klassifikazzjoni tal-użi tal-art speċifika ddefinita mill-fornitur tad-dejta.

4.6. **Użu tal-Art li Ttieħdu Kampjuni Minnu**

4.6.1. *Tipi ta' oġġetti ġeografiċi*

Il-pakkett użu tal-art li ttieħdu kampjuni minnu fih it-tipi ta' oġġetti ġeografiċi li ġejjin:

— Kampjun tal-Użu Eżistenti tal-Art (Existing Land Use Sample)

— Sett ta' Dejta tal-Użu Eżistenti tal-Art li Ttieħdu Kampjuni Minnu (Sampled Existing Land Use Data Set)

4.6.1.1. Kampjun tal-Użu Eżistenti tal-Art (ExistingLandUseSample)

Deskrizzjoni tal-użu eżistenti tal-art li jkun preżenti fil-post speċifiku.

Attributi tat-tip ta' oġġett ġeografiku ExistingLandUseSample

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
inspireId	Identifikatur ta' oġġett estern tal-oġġett ġeografiku.	Identifier	
location	Il-post fejn jittieħed il-kampjun tal-użu tal-art.	GM_Point	
beginLifespanVersion	Id-data u l-ħin li fihom din il-verżjoni tal-oġġett ġeografiku ddaħħlet jew tbiddlet fis-sett ta' dejta ġeografika.	DateTime	voidable
hilucsLandUse	Klassijiet ta' użi tal-art tal-HILUCS li huma preżenti f'dan il-kampjun tal-użu eżistenti tal-art.	HILUCSValue	
hilucsPresence	Il-preżenza effettiva ta' kategorija ta' użi tal-art skont l-HILUCS fi ħdan l-oġġett.	HILUCSPresence	voidable
specificLandUse	Kategorija ta' Użi tal-Art skont in-nomenklatura speċifika għal dan is-sett ta' dejta.	LandUseClassificatio-nValue	voidable
observationDate	Id-data tal-osservazzjoni assoċjata mad-deskrizzjoni.	Date	voidable
specificPresence	Il-preżenza effettiva ta' kategorija ta' użi tal-art fi ħdan l-oġġett.	SpecificPresence	voidable
endLifespanVersion	Id-data u l-ħin li fihom din il-verżjoni tal-oġġett ġeografiku ġiet sostitwita jew irtirata fis-sett ta' dejta ġeografika.	DateTime	voidable
validFrom	Il-ħin meta l-fenomenu beda jeżisti fid-dinja reali.	DateTime	voidable

▼M2

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
validTo	Il-ħin minn meta l-fenomenu ma jibqax jeżisti iktar fid-dinja reali.	DateTime	voidable

Rwoli ta' assoċjazzjoni tat-tip ta' oġġett ġeografiku ExistingLandUseSample

Rwol ta' assoċjazzjoni	Definizzjoni	Tip	Voidability
dataset	Is-sett ta' dejta li lilu jappartjeni dan il-kampjun.	SampledExistingLandUseDataSet	

4.6.1.2. Sett ta' Dejta tal-Użu Eżistenti tal-Art li Minnu Ttieħdu Kampjuni (SampledExistingLandUseDataSet)

Sett ta' dejta tal-użu eżistenti tal-art li minnu ttieħdu kampjuni huwa ġabra ta' postijiet li għaliha tiġi pprovduta informazzjoni dwar użi eżistenti (fil-preżent jew fl-imgħoddi) tal-art.

Attributi tat-tip ta' oġġett ġeografiku SampledExistingLandUseDataSet

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
inspireId	Identifikatur ta' oġġett estern tal-oġġett ġeografiku.	Identifier	
extent	Il-qafas (hull) konvess tal-istanzi kollha tat-tip ta' oġġett ġeografiku ExistingLandUseSample.	GM_MultiSurface	
name	Isem li jista' jinqara mill-bniedem tas-sett ta' dejta.	CharacterString	
beginLifespanVersion	Id-data u l-ħin li fihom din il-verżjoni tal-oġġett ġeografiku ddaħħlet jew tbiddlet fis-sett ta' dejta ġeografika.	DateTime	voidable
endLifespanVersion	Id-data u l-ħin li fihom din il-verżjoni tal-oġġett ġeografiku ġiet sostitwita jew irtirata fis-sett ta' dejta ġeografika.	DateTime	voidable
validFrom	L-ewwel data meta dan is-sett ta' dejta jkun validu fir-realtà.	DateTime	voidable
validTo	Il-ħin minn meta s-sett ta' dejta ma jibqax jeżisti iktar fid-dinja reali.	DateTime	voidable

Rwoli ta' assoċjazzjoni tat-tip ta' oġġett ġeografiku SampledExistingLandUseDataSet

Rwol ta' assoċjazzjoni	Definizzjoni	Tip	Voidability
member	Referenza għall-membri tas-sett ta' dejta tal-użu eżistenti tal-art li minnu ttieħdu kampjuni.	ExistingLandUseSample	

▼M2

4.7. **Użu Ppjanat tal-Art**

4.7.1. *Tipi ta' oġġetti ġeografiċi*

Il-pakkett użu ppjanat tal-art fih it-tipi ta' oġġetti ġeografiċi li ġejjin:

— Dokumentazzjoni Uffiċjali (Official Documentation)

— Pjan Ġeografiku (Spatial Plan)

— Regolament Supplimentari (Supplementary Regulation)

— Element ta' Tqassim f'Żoni (Zoning Element)

4.7.1.1. Dokumentazzjoni Uffiċjali (OfficialDocumentation)

Id-dokumentazzjoni uffiċjali li tikkomponi l-pjan ġeografiku; hija tista' tkun komposta mil-leġiżlazzjoni, mir-regolamenti, mill-elementi kartografiċi u mill-elementi deskrittivi applikabbli li jistgħu jkunu assoċjati mal-pjan ġeografiku komplut, minn element ta' tqassim f'żoni jew minn regolament supplimentari. F'uħud mill-Istati Membri, ir-regolament testwali effettiv se jkun parti mis-sett ta' dejta (u jista' jitqiegħed fl-attribut regulationText), fi Stati Membri oħrajn it-test mhux se jkun parti mis-sett ta' dejta u se ssir referenza għalih permezz ta' referenza għal dokument jew għal att legali. Għandu jiġi pprovdut mill-inqas wieħed mit-tliet valuri voidable.

Attributi tat-tip ta' oġġett ġeografiku OfficialDocumentation

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
inspireId	Identifikatur ta' oġġett estern tal-oġġett ġeografiku.	Identifier	
legislationCitation	Referenza għad-dokument li fih it-test tar-regolament.	LegislationCitation	voidable
regulationText	It-test tar-regolament.	CharacterString	voidable
planDocument	Ċitazzjoni ta' pjanijiet u ta' tpinġijiet strutturali skennjati, li jistgħu jkunu ġeoreferenzjati jew le.	DocumentCitation	voidable

Limitazzjonijiet tat-tip ta' oġġett ġeografiku OfficialDocumentation

Mill-inqas wieħed mill-attributi legislationCitation, regulationText jew planDocument għandu jkun ippopolat b'valur mhux null (non-void).

4.7.1.2. Pjan Ġeografiku (SpatialPlan)

Sett ta' dokumenti li jindika direzzjoni strateġika għall-iżvilupp ta' żona ġeografika partikolari, jiddikjara l-politiki, il-prijoritajiet, il-programmi u l-allokazzjonijiet tal-art li se jimplimentaw id-direzzjoni strateġika u jinfluwenza d-distribuzzjoni ta' persuni u ta' attivitajiet fi spazji ta' diveri skali. Pjanijiet ġeografiċi jistgħu jiġu żviluppati għal ippjanar urban, ippjanar reġjonali, ippjanar ambjentali, ippjanar tal-pajsaġġi, pjanijiet ġeografiċi nazzjonali, jew ippjanar ġeografiku fuq il-livell tal-Unjoni.

Attributi tat-tip ta' oġġett ġeografiku SpatialPlan

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
inspireId	Identifikatur ta' oġġett estern tal-oġġett ġeografiku.	Identifier	

▼M2

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
extent	Unjoni ġeometrika tal-istanzi kollha tal-oġġett ġeografiku typesZoningElement u SupplementaryRegulation. Meta SpatialPlan tkun komposta biss minn dokument, l-attribut extent huwa l-limitu tal-immaġni kartografika li jkun fiha l-informazzjoni dwar l-użu tal-art (jiġifieri, il-firxa tal-mappa tal-użu tal-art).	GM_MultiSurface	
beginLifespanVersion	Id-data u l-ħin li fihom din il-verżjoni tal-oġġett ġeografiku ddaħħlet jew tbiddlet fis-sett ta' dejta ġeografika.	DateTime	voidable
officialTitle	It-Titlu uffiċjali tal-pjan ġeografiku.	CharacterString	
levelOfSpatialPlan	Il-livell tal-unitajiet amministrattivi koperti mill-pjan.	LevelOfSpatialPlanValue	
endLifespanVersion	Id-data u l-ħin li fihom din il-verżjoni tal-oġġett ġeografiku ġiet sostitwita jew irtirata fis-sett ta' dejta ġeografika.	DateTime	voidable
validFrom	L-ewwel data meta dan il-pjan ġeografiku jkun validu fir-realtà.	DateTime	voidable
validTo	Il-ħin minn meta l-pjan ġeografiku ma jibqax iktar validu fid-dinja reali.	DateTime	voidable
alternativeTitle	Titlu alternattiv (mhux uffiċjali) tal-pjan ġeografiku.	CharacterString	voidable
planTypeName	L-isem tat-tip ta' pjan li l-Istat Membru jkun ta lill-pjan.	PlanTypeNameValue	
processStepGeneral	Indikazzjoni ġenerali tal-fażi tal-proċess tal-ippjanar li għaddej minnu l-pjan.	ProcessStepGeneralValue	voidable
backgroundMap	Identifikazzjoni tal-mappa tal-isfond li ntużat għall-kostruzzjoni ta' dan il-pjan.	BackgroundMapValue	voidable
ordinance	Referenza għall-ordinanza amministrattiva rilevanti.	OrdinanceValue	voidable

Rwoli ta' assoċjazzjoni tat-tip ta' oġġett ġeografiku SpatialPlan

Rwol ta' assoċjazzjoni	Definizzjoni	Tip	Voidability
officialDocument	Link mad-dokumenti uffiċjali li jkunu relatati mal-pjan ġeografiku.	OfficialDocumentation	voidable
member	Referenza għaż-ZoningElements li jappartjenu lil din is-SpatialPlan	ZoningElement	

▼M2

Rwol ta' assoċjazzjoni	Definizzjoni	Tip	Voidability
restriction	Links ma' regolamenti supplimentari li jipprovdu informazzjoni u/jew limitazzjonijiet dwar l-użu tal-art/ilma li jissupplimentaw it-tqassim f'żoni bħala parti mill-pjan ġeografiku.	SupplementaryRegulation	

4.7.1.3. Regolament Supplimentari (SupplementaryRegulation)

Oġġett ġeografiku (punt, linja jew poligonu) ta' pjan ġeografiku li jipprovdi informazzjoni u/jew limitazzjoni supplimentari dwar l-użu tal-art/ilma meħtieġa għal raġunijiet ta' ppjanar ġeografiku jew sabiex jiġu fformalizzati r-regoli esterni ddefiniti fit-test legali.

Attributi tat-tip ta' oġġett ġeografiku SupplementaryRegulation

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
inspireId	Identifikatur ta' oġġett estern tal-oġġett ġeografiku.	Identifier	
geometry	Il-ġeometrija tal-biċċa art li għaliha japplika r-regolament supplimentari.	GM_Object	
validFrom	L-ewwel data meta din il-verżjoni ta' dan ir-regolament supplimentari tkun valida fir-realtà.	DateTime	voidable
validTo	Id-data minn meta r-regolament supplimentari ma jibqax iktar validu.	DateTime	voidable
regulationNature	In-natura legali tar-regolament dwar l-użu tal-art.	RegulationNatureValue	
specificSupplementaryRegulation	Referenza għal kategorija ta' regolamenti supplimentari pprovduta f'nomenklatura speċifika ta' regolamenti supplimentari pprovduta mill-fornitur tad-dejta.	SpecificSupplementaryRegulationValue	voidable
supplementaryRegulation	Il-kodiċi tar-regolament supplimentari mil-lista ta' kodiċijiet ġerarkika tar-regolamenti supplimentari miftiehma fuq il-livell Ewropew.	SupplementaryRegulationValue	
beginLifespanVersion	Id-data u l-ħin li fihom din il-verżjoni tal-oġġett ġeografiku ddaħħlet jew tbiddlet fis-sett ta' dejta ġeografika.	DateTime	voidable
endLifespanVersion	Id-data u l-ħin li fihom din il-verżjoni tal-oġġett ġeografiku ġiet sostitwita jew irtirata fis-sett ta' dejta ġeografika.	DateTime	voidable
processStepGeneral	Indikazzjoni ġenerali tal-fażi tal-proċess tal-ippjanar li għaddej minnha r-regolament supplimentari.	ProcessStepGeneralValue	voidable

▼M2

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
backgroundMap	Identifikazzjoni tal-mappa tal-isfond li ntużat għall-kostruzzjoni tar-regolament supplimentari.	BackgroundMapValue	voidable
dimensioningIndication	Speċifikazzjonijiet dwar id-dimensjonar li jiġu miżjuda mad-dimensjonar tal-elementi ta' tqassim f'żoni li jissovrapponu l-ġeometrija tar-regolament supplimentari.	DimensioningIndicationValue	voidable
inheritedFromOtherPlans	Indikazzjoni dwar jekk ir-regolament supplimentari ntwiritx minn pjan ġeografiku ieħor.	Boolean	voidable
specificRegulationNature	In-natura legali tar-regolament dwar l-użu tal-art minn perspettiva nazzjonali.	CharacterString	voidable
name	L-isem uffiċjali tar-regolament supplimentari.	CharacterString	voidable

Rwoli ta' assoċjazzjoni tat-tip ta' oġġett ġeografiku SupplementaryRegulation

Rwol ta' assoċjazzjoni	Definizzjoni	Tip	Voidability
officialDocument	Link mar-regolamenti testwali li jikkorrispondu għal dan ir-regolament supplimentari.	OfficialDocumentation	voidable
plan	Link mal-pjan li dan ir-regolament supplimentari jagħmel parti minnu.	SpatialPlan	

4.7.1.4. Element ta' Tqassim f'Żoni (ZoningElement)

Oġġett ġeografiku li huwa omoġenju fir-rigward tal-użi permessi tal-art ibbażati fuq tqassim f'żoni li jissepara sett ta' użi tal-art wieħed mill-ieħor.

Attributi tat-tip ta' oġġett ġeografiku ZoningElement

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
inspireId	Identifikatur ta' oġġett estern tal-oġġett ġeografiku.	Identifier	
geometry	Il-ġeometrija ta' dan l-element ta' tqassim f'żoni.	GM_MultiSurface	
validFrom	Id-data meta l-fenomenu beda jeżisti fid-dinja reali.	DateTime	voidable
validTo	Il-ħin minn meta l-fenomenu ma jibqax jeżisti iktar fid-dinja reali.	DateTime	voidable
hilucsLandUse	Klassi ta' użi tal-art li hija dominanti f'dan l-oġġett tal-użu tal-art.	HILUCSValue	
beginLifespanVersion	Id-data u l-ħin li fihom din il-verżjoni tal-oġġett ġeografiku ddaħħlet jew tbiddlet fis-sett ta' dejta ġeografika.	DateTime	voidable

▼M2

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
hilucsPresence	Il-preżenza effettiva ta' kategorija ta' użi tal-art fi ħdan l-oġġett.	HILUCSPresence	voidable
specificLandUse	Kategorija ta' Użi tal-Art skont in-nomenklatura speċifika għal dan is-sett ta' dejta.	LandUseClassificationValue	voidable
specificPresence	Il-preżenza effettiva ta' kategorija ta' użi tal-art fi ħdan l-oġġett.	SpecificPresence	voidable
regulationNature	In-natura legali tal-indikazzjoni tal-użu tal-art.	RegulationNatureValue	
endLifespanVersion	Id-data u l-ħin li fihom din il-verżjoni tal-oġġett ġeografiku ġiet sostitwita jew irtirata fis-sett ta' dejta ġeografika.	DateTime	voidable
processStepGeneral	Indikazzjoni ġenerali tal-fażi tal-proċess ta' ppjanar li għaddej minnha l-element ta' tqassim f'żoni.	ProcessStepGeneralValue	voidable
backgroundMap	Identifikazzjoni tal-mappa tal-isfond li ntużat għall-kostruzzjoni ta' dan l-element ta' tqassim f'żoni.	BackgroundMapValue	voidable
dimensioningIndication	Speċifikazzjonijiet dwar id-dimensjonar tal-iżviluppi urbani.	DimensioningIndicationValue	voidable

Rwoli ta' assoċjazzjoni tat-tip ta' oġġett ġeografiku ZoningElement

Rwol ta' assoċjazzjoni	Definizzjoni	Tip	Voidability
plan	SpatialPlan li dan iż-ZoningElement jappartjeni lilu.	SpatialPlan	
officialDocument	Regolament Testwali li jagħmel parti minn dan l-element ta' tqassim f'żoni.	OfficialDocumentation	voidable

4.7.2. *Tipi ta' dejta*

4.7.2.1. Mappa tal-Isfond (BackgroundMapValue)

Informazzjoni dwar il-mappa li ntużat bħala sfond fid-definizzjoni ta' pjan ġeografiku, ta' element ta' tqassim f'żoni jew ta' regolament supplimentari.

Attributi tat-tip ta' dejta BackgroundMapValue

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
backgroundMapDate	Id-data tal-mappa tal-isfond użata.	DateTime	
backgroundMapReference	Referenza għall-mappa tal-isfond li ntużat.	CharacterString	
backgroudMapURI	URI li jirreferi għal servizz li jipprovdi mapep tal-isfond.	URI	voidable

▼M2

4.7.2.2. Indikazzjoni ta’ Dimensjonar b’Karattri bħala Valuri (DimensioningIndicationCharacterValue)

Indikazzjoni ta’ dimensjonar li l-valur tagħha huwa tat-tip CharacterString.

Dan it-tip huwa subtip ta’ DimensioningIndicationValue.

Attributi tat-tip ta’ dejta DimensioningIndicationCharacterValue

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
value	Il-valur tal-indikazzjonijiet tad-dimensjonijiet.	CharacterString	

4.7.2.3. Indikazzjoni ta’ Dimensjonar b’Intiġers bħala Valuri (DimensioningIndicationIntegerValue)

Indikazzjoni ta’ dimensjonar li l-valur tagħha huwa tat-tip intiġer.

Dan it-tip huwa subtip ta’ DimensioningIndicationValue.

Attributi tat-tip ta’ dejta DimensioningIndicationIntegerValue

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
value	Il-valur tal-indikazzjonijiet tad-dimensjonijiet.	Integer	

4.7.2.4. Indikazzjoni ta’ Dimensjonar b’Kejl bħala Valuri (DimensioningIndicationMeasureValue)

Indikazzjoni ta’ dimensjonar li l-valur tagħha huwa kejl (measure).

Dan it-tip huwa subtip ta’ DimensioningIndicationValue.

Attributi tat-tip ta’ dejta DimensioningIndicationMeasureValue

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
value	Il-valur tal-indikazzjonijiet tad-dimensjonijiet.	Measure	

4.7.2.5. Indikazzjoni ta’ Dimensjonar b’Valuri Reali (DimensioningIndicationRealValue)

Indikazzjoni ta’ dimensjonar li l-valur tagħha huwa numru ta’ punt mobbli (floating point number).

Dan it-tip huwa subtip ta’ DimensioningIndicationValue.

Attributi tat-tip ta’ dejta DimensioningIndicationRealValue

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
value	Il-valur tal-indikazzjonijiet tad-dimensjonijiet.	Real	

▼M2

4.7.2.6. Indikazzjoni ta’ Dimensjonar (DimensioningIndicationValue)

Speċifikazzjonijiet dwar id-dimensjonar tal-iżviluppi urbani.

Attributi tat-tip ta’ dejta DimensioningIndicationValue

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
indicationReference	Deskrizzjoni tal-indikazzjoni tad-dimensjoni.	CharacterString	

4.7.2.7. Ordinanza (OrdinanceValue)

Referenza għal ordinanza amministrattiva. Ordinanza hija regolament/regola li tiġi adottata minn awtorità li jkollha mandat legali biex toħroġ tali ordinanza.

Attributi tat-tip ta’ dejta OrdinanceValue

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
ordinanceDate	Id-data tal-ordinanza amministrattiva rilevanti.	DateTime	
ordinanceReference	Referenza għall-ordinanza amministrattiva rilevanti.	CharacterString	

4.7.3. *Listi ta’ kodiċijiet*

4.7.3.1. Livell Ta’ Pjan Ġeografiku (LevelOfSpatialPlanValue)

Il-ġerarkija territorjali ta’ pjan.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta’ kodiċijiet jinkludu l-valuri speċifikati fit-tabella ta’ hawn taħt biss.

Valuri għal-lista ta’ kodiċijiet LevelOfSpatialPlanValue

Valur	Isem	Definizzjoni
infraLocal	infralokali	Pjan li jkopri biss parti minn muniċipalità.
local	local	Pjan fuq il-livell muniċipali, li jikkorrispondi għal-livell inferjuri ta’ amministrazzjoni ekwivalenti għal LAU2 kif ġie stabbilit fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).
supraLocal	supralokali	Pjan li jirrigwarda diversi muniċipalitajiet (kompletament jew parzjalment).
infraRegional	infrareġjonali	Pjan li jissovrapponi diversi unitajiet infraamministrattivi f’reġjun amministrattiv wieħed.
regional	regional	Pjan fuq il-livell reġjonali (ekwivalenti għan-NUTS2 tan-nomenklatura tal-unitajiet statistiċi tal-EUROSTAT kif ġiet stabbilita fir-Regolament (KE) Nru 1059/2003).
supraRegional	suprareġjonali	Pjan li jissovrapponi diversi reġjuni amministrattivi.
national	national	Pjan fuq il-livell tal-Istati Membri.
other	ieħor	Livell ieħor ta’ pjan ġeografiku.

([1]) ĠU L 154, 21.6.2003, p. 1.

▼M2

4.7.3.2. Ġenerali ta’ Faża ta’ Proċess (ProcessStepGeneralValue)

Indikazzjoni ġenerali tal-faża fil-proċess ta’ ppjanar li l-pjan ikun għaddej minnu.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta’ kodiċijiet jinkludu l-valuri speċifikati fit-tabella ta’ hawn taħt biss.

Valuri għal-lista ta’ kodiċijiet ProcessStepGeneralValue

Valur	Isem	Definizzjoni
adoption	fil-proċess ta' adozzjoni	Pjan fil-proċess li jiġi adottat legalment.
elaboration	taħt elaborazzjoni	Pjan taħt elaborazzjoni.
legalForce	legalment vinkolanti jew attiv	Pjan diġà adottat li jkun legalment vinkolanti jew attiv.
obsolete	ma għadux validu	Pjan li ġie sostitwit minn pjan ieħor, jew li ma għadux iktar fis-seħħ.

4.7.3.3. Natura ta’ Regolament (RegulationNatureValue)

In-natura legali tal-indikazzjoni tal-użu tal-art.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta’ kodiċijiet jinkludu l-valuri speċifikati fit-tabella ta’ hawn taħt biss.

Valuri għal-lista ta’ kodiċijiet RegulationNatureValue

Valur	Isem	Definizzjoni
bindingForDevelopers	vinkolanti għall-iżviluppaturi	L-indikazzjoni tal-użu tal-art hija vinkolanti biss għall-entità inkarigata mill-iżvilupp ta’ żona.
bindingOnlyForAuthorities	vinkolanti biss għall-awtoritajiet	L-indikazzjoni tal-użu tal-art hija vinkolanti biss għal ċerti awtoritajiet.
generallyBinding	vinkolanti b'mod ġenerali	L-indikazzjoni tal-użu tal-art hija vinkolanti għal kulħadd.
nonBinding	mhux vinkolanti	L-indikazzjoni tal-użu tal-art mhijiex vinkolanti.
definedInLegislation	iddefinit fil-leġiżlazzjoni	L-indikazzjoni tal-użu tal-art hija ddefinita mil-leġiżlazzjoni.

4.7.3.4. Isem ta’ Tip ta’ Pjan (PlanTypeNameValue)

Tipi ta' pjanijiet kif iddefiniti fl-Istati Membri. Il-valuri permessi għal din il-lista ta’ kodiċijiet jinkludu kwalunkwe valur iddefinit mill-forniturituri tad-dejta.

4.7.3.5. Regolament Supplimentari Speċifiku (SpecificSupplementaryRegulationValue)

Kategorija ta’ regolamenti supplimentari pprovduta f’nomenklatura speċifika ta’ regolamenti supplimentari pprovduta mill-fornitur tad-dejta.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta’ kodiċijiet jinkludu kwalunkwe valur iddefinit mill-forniturituri tad-dejta.

▼M2

4.7.3.6. Regolament Supplimentari (SupplementaryRegulationValue)

Tipi ta' kundizzjonijiet u ta' limitazzjonijiet fil-pjanijiet ġeografiċi.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu kwalunkwe valur iddefinit mill-fornituri tad-dejta.

Il-fornituri tad-dejta jistgħu jużaw il-valuri speċifikati fid-dokument ta' Gwida Teknika tal-INSPIRE dwar Użu tal-Art.

4.8. **Rekwiżiti speċifiċi għat-tema**

(1) Kwalunkwe sett ta' dejta tal-Użu tal-Art għandu jassenja lil kull poligonu, lil kull pixel jew li kull lokalità tip ta' użu tal-art mis-Sistema Ġerarkika ta' Klassifikazzjoni tal-Użi tal-Art tal-INSPIRE (HILUCS) fuq l-iktar livell xieraq u dettaljat tal-ġerarkija.

(2) It-tip ta' oġġett ġeografiku CoverageByDomainAndRange għandu jkun biss tas-subtipi ta' GridCoverage.

(3) Fejn żona tkun ġiet stabbilita sabiex tirregola użu ppjanat tal-art u tkun ġiet iddefinita fi ħdan pjan ġeografiku legalment vinkolanti, hija taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tat-tema Użu tal-Art u għandha tiġi kkodifikata bħala SupplementaryRegulation. Madankollu, jekk iż-żona tkun ġiet stabbilita permezz ta' rekwiżit leġiżlattiv imma ma tkunx ġiet iddefinita fi ħdan pjan ġeografiku legalment vinkolanti, allura hija għandha tiġi kkodifikata bħala ManagementRestrictionOrRegulationZone.

(4) Abbażi tas-sistema ta' referenza ta' koordinati orizzontali tal-INSPIRE, kull Stat Membru għandu jiddefinixxi projezzjoni jew sett ta' projezzjonijiet adattata għal ħidma bil-meded katastali sottostanti fuq it-territorju nazzjonali u ż-żoni transkonfinali, fejn dan ikun applikabbli għal SpatialPlan. Projezzjoni tkun adattata jekk hija toffri ftit alterazzjonijiet lineari (idealment inqas minn 50 cm għal kull 500 m) u b'hekk tagħti l-possibbiltà li l-utenti jkunu jistgħu jkejlu distanzi u superfiċji b'mod sinifikanti. Din il-projezzjoni jew dan is-sett ta' projezzjonijiet għandha tiġi ddefinita bi qbil mal-pajjiżi ġirien. Din il-projezzjoni jew dan is-sett ta' projezzjonijiet għandha tiġi ddokumentata sew sabiex tkun tista' ssir il-konverżjoni minn u għas-Sistema ta' Referenza ta' Koordinati komuni. Id-dokumentazzjoni għandha tiġi pprovduta skont l-ISO 19111, li jiddikjara kif sistema ta' referenza ta' koordinati projettata għandha tiġi deskritta.

(5) L-użu tal-element komuni tal-metadejta "Riżoluzzjoni Ġeografika (Spatial Resolution)" (skont it-Taqsima 6.2 tal-Parti B tal-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1205/2008) għandu jiġi ristrett għall-Provvediment ta' distanza ta' riżoluzzjoni.

(6) Il-fornituri tad-dejta għandhom jinkudu l-kelmiet ewlenin li ġejjin minbarra l-kelmiet ewlenin mandatorji ddefiniti fir-Regolament (KE) Nru 1205/2008/KE:

(a) Waħda mill-kelmiet ewlenin newtrali f'dak li għandu x'jaqsam mal-lingwa li ġejjin sabiex jiġi deskritt it-tip ta' sett ta' dejta tal-użu tal-art: ExistingLandUse, SampledExistingLandUse, GriddedExistingLandUse, PlannedLandUse.

(b) Jekk is-sett ta' dejta fih oġġetti SpatialPlan, kelma ewlenija waħda li tiddeskrivi l-livell tal-unitajiet amministrattivi koperti mill-pjan, kif ġie ddefinit fil-lista ta' kodiċijiet LevelOfSpatialPlan.

▼M2

4.9. **Saffi**

Saffi għat-tema ta' dejta ġeografika Użu tal-Art

Isem is-Saff	Titlu tas-Saff	Tip ta' oġġett ġeografiku
LU.ExistingLandUse	Oġġetti tal-Użu Eżistenti tal-Art skont is-Sistema Ġerarkika ta' Klassifikazzjoni tal-Użi tal-Art tal-INSPIRE fuq l-iktar livell xieraq.	ExistingLandUseObject
LU.SpatialPlan	Il-firxa ta' pjan ġeografiku	SpatialPlan
LU.ZoningElement	Oġġetti ta' Tqassim f'Żoni tal-ippjanar ġeografiku skont is-Sistema Ġerarkika ta' Klassifikazzjoni tal-Użi tal-Art tal-INSPIRE fuq l-iktar livell xieraq.	ZoningElement
LU.SupplementaryRegulation	Regolamenti li jissupplimentaw it-tqassim f'żoni u li jaffettwaw l-użu tal-art.	SupplementaryRegulation

5. IS-SAĦĦA U S-SIGURTÀ [SIKUREZZA] TAL-BNIEDEM (HUMAN HEALTH AND SAFETY)

5.1. **Tipi ta' oġġetti ġeografiċi**

It-tipi ta' oġġetti ġeografiċi li ġejjin ġew speċifikati għat-tema ta' dejta ġeografika Saħħa u Sikurezza tal-Bniedem:

— Dejta Statistika dwar is-Saħħa (Health Statistical Data)

— Biomarker

— Marda (Disease)

— Statistika dwar is-Saħħa Ġenerali (General Health Statistic)

— Statistika dwar is-Servizzi tas-Saħħa (Health Services Statistic)

— Kejl ta' Determinant tas-Saħħa Ambjentali (Environmental Health Determinant Measure)

— Dejta Statistika dwar Determinanti tas-Saħħa Ambjentali (Environmental Health Determinant Statistical Data)

5.1.1. *Dejta Statistika dwar is-Saħħa (HealthStatisticalData)*

Dejta relatata mas-saħħa tal-bniedem, minn mard u problemi tas-saħħa relatati rreġistrati (skont listi ta' kodiċijiet aċċettati fuq livell internazzjonali, bħall-ICD-10), espressa bħala morbożità u mortalità, għal dejta dwar l-istatus ta' saħħa ġenerali (BMI, saħħa pperċepita mill-pazjent stess, eċċ.), dejta dwar is-servizzi tal-kura tas-saħħa (nefqa għall-kura tas-saħħa, każijiet ta' jum, eċċ.) u dejta dwar bijomarkaturi; dawn huma indiċijiet statistiċi aggregati f'unitajiet statistiċi differenti, miġbura/irrapportati fi gruppi ta' popolazzjoni differenti. L-inklużjoni ta' dejta dwar il-bijomonitoraġġ tal-bniedem tipprovdi opportunità sabiex jiġu esplorati konnessjonijiet potenzjali diretti jew indiretti bejn is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent.

Dan it-tip huwa astratt.

▼M2

Rwoli ta' assoċjazzjoni tat-tip ta' oġġett ġeografiku HealthStatisticalData

Rwol ta' assoċjazzjoni	Definizzjoni	Tip	Voidability
aggregationUnit	Unità statistika li tirreferi għaliha d-dejta statistika dwar is-saħħa.	StatisticalUnit	

5.1.2. *Bijomarkatur (Biomarker)*

Bijomarkatur (ta' espożizzjoni) huwa l-konċentrazzjoni ta' kimika, tal-metabolit tagħha jew tal-prodott ta' interazzjoni bejn kimika u xi molekula jew ċellula fil-mira li titkejjel f'kompartiment f'organiżmu.

Dan it-tip huwa subtip ta' HealthStatisticalData.

Attributi tat-tip ta' oġġett ġeografiku Biomarker

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
biomarkerName	Huwa l-identifikatur uniku għal bijomarkatur, li jipprovdi informazzjoni dwar il-kimika li qed tiġi ddeterminata u l-matriċi li fiha ġiet iddeterminata l-kimika.	BiomarkerType	
biomarkerStatisticalParameter	Is-sommarju statistiku ta' studju dwar il-bijomonitoraġġ tal-bniedem, li jirrappreżenta l-iktar karatteristiċi statistiċi importanti ta' bijomarkatur imkejjel f'dak l-istudju partikolari.	BiomarkerStatisticalParameterType	
referencePeriod	Il-perjodu ta' żmien li d-dejta tiġi riferita għalih.	ReferencePeriodType	
ageRange	Intervall ta' età ta' subpopolazzjoni speċifika espress bħala l-età tal-bidu u intervall, it-tnejn li huma alternattivament espressi fi snin, xhur jew ġimgħat.	AgeRangeType	
gender	Il-ġeneru tal-popolazzjoni kkunsidrata.	GenderValue	

Rwoli ta' assoċjazzjoni tat-tip ta' oġġett ġeografiku Biomarker

Rwol ta' assoċjazzjoni	Definizzjoni	Tip	Voidability
refersTo	Dejta ta' bijomarkatur deskritta permezz ta' metadejta	BiomarkerThematicMetadata	

5.1.3. *Marda (Disease)*

Informazzjoni statistika relatata ma' patoloġiji marbuta direttament jew indirettament mal-kwalità tal-ambjent.

Dan it-tip huwa subtip ta' HealthStatisticalData.

▼M2

Attributi tat-tip ta' oġġett ġeografiku Disease

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
ageRange	Intervall ta' età ta' subpopolazzjoni speċifika espress bħala l-età tal-bidu u intervall, it-tnejn li huma alternattivament espressi fi snin, xhur jew ġimgħat.	AgeRangeType	voidable
diseaseMeasure	Modi differenti kif tista' tiġi rrapportata d-dejta dwar il-mard u l-problema ta' saħħa relatati f'popolazzjoni.	DiseaseMeasure	
gender	Il-ġeneru tal-popolazzjoni kkunsidrata.	GenderValue	voidable
referencePeriod	Il-perjodu ta' żmien li d-dejta tiġi riferita għalih.	ReferencePeriodType	
pathology	Tip ta' patoloġija.	ICDValue	
COD	Dejta dwar il-kawżi tal-mewt (COD – causes of death) li tipprovdi informazzjoni dwar ix-xejriet tal-mortalità u tifforma element prinċipali tal-informazzjoni dwar is-saħħa pubblika.	CODValue	

Limitazzjonijiet tat-tip ta' oġġett ġeografiku Disease

L-attribut COD għandu jingħata biss jekk l-attribut diseaseMeasure-Type tad-disease Measure jassumi valur li jirrappreżenta mortalità.

Għall-inqas wieħed mill-attributi pathology u COD ma għandux ikun vojt.

5.1.4. *Statistika dwar is-Saħħa Ġenerali (GeneralHealthStatistics)*

Numri dwar xi aspetti tas-saħħa relatati ma' popolazzjoni jew ma' żona. Għall-finijiet ta' dan il-mudell ta' dejta, id-dejta dwar is-"saħħa ġenerali" tinkludi kwistjonijiet bħal saħħa kif ipperċepita mill-pazjent, distribuzzjoni demografika ta' diversi problemi tas-saħħa, persuni li jpejpu, eċċ. espressi bħala numri mhux ittrattati (raw numbers), rati, perċentwali, stratifikati skont il-ġeneru, l-età u/jew fatturi soċjoekonomiċi, kulturali, etniċi jew ta' xorta oħra.

Dan it-tip huwa subtip ta' HealthStatisticalData.

Attributi tat-tip ta' oġġett ġeografiku GeneralHealthStatistics

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
ageRange	Intervall ta' età ta' subpopolazzjoni speċifika espress bħala l-età tal-bidu u intervall, it-tnejn li huma alternattivament espressi fi snin, xhur jew ġimgħat.	AgeRangeType	voidable
gender	Il-ġeneru tal-popolazzjoni kkunsidrata.	GenderValue	voidable
generalHealthName	Indikatur tal-istatus tas-saħħa.	GeneralHealthTypeValue	

▼M2

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
generalHealthValue	Espressjoni numerika ta' indiċi/indikatur tas-saħħa.	Real	
referencePeriod	Il-perjodu ta' żmien li d-dejta tiġi riferita għalih.	ReferencePeriodType	

5.1.5. *Statistika dwar is-Servizzi tas-Saħħa (HealthServicesStatistic)*

Dejta statistika dwar il-Kura/is-Servizzi tas-Saħħa fuq livell ta' NUTS 1 u ta' NUTS 2 u fuq livell ta' muniċipalità.

Dan it-tip huwa subtip ta' HealthStatisticalData.

Attributi tat-tip ta' oġġett ġeografiku HealthServicesStatistic

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
healthServiceType	It-tip ta' servizzi tas-saħħa.	HealthServicesTypeValue	
healthServiceValue	In-numru tat-tip ikkunsidrat.	Real	
referencePeriod	Il-perjodu ta' żmien li d-dejta tiġi riferita għalih.	ReferencePeriodType	

5.1.6. *Kejl ta' Determinant tas-Saħħa Ambjentali (EnvHealthDeterminantMeasure)*

Kejl mhux ittrattat imwettaq f'xi post li huwa ta' interess għal analiżi ta' determinanti tas-saħħa tal-bniedem.

Attributi tat-tip ta' oġġett ġeografiku EnvHealthDeterminantMeasure

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
location	Il-post tal-kejl.	GM_Object	
type	It-tip ta' determinant tas-saħħa tal-bniedem.	EnvHealthDeterminantTypeValue	
measureTime	Il-perjodu ta' żmien meta sar il-kejl.	TM_Period	
beginLifespanVersion	Id-data u l-ħin li fihom din il-verżjoni tal-oġġett ġeografiku ddaħħlet jew tbiddlet fis-sett ta' dejta ġeografika.	DateTime	voidable
endLifespanVersion	Id-data u l-ħin li fihom din il-verżjoni tal-oġġett ġeografiku ġiet sostitwita jew irtirata fis-sett ta' dejta ġeografika.	DateTime	voidable
validFrom	Iż-żmien meta l-informazzjoni se tibda tintuża.	DateTime	voidable
validTo	Iż-żmien meta l-informazzjoni se tieqaf tintuża.	DateTime	voidable

▼M2

5.1.7. *Dejta Statistika dwar Determinanti tas-Saħħa Ambjentali (EnvHealthDeterminantStatisticalData)*

Dejta statistika ta' interess għal analiżi ta' determinanti tas-saħħa tal-bniedem, li tirriżulta mill-aggregazzjoni ta' kejl mhux ittrattat li jkun qiegħed fi ħdan unità statistika.

Dan it-tip huwa subtip ta' HealthStatisticalData.

Attributi tat-tip ta' oġġett ġeografiku EnvHealthDeterminantStatisticalData

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
statisticalMethod	It-tip ta' metodu statistiku użat għall-aggregazzjoni tad-dejta tal-kejl mhux ittrattat dwar l-unità statistika.	StatisticalAggregationMethodValue	
type	It-tip ta' determinant tas-saħħa tal-bniedem.	EnvHealthDeterminantTypeValue	

Rwoli ta' assoċjazzjoni tat-tip ta' oġġett ġeografiku EnvHealthDeterminantStatisticalData

Rwol ta' assoċjazzjoni	Definizzjoni	Tip	Voidability
measure	Il-kejl.	Measure	

5.2. **Tipi ta' dejta**

5.2.1. *Età (Age)*

L-età tal-persuni tista' tiġi espressa b'diversi modi (pereżempju, snin għall-adulti, xhur jew ġimgħat għat-trabi).

Dan it-tip huwa tip ta' unjoni.

Attributi tat-tip ta' unjoni Age

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
month	Perjodu ta' żmien.	Integer	
week	Perjodu ta' żmien.	Integer	
year	Perjodu ta' żmien.	Integer	

5.2.2. *Medda ta' Etajiet (AgeRangeType)*

Intervall ta' età ta' subpopolazzjoni speċifika espress bħala l-età tal-bidu u intervall, it-tnejn li huma alternattivament espressi fi snin, xhur jew ġimgħat.

Attributi tat-tip ta' dejta AgeRangeType

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
startAge	Il-bidu ta' intervall ta' età.	Age	
range	It-tul ta' intervall ta' età.	Age	

▼M2

5.2.3. *Parametru Statistiku ta' Bijomarkatur (BiomarkerStatisticalParameterType)*

Sett ta' karatteristiċi statistiċi ta' bijomarkatur imkejjel għal bijomarkatur speċifiku wieħed.

Attributi tat-tip ta' dejta BiomarkerStatisticalParameterType

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
geometricMean	Il-medja ġeometrika.	Measure	
CI95ofGM	Intervall ta' kunfidenza ta' 95 % tal-medja ġeometrika.	Measure	
P50	Il-50 Perċentil jew valur medjan. Il-valur li taħtu jistgħu jinstabu 50 fil-mija tal-osservazzjonijiet.	Measure	
P90	Id-90 perċentil. Il-valur li taħtu jistgħu jinstabu 90 fil-mija tal-osservazzjonijiet	Measure	
P95	Il-95 perċentil. Il-valur li taħtu jistgħu jinstabu 95 fil-mija tal-osservazzjonijiet	Measure	
CI95ofP95	Intervall ta' kunfidenza ta' 95 % tal-95 perċentil.	Measure	
maximum	L-ogħla valur tal-bijomarkatur iddeterminat f'parteċipant individwali fl-istħarriġ ta' bijomonitoraġġ	Measure	
pinLOD	Il-proporzjon ta' individwi b'livelli irrilevabbli ta' parametru ttestjat (taħt il-limitu ta' detezzjoni).	Real	
dimensions	Il-parti tad-dinja li l-biċċa datum tirreferi għaliha. Id-dimensjonijiet jinkludu deskrizzjoni tal-lokalità ġeografika (dimensjoni 2D) flimkien ma' dimensjonijiet addizzjonali possibbli meta l-għedud tal-popolazzjoni jiġu prodotti b'mod simultanju għal karatteristiċi individwali differenti.	Dimensions	

Limitazzjonijiet tat-tip ta' dejta StatisticalValue

Għandu jiġi pprovdut jew l-attribut value jew l-attribut specialValue.

10.2.4. *Dimensjonijiet (Dimensions)*

L-identifikazzjon ta' għal xiex qed tirreferi l-biċċa datum f'termini ta' lokalità ġeografika jew ta' karatteristiċi individwali.

Rwoli ta' assoċjazzjoni tat-tip ta' dejta Dimensions

Rwol ta' assoċjazzjoni	Definizzjoni	Tip	Voidability
spatial	Id-dimensjoni ġeografika tal-valur statistiku.	StatisticalUnit	
thematic	Id-dimensjonijiet tematiċi tal-valur statistiku.	ClassificationItem	

10.3. **Listi ta' kodiċijiet**

10.3.1. *Tip ta' Klassifikazzjoni (ClassificationTypeValue)*

Valuri ta' kodiċijiet għal tipi ta' klassifikazzjoni.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu kwalunkwe valur iddefinit mill-fornituri tad-dejta.

Il-fornituri tad-dejta jistgħu jużaw il-valuri speċifikati fid-dokument ta' Gwida Teknika tal-INSPIRE dwar Distribuzzjoni tal-Popolazzjoni.

10.3.2. *Tip ta' Oġġett ta' Klassifikazzjoni (ClassificationItemTypeValue)*

Valuri ta' kodiċijiet għal oġġetti ta' klassifikazzjoni.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu l-valuri tal-listi ta' kodiċijiet li ġejjin jew ta' listi ta' kodiċijiet oħrajn iddefiniti mill-fornituri tad-dejta:

— Età B'5 Snin (AgeBy5YearsValue): Valuri ta' kodiċijiet għal oġġetti ta' klassifikazzjoni tal-età b'5 snin, kif ġie speċifikat fit-tabella ta' hawn taħt.

▼M2

Valuri għal-lista ta' kodiċijiet AgeBy5Years

Valur	Isem	Definizzjoni
0-5	0-5	0 sa inqas minn 5
5-10	5-10	5 sa inqas minn 10
10-15	10-15	10 sa inqas minn 15
15-20	15-20	15 sa inqas minn 20
20-25	20-25	20 sa inqas minn 25
25-30	25-30	25 sa inqas minn 30
30-35	30-35	30 sa inqas minn 35
35-40	35-40	35 sa inqas minn 40
40-45	40-45	40 sa inqas minn 45
45-50	45-50	45 sa inqas minn 50
50-55	50-55	50 sa inqas minn 55
55-60	55-60	55 sa inqas minn 60
60-65	60-65	60 sa inqas minn 65
65-70	65-70	65 sa inqas minn 70
70-75	70-75	70 sa inqas minn 75
75-80	75-80	75 sa inqas minn 80
80-85	80-85	80 sa inqas minn 85
85-90	85-90	85 sa inqas minn 90
90+	90	90 u iktar
90-95	90-95	90 sa inqas minn 95
95+	95	95 u iktar
95-100	95-100	95 sa inqas minn 100
100+	100	100 u iktar

— Età B'Sena (AgeByYearValue): Valuri ta' kodiċijiet għal oġġetti ta' klassifikazzjoni tal-età b'sena, inkluż valur wieħed għal kull intervall ta' sena. L-ewwel valur għandu jkun "0-1" bit-tikketta "0-1" u bid-definizzjoni ta' "0 sa inqas minn sena", u l-aħħar valur għandu jkun "100 +" bit-tikketta "100 +" u d-definizzjoni "100 sena jew ixjeħ".

— Kodiċi tan-NACE (NACECodeValue): Klassifikazzjoni ta' attivitajiet ekonomiċi skont in-NACE tal-Eurostat kif ġiet speċifikata fir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u valuri idjaq iddefiniti mill-fornituri tad-dejta.

— Ġeneru (GenderValue): Il-ġeneru ta' persuna jew ta' grupp ta' sersuni, kif ġie speċifikat fit-Taqsima 4.6 tal-Anness I.

▼**M2**

10.3.3. *Varjabbli (VariableValue)*

Valuri ta' kodiċijiet għal ismijiet ta' varjabbli.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu kwalunkwe valur iddefinit mill-fornituri tad-dejta.

Il-fornituri tad-dejta jistgħu jużaw il-valuri speċifikati fid-dokument ta' Gwida Teknika tal-INSPIRE dwar Distribuzzjoni tal-Popolazzjoni – Demografija.

10.3.4. *Metodu ta' Kejl tal-Istatistika (StatisticsMeasurementMethodValue)*

Valuri ta' kodiċijiet għal metodu ta' kejl tal-istatistika.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu l-valuri speċifikati fit-tabella ta' hawn taħt u valuri addizzjonali fuq kwalunkwe livell iddefiniti mill-fornituri tad-dejta.

Valuri għal-lista ta' kodiċijiet StatisticsMeasurementMethodValue

Valur	Isem	Definizzjoni
count	għadd	Għadd sempliċi.
relativeCount	għadd relattiv	Proporzjon (ratio) li jikkombina żewġ tipi differenti ta' popolazzjoni statistika.
percentage	perċentwal	Proporzjon espress bħala proporzjon (ratio) li d-denominatur tiegħu huwa 100.
median	medjan	Il-medjan.

10.3.5. *Status ta' Dejta Statistika (StatisticalDataStatusValue)*

Valuri ta' kodiċijiet għall-istatus.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu l-valuri speċifikati fit-tabella ta' hawn taħt u valuri addizzjonali fuq kwalunkwe livell iddefiniti mill-fornituri tad-dejta.

Valuri għal-lista ta' kodiċijiet StatisticalDataStatusValue

Valur	Isem	Definizzjoni
definitive	definittiv	Valur definittiv ta' dejta statistika.
final	finali	Valur finali ta' dejta statistika.
preliminary	preliminari	Valur preliminari ta' dejta statistika.
provisional	provviżorju	Valur provviżorju ta' dejta statistika.
semiDefinitive	semidefinittiv	Valur semidefinittiv ta' dejta statistika.

10.3.6. *Valur Speċjali (SpecialValue)*

Valuri ta' kodiċijiet għal valuri speċjali.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu l-valuri speċifikati fit-tabella ta' hawn taħt u valuri addizzjonali fuq kwalunkwe livell iddefiniti mill-fornituri tad-dejta.

▼M2

Valuri għal-lista ta' kodiċijiet SpecialValue

Valur	Isem	Definizzjoni
confidential	kunfidenzjali	Il-valur ma jiġix ipprovduti għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità.
unknown	mhux magħruf	Il-valur seta' tkejjel imma ma tkejjilx.
notApplicable	mhux applikabbli	Il-valur kieku ma jkollu l-ebda sens.

10.4. **Saffi**

Għat-tema ta' dejta ġeografika Distribuzzjoni tal-Popolazzjoni u Demografija ma ġie ddefinit l-ebda saff.

11. AMMINISTRAZZJONI TA' ŻONI/RESTRIZZJONI/ŻONI REGOLATI U UNITAJIET TA' RAPPORTAR [ŻONI TA' ĠESTJONI TA' ŻONI/TA' RESTRIZZJONI/TA' REGOLAZZJONI U UNITAJIET TA' RAPPORTAR] (AREA MANAGEMENT/RESTRICTION/REGULATION ZONES AND REPORTING UNITS)

11.1. **Definizzjonijiet**

Minbarra d-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "tiġġestixxi (manage)" tfisser tippjana, twettaq, timmonitorja u tikkontrolla attivitajiet sabiex jintlaħqu għanijiet ambjentali speċifiċi ddefiniti b'mod legali.

(2) "tirrestrinġi (restrict)" tfisser tipprojbixxi jew tillimita ċerti attivitajiet, li għandhom jitwettqu biss fi ħdan limiti u/jew perjodi ta' żmien speċifiċi, sabiex jintlaħaq skop partikolari skont responsabbiltajiet jew obbligi ddefiniti b'mod legali.

(3) "tirregola (regulate)" tfisser timmonitorja u tikkontrolla ċerti attivitajiet (tippermetti, tippromwovi, tipprojbixxi jew tirrestrinġi) sabiex jintlaħqu għanijiet ambjentali ddefiniti b'mod legali. Attività rregolata tista' teżiġi li jekk l-istatus ambjentali jiġi ddegradat allura jkollhom jitwettqu azzjonijiet partikolari sabiex jinkiseb mill-ġdid status ambjentali tajjeb.

(4) "tirrapporta (report)" tfisser tevalwa l-effikaċja tal-politiki ambjentali u tippubblika dejta u informazzjoni (jiġifieri dejta ġeografika, osservazzjonijiet, statistiċi, indikaturi) li jistgħu jintużaw sabiex jiġi vvalutat il-progress ħalli jinżamm jew jittejjeb status ambjentali tajjeb u jintlaħqu l-għanijiet tal-politika.

(5) "unità ta' rapportar (reporting unit)" tfisser oġġett ġeografiku li jipprovdi r-referenza ġeografika għal kwalunkwe dejta mhux ġeografika skambjata skont obbligi ta' rapportar ambjentali.

(6) "strument legali (legal instrument)" tfisser dokument li jispeċifika obbligi legali, li jinkludi, imma mhuwiex limitat għal konvenzjonijiet internazzjonali, liġijiet u atti legali jew regolamenti ta' implimentazzjoni fuq kwalunkwe livell amministrattiv.

(7) "ġestoni integrata taż-żoni kostali (integrated coastal zone management)" tfisser proċess dinamiku għall-ġestjoni u għall-użu sostenibbli ta' żoni kostali, fejn fl-istess ħin jitqiesu l-fraġilità tal-ekosistemi u tal-pajsaġġi kostali, id-diversità tal-attivitajiet u tal-użi, l-interazzjonijiet tagħhom, l-orjentazzjoni marittima ta' ċerti attivitajiet u ta' ċerti użi u l-impatt tagħhom kemm fuq il-partijiet tal-baħar kif ukoll fuq dawk tal-art.

▼M2

(8) “klima (climate)” tfisser id-deskrizzjoni statistika f’termini tal-medja u tal-varjabbiltà tal-kwantitajiet rilevanti tul perjodu ta’ żmien li jvarja minn xhur għal eluf jew miljuni ta’ snin. Dawn il-kwantitajiet huma ġeneralment varjabbli tas-superfiċje bħal temperatura, preċipitazzjoni u riħ.

11.2. **Tipi ta’ oġġetti ġeografiċi**

It-tip ta’ oġġett ġeografiku li ġej ġie speċifikat għat-tema ta’ dejta ġeografika żoni ta’ ġestjoni/Restrizzjoni/Regolazzjoni u żoni ta’ rappurtar: Żona ta’ Ġestjoni ta’ Restrizzjoni jew ta’ Regolazzjoni Restrizzjoni.

11.2.1. *Żona ta’ Ġestjoni ta’ Restrizzjoni jew ta’ Regolazzjoni (ManagementRestrictionOrRegulationZone)*

Żona ġestita, ristretta jew irregolata skont rekwiżit legali relatat ma’ politika ambjentali jew ma’ politika jew ma’ attività li jista’ jkollha impatt fuq l-ambjent fuq kwalunkwe livell ta’ amministrazzjoni (internazzjonali, Ewropew, nazzjonali, reġjonali u lokali).

Attributi tat-tip ta’ oġġett ġeografiku ManagementRestrictionOrRegulationZone

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
inspireId	Identifikatur ta’ oġġett estern tal-oġġett ġeografiku.	Identifier	
thematicId	Identifikatur deskrittiv ta’ oġġett uniku applikat għal oġġetti ġeografiċi f’tema ta’ informazzjoni ddefinita.	ThematicIdentifier	voidable
name	Isem ġeografiku li jintuża sabiex jidentifika ż-żona ta’ ġestjoni, ta’ restrizzjoni jew ta’ regolazzjoni fid-dinja reali. Huwa jipprovdi “muftieħ’ għall-assoċjazzjoni impliċita ta” rappreżentazzjonijiet differenti tal-oġġett.	GeographicalName	voidable
geometry	Il-ġeometrija li tirrappreżenta l-firxa ġeografika tal-oġġett ġeografiku.	GM_Object	
zoneType	Klassifikazzjoni ta’ livell għoli li tiddefinixxi t-tip ta’ żona ta’ ġestjoni, ta’ restrizzjoni jew ta’ regolazzjoni.	ZoneTypeCode	
specialisedZoneType	Klassifikazzjoni addizzjonali li tispeċjalizza ulterjorment it-tip ta’ żona ta’ ġestjoni, ta’ regolazzjoni jew ta’ restrizzjoni rilevanti għad-dominju.	SpecialisedZoneTypeCode	voidable
environmentalDomain	Klassifikazzjoni tad-dominju(i) ambjentali li għaliha, permezz tal-istabbiliment taż-żona, għandhom jintlaħqu ċerti għanijiet ambjentali.	EnvironmentalDomain	
designationPeriod	Il-perjodu ta’ żmien li jiddefinixxi meta ż-żona ta’ ġestjoni, ta’ restrizzjoni jew ta’ regolazzjoni kienet legalment iddeżinjata jew saret effettiva fid-dinja reali.	TM_Period	voidable

▼M2

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
competentAuthority	Deskrizzjoni tal-organizzazzjoni(jiet) responsabbli mill-ġestjoni, mir-restrizzjoni jew mir-regolazzjoni tal-miżuri jew tal-attivitajiet fi ħdan iż-żona.	RelatedParty	voidable
beginLifespanVersion	Id-data u l-ħin li fihom din il-verżjoni tal-oġġett ġeografiku ddaħħlet jew tbiddlet fis-sett ta' dejta ġeografika.	DateTime	voidable
endLifespanVersion	Id-data u l-ħin li fihom din il-verżjoni tal-oġġett ġeografiku ġiet sostitwita jew irtirata fis-sett ta' dejta ġeografika.	DateTime	voidable

Rwoli ta' assoċjazzjoni tat-tip ta' oġġett ġeografiku ManagementRestrictionOrRegulationZone

Rwol ta' assoċjazzjoni	Definizzjoni	Tip	Voidability
legalBasis	Referenza għal jew ċitazzjoni tal-istrument jew tad-dokument legali li eżiġa l-istabbiliment taż-żona.	LegislationCitation	voidable
relatedZone	Referenza għal żona ta' ġestjoni, ta' regolazzjoni jew ta' restrizzjoni relatata.	ManagementRestrictionOrRegulationZone	voidable
plan	Referenza għal jew ċitazzjoni ta' pjan (pjan ta' ġestjoni jew ta' azzjoni) li jiddeskrivi l-għanijiet u l-miżuri ambjentali li għandhom jitwettqu fiż-żona sabiex jiġi protett l-ambjent.	DocumentCitation	voidable

Limitazzjonijiet tat-tip ta' oġġett ġeografiku ManagementRestrictionOrRegulationZone

Għandu jiġi pprovdut mill-inqas l-iktar strument legali speċifiku li eżiġa l-istabbiliment taż-żona billi jintuża r-rwol ta' assoċjazzjoni legalBasis.

L-attribut role tal-competentAuthority għandu jieħu l-valur "authority".

11.3. **Listi ta' kodiċijiet**

11.3.1. *Kodiċi ta' Tip ta' Żona (ZoneTypeCode)*

Klassifikazzjoni ta' livell għoli li tiddefinixxi t-tip ta' Żona ta' Ġestjoni, ta' Restrizzjoni jew ta' Regolazzjoni.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu l-valuri speċifikati fit-tabella ta' hawn taħt u valuri addizzjonali fuq kwalunkwe livell iddefiniti mill-forniturі tad-dejta.

Valuri għal-lista ta' kodiċijiet ZoneTypeCode

Valur	Isem	Definizzjoni
airQualityManagementZone	żona ta' ġestjoni tal-kwalità tal-arja	Parti mit-territorju ta' Stat Membru, kif ġie delimitat minn dak l-Istat Membru għall-finijiet ta' valutazzjoni u ta' ġestjoni tal-kwalità tal-arja.

▼M2

Valur	Isem	Definizzjoni
noiseRestrictionZone	żona ta’ restrizzjoni tal-istorbju	Żona delimitata minn awtorità kompetenti sabiex jiġi ġestit u jitaffa t-tniġġis mill-istorbju. Din tinkludi agglomerazzjonijiet u żoni kwieti (f’agglomerazzjonijiet u f’kampanja miftuħa) kif ġew iddefiniti fid-Direttiva 2002/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.
animalHealthRestrictionZone	żona ta’ restrizzjoni tas-saħħa tal-annimali	Żoni ta’ restrizzjoni stabbiliti għall-kontroll u għall-eradikazzjoni ta’ mard notifikabbli tal-annimali.
prospectingAndMiningPermitArea	żona ta’ permess għal prospettar u għal tħaffir f’minjieri	Iż-żona fejn ġie awtorizzat il-prospettar jew l-estrazzjoni ta’ kwalunkwe mineral u li għalih ingħata ingħata dak id-dritt jew dak il-permess.
regulatedFairwayAtSeaOrLargeInlandWater	kanal navigabbli rregolat fil-baħar jew f’żona kbira ta’ ilma intern	Żoni ta’ navigazzjoni rregolata minn port għal port stabbiliti sabiex jiġi organizzat it-traffiku, jiġu pprevenuti l-aċċidenti u t-tniġġiż u jingħata appoġġ lill-ġestjoni u lill-ippjanar.
restrictedZonesAroundContaminatedSites	żoni ristretti madwar siti kkontaminati	Żoni stabbiliti sabiex tiġi protetta s-saħħa tal-bniedem, tal-pjanti u tal-annimali u jiġu kkontrollati l-movimenti u l-iżvilupp fi ħdan sit ikkontaminat.
areaForDisposalOfWaste	żona għar-rimi tal-iskart	Żona affettwata mir-rimi tal-iskart kif ġie ddefinit fl-Artikolu 3(19) tad-Direttiva 2008/98/KE ([1]).
coastalZoneManagementArea	żona ta’ ġestjoni ta’ żona kostali	Żona fejn issir ġestjoni integrata taż-żona kostali.
drinkingWaterProtectionArea	żona ta’ protezzjoni tal-ilma tajjeb għax-xorb	Żona fejn it-tnixxija tal-ilma mormi, l-użu ta’ fertilizzanti jew ta’ pestiċidi, jew l-istabbiliment ta’ siti għar-rimi tal-iskart hija pprojbita.
nitrateVulnerableZone	żona vulnerabbli għan-nitrati	Żoni ta’ art li jiskulaw f’ilmijiet imniġġsa jew mhedda u li jikkontribwixxu għat-tniġġis min-nitrati.
marineRegion	reġjun tal-baħar	Reġjuni tal-baħar u s-subreġjuni tagħhom huma reġjuni tal-baħar iddeżinjati skont leġiżlazzjoni internazzjonali, tal-Unjoni, nazzjonali jew subnazzjonali għal finijiet ta’ valutazzjoni, ta’ġestjoni u ta’ regolazzjoni.
riverBasinDistrict	distrett ta’ baċin ta’ xmara	Żona ta’ art u ta’ baħar, magħmula minn baċin ta’ xmara ġar wieħed jew iktar flimkien mal-ilmijiet ta’ taħt l-art u mal-ilmijiet kostali assoċjati tiegħu(tagħhom), identifikati taħt l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2000/60/KE ([2]) bħala l-unità prinċipali għall-ġestjoni tal-baċini tax-xmajjar.
bathingWaters	ilmijiet għall-għawm	Ilmijiet kostali jew ilmijiet interni (xmajjar jew lagi) awtorizzati espliċitament jew mhux ipprojbiti għal għawm rikreattiv minn numri kbar ta’ persuni.
floodUnitOfManagement	unità ta’ ġestjoni tal-għargħar	Żona ta’ art u ta’ baħar, identifikata taħt id-Direttiva 2007/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) bħala l-unità prinċipali għal maniġġar [ġestjoni] meta tingħażel alternattiva għad-Distretti jew għas-Subdistretti tal-Baċini ta’ Xmara.

▼M2

Valur	Isem	Definizzjoni
waterBodyForWFD	korp tal-ilma taħt id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma (2000/60/KE)	Il-"korp tal-ilma" hija subunità koerenti fi (id-distrett ta') baċin ta' xmara li għaliha għandhom japplikaw l-għanijiet ambjentali tad-Direttiva 2000/60/KE. L-identifikazzjoni tal-korpi tal-ilma hija bbażata fuq determinanti ġeografiċi u idroloġiċi. Dan jinkludi l-korpi tal-ilma tas-superfiċje (xmara, lag, tranżitorji u kostali) u ta' taħt l-art.
sensitiveArea	żona sensittiva	Il-korpi tal-ilma identifikati bħala żoni sensittivi, kif ġew identifikati fl-Anness II tad-Direttiva 91/271/KEE ([4]).
designatedWaters	ilmijiet iddeżinjati	Ilmijiet tal-baħar, kostali jew tas-superfiċje ddeżinjati mill-Istati Membri bħala li jeħtieġu protezzjoni jew titjib sabiex fihom ikun jista' jgħix il-ħut.
plantHealthProtectionZone	żona ta' protezzjoni tas-saħħa tal-pjanti	Żona ta' protezzjoni li fi ħdanha jiġu stabbiliti miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni ta' organiżmi li jagħmlu ħsara lill-pjanti jew lill-prodotti tal-pjanti u sabiex ma jinfirxux.
forestManagementArea	żona ta' ġestjoni ta' foresta	Żona ddeżinjata għall-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi u tal-funzjonijiet ta' foresta.

([1]) ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3.
([2]) ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1.
([3]) ĠU L 288, 6.11.2007, p. 27.
([4]) ĠU L 135, 30.5.1991, p. 40.

11.3.2. *Kodiċi ta' Tip ta' Żona Speċjalizzat (SpecialisedZoneTypeCode)*

Valur addizzjonali ta' klassifikazzjoni li jiddefinixxi t-tip ta' żona speċjalizzat.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu kwalunkwe valur iddefinit mill-forniturі tad-dejta.

11.3.3. *Dominju Ambjentali (EnvironmentalDomain)*

Dominju ambjentali, li l-għanijiet ambjentali għalih jistgħu jiġu ddefiniti.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu l-valuri speċifikati fit-tabella ta' hawn taħt biss.

Valuri għal-lista ta' kodiċijiet EnvironmentalDomain

Valur	Isem	Definizzjoni
soil	ħamrija	Is-saff ta' fuq nett tas-superfiċje tal-art tad-Dinja li huwa kompost minn partiċelli ta' blat diżintegrat, ħumus, ilma u arja.
noise	storbju	Ħoss li mhuwiex mixtieq, jew minħabba l-effetti tiegħu fuq il-bnedmin, l-effetti tiegħu fuq l-għajja jew minħabba l-funzjonament ħażin tat-tagħmir fiżiku jew minħabba l-interferenza tiegħu fil-perċezzjoni jew fid-detezzjoni ta' ħsejjes oħrajn.
naturalResources	riżorsi naturali	Karatteristika jew komponent tal-ambjent naturali li hija ta' valur sabiex taqdi l-ħtiġijiet tal-bniedem, pereżempju, ħamrija, ilma, pjanti, annimali u veġetazzjoni salvaġġi, eċċ. Xi riżorsi naturali għandhom valur ekonomiku (pereżempju, l-injam) filwaqt li oħrajn għandhom valur "mhux ekonomiku" (pereżempju, il-ġmiel tax-xenarju).

▼M2

Valur	Isem	Definizzjoni
climateAndClimateChange	klima u tibdil fil-klima	L-istat tal-klima u/jew it-tibdil f'dan l-istat li jistgħu jiġu identifikati (pereżempju, billi jintużaw testijiet statistiċi) permezz ta' bidliet fil-medja u/jew fil-varjabbiltà tal-proprjetajiet tal-klima u li jippersistu għal perjodu estiż ta' żmien, tipikament għexieren ta' snin jew iktar.
healthProtection	protezzjoni tas-saħħa	Miżuri jew apparati maħsuba sabiex inaqqsu r-riskju ta' ħsara għas-saħħa tal-bniedem li joħolqu l-inkwinanti jew kundizzjonijiet oħrajn ta' theddida fl-ekosistema.
air	arja	Taħlita prinċipalment mekkanika ta' varjetà ta' gassijiet individwali li jifformaw l-atmosfera ta' madwar id-Dinja.
water	ilma	Likwidu komuni (H_2O) li jifforma x-xita, ix-xmajjar, il-baħar, eċċ, u li jikkomponi parti kbira mill-iġsma tal-organiżmi.
waste	skart	Materjal, ta' spiss inutilizzabbli, li jifdal minn kwalunkwe proċess ta' manifattura, industrijali, agrikolu jew proċess ieħor tal-bniedem; materjal li saritlu ħsara jew li ġie alterat waqt proċess ta' manifattura u wara baqa' mingħajr użu.
natureAndBiodiversity	natura u bijodiversità	Ġestjoni attiva tar-riżorsi naturali u tal-ambjent tad-Dinja sabiex jiġi żgurat li l-kwalità tagħhom tinżamm u li jintużaw b'għaqal.
sustainableDevelopment	żvilupp sostenibbli	Żvilupp li jipprovdi benefiċċji ekonomiċi, soċjali u ambjentali fit-tul fid-dawl tal-ħtiġijiet tal-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri.
landUse	użu tal-art	It-terminu użu tal-art jittratta l-aspetti ġeografiċi tal-attivitajiet kollha tal-bniedem fuq l-art u l-mod li bih is-superfiċje tal-art tiġi adattata jew tista' tiġi adattata sabiex taqdi l-ħtiġijiet tal-bniedem.

11.4. **Rekwiżiti speċifiċi għat-tema**

11.4.1. *Żoni ta' Ġestjoni, ta' Restrizzjoni jew ta' Regolazzjoni*

(1) Fejn il-ġeometrija tal-oġġett ġeografiku tkun derivata minn oġġett ġeografiku ieħor, il-ġeometriji taż-żewġ oġġetti għandhom ikunu konsistenti.

(2) Jekk il-ġeometriji tal-oġġetti ġeografiċi f'sett ta' dejta ManagementRestrictionOrRegulationZone jkunu derivati mill-ġeometriji ta' oġġetti ġeografiċi f'sett ta' dejta ieħor, mela dan is-sett ta' dejta tas-sors (inkluża l-verżjoni tiegħu) għandu jiġi deskritt bħala parti mill-element ta' metadejta nisel.

(3) Il-forniturі tad-dejta għandhom jinkludu l-kelmiet ewlenin li ġejjin minbarra l-kelmiet ewlenin mandatorji ddefiniti fir-Regolament (KE) Nru 1205/2008:

(a) Kelma ewlenija waħda jew diversi kelmiet ewlenin li tiddeskrivi(jiddeskrivu) il-klassifikazzjoni ta' livell għoli tat-tip(i) ta' żona(i) inkluż(i) fis-sett ta' dejta, kif ġie ddefinit fil-lista ta' kodiċijiet ZoneTypeCode.

▼M2

(b) Kelma ewlenija waħda jew diversi kelmiet ewlenin li tiddeskrivi(jiddeskrivu) in-numru(i) ta' dokument(i) uffiċjali tal-istrument(i) legal fejn iż-żona(i) inkluża(i) fis-sett ta' dejta tiġi(jiġu) stabbiliti. Għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, għandu jintuża n-numru CELEX.

11.4.2. *Unitajiet ta' Rapportar*

(1) L-oġġetti ġeografiċi li jagħmluha ta' unitajiet ta' rrapportar għandhom jiġu ddefiniti u jkunu disponibbli skont ir-rekwiżiti tat-tema(i) ta' dejta ġeografika tal-INSPIRE rispettiva(i) tagħhom.

(2) Fejn id-dejta ta' rapportar ambjentali, sabiex tiġi stabbilita referenza ġeografika, tirreferi għal entitajiet tad-dinja reali li jkunu disponibbli bħala oġġetti ġeografiċi skont dan ir-Regolament, id-dejta ta' rapportar għandha tinkludi referenza espliċita għal dawk l-oġġetti ġeografiċi.

11.4.3. *Rekwiżiti transtematiċi*

(1) Jekk żona tkun ġiet stabbilita esklużivament sabiex tiġġestixxi, tirregola u tirrestrinġi attivitajiet għall-konservazzjoni tan-natura, tal-bijodiversità u tal-patrimonju kulturali, hija għandha tkun disponibbli bħala oġġett ġeografiku ProtectedSite. Jekk żona tkun ġiet stabbilita sabiex tilħaq diversi għanijiet, inkluża l-konservazzjoni tan-natura, tal-bijodiversità u tal-patrimonju kulturali, hija għandha tkun disponibbli bħala oġġett ġeografiku ManagementRestrictionOrRegulationZone.

(2) Fejn żona tkun ġiet stabbilita sabiex tirregola użu ppjanat tal-art u tkun ġiet iddefinita fi ħdan pjan ġeografiku legalment vinkolanti, hija taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tat-tema Użu tal-Art u għandha tiġi kkodifikata bħala SupplementaryRegulation. Madankollu, jekk iż-żona tkun ġiet stabbilita permezz ta' rekwiżit leġiżlattiv imma ma tkunx ġiet iddefinita fi ħdan pjan ġeografiku legalment vinkolanti, allura hija għandha tiġi kkodifikata bħala ManagementRestrictionOrRegulationZone.

11.5. **Saffi**

Saffi għat-tema ta' dejta ġeografika Amministrazzjoni ta' Żoni / Restrizzjoni / Żoni Regolati u Unitajiet ta' Rapportar [Żoni ta' Ġestjoni ta' żoni/ta' Restrizzjoni/ta' Regolazzjoni u Unitajiet ta' Rapportar]

Isem is-Saff	Titlu tas-Saff	Tip ta' oġġett ġeografiku
AM.<CodeListValue> ([1])	<isem li jista' jinqara mill-bniedem>	ManagementRestrictionOrRegulationZone (zoneType: ZoneTypeCode)
Eżempju: AM.AirQualityManagement-Zone	Eżempju: Żona ta' Ġestjoni tal-Kwalità tal-Arja	

([1]) Saff wieħed għandu jkun disponibbli għal kull valur ta' lista ta' kodiċijiet, skont l-Artikolu 14(3).

12. ŻONI TA' RISKJU NATURALI (NATURAL RISK ZONES)

12.1. **Definizzjonijiet**

Minbarra d-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "riskju (risk)" tfisser il-kombinazzjoni tal-konsegwenzi ta' avveniment (periklu) u tal-possibbiltà/probabbiltà assoċjata tal-okkorrenza tiegħu, skont l-ISO/IEC 31010:2009.

▼M2

(2) “periklu (hazard)” tfisser fenomenu perikoluż, sustanza perikoluża, attività jew kundizzjoni tal-bniedem perikoluża li jista’ jikkawża telf ta’ ħajja, feriti jew impatti oħrajn fuq is-saħħa, dannu għall-proprjetà, telf ta’ għajxien u ta’ servizzi, taqlib soċjali u ekonomiku jew ħsara ambjentali.

(3) “espożizzjoni (exposure)” tfisser il-persuni, il-proprjetà, is-sistemi jew elementi oħrajn preżenti fiż-żoni ta’ periklu li b’hekk ikunu soġġetti għal telf potenzjali.

(4) “vulnerabbiltà (vulnerability)” tfisser il-karatteristiċi u ċ-ċirkustanzi ta’ komunità, ta’ sistema jew ta’ assi li jagħmluha suxxettibbli għall-effetti dannużi ta’ periklu.

12.2. **Tipi ta’ oġġetti ġeografiċi**

It-tipi ta’ oġġetti ġeografiċi li ġejjin ġew speċifikati għat-tema ta’ dejta ġeografika Żoni ta’ Riskju Naturali:

— Element Espost Astratt (Abstract Exposed Element)

— Żona ta’ Periklu Astratta (Abstract Hazard Area)

— Avveniment Osservat Astratt (Abstract Observed Event)

— Żona ta’ Riskju Astratta (Abstract Risk Zone)

— Kopertura ta’ Element Espost (Exposed Element Coverage)

— Element Espost (Exposed Element)

— Żona ta’ Periklu (Hazard Area)

— Kopertura ta’ Periklu (Hazard Coverage)

— Kopertura ta’ Avveniment Osservat (Observed Event Coverage)

— Avveniment Osservat (Observed Event)

— Kopertura ta’ Riskju (Risk Coverage)

— Żona ta’ Riskju (Risk Zone)

12.2.1. *Element Espost Astratt (AbstractExposedElement)*

Persuni, proprjetà, sistemi jew elementi oħrajn preżenti f’żoni ta’ perikli li b’hekk huma soġġetti għal telf potenzjali.

Dan it-tip huwa astratt.

Attributi tat-tip ta’ oġġett ġeografiku AbstractExposedElement

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
inspireId	Identifikatur ta’ oġġett estern tal-oġġett ġeografiku.	identifier	
beginLifeSpanVersion	Id-data u l-ħin li fihom din il-verżjoni tal-oġġett ġeografiku ddaħħlet jew tbiddlet fis-sett ta’ dejta ġeografika.	DateTime	voidable
endLifeSpanVersion	Id-data u l-ħin li fihom din il-verżjoni tal-oġġett ġeografiku ġiet sostitwita jew irtirata fis-sett ta’ dejta ġeografika.	DateTime	voidable

▼M2

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
validFrom	Il-ħin meta l-element espost beda jeżisti fid-dinja reali.	DateTime	voidable
validTo	Il-ħin minn meta l-element espost ma jibqax jeżisti iktar fid-dinja reali.	DateTime	voidable

Rwoli ta' assoċjazzjoni tat-tip ta' oġġett ġeografiku AbstractExposedElement

Rwol ta' assoċjazzjoni	Definizzjoni	Tip	Voidability
sourceOfSpatialRepresentation	L-oġġett tas-sors li jintuża biex jirrappreżenta l-element espost.	AbstractFeature	voidable

Limitazzjonijiet tat-tip ta' oġġett ġeografiku AbstractExposedElement

Jekk ir-rwol ta' assoċjazzjoni sourceOfSpatialRepresentation ikun vojt, għandha tiġi pprovduta l-ġeometrija tal-oġġett ġeografiku AbstractExposedElement.

12.2.2. *Żona ta' Periklu Astratta (AbstractHazardArea)*

Żona affettwata minn periklu naturali.

Dan it-tip huwa astratt.

Attributi tat-tip ta' oġġett ġeografiku AbstractHazardArea

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
beginLifeSpanVersion	Id-data u l-ħin li fihom din il-verżjoni tal-oġġett ġeografiku ddaħħlet jew tbiddlet fis-sett ta' dejta ġeografika.	DateTime	voidable
determinationMethod	Jispeċifika jekk ir-riżultat taż-żona ta' periklu jiġix iddelineat wara mmuddellar jew jiġix iddeterminat wara intepretazzjoni.	DeterminationMethodValue	
endLifeSpanVersion	Id-data u l-ħin li fihom din il-verżjoni tal-oġġett ġeografiku ġiet sostitwita jew irtirata fis-sett ta' dejta ġeografika.	DateTime	voidable
inspireId	Identifikatur ta' oġġett estern tal-oġġett ġeografiku.	identifier	
typeOfHazard	Klassifikazzjoni ġenerika u klassifikazzjoni speċifika tat-tip ta' periklu naturali.	NaturalHazardClassification	
validityPeriod	Il-perjodu ta' żmien li għalih japplika l-mudell.	TM_Period	voidable

▼M2

Rwoli ta' assoċjazzjoni tat-tip ta' oġġett ġeografiku AbstractHazardArea

Rwol ta' assoċjazzjoni	Definizzjoni	Tip	Voidability
source	L-avveniment osservat li kkawża l-immudellar ta' żona ta' periklu.	AbstractObservedEvent	voidable

12.2.3. *Avveniment Osservat Astratt (AbstractObservedEvent)*

Fenomenu naturali rilevanti għall-istudju ta' perikli naturali li seħħ jew qed iseħħ bħalissa u li ġie osservat.

Dan it-tip huwa astratt.

Attributi tat-tip ta' oġġett ġeografiku AbstractObservedEvent

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
beginLifeSpanVersion	Id-data u l-ħin li fihom din il-verżjoni tal-oġġett ġeografiku ddaħħlet jew tbiddlet fis-sett ta' dejta ġeografika.	DateTime	voidable
endLifeSpanVersion	Id-data u l-ħin li fihom din il-verżjoni tal-oġġett ġeografiku ġiet sostitwita jew irtirata fis-sett ta' dejta ġeografika.	DateTime	voidable
inspireId	Identifikatur ta' oġġett estern tal-oġġett ġeografiku.	Identifier	
nameOfEvent	L-isem komuni tal-avveniment osservat.	CharacterString	voidable
typeOfHazard	Klassifikazzjoni ġenerika u klassifikazzjoni speċifika tat-tip ta' periklu.	NaturalHazardClassification	
validFrom	Il-ħin meta l-avveniment osservat beda jeżisti fid-dinja reali.	DateTime	voidable
validTo	Il-ħin minn meta l-avveniment osservat ma jibqax jeżisti iktar fid-dinja reali.	DateTime	voidable

Rwoli ta' assoċjazzjoni tat-tip ta' oġġett ġeografiku AbstractObservedEvent

Rwol ta' assoċjazzjoni	Definizzjoni	Tip	Voidability
isMonitoredBy	Il-programm ambjentali li jimmonitorja l-avveniment osservat.	EnvironmentalMonitoringActivity	voidable

12.2.4. *Żona ta' Riskju Astratta (AbstractRiskZone)*

Żona ta' riskju hija l-firxa ġeografika ta' kombinazzjoni tal-konsegwenzi ta' avveniment (periklu) u tal-probabbiltà/possibbiltà assoċjata tal-okkorrenza tagħha.

Dan it-tip huwa astratt.

▼M2

Attributi tat-tip ta' oġġett ġeografiku AbstractRiskZone

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
beginLifeSpanVersion	Id-data u l-ħin li fihom din il-verżjoni tal-oġġett ġeografiku ddaħħlet jew tbiddlet fis-sett ta' dejta ġeografika.	DateTime	voidable
endLifeSpanVersion	Id-data u l-ħin li fihom din il-verżjoni tal-oġġett ġeografiku ġiet sostitwita jew irtirata fis-sett ta' dejta ġeografika.	DateTime	voidable
inspireId	Identifikatur ta' oġġett estern tal-oġġett ġeografiku.	identifier	
sourceOfRisk	Klassifikazzjoni ġenerika u klassifikazzjoni speċifika tat-tip ta' periklu li huwa s-sors ta' riskju.	NaturalHazardClassification	
validityPeriod	Perjodu ta' żmien finit u futur fejn japplika l-mudell.	TM_Period	voidable

Rwoli ta' assoċjazzjoni tat-tip ta' oġġett ġeografiku AbstractRiskZone

Rwol ta' assoċjazzjoni	Definizzjoni	Tip	Voidability
exposedElement	L-element li huwa fi ħdan żona perikoluża.	AbstractExposedElement	voidable
source	Il-periklu li jiġi kkunsidrat għall-ħolqien tal-oġġett taż-żona ta' riskju.	AbstractHazardArea	voidable

12.2.5. *Kopertura ta' Element Espost (ExposedElementCoverage)*

Kopertura li tirrappreżenta informazzjoni kontinwa dwar elementi esposti.

Dan it-tip huwa subtip ta' AbstractExposedElement

Dan it-tip huwa subtip ta' CoverageByDomainAndRange.

Attributi tat-tip ta' oġġett ġeografiku ExposedElementCoverage

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
typeOfElement	Klassifikazzjoni tal-element espost.	ExposedElementClassification	voidable

Limitazzjonijiet tat-tip ta' oġġett ġeografiku ExposedElementCoverage

Is-sett ta' medda għandu jkun il-livell jew l-intensità tal-valutazzjoni tal-vulnerabbiltà.

Id-dominju għandu jkun grilja rettifikata jew grilja referenzabbli.

▼M2

12.2.6. *Element Espost (ExposedElement)*

Oġġett ġeografiku diskret li jirrappreżenta element espost.

Dan it-tip huwa subtip ta' AbstractExposedElement.

Attributi tat-tip ta' oġġett ġeografiku ExposedElement

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
geometry	Rappreżentazzjoni ġeometrika tal-element espost.	GM_Object	
assessmentOfVulnerability	Valutazzjoni tal-vulnerabbiltà tal-element espost.	VulnerabilityAssessment	voidable

12.2.7. *Żona ta' Periklu (HazardArea)*

Oġġetti ġeografiċi diskreti li jirrappreżentaw periklu naturali.

Dan it-tip huwa subtip ta' AbstractHazardArea.

Attributi tat-tip ta' oġġett ġeografiku HazardArea

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
geometry	Rappreżentazzjoni ġeometrika tal-firxa ġeografika koperta miż-żona ta' periklu.	GM_Surface	
likelihoodOfOccurrence	Kunċett ġenerali relatat maċ-ċans li jseħħ avveniment.	LikelihoodOfOccurrence	voidable
magnitudeOrIntensity	Espressjoni tad-daqs jew tal-intensità ta' fenomenu.	LevelOrIntensity	voidable

12.2.8. *Kopertura ta' Periklu (HazardCoverage)*

Kopertura li tirrappreżenta informazzjoni kontinwa dwar tip ta' periklu naturali.

Dan it-tip huwa subtip ta' AbstractHazardArea.

Dan it-tip huwa subtip ta' CoverageByDomainAndRange.

Limitazzjonijiet tat-tip ta' oġġett ġeografiku HazardCoverage

Is-sett ta' medda għandu jiġi deskritt permezz tad-daqs jew tal-intensità jew permezz tal-possibbiltà ta' okkorrenza.

Id-dominju għandu jkun grilja rettifikata jew grilja referenzabbli.

12.2.9. *Kopertura ta' Avveniment Osservat (ObservedEventCoverage)*

Kopertura li tirrappreżenta informazzjoni kontinwa dwar avvenimenti osservati.

Dan it-tip huwa subtip ta' AbstractObservedEvent

Dan it-tip huwa subtip ta' CoverageByDomainAndRange.

Limitazzjonijiet tat-tip ta' oġġett ġeografiku ObservedEventCoverage

Is-sett ta' medda għandu jiġi deskritt permezz tad-daqs jew tal-intensità jew permezz tal-possibbiltà ta' okkorrenza.

▼M2

Id-dominju għandu jkun grilja rettifikata jew grilja referenzabbli.

12.2.10. *Avveniment Osservat (ObservedEvent)*

Oġġetti ġeografiċi diskreti li jirrappreżentaw fenomenu naturali rilevanti għall-istudju ta' perikli naturali li seħħ jew qed iseħħ bħalissa u li ġie osservat.

Dan it-tip huwa subtip ta' AbstractObservedEvent.

Attributi tat-tip ta' oġġett ġeografiku ObservedEvent

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
geometry	Rappreżentazzjoni ġeometrika tal-firxa ġeografika koperta mill-avveniment osservat.	GM_Object	
magnitudeOrIntensity	Espressjoni tad-daqs jew tal-intensità ta' fenomenu.	LevelOrIntensity	voidable

12.2.11. *Kopertura ta' riskju (RiskCoverage)*

Kopertura li tirrappreżenta informazzjoni kontinwa dwar l-intensità jew il-livell ta' riskju.

Dan it-tip huwa subtip ta' AbstractRiskZone.

Dan it-tip huwa subtip ta' CoverageByDomainAndRange.

Limitazzjonijiet tat-tip ta' oġġett ġeografiku RiskCoverage

Is-sett ta' medda għandu jiġi deskritt permezz tal-livell jew tal-intensità.

Id-dominju għandu jkun grilja rettifikata jew grilja referenzabbli.

12.2.12. *Żona ta' Riskju (RiskZone)*

Oġġetti ġeografiċi diskreti li jirrappreżentaw il-firxa ġeografika ta' kombinazzjoni tal-konsegwenzi ta' avveniment (periklu) u tal-probabbiltà/possibbiltà assoċjata tal-okkorrenza tiegħu.

Dan it-tip huwa subtip ta' AbstractRiskZone.

Attributi tat-tip ta' oġġett ġeografiku RiskZone

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
geometry	Rappreżentazzjoni ġeometrika tal-firxa ġeografika koperta minn din iż-żona ta' riskju.	GM_Surface	
levelOfRisk	Il-livell ta' riskju huwa valutazzjoni tal-kombinazzjoni tal-konsegwenzi ta' avveniment (periklu) u tal-probabbiltà/possibbiltà assoċjata tal-okkorrenza tal-avveniment.	LevelOrIntensity	voidable

12.3. **Tipi ta' dejta**

12.3.1. *Klassifikazzjoni ta' Elementi Espost (ExposedElementClassification)*

Din l-klassi tipprovdi biċċa informazzjoni dwar in-natura tal-element espost li tkun rilevanti għall-analiżi ta' riskju.

▼M2

Attributi tat-tip ta' dejta ExposedElementClassification

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
exposedElementCategory	Klassifikazzjoni ġenerika tat-tipi ta' elementi li jkunu esposti għal riskju.	ExposedElementCategoryValue	
specificExposedElementType	Denominazzjoni addizzjonali ta' element espost skont nomenklatura li tkun speċifika għas-sett ta' dejta.	SpecificExposedElementTypeValue	voidable

12.3.2. *Livell Jew Intensità (LevelOrIntensity)*

Valutazzjoni kwantitattiva jew kwalitattiva ta' riskju, ta' periklu, jew ta' vulnerabbiltà.

Attributi tat-tip ta' dejta LevelOrIntensity

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
qualitativeValue	Valutazzjoni kwalitattiva tal-livell jew tal-intensità.	CharacterString	voidable
quantitativeValue	Valutazzjoni kwantitattiva tal-livell jew tal-intensità.	Measure	voidable
assessmentMethod	Ċitazzjoni għall-metodu użat sabiex jiġi espress il-livell jew l-intensità.	DocumentCitation	voidable

Limitazzjonijiet tat-tip ta' dejta LevelOrIntensity

Għandu jiġi pprovdut jew il-valur kwalitattiv jew il-valur kwantitattiv.

12.3.3. *Possibbiltà Ta' Okkorrenza (LikelihoodOfOccurrence)*

Il-possibbiltà hija kunċett ġenerali relatat maċ-ċans li jseħħ avveniment.

Attributi tat-tip ta' dejta LikelihoodOfOccurrence

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
qualitativeLikelihood	Valutazzjoni kwalitattiva tal-possibbiltà ta' okkorrenza ta' periklu.	CharacterString	voidable
quantitativeLikelihood	Frekwenza ta' okkorrenza jew ta' perjodu ta' ritorn ta' fenomenu perikoluż.	QuantitativeLikelihood	voidable
assessmentMethod	Ċitazzjoni għall-metodu użat sabiex tiġi espressa l-possibbiltà.	DocumentCitation	voidable

Limitazzjonijiet tat-tip ta' dejta LikelihoodOfOccurrence

Għandha tiġi pprovduta jew il-possibbiltà kwalitattiva jew il-possibbiltà kwantitattiva.

12.3.4. *Klassifikazzjoni ta' Perikli Naturali (NaturalHazardClassification)*

Din il-klassi tipprovdi biċċa informazzjoni dwar in-natura tal-periklu naturali kif ukoll dwar it-tip ta' periklu li jkun is-sors ta' riskju.

▼M2

Attributi tat-tip ta' dejta NaturalHazardClassification

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
hazardCategory	Klassifikazzjoni ġenerika ta' tipi ta' perikli naturali.	HazardCategoryValue	
specificHazardType	Klassifikazzjoni addizzjonali tal-periklu naturali li tispeċifika ulterjorment it-tip ta' periklu skont nomenklatura li tkun speċifika għal dan is-sett ta' dejta.	SpecificHazardTypeV-alue	voidable

12.3.5. *Possibbiltà Kwantitattiva (QuantitativeLikelihood)*

Frekwenza ta' okkorrenza jew ta' perjodu ta' ritorn ta' fenomenu ta' periklu.

Attributi tat-tip ta' dejta QuantitativeLikelihood

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
probabilityOfOccurrence	Il-probabbiltà ta' okkorrenza ta' avveniment ta' periklu, espressa bħala valur bejn 0 u 1.	Probability	voidable
returnPeriod	Intervall medju għal perjodu twil ta' żmien jew numru ta' snin li fih avveniment se jintlaħaq jew se jinqabeż.	Number	voidable

12.3.6. *Valutazzjoni tal-Vulnerabbiltà (VulnerabilityAssessment)*

Valutazzjoni tal-vulnerabbiltà.

Attributi tat-tip ta' dejta VulnerabilityAssessment

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
sourceOfVulnerability	It-tip ta' periklu li qed tiġi vvalutata l-vulnerabbiltà tiegħu.	NaturalHazardClassifi-cation	
levelOfVulnerability	Il-livell ta' vulnerabbiltà.	LevelOrIntensity	voidable
magnitudeOrIntensityO-fHazard	Espressjoni tad-daqs jew tal-intensità ta' fenomenu.	LevelOrIntensity	voidable
typeOfElement	Klassifikazzjoni tal-element espost.	ExposedElementClass-ification	voidable

12.4. **Enumerazzjonijiet**

12.4.1. *Metodu ta' Determinazzjoni (DeterminationMethodValue)*

Enumerazzjoni sabiex jiġi deskritt il-metodu użat sabiex tiġi ddefinita ż-żona ta' periklu jew ta' riskju.

Valuri għall-enumerazzjoni DeterminationMethodValue

Valur	Definizzjoni
modelling	L-erja ġiet ikkomputata skont mudell.

▼M2

Valur	Definizzjoni
indirectDetermination	L-erja ġiet iddefinita bl-interpretazzjoni ta' dejta u/jew informazzjoni disponibbli.

12.5. **Listi ta' kodiċijiet**

12.5.1. *Kategorija ta' Elementi Esposti (ExposedElementCategoryValue)*

Klassifikazzjoni tal-element espost.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu l-valuri speċifikati fit-tabella ta' hawn taħt u valuri addizzjonali fuq kwalunkwe livell iddefiniti mill-forniturituri tad-dejta.

Din il-lista ta' kodiċijiet hija ġerarkika.

Valuri għal-lista ta' kodiċijiet ExposedElementCategoryValue

Valur	Isem	Definizzjoni	Parent Value (Valur Prinċipali)
social	social	Kwalunkwe ħaġa relatata ma' persuni jew ma' gruppi ta' persuni.	
people	nies	Il-preżenza ta' bnedmin.	social
community	komunità	Relazzjoni kumplessa bejn bnedmin li qed jaġixxu bħala xi ħaġa sħiħa jew bħala unità.	social
political	politiku	Kwalunkwe oġġett rilevanti għal affarijiet politiċi.	social
socialService	servizz soċjali	Kwalunkwe servizz ipprovdut lil persuni.	social
economic	economic	Kwalunkwe oġġett relatat ma' proprjetà, mal-ekonomija jew ma' kwistjonijiet monetarji.	
property	proprjetà	Kwalunkwe oġġett soġġett għal sjieda, bħal dar.	economic
infrastructure	infrastruttura	Kwalunkwe oġġett ikkunsidrat bħala struttura li tipprovdi servizz, bħal triq, pont, faċilità militari, eċċ.	economic
economicActivity	attività ekonomika	Kwalunkwe oġġett li jirrappreżenta attività ekonomika, bħal industrija.	economic
ruralLandUse	użu rurali tal-art	Kwalunkwe oġġett mhux urban li huwa ddedikat għal kwalunkwe użu partikolari.	economic
environmental	environmental	Żona soġġetta għal livell ta' protezzjoni partikolari, bħal park naturali.	
waterBody	korp ta' ilma	Kwalunkwe akkumulazzjoni sinifikanti ta' ilma.	environmental
protectedArea	żona protetta	Żona li hija protetta.	environmental

▼M2

Valur	Isem	Definizzjoni	Parent Value (Valur Prinċipali)
pollutionSource	sors ta' tniġġis	Oġġett li fih inkwinanti.	environmental
heritage	heritage	Kwalunkwe ħaġa relatata ma' oġġetti rilevanti minn perspettiva kulturali jew patrimonjali.	
culturalAsset	assi kulturali	Kwalunkwe oġġett ikkunsidrat bħala rilevanti minn perspettiva kulturali, bħal grawnd, teatru, mużew, eċċ.	heritage
historicalAsset	assi storiku	Kwalunke oġġett b'rilevanza storika.	heritage
worldHeritageSite	sit ta' patrimonju dinji	Post (bħal foresta, muntanja, lag, dežert, monument, bini, kumpless jew belt) li huwa elenkat mill-UNESCO bħala li għandu sinifikat kulturali jew fiżiku speċjali.	heritage

12.5.2. *Kategorija ta' Perikli Naturali (NaturalHazardCategoryValue)*

Klassifikazzjoni ġenerika ta' tipi ta' perikli naturali.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu l-valuri speċifikati fit-tabella ta' hawn taħt u valuri idjaq iddefiniti mill-forniturі tad-dejta.

Din il-lista ta' kodiċijiet hija ġerarkika.

Valuri għal-lista ta' kodiċijiet NaturalHazardCategoryValue

Valur	Isem	Definizzjoni	Parent Value (Valur Prinċipali)
geologicalHydrological	ġeoloġiku / idroloġiku	Proċessi li għandhom natura (jew oriġini) ġeoloġika (ġeosfera) jew idroloġika (idrosfera).	
tsunami	tsunami	Taqliba ta' mewġa twila f'korp kbir ta' ilma li tilħaq l-art emersa.	geologicalHydrological
volcanic	vulkaniku	Fetħa jew kisra fil-qoxra tad-Dinja li tħalli jaħarbu magma sħuna, rmied u gassijiet.	geologicalHydrological
earthquake	terremot	Il-perikli ta' terremot jinvolvu l-propagazzjoni ta' mewġ elastiku fis-superfiċje jew qrib is-superfiċje wara r-rilaxx ta' stress tettoniku jew sorsi naturali oħrajn, bħal splużjonijiet vulkaniċi jew impatti ta' meteoriti.	geologicalHydrological
subsidenceAndCollapse	ċediment u kollass	Iċ-ċediment u l-kollass jinvolvu prinċipalment moviment tal-art vertikali 'l isfel tas-superfiċje tad-Dinja minħabba proċessi differenti ta' tagħwir minħabba l-kundizzjonijiet tat-temp tal-blat jew tal-ħamrija jew tirsis tal-blat sa punt fejn l-istruttura tal-blata ma tkunx tista' tiflaħ iktar it-tagħbija tagħha stess (kollass) jew tikkawża movimenti 'l isfel relattivament bil-mod (ċediment).	geologicalHydrological

▼**M2**

Valur	Isem	Definizzjoni	Parent Value (Valur Prinċipali)
landslide	uqigħ tal-art	Proċessi ta' movimenti 'l isfel tul xaqliba ta' għolja ta' ħamrija, blat u materjali organiċi relatati ma' tipi differenti ta' instabbiltà tal-art.	geologicalHydrological
snowAvalanche	valanga tas-silġ	Massa ta' silġ tipikament b'volum ikbar minn 100 m^3 u b'tul minimu ta' 50 metru li tiżżerżaq b'mod rapidu 'l isfel tul xaqliba.	geologicalHydrological
flood	għargħar	Proċessi ta' inondazzjoni ta' art ġeneralment niexfa (emersa), jew it-tagħtija temporanja mill-ilma ta' art li normalment ma tkunx mgħottija bl-ilma.	geologicalHydrological
toxicOrRadioactive	tossiku jew radjuattiv	Proċessi relatati man-natura tas-sustanzi li jistgħu joħolqu theddida għas-saħħa tal-bniedem.	geologicalHydrological
meteorologicalClimatological	meteoroloġiku / klimatoloġiku	Proċessi li għandhom natura (jew oriġini) meteoroloġika (atmosferika) jew klimatika (bidliet eventwali fil-varjabbli ambjentali).	
drought	nixfa	Okkorrenza sostnuta u estensiva ta' disponibbiltà taħt il-medja ta' ilma, ikkawżata minn varjabbiltà fil-klima.	meteorologicalClimatological
extremeTemperature	temperatura estrema	Żieda jew tnaqqis anormali fit-temperatura li ddum iktar minn żieda jew tnaqqis fit-temperatura tas-soltu.	meteorologicalClimatological
tornadosAndHurricanesStrongWinds	trombi tal-arja, uragani u rjieħ qawwija	Irwiefen (b'veloċitajiet kbar).	meteorologicalClimatological
lightning	sajjetti (beraq)	Skariku ta' elettriku atmosferiku.	meteorologicalClimatological
stormSurge	maltempata qawwija	Ilma mbuttat mill-baħar għal fuq l-art ikkawżat minn taqlib atmosferiku bħal uragan jew bidla rapida fil-pressjoni atmosferika.	meteorologicalClimatological
fires	fires	Din il-kategorija tinkludi t-tipi kollha ta' proċessi li jinvolvu l-okkorrenza u t-tixrid tan-nar.	
forestFireWildfire	nirien fil-foresti jew nirien bla kontroll	L-okkorrenza u t-tixrid tan-nar fuq art bil-veġetazzjoni.	fires
undergroundFires	nirien ta' taħt l-art	Nar li jinxtered taħt is-superfiċje, li tipikament iseħħ f'ħamrija mimlija bil-pit.	fires

▼**M2**

Valur	Isem	Definizzjoni	Parent Value (Valur Prinċipali)
biological	biological	Proċessi li huma direttament konnessi ma' organiżmi ħajjin jew ma' prodotti manifatturati minn organiżmi ħajjin.	
infestation	infestazzjoni	Żieda anormali fil-popolazzjoni ta' organiżmi ħajjin.	biological
epidemic	epidemija	Meta tfaqqa' marda li tinfirex malajr fost individwi f'erja jew popolazzjoni.	
allergens	allerġeni	Prodotti jew sustanzi bijoloġiċi (bħall-għabra tad-dakra) li jistgħu jikkawżaw allerġija f'numru kbir ta' persuni.	biological
cosmic	cosmic	Proċessi mill-ispazju extratmosferiku.	
meteoriteImpact	impatt ta' meteorite	Materjali solidi mill-ispazju extratmosferiku li jaslu sad-Dinja.	cosmic
magneticDisruption	taqlib manjetiku	Disturbi tal-kamp manjetiku tad-Dinja.	cosmic
solarAndCosmicRadiation	radjazzjonijiet solari u kożmiċi	Radjazzjoni mill-ispazju extratmosferiku (UV, raġġi gamma, eċċ.)	cosmic

12.5.3. *Tip ta' Element Espost Speċifiku (SpecificExposedElementTypeValue)*

Denominazzjoni addizzjonali ta' elementi esposti.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu kwalunke valur iddefinit mill-forniturі tad-dejta.

12.5.4. *Tip ta' Periklu Speċifiku (SpecificHazardTypeValue)*

Klassifikazzjoni addizzjonali tal-periklu naturali.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu kwalunke valur iddefinit mill-forniturі tad-dejta.

12.6. **Rekwiżiti speċifiċi għat-tema**

(1) Fejn RiskZone tkun assoċjata ma' HazardArea, ir-RiskZone u l-HazardArea għandhom ikunu sovrapposti.

(2) Fejn RiskZone tkun assoċjata ma' ExposedElement, l-ExposedElement għandu jkun sovrappost fuq ir-RiskZone.

12.7. **Saffi**

Saffi għat-tema ta' dejta ġeografika Żoni ta' Riskju Naturali

Isem is-Saff	Titlu tas-Saff	Tip ta' oġġett ġeografiku
NZ.RiskZone	Żoni ta' Riskju	RiskZone
NZ.RiskZoneCoverage	Kopertura ta' Żoni ta' Riskju	RiskZoneCoverage
NZ. <CodeListValue> ([1])	<isem li jista' jinqara mill-bniedem>	HazardArea, HazardAreaCoverage (typeOfHazard: **NaturalHazardCategoryValue**)

▼M2

Isem is-Saff	Titlu tas-Saff	Tip ta' oġġett ġeografiku
Eżempju: NZ.Landslide	Eżempju: Uqigħ tal-art	
NZ. <CodeListValue> ([2])	<isem li jista' jinqara mill-bniedem>	ObservedEvent, ObservedEventCoverage (typeOfHazard: **NaturalHazardCategoryValue**)
Eżempju: NZ.Flood	Eżempju: Għargħar	
NZ.ExposedElement	Elementi Esposti	ExposedElement
NZ.ExposedElementCoverage	Kopertura ta' Element Espost	ExposedElementCoverage

— Il-Kodiċi EU-Nomen (EuNomenCodeValue): Listi ta' referenza li fihom l-identifikaturi tal-ispeċijiet tal-EU-Nomen, kif ġew speċifikati fl-Infrastruttura pan-Ewropea għad-Direttorji tal-Ispeċijiet (Pan-European Species directories Infrastructure) disponibbli permezz tal-portal EU-Nomen.

— Il-Kodiċi tal-ispeċijiet tal-EUNIS (EunisSpeciesCodeValue): Listi ta' referenza li fihom l-identifikaturi tal-ispeċijiet tal-EUNIS, kif ġew speċifikati fil-bażi tad-dejta tal-Bijodiversità tal-EUNIS ippubblikata fuq il-websajt tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent.

— Il-Kodiċi tad-Direttivi dwar in-Natura (NatureDirectivesCodeValue): Listi ta' referenza li fihom l-identifikaturi tal-ispeċijiet tad-Direttivi dwar in-Natura, kif ġew speċifikati fil-Portal ta' Referenza għal Natura 2000 kif ġew iddefiniti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazjoni tal-Kummissjoni 2011/484/UE.

18.4.8. *Skema ta' Speċijiet ta' Referenza (ReferenceSpeciesSchemeValue)*

Listi ta' referenza li jiddefinixxu standard ta' nomenklatura u tassonomiku li l-ismijiet u l-kunċetti tassonomiċi lokali jistgħu jiġu mmappjati abbażi tiegħu.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu l-valuri speċifikati fit-tabella ta' hawn taħt biss.

▼M2

Valuri għal-lista ta' kodiċijiet ReferenceSpeciesSchemeValue

Valur	Isem	Definizzjoni
eunomen	Eunomen	Ismijiet u kunċetti tassonomiċi kif ġew iddefiniti mill-Inventarju tal-Ispeċijiet Pan-Ewropew (Pan European Species Inventory), ippubblikat mill-portal EU-Nomen.
eunis	Eunis	Ismijiet u kunċetti tassonomiċi kif ġew iddefiniti mil-lista ta' speċijiet tal-EUNIS.
natureDirectives	Direttivi dwar in-Natura	Ismijiet u kunċetti tassonomiċi kif ġew iddefiniti mil-listi ta' speċijiet fid-Direttiva 2009/147/KE (id-Direttiva dwar l-Għasafar) u d-Direttiva 92/43/KEE (id-Direttiva dwar il-Ħabitats).

18.4.9. *Status ta' Residenza (ResidencyStatusValue)*

Kategorija tar-residenza tal-okkorrenzi jew tal-popolazzjoni stmata fi ħdan unità ta' aggregazzjoni partikolari.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu kwalunkwe valur iddefinit mill-fornituri tad-dejta.

Il-fornituri tad-dejta jistgħu jużaw il-valuri speċifikati fid-dokument ta' Gwida Teknika tal-INSPIRE dwar Distribuzzjoni tal-Ispeċi.

18.5. **Rekwiżiti speċifiċi għat-tema**

(1) Fejn ikunu meħtieġa rappreżentazzjonijiet ta' grilja ta' distribuzzjonijiet tal-ispeċi, għandha tintuża l-Grid_ETRS89-LAEA kif ġiet iddefinita fit-Taqsima 2.2.1 tal-Anness II.

(2) Għall-oġġetti ġeografiċi SpeciesDistributionUnit,

(a) jekk ma tkunx saret tfittxija attiva għal speċi, l-attribut distributionInfo għandu jkun null bir-raġuni tkun "unknown",

(b) u jekk saret tfittxija attiva għal speċi imma din ma nstabitx, il-valur tal-attribut occurenceCategory tad-DistributionInfoType għandu jkun "absent".

(3) Jekk il-ġeometriji ta' oġġetti ġeografiċi f'sett ta' dejta SpeciesDistributionUnit ikunu derivati mill-ġeometriji ta' oġġetti ġeografiċi f'sett ta' dejta ieħor, mela dan is-sett ta' dejta tas-sors (inkluża l-verżjoni tiegħu) għandu jiġi deskritt bħala parti mill-element ta' metadejta nisel.

18.6. **Saff**

Saff għat-tema ta' dejta ġeografika Distribuzzjoni tal-Ispeċi

Isem is-Saff	Titlu tas-Saff	Tip ta' oġġett ġeografiku
SD.<CodeListValue> ([1])	Distribuzzjoni tal-Ispeċi (ta' <isem li jista' jinqara mill-bniedem>)	SpeciesDistributionUnit (speciesName / referenceSpeciesId: ReferenceSpeciesCodeValue)
Eżempju: SD.SulaBassana	Eżempju: Distribuzzjoni tal-Ispeċi (ta' Sula bassana)	

([1]) Saff wieħed għandu jkun disponibbli għal kull valur ta' lista ta' kodiċijiet, skont l-Artikolu 14(3).

▼M2

19. RIŻORSI TA' ENERĠIJA (ENERGY RESOURCES)

19.1. **Definizzjonijiet**

Minbarra d-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

4. "riżorsa ta' enerġija (energy resource)" tfisser konċentrazzjoni jew okkorrenza ta' sors ta' enerġija li seta' kien preżenti, huwa preżenti jew jista' jkun preżenti fil-ġejjieni.

5. "karburanti fossili (fossil fuels)" tfisser forma ta' enerġija primarja mhux rinnovabbli fformata permezz ta' proċessi naturali bħad-dekompożizzjoni anaerobika ta' organiżmi mejta midfuna, li fiha perċentwali għoljin ta' karbonju u tinkludi l-faħam, iż-żejt mhux raffinat u l-gass naturali.

6. "enerġija primarja (primary energy)" tfisser enerġija li ma kienet soġġetta għall-ebda proċess ta' konverżjoni jew ta' trasformazzjoni.

7. "enerġija mhux rinnovabbli (non-renewable energy)" tfisser riżorsi naturali li minħabba formazzjoni fit-tul, ma jistgħux jiġu prodotti, imkabbra, iġġenerati jew użati fuq skala li tista' ssostni r-rata ta' konsum tagħhom.

8. "enerġija minn sorsi rinnovabbli (energy from renewable sources)" tfisser enerġija minn sorsi rinnovabbli mhux fossili, jiġifieri enerġija mir-riħ, solari, aerotermali, ġeotermali, idrotermali u oċeanika, idroenerġija, bijomassa, gass mill-miżbla, gass minn impjanti għat-trattament tad-drenaġġ u bijogassijiet, skont l-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

9. "skart bħala riżorsi ta' enerġija (waste as energy resources)" tfisser karburant li jista' jikkonsisti f'bosta materjali differenti li ġejjin minn skart kombustibbli industrijali, istituzzjonali, mill-isptarijiet u mid-djar bħal lakstu, plastik, żjut fossili għarrimi u komoditajiet simili oħrajn. Huwa għandu forma jew solida jew likwida, jew rinnovabbli jew mhux rinovabbli, jew bijodegradabbli jew mhux bijodegradabbli.

19.2. **Struttura tat-Tema ta' Dejta Ġeografika Riżorsi ta' Enerġija**

It-tipi speċifikati għat-tema ta' dejta ġeografika Riżorsi ta' Enerġija huma strutturati fil-pakketti li ġejjin:

— Bażi ta' Riżorsi ta' Enerġija

— Vettur ta' Riżorsi ta' Enerġija

— Kopertura ta' Riżorsi ta' Enerġija

19.3. **Bażi ta' Riżorsi ta' Enerġija**

19.3.1. *Tipi ta' dejta*

19.3.1.1. Tip ta' Medda ta' Firxa Vertikali (VerticalExtentRangeType)

Valur li jindika l-limitu superjuri u l-limitu inferjuri tal-medda tal-għoli/fond.

([1]) ĠU L 140, 5.6.2009, p. 16.

▼M2

Attributi tat-tip ta' dejta VerticalExtentRangeType

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
lowerBound	Valur li jindika l-limitu inferjuri tal-medda tal-għoli/fond.	Length	voidable
upperBound	Valur li jindika l-limitu superjuri tal-medda tal-għoli/fond.	Length	

Limitazzjonijiet tat-tip ta' dejta VerticalExtentRangeType

Il-valur ta' lowerBound għandu jiġi espress f'metri.

Il-valur ta' upperBound għandu jiġi espress f'metri.

19.3.1.2. Tip ta' Firxa Vertikali (VerticalExtentType)

Proprjetà dimensjonali vertikali li tikkonsisti f'kejl assolut jew f'medda ta' kejl referenzjat għal livell ta' referenza vertikali ddefinit sew li komunement jitqies bħala l-oriġini (il-livell tal-art, il-livell medju tal-baħar, eċċ.).

Attributi tat-tip ta' dejta VerticalExtentType

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
verticalExtent	Il-firxa tad-dimensjoni vertikali, irrappreżentata minn skalari jew minn medda ta' valuri.	VerticalExtentValue	
verticalReference	Livell ta' referenza li ntgħażel sabiex jiġi ddeterminat l-għoli/il-fond vertikali.	VerticalReferenceValue	

19.3.1.3. Valur tal-Firxa Vertikali (VerticalExtentValue)

Jew numru wieħed jew medda ta' valuri tal-għoli/fond sabiex tiġi deskritta l-pożizzjoni tal-għoli/fond ta' Riżorsa ta' Enerġija.

Dan it-tip huwa tip ta' unjoni.

Attributi tat-tip ta' unjoni VerticalExtentValue

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
range	Medda ta' numri li jirrappreżentaw il-firxa tal-għoli jew tal-fond ta' Riżorsa ta' Enerġija.	VerticalReferenceRangeType	
scalar	Numru li jirrappreżenta l-għoli jew il-fond ta' Riżorsa ta' Enerġija.	Length	

Limitazzjonijiet tat-tip ta' unjoni VerticalExtentValue

Il-valur tal-iskalari għandu jiġi espress f'metri.

19.3.2. *Listi ta' kodiċijiet*

19.3.2.1. Qafas ta' Klassifikazzjoni u ta' Kwantifikazzjoni (ClassificationAndQuantificationFrameworkValue)

Valuri għall-iskemi ta' klassifikazzjoni l-iktar użati sabiex jiġu kklassifikati u kkwantifikati r-riżorsi ta' enerġija.

▼M2

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu kwalunkwe valur iddefinit mill-fornituri tad-dejta.

Il-fornituri tad-dejta jistgħu jużaw il-valuri speċifikati fid-dokument ta' Gwida Teknika tal-INSPIRE dwar Riżorsi ta' Enerġija.

19.3.2.2. Klassi ta' Karburanti Fossili (FossilFuelClassValue)

Valuri li jindikaw id-diversi livelli tar-riżorsi tal-karburanti fossili.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu kwalunkwe valur iddefinit mill-fornituri tad-dejta.

Il-fornituri tad-dejta jistgħu jużaw il-valuri speċifikati fid-dokument ta' Gwida Teknika tal-INSPIRE dwar Riżorsi ta' Enerġija.

19.3.2.3. Rinnovabbli u Skart (RenewableAndWasteValue)

Tipi ta' riżorsi rinnovabbli u ta' riżorsi ta' skart.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu l-valuri speċifikati fit-tabella ta' hawn taħt biss.

Valuri għal-lista ta' kodiċijiet RenewableAndWasteValue

Valur	Isem	Definizzjoni
biogas	bijogass	Gass kompost prinċipalment mill-metan u mid-diossidu tal-karbonju prodotti mid-diġestjoni anaerobika tal-bijomassa.
geothermal	ġeotermali	Enerġija disponibbli bħala sħana emessa minn ġewwa l-qoxra tad-Dinja, ġeneralment fil-forma ta' misħun jew ta' fwar. Din il-produzzjoni tal-enerġija hija d-differenza bejn l-entalpija tal-fluwidu prodott fl-ispiera ta' produzzjoni u dik tal-fluwidu eventwalment mormi. Hija tiġi sfruttata f'siti adattati għall-ġenerazzjoni tal-elettriku jew direttament bħala sħana.
hydro	idroenerġija	Enerġija potenzjali u kinetika ta' ilma kkonvertit f'elettriku f'impjanti idroelettriċi.
industrialWaste	skart industrijali	Skart b'oriġini industrijali mhux rinnovabbli (solidi jew likwidi) li jinħaraq direttament għall-produzzjoni tal-elettriku u/jew tas-sħana.
liquidBiofuels	bijokarburanti likwidi	Il-bijokarburanti likwidi huma l-bijogażolina, il-bijodiżils jew bijokarburanti oħrajn li jintużaw direttament bħala karburant.
municipalSolidWaste	skart solidu muniċipali	Skart prodott mid-djar, mill-industrija, mill-isptarijiet u mis-settur terzjarju li fih materjali bijodegradabbli li jiġu inċinerati f'installazzjonijiet speċifiċi.
solarPhotovoltaic	fotovoltajku solari	Id-dawl tax-xemx ikkonvertit f'elettriku bl-użu ta' ċelluli solari ġeneralment magħmula minn materjal semikonduttiv li, meta jiġi espost għad-dawl jiġġenera l-elettriku.

▼M2

Valur	Isem	Definizzjoni
solarThermal	termali solari	Is-sħana mir-radjazzjoni solari li tista' tikkonsisti f'impjanti jew f'tagħmir termali u elettriku solari għall-produzzjoni tas-sħana.
solidBiomass	bijomassa solida	Tkopri il-materjal organiku u mhux fossili b'oriġini bijoloġika li jista' jintuża bħala karburant għall-produzzjoni tas-sħana jew għall-ġenerazzjoni tal-elettriku.
tideWaveOcean	marea, mewġa, oċean	Enerġija mekkanika derivata mill-moviment tal-mareat, mill-moviment tal-mewġ jew mill-kurrenti tal-oċeani u esplojtata għall-ġenerazzjoni tal-elettriku.
wind	riħ	L-enerġija kinetika tar-riħ esplojtata għall-ġenerazzjoni tal-elettriku f'turbini tar-riħ.

19.3.2.4. Karburant Fossili (FossilFuelValue)

Tipi ta' karburanti fossili.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu l-valuri speċifikati fit-tabella ta' hawn taħt biss.

Valuri għal-lista ta' kodiċijiet FossilFuelValue

Valur	Isem	Definizzjoni
hardCoal	faħam iebes	Sediment fossili iswed, kombustibbli, solidu u organiku ta' spiss jissejjaħ ta' Livell Għoli (High Rank), minħabba l-valur kalorifiku għoli tiegħu jew Faħam Iswed (Black Coals) minħabba l-karatteristika fiżika tiegħu. Din il-kategorija tinkludi l-antraċite, il-faħam għall-produzzjoni tal-kokk u faħam bituminuż ieħor.
lowRankCoal	faħam ta' livell baxx	Sediment organiku fossili u kombustibbli b'kulur li jagħti mill-kannella għall-iswed li mhuwiex agglomeranti u ta' spiss jissejjaħ Faħam ta' Livell Baxx (Low Rank Coals) minħabba l-valur kalorifiku baxx tiegħu jew Faħam Kannella (Brown Coals) minħabba l-karatteristika fiżika tiegħu. Din il-kategorija tinkludi kemm il-faħam subbituminuż kif ukoll il-linjite.
peat	pit	Depożitu sedimentarju kombustibbli, artab, poruż jew kompressat li ġej mill-pjanti b'kontenut għoli ta' ilma (sa 90 % meta ma jkunx ittrattat), li jinqata' faċilment, b'kulur li jagħti mill-kannella ċar għall-kannella skur.
crudeOil	żejt mhux raffinat	Iż-żejt mhux raffinat huwa żejt minerali b'oriġini naturali magħmul minn taħlita ta' idrokarburi u ta' impuritajiet assoċjati, bħall-kubrit. Huwa jeżisti fil-fażi likwida f'temperatura u fi pressjoni normali tas-superfiċje u l-karatteristiċi fiżiċi tiegħu (densità, viskożità, eċċ.) huma ferm varjabbli.

▼M2

Valur	Isem	Definizzjoni
naturalGas	gass naturali	Gassijiet li jinsabu f'depożiti ta' taħt l-art, kemm jekk ikunu likwifikati jew gassużi, u li jikkonsistu prinċipalment f'metan.
naturalGasLiquids	likwidi tal-gass naturali	Idrokarburi likwidi jew likwifikati rkuprati mill-gass naturali f'faċilitajiet ta' separazzjoni jew f'impjanti għall-ipproċessar tal-gass.
oilSands	ramel taż-żejt (oil sands)	Ir-ramel taż-żejt (oil sands), ir-ramel taż-żift (tar sands) jew, b'mod iktar tekniku, ir-ramel bituminuż huwa ramel maħlul jew ġebel ramli (sandstone) parzjalment ikkonsolidat, saturat b'forma densa u ferm viskuża ta' żejt mhux maħdum (petroleum) teknikament imsejjaħ bitum.
oilShales	shales bituminużi (oil shales)	Shale bituminuż (oil shale), magħruf ukoll bħala shale tal-kerogen (kerogen shale), huwa blata sedimentarja organikament rikka u bil-grana fina li fiha l-kerogen (idrokarburi immaturi).

19.3.2.5. Referenza Vertikali (VerticalReferenceValue)

Valuri li jindikaw il-livell ta' referenza tal-firxa vertikali.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu kwalunkwe valur iddefinit mill-fornituri tad-dejta.

Il-fornituri tad-dejta jistgħu jużaw il-valuri speċifikati fid-dokument ta' Gwida Teknika tal-INSPIRE dwar Riżorsi ta' Enerġija.

19.4. **Vettur ta' Riżorsi ta' Enerġija**

19.4.1. *Tipi ta' oġġetti ġeografiċi*

Il-pakkett Vettur ta' Riżorsi ta' Enerġija fih it-tipi ta' oġġetti ġeografiċi li ġejjin:

— Riżorsa ta' Enerġija Vettur (Vector Energy Resource)

— Riżorsa ta' Karburanti Fossili

— Riżorsa Rinnovabbli u ta' Skart (Renewable And Waste Resource)

19.4.1.1. Riżorsa ta' Enerġija Vettur (VectorEnergyResource)

Riżorsa ta' Enerġija ta' Vettur (VectorEnergyResource) Oġġett ġeografiku vettur li jiddefinixxi firxa ġeografika dedotta jew osservabbli ta' riżorsa li tista' tintuża jew intużat bħala sors ta' enerġija.

Dan it-tip huwa astratt.

Attributi tat-tip ta' oġġett ġeografiku VectorEnergyResource

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
inspireId	Identifikatur ta' oġġett estern tal-oġġett ġeografiku.	Identifier	
geometry	Rappreżentazzjoni ġeometrika tal-firxa ġeografika koperta minn din ir-riżorsa ta' enerġija.	GM_Object	

▼M2

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
classificationAndQuantificationFramework	Skema ta' klassifikazzjoni ta' referenza sabiex jiġu kklassifikati u kkwantifikati r-riżorsi ta' enerġija.	ClassificationAndQuantificationFrameworkValue	
verticalExtent	Proprjetà dimensjonali vertikali li tikkonsisti f'kejl assolut jew f'medda ta' kejl referenzjat għal livell ta' referenza vertikali ddefinit sew li komunement jitqies bħala l-oriġini (il-livell tal-art, il-livell medju tal-baħar, eċċ.).	VerticalExtentType	voidable
exploitationPeriod	L-exploitationPeriod (perjodu ta' esplojtazzjoni) jiddefinixxi d-data tal-bidu u, jekk ikun applikabbli, id-data tat-tmiem tal-applikazzjoni.	ExploitationPeriodType	voidable
reportingAuthority	L-organizzazzjoni responsabbli mir-rapportar dwar ir-riżorsi ta' enerġija stmati u prodotti.	RelatedParty	voidable
resourceName	L-isem tar-riżorsa ta' enerġija.	GeographicalName	voidable
beginLifespanVersion	Id-data u l-ħin li fihom din il-verżjoni tal-oġġett ġeografiku ddaħħlet jew tbiddlet fis-sett ta' dejta ġeografika.	DateTime	voidable
endLifespanVersion	Id-data u l-ħin li fihom din il-verżjoni tal-oġġett ġeografiku ġiet sostitwita jew irtirata fis-sett ta' dejta ġeografika.	DateTime	voidable

19.4.1.2. Riżorsa ta' Karburant Fossili (FossilFuelResource)

Oġġett ġeografiku li jiddefinixxi firxa ġeografika dedotta jew osservabbli ta' riżorsa li tista' tintuża jew intużat bħala sors ta' enerġija minn karburant fossili. L-iktar tipi komuni ta' karburanti fossili huma l-faħam, il-gass naturali u ż-żejt mhux raffinati.

Dan it-tip huwa subtip ta' VectorEnergyResource.

Attributi tat-tip ta' oġġett ġeografiku FossilFuelResource

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
resource	It-tip u l-ammont ta' riżorsi ta' karburanti fossili f'oġġett ġeografiku wieħed.	FossilFuelResourceType	
dateOfDiscovery	Id-data meta ġie skopert is-sors ta' enerġija.	TM_Position	voidable

19.4.1.3. Riżorsa Rinnovabbli U ta' Skart (RenewableAndWasteResource)

Oġġett ġeografiku li jiddefinixxi firxa ġeografika dedotta jew osservabbli ta' riżorsa li tista' tintuża jew intużat bħala sors ta' enerġija rinnovabbli jew ta' skart.

Dan it-tip huwa subtip ta' VectorEnergyResource.

▼M2

Attributi tat-tip ta' oġġett ġeografiku RenewableAndWasteResource

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
capacity	Il-kapaċità tal-enerġija ta' riżorsa ta' enerġija rinnnovabbli fi ħdan il-firxa ġeografika.	Measure	voidable
dateOfDetermination	Id-data meta ġiet iddeterminata l-kapaċità tar-riżorsa.	TM_Position	voidable
typeOfResource	It-tip ta' riżorsa ta' enerġija rinnovabbli jew ta' skart.	RenewableAndWasteValue	

19.4.2. *Tipi ta' dejta*

19.4.2.1. Tip ta' Medda Kalorifika (CalorificRangeType)

Valur li jindika l-limitu superjuri u l-limitu inferjuri tal-medda kalorifika tar-riżorsa ta' enerġija.

Attributi tat-tip ta' dejta CalorificRangeType

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
lowerBound	Valur li jindika l-limitu inferjuri tal-medda kalorifika.	Measure	
upperBound	Valur li jindika l-limitu superjuri tal-medda kalorifika.	Measure	

19.4.2.2. Tip ta' Valur Kalorifiku (CalorificValueType)

Valur jew medda ta' valuri li jiddeskrivi l-valur kalorifiku ta' Riżorsa ta' Enerġija.

Dan it-tip huwa tip ta' unjoni.

Attributi tat-tip ta' unjoni CalorificValueType

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
calorificRange	Medda ta' valuri kalorifiċi li jiddeskrivu l-valur kalorifiku ta' Riżorsa ta' Enerġija.	CalorificRangeType	
calorificScalar	Kejl li jikkwantifika l-proprjetà kalorifika ta' Riżorsa ta' Enerġija.	Measure	

19.4.2.3. Tip ta' Perjodu ta' Esplojtazzjoni (ExploitationPeriodType)

L-exploitationPeriod jiddefinixxi d-data tal-bidu u, jekk ikun applikabbli, id-data tat-tmiem tal-esplojtazzjoni jew tal-applikazzjoni.

Attributi tat-tip ta' dejta ExploitationPeriodType

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
beginTime	Il-ħin meta bdiet l-esplojtazzjoni.	TM_Position	
endTime	Il-ħin meta ntemmet l-esplojtazzjoni.	TM_Position	

▼M2

19.4.2.4. Kejl ta’ Karburant Fossili (FossilFuelMeasure)

L-ammont ta’ riżorsi skont il-kategorizzazzjoni speċifika.

Attributi tat-tip ta’ dejta FossilFuelMeasure

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
amount	L-ammont ta’ riżorsa preżenti fl-oġġett ġeografiku.	Measure	
dateOfDetermination	Id-data meta r-riżorsa ġiet ikkwantifikata.	TM_Position	
resourceClass	Kategorija li tindika l-kunfidenza differenti tar-riżorsa ta’ karburant fossili, bħal inizjalment fil-post, riżervi pprovati, kontinġenti.	FossilFuelClassValue	

19.4.2.5. Tip ta’ Riżorsa ta’ Karburant Fossili(FossilFuelResourceType)

It-tip u l-ammont ta’ riżorsa skont kategorizzazzjoni speċifika.

Attributi tat-tip ta’ dejta FossilFuelResourceType

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
calorificValue	Kull riżorsa ta’ karburant fossili hija kkaratterizzata mill-valur kalorifiku tagħha, jiġifieri l-kwantità ta’ enerġija disponibbli f’unità ta’ massa.	CalorificValueType	voidable
quantity	L-ammont ta’ riżorsa skont il-kategorizzazzjoni speċifika.	HydrocarbonMeasure	voidable
typeOfResource	Tip ta’ karburant fossili.	FossilFuelValue	

19.5. **Kopertura ta’ Riżorsi ta’ Enerġija**

19.5.1. *Tipi ta’ oġġetti ġeografiċi*

Il-pakkett Kopertura ta’ Riżorsi ta’ Enerġija fih it-tip ta’ oġġett ġeografiku Kopertura tal-Potenzjal tar-Rinnovabbli U tal-Iskart (Renewable And Waste Potential Coverage).

19.5.1.1. Kopertura tal-Potenzjal tar-Rinnovabbli U tal-Iskart (RenewableAndWastePotentialCoverage)

Funzjoni li tirritorna valur potenzjali tal-enerġija mill-medda tiegħu għal kwalunkwe pożizzjoni diretta fi ħdan id-dominju ġeografiku, temporali jew ġeotemporali tagħha.

Dan it-tip huwa subtip ta’ RectifiedGridCoverage.

Attributi tat-tip ta’ oġġett ġeografiku RenewableAndWastePotentialCoverage

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
inspireId	Identifikatur ta’ oġġett estern tal-oġġett ġeografiku.	Identifier	

▼M2

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
potentialType	Hemm diversi tipi ta' enerġija potenzjali, kull waħda assoċjata ma' tip partikolari ta' enerġija.	PotentialTypeValue	
typeOfResource	It-tip ta' riżorsa rinnovabbli u ta' skart li l-fenomenu mkejjel huwa applikabbli għalih.	RenewableAndWasteValue	
domainExtent	L-attribut domainExtent għandu jkun fih il-firxa tad-dominju ġeotemporali tal-kopertura. Il-firxiet jistgħu jiġu speċifikati kemm mil-lat ġeografiku kif ukoll minn dak temporali.	EX_Extent	
assessmentMethod	Referenza għall-metodu użat sabiex jiġi vvalutat il-potenzjal tar-riżorsa ta' enerġija.	DocumentCitation	voidable
name	L-isem tal-kopertura.	CharacterString	voidable
validTime	Il-perjodu ta' żmien li għalih hija hija rappreżentattiva din il-kopertura.	TM_Period	voidable
verticalExtent	Numru jew medda ta' valuri tal-għoli/fond sabiex jiġi deskritt l-għoli/il-fond li għalih huma validi l-valuri tas-sett ta' medda.	VerticalExtentType	voidable
beginLifespanVersion	Id-data u l-ħin li fihom din il-verżjoni tal-oġġett ġeografiku ddaħħlet jew tbiddlet fis-sett ta' dejta ġeografika.	DateTime	voidable
endLifespanVersion	Id-data u l-ħin li fihom din il-verżjoni tal-oġġett ġeografiku ġiet sostitwita jew irtirata fis-sett ta' dejta ġeografika.	DateTime	voidable

Limitazzjonijiet tat-tip ta' oġġett ġeografiku RenewableAndWastePotentialCoverage

Il-valuri rangeSet għandhom ikunu tat-tip Measure.

19.5.2. *Listi ta' kodiċijiet*

19.5.2.1. Tip ta' Potenzjal (PotentialTypeValue)

Tipi ta' enerġija potenzjali minn riżorsi rinnovabbli u ta' skart.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu kwalunkwe valur iddefinit mill-fornituri tad-dejta.

Il-fornituri tad-dejta jistgħu jużaw il-valuri speċifikati għal waħda mil-listi ta' kodiċijiet li ġejjin fid-dokument ta' Gwida Teknika tal-INSPIRE dwar Riżorsi ta' Enerġija:

— Potenzjal Ġeotermali (GeothermalPotentialValue): Tipi ta' enerġija ġeotermali potenzjali.

— Potenzjal Idro (HydroPotentialValue): Tipi ta' enerġija idro potenzjali.

▼M2

— Potenzjal Solari (SolarPotentialValue): Tipi ta' enerġija solari potenzjali.

— Potenzjal Mareali (TidalPotentialValue): Tipi ta' enerġija mareali potenzjali.

— Potenzjal tar-Riħ (WindPotentialValue): Tipi ta' enerġija mir-riħ potenzjali.

19.6. **Rekwiżiti speċifiċi għat-tema**

Fejn il-ġeometrija tal-oġġett ġeografiku tkun derivata minn oġġett ġeografiku ieħor, il-ġeometriji taż-żewġ oġġetti għandhom ikunu konsistenti.

19.7. **Saffi**

Saffi għat-tema ta' dejta ġeografika Riżorsi ta' Enerġija

Isem is-Saff	Titlu tas-Saff	Tip ta' oġġett ġeografiku
ER. FossilFuelResource	Riżorsi ta' Karburanti Fossili	FossilFuelResource
ER.RenewableAndWasteResource	Riżorsi Rinnovabbli U ta' Skart	RenewableAndWasteResource
ER.RenewableAndWastePotentialCoverage	Kopertura tal-Potenzjal tar-Rinnovabbli u tal-Iskart	RenewableAndWastePotentialCoverage

20. RIŻORSI MINERALI

20.1. **Definizzjonijiet**

Minbarra d-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "komodità (commodity)" tfisser materjal ta' interess ekonomiku f'riżorsa tad-Dinja.

(2) "minjiera (mine)" tfisser skavar għall-estrazzjoni ta' depożiti minerali, inklużi x-xogħlijiet ta' taħt l-art u x-xogħlijiet f'minjieri miftuħa (open-pit, magħrufa wkoll bħala minjieri open-sky) għall-estrazzjoni ta' komoditajiet metalliċi, kif ukoll xogħljiet fil-miftuħ għall-estrazzjoni ta' minerali industrijali (li komunement jissejħu barrieri).

(3) "attività ta' tħaffir f'minjiera (mining activity)" tfisser il-proċess ta' estrazzjoni ta' depożiti minerali metalliċi jew mhux metalliċi mid-Dinja.

20.2. **Struttura tat-Tema ta' Dejta Ġeografika Riżorsi Minerali**

It-tipi speċifikati għat-tema ta' dejta ġeografika Riżorsi Minerali huma strutturati fil-pakketti li ġejjin:

— Riżorsi Minerali

— Ġeoloġija (Geology) (għat-tip ta' oġġett ġeografiku MappedFeature, speċifikat fit-Taqsima 0 tal-Anness III)

20.3. **Riżorsi Minerali**

Il-pakkett Riżorsi Minerali (Mineral Resources) fih it-tipi ta' oġġetti ġeografiċi li ġejjin:

— Riżorsa tad-Dinja (Earth Resource)

— Okkorrenza Minerali (Mineral Occurrence)

▼M2

— Commodity

— Attività ta’ Esplorazzjoni (Exploration Activity)

— Karatteristika ta’ Tħaffir f’Minjiera (Mining Feature)

— Okkorrenza ta’ Karatteristika ta’ Tħaffir f’Minjiera (Mining Feature Occurrence)

— Mine

— Attività ta’ Tħaffir f’Minjiera (Mining Activity)

20.3.1. *Tipi ta’ oġġetti ġeografiċi*

20.3.1.1. Riżorsa tad-Dinja (EarthResource)

It-tipi ta’ fenomeni osservabbli jew dedotti meħtieġa sabiex jiġu kklassifikati riżorsi tad-Dinja ekonomiċi u mhux ekonomiċi.

Dan it-tip huwa subtip ta’ GeologicFeature.

Dan it-tip huwa astratt.

Attributi tat-tip ta’ oġġett ġeografiku EarthResource

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
dimension	Id-daqs/il-volum tar-riżorsa tad-Dinja.	EarthResourceDimension	voidable
expression	Indikatur ta’ jekk EarthResource tidhirx fuq is-superfiċje jew ġietx rilevata taħt il-blat tas-superfiċje (cover rocks).	Category	voidable
form	Ir-relazzjoni fiżika u strutturali tipika ta’ ġjaċiment ta’ minerali mhux maħduma (orebody) mal-blat li jifforma l-ħitan ta’ vina (wallrocks) u mal-blat assoċjat.	Category	voidable
linearOrientation	L-orjentazzjon lineari tal-EarthResource.	CGI_LinearOrientation	voidable
planarOrientation	L-orjentazzjoni planari tal-EarthResource.	CGI_PlanarOrientation	voidable
shape	Il-forma ġeometrika tipika tal-EarthResource.	Category	voidable
sourceReference	Is-sors ta' referenza għall-Earth Resource.	DocumentCitation	voidable
beginLifespanVersion	Id-data u l-ħin li fihom din il-verżjoni tal-oġġett ġeografiku ddaħħlet jew tbiddlet fis-sett ta’ dejta ġeografika.	DateTime	voidable
endLifespanversion	Id-data u l-ħin li fihom din il-verżjoni tal-oġġett ġeografiku ġiet sostitwita jew irtirata fis-sett ta’ dejta ġeografika.	DateTime	voidable

Rwoli ta’ assoċjazzjoni tat-tip ta’ oġġett ġeografiku EarthResource

Rwol ta’ assoċjazzjoni	Definizzjoni	Tip	Voidability
oreAmount	L-ammont ta’ minerali mhux maħduma (ore) stmat jew ikkalulat bl-identifikazzjoni tal-komoditajiet inklużi u l-grad tagħhom.	OreMeasure	voidable

▼M2

Rwol ta' assoċjazzjoni	Definizzjoni	Tip	Voidability
explorationHistory	Lista kronoloġija tal-istħarriġ li twettaq sabiex jiġi ddefinit aħjar il-potenzjal ta' okkorrenza minerali.	ExplorationActivity	voidable
classification	Klassifikazzjoni tal-EarthResource.	MineralDepositModel	voidable
resourceExtraction	Perjodu ta' attività ta' tħaffir f'minjiera wieħed jew iktar tar-riżorsa tad-Dinja.	MiningActivity	voidable
commodityDescription	Il-komoditajiet preżenti fir-riżorsa kklassifikati skont l-importanza tagħhom.	Commodity	

20.3.1.2. Okkorrenza Minerali (MineralOccurrence)

Akkumulazzjoni minerali fil-litosfera.

Dan it-tip huwa subtip ta' EarthResource.

Attributi tat-tip ta' oġġett ġeografiku MineralOccurrence

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
type	It-tip ta' okkorrenza minerali.	MineralOccurrenceTypeValue	
endusePotential	Il-potenzjal ta' użu finali tal-mineral.	EndusePotentialValue	voidable

20.3.1.3. Komodità (Commodity)

Il-materjal ta' interess ekonomiku fl-EarthResource.

Attributi tat-tip ta' oġġett ġeografiku Commodity

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
commodityImportance	L-importanza tad-depożitu għall-komodità.	ImportanceValue	voidable
commodity	Il-komodità tar-riżorsa tad-Dinja.	CommodityCodeValue	
commodityRank	Il-grad tal-komodità.	Integer	voidable

Rwoli ta' assoċjazzjoni tat-tip ta' oġġett ġeografiku Commodity

Rwol ta' assoċjazzjoni	Definizzjoni	Tip	Voidability
source	Id-depożitu/ir-riżorsa minn fejn ġejja l-komodità.	EarthResource	

20.3.1.4. Attività ta' Esplorazzjoni (ExplorationActivity)

Perjodu ta' attività ta' esplorazzjoni.

▼M2

Attributi tat-tip ta' oġġett ġeografiku ExplorationActivity

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
activityDuration	Perjodu, jew firxa ta' żmien, tal-attività ta' esplorazzjoni.	TM_Period	
activityType	It-tip ta' attività ta' esplorazzjoni.	ExplorationActivityTypeValue	
explorationResult	Ir-riżultat tal-attività ta' esplorazzjoni.	ExplorationResultValue	

20.3.1.5. Karatteristika ta' Tħaffir f'Minjiera (MiningFeature)

Tip ta' oġġett ġeografiku li jirragruppa l-proprjetajiet komuni tal-minjieri u tal-attivitajiet ta' tħaffir f'minjiera.

Dan it-tip huwa astratt.

Attributi tat-tip ta' oġġett ġeografiku MiningFeature

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
inspireId	Identifikatur ta' oġġett estern tal-oġġett ġeografiku.	Identifier	

20.3.1.6. Okkorrenza ta' Karatteristika ta' Tħaffir f'Minjiera (MiningFeatureOccurrence)

Rappreżentazzjoni ġeografika ta' MiningFeature.

Attributi tat-tip ta' oġġett ġeografiku MiningFeatureOccurrence

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
shape	Il-ġeometrija tal-MiningFeature.	GM_Object	

Rwoli ta' assoċjazzjoni tat-tip ta' oġġett ġeografiku MiningFeatureOccurrence

Rwol ta' assoċjazzjoni	Definizzjoni	Tip	Voidability
specification	Tindika l-MiningFeature li tispeċifika l-MiningFeatureOccurrence.	MiningFeature	

20.3.1.7. Minjiera (Mine)

Skavar imwettaq għall-estrazzjoni ta' depożiti minerali.

Dan it-tip huwa subtip ta' MiningFeature.

Attributi tat-tip ta' oġġett ġeografiku Mine

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
mineName	Tip ta' dejta li tindika l-Isem ta' Minjiera u jekk huwiex l-isem ippreferut.	MineName	

▼M2

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
status	Il-valur tal-istatus operattiv tal-minjiera.	MineStatusValue	
sourceReference	Ir-referenza għas-sors għall-minjiera.	DocumentCitation	voidable
startDate	Id-data meta l-minjiera bdiet tkun operattiva.	TM_Instant	voidable
endDate	Id-data meta l-minjiera waqfet tkun operattiva.	TM_Instant	voidable
beginLifespanVersion	Id-data u l-ħin li fihom din il-verżjoni tal-oġġett ġeografiku ddaħħlet jew tbiddlet fis-sett ta' dejta ġeografika.	DateTime	voidable
endLifespanVersion	Id-data u l-ħin li fihom din il-verżjoni tal-oġġett ġeografiku ġiet sostitwita jew irtirata fis-sett ta' dejta ġeografika.	DateTime	voidable

Rwoli ta' assoċjazzjoni tat-tip ta' oġġett ġeografiku Mine

Rwol ta' assoċjazzjoni	Definizzjoni	Tip	Voidability
relatedMine	Minjiera relatata.	Mine	voidable
relatedActivity	Il-MiningActivity assoċjata mal-Mine.	MiningActivity	

20.3.1.8. Attività ta' Tħaffir f'Minjiera (MiningActivity)

Il-proċess tal-estrazzjoni ta' depożiti ta' minerali metalliċi jew mhux metalliċi jew ta' blat industrijali mid-Dinja.

Dan it-tip huwa subtip ta' MiningFeature.

Attributi tat-tip ta' oġġett ġeografiku MiningActivity

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
activityDuration	Perjodu, jew firxa ta' żmien, tal-attività ta' tħaffir f'minijiera.	TM_Period	
activityType	It-tip ta' attività ta' tħaffir f'minjiera.	MiningActivityTypeValue	
oreProcessed	L-ammont ta' minerali mhux maħduma li ġie pproċessat permezz tal-attività.	Quantity	voidable
processingType	It-tip ta' pproċessar imwettaq waqt l-attività ta' tħaffir f'minjiera.	ProcessingActivityTypeValue	

Rwoli ta' assoċjazzjoni tat-tip ta' oġġett ġeografiku MiningActivity

Rwol ta' assoċjazzjoni	Definizzjoni	Tip	Voidability
associatedMine	Il-minjiera fejn issir jew fejn saret l-attività ta' tħaffir f'minjiera.	Mine	voidable

▼M2

Rwol ta' assoċjazzjoni	Definizzjoni	Tip	Voidability
deposit	Id-depożitu li miegħu hija assoċjata l-attività ta' tħaffir f'minjiera.	EarthResource	voidable

20.3.2. *Tipi ta' dejta*

20.3.2.1. Kejl ta' Komodità (CommodityMeasure)

Kejl tal-ammont tal-komodità bbażat fuq kalkolu tar-Riżerva, tar-Riżorsa jew tad-Dotazzjoni.

Attributi tat-tip ta' dejta CommodityMeasure

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
commodityAmount	L-ammont tal-komodità.	QuantityRange	voidable
cutOffGrade	Il-grad ta' limitu (cut-off grade) użat biex jiġi kkalkolat il-kejl tal-komodità.	QuantityRange	voidable
grade	Il-grad tal-komunità.	QuantityRange	voidable

Rwoli ta' assoċjazzjoni tat-tip ta' dejta CommodityMeasure

Rwol ta' assoċjazzjoni	Definizzjoni	Tip	Voidability
commodityOfInterest	Il-komodità li għaliha tirreferi l-CommodityMeasure.	Commodity	

20.3.2.2. Dimensjoni ta' Riżorsa tad-Dinja (EarthResourceDimension)

Id-daqs u l-volum tar-riżorsa tad-Dinja.

Attributi tat-tip ta' dejta EarthResourceDimension

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
area	L-erja tal-EarthResource.	QuantityRange	voidable
depth	Il-fond tal-EarthResource.	QuantityRange	voidable
length	It-tul tal-EarthResource.	QuantityRange	voidable
width	Il-wisa' tal-EarthResource.	QuantityRange	voidable

20.3.2.3. Dotazzjoni (Endowment)

Il-kwantità ta' mineral (jew ta' grupp ta' minerali għall-blat industrijali) f'akkumulazzjonijiet (depożiti) li tissodisfa karatteristiċi fiżiċi speċifikati bħall-kwalità, id-daqs u l-fond.

Dan it-tip huwa subtip ta' OreMeasure.

Attributi tat-tip ta' dejta Endowment

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
includesReserves	Markatura li tindika jekk l-istima tinkludix il-valur tar-riżervi.	Boolean	voidable

▼M2

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
includesResources	Markatura li tindika jekk l-istima tinkludix il-valur tar-riżorsi.	Boolean	voidable

20.3.2.4. Isem ta' Minjiera (MineName)

Tip ta' dejta li tindika l-Isem ta' Minjiera u jekk dan huwiex l-isem ippreferut.

Attributi tat-tip ta' dejta MineName

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
isPreferred	Operatur boolean li jindika jekk il-valur fil-mineName huwiex l-isem ippreferut tal-minjiera.	Boolean	
mineName	L-isem tal-minjiera.	CharacterString	

20.3.2.5. Mudell ta' Depożitu Minerali (MineralDepositModel)

Informazzjoni rranġata b'mod sistematiku li tiddeskrivi l-attributi esenzjali ta' klassi ta' depożiti minerali. Hija tista' tkun empirika (deskrittiva) jew teoretika (ġenetika).

Attributi ta' MineralDepositModel

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
mineralDepositGroup	Raggruppament ta' depożiti minerali ddefinit permezz ta' karatteristiċi ġenetiċi.	MineralDepositGroupValue	
mineralDepositType	L-istil ta' okkorrenza jew ta' depożitu minerali.	MineralDepositTypeValue	voidable

20.3.2.6. Kejl ta' Mineral Mhux Maħdum (OreMeasure)

L-istima tal-ammont ta' minerali mhux maħduma ta' Riżerva, ta' Riżorsa jew ta' Dotazzjoni.

Dan it-tip huwa astratt.

Attributi tat-tip ta' dejta OreMeasure

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
classificationMethodUsed	Il-mezzi biex jiġi kkalkulat il-kejl.	ClassificationMethodUsedValue	
date	Id-data tal-valur ikkalkulat jew stmat.	TM_GeometricPrimitive	
dimension	Id-daqs tal-korp użat fil-kalkolu.	EarthResourceDimension	voidable
ore	L-ammont ta' mineral mhux maħdum.	QuantityRange	
proposedExtractionMethod	Il-metodu propost sabiex tiġi estratta l-komodità.	Category	voidable
sourceReference	Ir-referenza għall-valuri tal-OreMeasure.	DocumentCitation	

▼M2

Rwoli ta’ assoċjazzjoni tat-tip ta’ dejta OreMeasure

Rwol ta’ assoċjazzjoni	Definizzjoni	Tip	Voidability
measureDetails	Kejl tal-ammont ta’ kull komodità ibbażat fuq kalkolu tar-riżerva, tar-riżorsa jew tad-dotazzjoni.	CommodityMeasure	

20.3.2.7. Riżerva (Reserve)

Il-parti li tista’ tiħaffer b’mod ekonomiku ta’ Riżorsa Minerali Mkejla u/jew Indikata.

Dan it-tip huwa subtip ta’ OreMeasure.

Attributi tat-tip ta’ dejta Reserve

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
category	Il-livell ta’ kunfidenza tal-istima.	ReserveCategoryValue	

20.3.2.8. Riżorsa (Resource)

Akkumulazzjoni ta’ materjal b’interess ekonomiku intrinsiku fil-qoxra tad-Dinja jew fuqha b’tali forma, kwalità u kwantità li jkun hemm prospetti raġonevoli għal estrazzjoni ekonomika.

Dan it-tip huwa subtip ta’ OreMeasure.

Attributi tat-tip ta’ dejta Resource

Attribut	Definizzjoni	Tip	Voidability
category	Indikazzjoni ta’ jekk ir-riżorsa tkejlitx, ġietx indikata, jew ġietx dedotta.	ResourceCategoryValue	
includesReserves	Markatura li tindika jekk l-istima tar-riżorsi tinkludix valuri ta’ riżerva.	Boolean	voidable

20.3.3. *Listi ta’ kodiċijiet*

20.3.3.1. Metodu ta’ Klassifikazzjoni Użat (ClassificationMethodUsedValue)

Kodiċijiet li jindikaw il-mezzi użati sabiex jiġi kkalkulat il-kejl tal-minerali mhux maħduma.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta’ kodiċijiet jinkludu l-valuri speċifikati fit-tabella ta’ hawn taħt u valuri addizzjonali fuq kwalunkwe livell iddefiniti mill-forniturі tad-dejta.

Valuri għal-lista ta’ kodiċijiet ClassificationMethodUsedValue

Valur	Isem	Definizzjoni
JORCcode	JORC code (Kodiċi tas-SAMREC)	Il-Kodiċi tal-Awstralasja għar-Rapportar tar-Riżultati tal-Esplorazzjonijiet, tar-Riżorsi Minerali u tar-Riżervi ta' Minerali mhux maħduma.

▼**M2**

Valur	Isem	Definizzjoni
NI43-101	NI 43-101	In-National Instrument 43-101 (l-"NI 43-101" jew l-"NI") huwa skema ta' klassifikazzjoni tar-riżorsi minerali użat għall-iżvelar pubbliku ta' informazzjoni relatata mal-proprjetajiet minerali fil-Kanada.
CIMstandards	CIM standards (Standards tas-CIM)	L-Istandards ta' Definizzjoni tas-CIM dwar ir-Riżorsi u r-Riżervi Minerali (CIM Definition Standards) jistabbilixxu definizzjonijiet u linji gwida għar-rapportar ta' informazzjoni dwar l-esplorazzjonijiet, ta' riżorsi minerali u ta' riżervi minerali fil-Kanada.
SAMRECcode	SAMREC code (Kodiċi tas-SAMREC)	Il-Kodiċi tal-Afrika t'Isfel għar-Rapportar tar-Riżultati tal-Esplorazzjonijiet, tar-Riżorsi Minerali u tar-Riżervi Minerali.
IMMReportingCode	IMM Reporting Code (Kodiċi ta' Rapportar tal-IMM)	Il-Kodiċi għar-Rapportar tar-Riżorsi Minerali u tar-Riżervi Minerali jistabbilixxi standards, rakkomandazzjonijiet u linji gwida minimi għar-Rapportar Pubbliku tar-Riżultati tal-Esplorazzjonijiet Minerali, tar-Riżorsi Minerali u tar-Riżervi Minerali fir-Renju Unit, fl-Irlanda u fl-Ewropa.
SMEGuide	SME Guide (Gwida tas-SEC)	Gwida għar-rapportar tal-informazzjoni dwar l-esplorazzjonijiet, tar-riżorsi minerali u tar-riżervi minerali – l-Istati Uniti tal-Amerika (USA).
IIMChCode	IIMCh Code (Kodiċi tal-IIMCh)	Il-Kodiċi ta' Ċertifikazzjoni għall-Prospetti ta' Esplorazzjoni, għar-Riżorsi Minerali u għar-Riżervi ta' Minerali Mhux Maħduma. Dan il-Kodiċi huwa r-riżultat ta' Ftehim ta' Kollaborazzjoni bejn l-Institution of Mining Engineers of Chile (l-Istitut tal-Inġiniera tat-Tħaffir fil-Minjieri taċ-Ċili) (IIMCh) u l-Ministeru tat-Tħaffir fil-Minjieri.
peruvianCode	Peruvian Code (Kodiċi Peruvjan)	Dan il-Kodiċi ġie ppreparat minn Kumitat Konġunt ifformat minn membri tal-Borsa ta' Lima u minn professjonisti ddedikati għall-esplorazzjoni u għall-evalwazzjoni tar-riżorsi minerali.
CRIRSCOCode	CRIRSCO Code (Kodiċi tal-CRIRSCO)	Il-Mudell Internazzjonali għar-Rappurtar ta' Riżultati tal-Esplorazzjonijiet, tar-Riżorsi Minerali u tar-Riżervi Minerali tal-Kumitat tal-Istandards tar-Rappurtar Internazzjonali tar-Riżervi Minerali (CRIRSCO) jintegra l-istandards minimi li qed jiġu adottati madwar id-dinja fil-kodiċijiet tar-rappurtar nazzjonali b'rakkomandazzjonijiet u linji gwida interpretattivi għar-rappurtar pubbliku ta' riżultati tal-esplorazzjonijiet, ta' riżorsi minerali u ta' riżervi minerali.
UNFCCode	UNFC Code (Kodiċi tal-PERC)	The United Nations Framework Classification for Fossil Energy and Mineral Reserves and Resources 2009 (il-Klassifikazzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Riżervi u għar-Riżorsi tal-Enerġija Fossili u tal-Minerali) (UNFC-2009) hija skema universalment applikabbli għall-klassifikazzjoni/evalwazzjoni tar-riżervi u tar-riżorsi tal-enerġija u tal-minerali - hija s-suċċessura tal-UNFC-2004.

▼M2

Valur	Isem	Definizzjoni
SECGuide	SEC Guide (Gwida tas-SEC)	Deskrizzjoni tal-Proprjetà mill-Emittenti Involuti jew li għandhom jiġu Involuti f'Operazzjonijiet Sinifikanti ta' Tħaffir f'Minjiera. Żviluppata mill-United States Securities and Exchange Commission (il-Kummissjoni għat-Titoli u għall-Borsa tal-Istati Uniti).
PERCCode	PERC Code (Kodiċi tal-PERC)	Il-Kodiċi tal-Pan European Reserves and Resources Reporting Committee (il-Kumitat Pan-Ewropew tar-Rapportar tar-Riżervi u tar-Riżorsi) (PERC) għar-Rapportar tar-Riżultati ta' Esplorazzjonijiet, tar-Riżorsi Minerali u tar-Riżervi Minerali (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "the Code") jistabbilixxi standards, rakkomandazzjonijiet u linji gwida minimi għar-Rapportar Pubbliku tar-Riżultati ta' Esplorazzjonijiet, tar-Riżorsi Minerali u tar-Riżervi Minerali fir-Renju Unit, fl-Irlanda u fl-Ewropa.
russianCode	Kodiċi Russu	Fir-Russja huwa attwalment effettiv il-Kodiċi approvat bid-Digriet tal-Ministeru tar-Riżorsi Naturali, RF Nru 278 tal-11 ta' Diċembru, 2006. It-titlu sħiħ tad-dokument: Classification of resources/reserves and prognostic resources of solid minerals (Klassifikazzjoni tar-riżorsi/riżervi u tar-riżorsi pronjostiċi tal-minerali solidi).
historicResourceEstimate	Stima ta' riżorsa storika	Terminu għall-istima ta' riżorsa qabel "standard codes" (pereżempju, JORC eċċ.)

20.3.3.2. Kodiċi ta' Komodità (CommodityCodeValue)

Valuri li jindikaw it-tip ta' commodity.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu kwalunkwe valur iddefinit mill-forniturі tad-dejta.

Il-forniturі tad-dejta jistgħu jużaw il-valuri speċifikati fid-dokument ta' Gwida Teknika tal-INSPIRE dwar Riżorsi Minerali.

20.3.3.3. Potenzjal ta' Użu Finali (EndusePotentialValue)

Valuri li jindikaw il-potenzjal ta' użu finali tal-mineral.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu l-valuri speċifikati fit-tabella ta' hawn taħt u valuri addizzjonali fuq kwalunkwe livell iddefiniti mill-forniturі tad-dejta.

Din il-lista ta' kodiċijiet hija ġerarkika.

Valuri għal-lista ta' kodiċijiet EndusePotentialValue

Valur	Isem	Definizzjoni	Parent
metallicMinerals	minerali metalliċi	Okkorrenzi minerali li jinkludu kwalunkwe tip ta' mineral metalliku.	
preciousMetals	metalli prezzjużi	Okkorrenzi minerali li jinkludu l-Fidda; id-Deheb; u l-Platinojdi b'mod ġenerali.	metallicMinerals

▼M2

Valur	Isem	Definizzjoni	Parent
baseMetals	metalli ordinarji	Okkorrenzi minerali li jinkludu l-Aluminju; ir-Ram; iċ-Ċomb; iċ-Ċomb + iż-Żingu; il-Landa; iż-Żingu.	metallicMinerals
ironFerroalloyMetals	ħadid u metalli ta' ligi tal-ħadid	Okkorrenzi minerali li jinkludu l-Kobalt; il-Kromju; il-Ħadid; il-Manganiż; il-Molibdenum; in-Nijobju; in-Nikil; il-Vanadjum; it-Tungstenu.	metallicMinerals
specialityAndRareMetals	metalli ta' speċjalità u rari	Okkorrenzi minerali li jinkludu l-Berillju; il-Bismut; il-Kadmju; il-Ġermanju; il-Gallju; l-Afnju; il-Merkurju; l-Indju; il-Litju; ir-Rubidju; iċ-Ċesju; ir-Renju; l-Elementi Rari tad-Dinja (mhux differenzjati); l-Antimonju; is-Selenju; it-Tantalju; it-Tellurju; it-Titanju (l-ilmenit, ir-rutili); iż-Żirkonju (iż-żirkun, il-baddelejit).	metallicMinerals
nonMetallicMinerals	minerali mhux metalliċi	Okkorrenzi minerali li jinkludu kwalunkwe tip ta' mineral metalliku.	
buildingRawMaterial	materja prima għall-bini	Okkorrenzi minerali li jinkludu l-ġebel Aggregat; b'Dimensjoni u ornamentali (il-granit, il-gabbro, it-travertin,eċċ.); il-Ġipsum, l-anidrite; il-Ġebel tal-ġir tas-siment; il-Ġebel tal-ġir għall-ġir; l-Irħam.	nonMetallicMinerals
ceramicAndRefractory	ċeramika u refrattorju	Okkorrenzi minerali li jinkludu l-fuħħar komuni (il-brikk, il-maduma); il-fuħħar tal-ħami abjad (white-firing clays) (il-fuħħar reffrattorju u taċ-ċeramika); id-Dolomit; il-Feldspar, in-nefelina; il-Kawlina; il-Grupp tal-Andalusit (l-andalusit, il-kjanit, is-sillimanit).	nonMetallicMinerals
chemicalMinerals	minerali kimiċi	Okkorrenzi minerali li jinkludu l-Borati; il-Barit; il-Fluworit; il-Manjeżju (il-manjeżit); is-Sulfat tas-Sodju; il-Karbonat tas-Sodju (it-trona); il-Pirit; il-Kubrit; il-Melħ tal-Blat; l-Istronzju; iż-Żeoliti.	nonMetallicMinerals
energyCoverMinerals	minerali tal-kopertura enerġetika	Okkorrenzi minerali li jinkludu l-ġebel ramli/tal-ġir bituminuż, ix-shale bituminuż; il-Faħam; il-Linjite; il-Pit; it-Torju; l-Uranju.	nonMetallicMinerals
fertilizer	fertilizzant	Okkorrenzi minerali li jinkludu l-Fosfat; il-Potassa (is-silvit, il-karnallit).	nonMetallicMinerals
preciousAndSemiPreciousStones	ħaġar prezzjuż u semiprezzjuż	Okkorrenzi minerali li jinkudu d-Djamant (industrijali u ġemma); l-Iżmerald; ir-Rubin, iż-Żaffir, il-Kurundun (ġemma); il-Berilli, il-kwarz, it-tormalini, il-granati, it-topazju, il-peridot, iż-żirkun, eċċ. (ġemmi).	nonMetallicMinerals

▼M2

Valur	Isem	Definizzjoni	Parent
specialityAndOtherIndustrialMinerals	blat u minerali ta' speċjalità u industrijali oħrajn	Okkorrenzi minerali li jinkludu l-Abraživi; il-granata, is-stawrolit, il-kurundun; l-Ażebestos (l-antofillit, il-krisotil, il-kroċidolit): l-Attapulġit, is-sepjolit (tafal); il-Bentonit (tafal); il-Ġebel tal-ġir, il-kalċit (sustanza għall-mili); id-Diatomit (il-kieselguhr); il-Grafit; il-Majka; il-Perlit; il-Kwarz (massiv / blokka għall-ferrosiliċju); il-Kwarz, użu ottoku u pjeżolettriku; ir-ramel tas-silika; it-terra, il-pirofillit; il-Vermikulit; il-Wollastonit.	nonMetallicMinerals
recycledWaste	skart riċiklat	Okkorrenzi minerali li jinkludu metalli jew minerali li jkunu ġejjin minn trattament ta' skart minn tħaffir f'minjiera.	

20.3.3.4. Tip ta' Attività ta' Esplorazzjoni (ExplorationActivityTypeValue)

It-tipi ta' attività ta' esplorazzjoni mwettqa.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu l-valuri speċifikati fit-tabella ta' hawn taħt u valuri addizzjonali fuq kwalunkwe livell iddefiniti mill-forniturі tad-dejta.

Din il-lista ta' kodiċijiet hija ġerarkika.

Valuri għal-lista ta' kodiċijiet ExplorationActivityTypeValue

Valur	Isem	Definizzjoni	Parent
regionalReconnaissance	rikonjizzjoni reġjonali	Investigazzjoni reġjonali sabiex jiġu idnetifikati anomaliji (ġeokimiċi, ġeofiżiċi, mineraloġiċi) u jiġu skoperti okkorrenzi.	
hammerProspectingAndGeologicalReconnaissance	prospettar bil-martell u rikonjizzjoni ġeoloġika	L-abbozzar ta' mappa ġeoloġika ferm preliminari bil-formazzjonijiet prinċipali u bl-istrutturi prinċipali li jinkludu l-lokalità tal-wirjiet minerali skoperti.	regionalReconnaissance
regionalGeochemistry	ġeokimika reġjonali	Id-detezzjoni ta' konċentrazzjonijiet anormali ta' elementi kimiċi fl-ilma, fil-ħamrija jew fl-organiżmi tas-superfiċje, ġeneralment imwettqa permezz ta' tekniki strumentali, ta' testijiet fuq il-post jew ta' tekniki rapidi li jkunu applikabbli fil-post.	regionalReconnaissance
airborneGeophysics	ġeofiżika tal-ajru	Teknika ta' esplorazzjoni bbażata fuq id-detezzjoni ta' karatteristiċi fiżiċi anomali ta' art.	regionalReconnaissance
regionalHeavyMineralSampling	teħid ta' kampjuni ta' minerali tqal reġjonali	Prospettar b'għodda tal-ħasil li tinżamm fl-idejn, ġeneralment f'forma ta' platt jew ta' konu ċatt, li fil-qiegħ tagħha jinġbaru l-iktar frazzjonijiet sfiqa (densi) ta' ħamrija jew ta' sediment ta' xmajra.	regionalReconnaissance

▼M2

Valur	Isem	Definizzjoni	Parent
detailedSurfaceExploration	esplorazzjoni dettaljata tas-superfiċje	Esplorazzjoni dettaljata tas-superfiċje sabiex jiġu ddelineati l-anomaliji u jiġu deskritti l-okkorrenzi fil-kuntest ġeoloġiku raffinat tagħhom.	
geologicalMappingAndSampling	immappjar u teħid ta' kampjuni ġeoloġiċi	Immappjar ġeoloġiku dettaljat taż-żona(i) ta' interess.	detailedSurfaceExploration
detailedGeochemistry	ġeokimika dettaljata	Stħarriġ dettaljat (ta' spiss fuq grilja) bl-iktar metodu adattat, sabiex l-anomaliji ġeokimiċi identifikati waqt il-fażi preċedenti jiġu kkonfermati kif ukoll iddelineati u kkaratterizzati aħjar.	detailedSurfaceExploration
detailedGeophysics	ġeofiżika dettaljata	Stħarriġ dettaljat (ta' spiss fuq grilja) bl-iktar metodu adattat, sabiex l-anomaliji ġeofiżiċi identifikati waqt il-fażi preċedenti jiġu kkonfermati kif ukoll iddelineati u kkaratterizzati aħjar.	detailedSurfaceExploration
detailedHeavyMineralSampling	teħid ta' kampjuni ta' minerali tqal dettaljat	Prospettar dettaljat fuq skala lokali b'għodda tal-ħasil li tinżamm fl-idejn, ġeneralment f'forma ta' platt jew ta' konu ċatt, li fil-qiegħ tagħha jinġbaru l-iktar frazzjonijiet sfiqa (densi) ta' ħamrija jew ta' sediment ta' xmajra.	detailedSurfaceExploration
subsurfaceExploration	esplorazzjoni tas-sottosuperfiċje	Esplorazzjoni tas-sottosuperfiċje fejn jintużaw tekniki bi ftit kostijiet (il-ħaffir ta' trinek, ħaffir distruttiv, eċċ.) ta' valutazzjoni tar-riżorsi.	
trenchingChannelSampling	tneħħija ta' overburden, ħaffir ta' trinek, teħid ta' kampjuni minn kanali	Foss baxx minn fejn jista' jittieħed kampjun u minn fejn tista' ssir osservazzjoni ġeoloġika.	subsurfaceExploration
augerDrilling	ħaffir b'berrina ħoxna (auger drilling)	Ħaffir ta' toqba ċilindrika b'għodda apposta sabiex jinġabar kampjun ta' blat jew sabiex jitwettaq kejl fiżiku jew sabiex issir osservazzjoni ġeoloġika. B'estensjoni ta' dan, tiddeżinja anki t-toqba mħaffra, ikun x'ikun l-iskop ta' din tal-aħħar. F'dan il-każ, it-ħaffir isir permezz ta' berrina ħoxna, jiġifieri bi skrun eliku li jiġi imbuttat fl-art permezz ta' rotazzjoni.	subsurfaceExploration
percussionDrilling	ħaffir b'perkussjoni (percussion drilling)	Ħaffir ta' toqba ċilindrika b'għodda apposta sabiex jinġabar kampjun ta' blat jew sabiex jitwettaq kejl fiżiku jew sabiex issir osservazzjoni ġeoloġika. B'estensjoni ta' dan, tiddeżinja anki t-toqba mħaffra, ikun x'ikun l-iskop ta' din tal-aħħar. F'dan il-każ, it-ħaffir isir permezz ta' għodda ta' perkussjoni.	subsurfaceExploration

▼M2

Valur	Isem	Definizzjoni	Parent
assesmentOfResource	valutazzjoni tar-riżorsa	L-għan ta' din il-fażi hija d-delineazzjoni (li tkun għadha approssimattiva) tal-involkru ta' ġjaċiment ta' metalli mhux maħduma. Ir-reġistrazzjoni tal-kampjuni ċilindriċi (cores), it-teħid ta' kampjuni minn sezzjonijiet mineralizzati sabiex ikun hemm fehim aħjar tal-karatteristiċi distintivi tad-depożitu u tal-proprjetajiet fiżiċi tal-mineral mhux maħdum u fl-aħħar nett sabiex ikun jista' jsir l-ewwel kalkolu (li jkun għadu approssimattiv) tar-riżorsa.	
reconnaissancePercussionDrilling	tħaffir b'perkussjoni għal rikonjizzjoni	Il-valutazzjoni tar-riżorsi billi jintuża tħaffir b'perskussjoni, xi drabi fuq grilja b'toqob wesgħin. L-għan ta' din il-fażi hija d-delineazzjoni (li tkun għadha approssimattiva) tal-involkru ta' ġjaċiment ta' metalli mhux maħduma. Drill logging, it-teħid ta' kampjuni minn sezzjonijiet mineralizzati sabiex ikun hemm fehim aħjar tal-karatteristiċi distintivi tad-depożitu u tal-proprjetajiet fiżiċi tal-mineral mhux maħdum u fl-aħħar nett sabiex ikun jista' jsir l-ewwel kalkolu (li jkun għadu approssimattiv) tar-riżorsa.	assesmentOfResource
reconnaissanceCoreDrilling	tħaffir għal kampjuni ċilindriċi (core drilling) għal rikonjizzjoni	Tħaffir ta' toqba ċilindrika b'għodda apposta sabiex jinġabar kampjun ta' blat jew sabiex jitwettaq kejl fiżiku jew sabiex issir osservazzjoni ġeoloġika. B'estensjoni ta' dan, tiddeżinja anki t-toqba mħaffra, ikun x'ikun l-iskop ta' din tal-aħħar. L-ispieri jitħaffru bit-teħid ta' kampjuni ċilindriċi. Din it-teknika tintuża sabiex jinġabru ċilindri ta' blat mhux disturbat u tippermetti li jiġu kkonfermati/ippreċiżati riżultati minn tħaffir b'perkussjoni.	assesmentOfResource
geologicalInterpretation	interpretazzjoni ġeoloġika	Il-kompilazzjoni u s-sinteżi tal-informazzjoni ġeoloġika kollha li tkun disponibbli sabiex jinkiseb mudell kemm jista' jkun preċiż tar-riżorsa minerali.	assesmentOfResource
oreBeneficiationTest	testijiet ta' benefiċjazzjoni ta' minerali mhux maħduma	Teknika maħsuba sabiex jiġi ttrattat il-materjal minn minjiera li ma jkunx ġie mfarrak jew skrinjat (run-of-mine material).	assesmentOfResource
approximateResourceCalculation	kalkolu approssimattiv tar-riżorsa	Evalwazzjoni approssimattiva tat-tunnellaġġ u tal-grad essenzjalment ibbażata fuq informazzjoni mit-toqob imħaffra, permezz ta' korrellazzjoni u ta' interpolazzjoni tas-sezzjonijiet mineralizzati inkroċjati.	assesmentOfResource
evaluationOfOreDeposit	evalwazzjoni tad-depożitu ta' minerali mhux maħduma	Din hija l-fażi finali tal-evalwazzjoni li twassal għad-deċiżjoni finali jekk huwiex se jsir tħaffir f'minjiera jew le.	

▼M2

Valur	Isem	Definizzjoni	Parent
systematicReconnaissanceCoreDrilling	ħaffir għal kampjuni ċilindriċi għal rikonjizzjoni sistematika	L-evalwazzjoni tad-depożitu ta' minerali mhux maħduma bil-għan li jinkisbu informazzjoni ferm dettaljata dwar id-depożitu kollu u kampjuni tal-aħjar kwalità. Din hija l-fażi finali tal-evalwazzjoni li twassal għad-deċiżjoni finali jekk huwiex se jsir ħaffir f'minjiera jew le.	evaluationOfOreDeposit
miningWorkings	xogħlijiet ta' ħaffir f'minjiera	Xogħlijiet ta' rikonjizzjoni bil-għan li jinkseb fehim aħjar tad-depożitu, u biex ikunu jistgħu jinkisbu kampjuni ta' minerali mhux maħduma kbar għal testijiet dettaljati ta' benefiċjazzjoni.	evaluationOfOreDeposit
geostatisticalEstimates	stimi ġeostatistiċi	Teknika bbażata fuq it-teorija tal-probabbiltà li tintuża sabiex jiġu kkalkulati l-varjabbli reġjonalizzati, li l-valuri tagħhom jiddependu mill-pożizzjoni ġeografika tagħhom, bħall-kontenut jew il-grad ta' metall f'depożitu.	evaluationOfOreDeposit
feasibilityStudyReport	studju u rapport ta' fattibbiltà	Studju ekonomiku tekniku bil-għan li tiġi vvalutata l-possibiltà li titnieda impriża ta' minjiera.	evaluationOfOreDeposit
miningPilot	pilota għal ħaffir f'minjiera	Il-fażi intermedja bejn it-testijiet fil-laboratorju u l-impjant effettiv.	evaluationOfOreDeposit

20.3.3.5. Riżultat ta' Esplorazzjoni (ExplorationResultValue)

Valuri li jindikaw ir-riżultat tal-attività ta' esplorazzjoni.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu l-valuri speċifikati fit-tabella ta' hawn taħt u valuri addizzjonali fuq kwalunkwe livell iddefiniti mill-forniturі tad-dejta.

Valuri għal-lista ta' kodiċijiet ExplorationResultValue

Valur	Isem	Definizzjoni
isolatedMineralizedStones	ġebel mineralizzat iżolat, wirjiet, okkorrenzi, żoni alterati	L-identifikazzjoni ta' markaturi possibbli ta' żona mineralizzata.
anomalies	anomaliji	Anomalija jew żona anomala li l-proprjetajiet ġeofiżiċi jew ġeokimiċi tagħha jkunu differenti minn dawk taż-żoni tal-madwar u li tista' tindika l-preżenza ta' proċess ta' mineralizzazzjoni fil-qrib.
keyMineralsIdentification	identifikazzjoni ta' minerali ewlenin	L-identifikazzjoni ta' minerali partikolari li jistgħu jindikaw l-possibbiltà ta' żona mineralizzata jew jakkumpanjaw proċess ta' mineralizzazzjoni.
detailedProspectMap	mappa dettaljata ta' prospettar bil-lokalizzazzjoni taż-żoni mineralizzati	Mappa detaljata bil-lokalizzazzjoni tal-okkorrenzi mineralizzati kollha, ikun xi jkun id-daqs tagħhom, u bir-rappreżentazzjoni tar-relazzjonijiet tagħhom bil-litoloġija, bl-istrutturi, biż-żoni ta' alterazzjoni, biż-żoni anomali u bir-riżultati ta' analiżi tat-teħid ta' kampjuni.

▼**M2**

Valur	Isem	Definizzjoni
structuredAnomalies	anomaliji strutturati	It-tidjiq taż-żona taħt prospettar minerali, u struttura interna iktar dettaljata.
prospectBoundariesRefinement	irfinar tal-limiti tal-prospettar	It-tnaqqis progressiv tal-erja tas-superfiċje sakemm jiġi skopert depożitu minerali.
primaryReconnaissanceMineralization	rikonjizzjoni primarja għal mineralizzazzjoni	L-ewwel tentattivi sabiex wieħed jara (tneħħija ta' overburdens, tħaffir ta' trinek) jew jinterċetta (tħaffir b'berrina ħoxna, tħaffir b'perkussjoni tas-sottosuperfiċje) u sabiex jittieħdu kampjuni tal-mineralizzazzjoni primarja.
indicatedMineralization	mineralizzazzjoni indikata	L-ewwel tentattivi sabiex jiġi ddelineat b'mod approssimattiv il-ġjaċiment ta' minerali mhux maħduma, billi jintuża tħaffir ta' rikonjizzjoni (perkussjoni u mbagħad tħaffir għal teħid ta' kampjuni), sabiex jittieħdu kampjuni b'mod dettaljati minnu u sabiex ir-riżorsa tiġi evalwata b'mod approssimattiv billi jintużaw interpretazzjoni ġeoloġika u testijiet ta' benefiċjazzjoni.
indicatedOreDeposit	depożitu ta' minerali mhux maħduma indikat	Il-preżenza ta' ġjaċiment ta' minerali mhux maħduma ntweriet billi ntuża tħaffir għal teħid ta' kampjuni sistematiku u xi drabi xi xogħljiet preliminari ta' tħaffir f'minjiera. Il-ġeometrija esterna tal-ġjaċiment ta' minerali mhux maħduma u l-istruttura interna tiegħu (inkluża d-distribuzzjoni tal-gradi tal-minerali mhux maħduma) tibda tkun magħrufa sew.
indicatedAndEstimatedOreDeposit	depożitu ta' minerali mhux maħduma indikat u stmat	Raffinar tal-għarfien preċedenti billi jintużaw għodod statistiċi li jippermettu, pereżempju, interpolazzjonijiet bejn it-toqob imħaffra u d-definizzjonijiet ta' żoni arrikkiti.
feasibilityStudyForMiningDecision	rapport ta' studju ta' fattibbiltà disponibbli għal deċiżjoni dwar tħaffir f'minjiera	Studju ekonomiku tekniku bil-għan li tiġi vvalutata l-possibiltà li titnieda impriża ta' minjiera.
industrialTest	test industrijali	Il-fażi intermedja bejn it-testijiet fil-laboratorju u l-impjant effettiv.

20.3.3.6. Importanza (ImportanceValue)

Valuri li jindikaw l-importanza tal-komdoditá għar-Riżorsa tad-Dinja.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu kwalunkwe valur iddefinit mill-forniturі tad-dejta.

Il-forniturі tad-dejta jistgħu jużaw il-valuri speċifikati fid-dokument ta' Gwida Teknika tal-INSPIRE dwar Riżorsi Minerali.

20.3.3.7. Status ta' Minjiera (MineStatusValue)

Valuri li jindikaw l-istatus operattiv tal-minjiera.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu l-valuri speċifikati fit-tabella ta' hawn taħt u valuri addizzjonali fuq kwalunkwe livell iddefiniti mill-forniturі tad-dejta.

▼M2

Valuri għal-lista ta' kodiċijiet MineStatusValue

Valur	Isem	Definizzjoni	Parent
operating	operating	Minjiera li tkun operattiva.	
operatingContinuously	operattiva b'mod kontinwu	Minjiera li tkun operattiva b'mod kontinwu.	operating
operatingIntermittently	operattiva b'mod intermittenti	Minjiera li tkun operattiva b'mod intermittenti.	operating
notOperating	mhux operattiva	Minjiera li ma tkunx operattiva.	
closed	magħluqa	Minjiera tista' tingħalaq għal raġunijiet tekniċi, ekonomiċi jew teknikoekonomiċi.	notOperating
abandoned	abbandunata	Minjiera li tiġi abbandunata.	notOperating
careAndMaintenance	kura u manutenzjoni	Minjiera li qed issirilha kura u manutenzjoni.	notOperating
retention	żamma	Minjiera tista' tinżamm mhux esplojtata sakemm il-prezz tal-komodità(ajiet) inkluża(i) fiha jagħmilha ekonomika.	notOperating
historic	storika	Minjiera "qadima" li kienet tiġi esplojtata qabel l-1900.	notOperating
underDevelopment	taħt żvilupp	Taħt żvilupp.	
construction	taħt kostruzzjoni	Taħt kostruzzjoni.	underDevelopment
pendingApproval	qed tistenna approvazzjoni	Minjiera li qed tistenna l-awtorizzazzjoni għall-esplojtazzjoni, ġeneralment mogħtija minn Dipartiment Statali tal-Inġinerija tat-Tħaffir f'Minjieri.	underDevelopment
feasibility	fattibbiltà	Studju ekonomiku tekniku bil-għan li tiġi vvalutata l-possibiltà li titnieda impriża ta' minjiera.	underDevelopment

20.3.3.8. Grupp ta' Depożiti Minerali (MineralDepositGroupValue)

Valuri li jindikaw ir-raggruppament ta' depożiti minerali abbażi tal-karatteristiċi ġeneriċi tagħhom.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu l-valuri speċifikati fit-tabella ta' hawn taħt u valuri addizzjonali fuq kwalunkwe livell iddefiniti mill-forniturituri tad-dejta.

Valuri għal-lista ta' kodiċijiet MineralDepositGroupValue

Valur	Isem	Definizzjoni
organic	organiku	Depożiti organiċi li jirriżultaw mill-konċentrazzjoni ta' materja organika fis-superfiċje jew qrib is-superfiċje permezz ta' sedimentazzjoni u ta' dijaġenesi bikrija.

▼**M2**

Valur	Isem	Definizzjoni
residualOrSurficial	residwu/surfiċjali	Il-proċessi surfiċjali huma l-fenomeni fiżiċi u kimiċi li jikkawżaw konċentrazzjoni ta' materjal minerali mhux maħdum fi ħdan ir-regolit, ġeneralment bit-tneħħija ta' kostitwenti kimiċi permezz ta' lissija milwiema. Dan jinkludi d-depożiti tal-laterit u d-depożiti residwi jew eluvjali.
placer	placer (depożitu glaċjali jew alluvjali ta' ramel jew ta' żrar li fih partiċelli li jirriżultaw mill-erożjoni ta' minerali ta' valur)	Id-depożiti placer jirrappreżentaw konċentrazzjoni ta' minerali tqal ta' ċerti elementi, partikolarment Au, U u PGE permezz ta' proċessi sedimentarji.
continentalSedimentAndVolcanics	sedimenti vulkaniċi u sedimenti kontinentali	Depożiti minerali assoċjati ma' sedimenti jew ma' materjal vulkaniku fuq il-qoxra kontinentali. Huma jifformaw fejn il-blat vulkaniku u s-saffi tal-irmied jirreaġixxu mal-ilma alkalin ta' taħt l-art u jistgħu anki jikkristallizzaw f'ambjenti postdepożizzjonali tul perjodi li jvarjaw minn eluf sa miljuni ta' snin f'baċini tal-baħar baxxi.
sedimentHosted	ospitati minn sediment (sediment-hosted)	Id-depożiti ospitati minn sediment jistgħu jiġu diviżi f'żewġ subtipi ewlenin. L-ewwel subtip huma l-minerali mhux maħduma taċ-ċomb u taż-żingu ddominati mill-klastiċi, li huma ospitati f'shale, f'ġebel ramli, f'ġebel ta' ħama magħqud, jew fi blat klastiku mħallat, jew iseħħu bħala sostitut tal-karbonati fi ħdan sekwenza ta' blat sedimentarju ddominat mill-klastiċi. Dan is-subtip jinkludi depożiti li tradizzjonalment jissejħu depożiti eżalattivi sedimentarji (SEDEX). It-tieni subtip ta' depożiti Pb-Zn ospitati minn sediment huwa l-Mississippi Valley type li jseħħ f'sekwenzi ta' karbonati ta' pjattaforma, tipikament f'ambjenti tettoniċi b'marġni passiv (passive-margin tectonic settings).
chemicalSediment	sediment kimiku	Depożiti minerali, prinċipalment Fe jew Mn, b'oriġini sedimentarja li oriġinaw bħala preċipitati kimiċi minn ilma oċeaniku antik. Il-proċess ta' akkumulazzjoni ta' dawn id-depożiti sedimentarji jiġi kkontrollat mill-proprjetajiet fiżiko-kimiċi inerenti fil-ħadid u fil-manganiż.
marineVolcanicAssociation	assoċjazzjoni vulkanika tal-Baħar	Depożiti minerali fformati f'ambjent vulkaniku tal-baħar. Il-fluwidi magmatiċi u idrotermali jirreaġixxu mal-ilma baħar biex jagħtu sulfidi massivi vulkanoġeniċi (VMS), li huma l-oriġini ta' depożiti stratiformi ta' Cu, Zn, Pb, Ag, Au.
epithermal	epitermali	Id-depożiti epitermali jseħħu prinċipalment f'arki vulkanoplutoniċi assoċjati ma' żoni ta' subduzzjoni, b'etajiet simili għal dawk tal-vulkaniżmu. Id-depożiti jifformaw f'fond baxx, ta' inqas minn 1 km, f'medda ta' temperatura ta' 50 °-200 ° C, jiġu ospitati prinċipament minn blat vulkaniku u jseħħu prinċipalment bħala vini.

▼M2

Valur	Isem	Definizzjoni
veinBrecciaStockwork	vina, breċċja u stockwork (depożitu minerali fil-forma ta' netwerk ta' vini żgħar mifruxa fil-blat li jdawwar u jiġi ppenetrat minn vini minerali)	Dan huwa grupp sistematiku b'okkorrenza speċjali ta' depożiti minerali f'volum finit fi ħdan blata. Vina: Depożiti li jimlew fratturi li ta' spiss ikollhom firxa laterali u/jew ta' fond kbira imma li ġeneralment ikunu ferm dojoq. Breċċja: Xaqq li jkun fih għadd ta' frammenti ta' wall-rocks b'depożiti minerali fl-interstizji. Stockwork: sistema kumplessa ta' vini strutturalment ikkontrollati jew orjentati bl-addoċċ.
manto	manto (ġjaċiment sedimentarju jew ignew ta' minerali mhux maħduma li jkun qiegħed f'saffi depożizzjonali ċatti)	Id-depożiti manto ta' minerali mhux maħduma huma ddefiniti b'kontroll strettament stratigrafiku tad-distribuzzjoni tagħhom, ġeneralment fi ħdan formazzjoni poruża fi ħdan sit ta' blat ignew skur u b'vina fina (trap) strutturali. Is-sors tal-minerali mhux maħduma fi ħdan depożiti manto jiġi kkunsidrat bħala li huwa interformattiv, minn sors sedimentarju fi ħdan baċin sedimentarju kontigwu, jew minn fluwidi ta' minerali mhux maħduma mbuttati minn blat intruživ.
skarn	skarn (blata metamorfika b'vina ħoxna fformata bil-metamorfiżmu ta' kuntatt ta' blat karbonat)	Depożiti minerali fformati bis-sostituzzjoni tal-ġebel tal-ġir b'minerali mhux maħduma u b'minerali tal-kalċit u tas-silikati bil-kalċju, ġeneralment kontigwu ma' korp intruživ felsiku jew granitiku.
porphyry	porfirju	Id-depożiti tal-porfirju huma depożiti ta' minerali ta' grad baxx, relatati ma' intružjoni, b'tunnellaġġ kbir u b'assemblaġġi ta' metall li jistgħu jinkludu r-ram, il-molibdenu, id-deheb u l-fidda kollha jew uħud minnhom. Il-ġenesi ta' dawn id-depożiti hija relatata mal-pożizzjoni ta' intružjonijiet intermedji għal felisiċi, ipabissali ġeneralment porfiritiċi li komunement jiġu fformati fil-marġnijiet ta' pjattaformi tettoniċi konverġenti.
ultramaficOrMafic	ultramafiku / mafiku	Depożiti minerali relatati ma' plutoniżmu mafiku u ultramafiku u li jirriżultaw minn proċessi magmatiċi bħall-kristallizzazzjoni frazzjonali. It-tipi prinċipali ta' depożiti huma l-kromit u l-platinojdi f'peridotiti ofjolitiċi, it-titanju fi ħdan anortositi, in-nikil, ir-ram u l-platinojdi f'kumplessi ultramafiċi.
carbonatite	karbonatiti	Il-karbonatiti huma blat ignew intruživ rikk f'minerali karbonati, li bosta minnu fih abbundanzi distintivi ta' apatit, magnetit, barit, u fluworit, li jista' jkun fihom konċentrazzjonijiet ekonomiċi jew anomali ta' elementi rari tad-Dinja, ta' fosfru, ta' nijobju, ta' uranju, ta' torju, ta' ram, ta' ħadid, ta' titanju, ta' barju, ta' fluworu, ta' żirkonju u ta'elementi oħrajn rari jew inkompatibbli. Huma jistgħu wkoll ikunu sorsi ta' majka jew ta' vermikulit. Il-karbonatiti jistgħu jifformaw mases ta' blat ignew (plug) ċentrali fi ħdan kumplessi intruživi alkaliċi mqassma f'żoni jew bħala digi, vini tal-magma solidifikati (sills), breċċji u vini.

▼M2

Valur	Isem	Definizzjoni
pegmatite	pegmatit	Il-pegmatiti għandhom it-tendenza li jseħħu fl-awreoli tal-graniti fil-parti l-kbira tal-każijiet u ġeneralment ikollhom natura granitika, li ta' spiss taqbel mill-qrib mal-kompożizzjonijiet tal-graniti fil-qrib. Il-pegmatiti għalhekk għandhom jirrappreżentaw materjal grantiku essolvut li jikkristallizza fi blat li jdawwar u jiġi ppenetrat minn vini minerali jew li jdawwar u jkun soġġett għal intrużjoni minn blat ignew (country rocks). Madankollu, hija prevista wkoll oriġini tal-fluwidi tal-pegamtiti permezz ta' devolalitilizzazzjoni (deidratazzjoni) ta' blat metamorfiku. Il-pegmatiti huma blat bi grana raffa, li huma komposti prinċipalment minn kwarz, feldspar u majka u huma importanti għaliex ta' spiss ikun fihom minerali tad-Dinja rari u ġemmi, bħall-akwamarin, it-tormalina, it-topazju, il-fluworit, l-apatit u l-kurudunun, ta' spiss flimkien ma' minerali tal-landa u tat-tungstenu, fost l-oħrajn.
methamorphicHosted	ospitati minn metamorfiċi	Depożiti minerali assoċjati ma' metamorfiżmu fil-fond, ta' iktar minn 10 km, f'kuntest fejn fluwidi karboniċi u milwiema jistgħu jagħtu lok għal strixxi tad-deheb.
gemsOrSemipreciousStones	ġemmi u ħaġar semiprezzjuż	Biċċa mineral, li f'forma maqtugħa u llostrata, tintuża sabiex isiru ġojjelli jew ornamenti oħrajn.
industrialRocks	blat industrijali	Il-minerali industrijali huma materjali ġeoloġiċi li jsir tħaffir f'minjieri għalihom minħabba l-valur kummerċjali tagħhom, li mhumiex minerali għall-karburanti u mhumiex sorsi ta' minerali metalliċi. Huma jintużaw fl-istat naturali tagħhom jew wara benefiċjazzjoni jew bħala materja prima jew bħala addittivi f'medda wiesgħa ta' applikazzjonijiet.

20.3.3.9. Tip ta' Depożitu Minerali (MineralDepositTypeValue)

Valuri li jindikaw l-istil ta' okkorrenza jew ta' depożitu minerali.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu kwalunkwe valur iddefinit mill-fornituri tad-dejta.

Il-fornituri tad-dejta jistgħu jużaw il-valuri speċifikati fid-dokument ta' Gwida Teknika tal-INSPIRE dwar Riżorsi Minerali.

20.3.3.10. Tip ta' Okkorrenza Minerali (MineralOccurrenceTypeValue)

It-tip ta' okkorrenza minerali.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu l-valuri speċifikati fit-tabella ta' hawn taħt u valuri addizzjonali fuq kwalunkwe livell iddefiniti mill-fornituri tad-dejta.

Valuri għal-lista ta' kodiċijiet MineralOccurrenceTypeValue

Valur	Isem	Definizzjoni
mineralDeposit	depożitu minerali	Massa ta' materjal minerali naturali, pereżempju minerali metalliċi mhux maħduma jew minerali mhux metalliċi, ġeneralment b'valur ekonomiku, irrispettivament mill-modalità tal-oriġini. L-akkumulazzjonijiet ta' faħam u ta' żejt mhux maħdum (petroleum) jistgħu jiġu inklużi u jistgħu ma jiġux inklużi.

▼**M2**

Valur	Isem	Definizzjoni
oreDeposit	oreDeposit	depożitu ta' minerali mhux maħduma Il-materjal naturali minn fejn mineral jew minerali b'valur ekonomiku jista' jiġi estratt bi profitt raġonevoli.
occurrence	okkorrenza	Kwalunkwe mineral mhux maħdum jew mineral ekonomiku fi kwalunkwe konċentrazzjoni li jinsab f'sodda ta' blat jew bħala bċejjeċ maħlula ta' blat li mhumiex konnessi ma' saſef ta' blat mikxufa (float).
prospect	prospett	Żona li hija sit potenzjali ta' depożiti minerali, abbażi ta' esplorazzjoni preliminari jew ta' esplorazzjoni preċedenti. Anomalija ġeoloġika jew ġeofiżika, speċjalment waħda rrakkomandata għal esplorazzjoni addizzjonali.
province	provinċja	Provinċji ġeoloġiċi kklassifikati permezz tar-riżorsi minerali.
district	distrett	Distretti ġeoloġiċi kklassifikati permezz tar-riżorsi minerali.
field	għalqa	Reġjun jew żona li għandu jew huwa kkaratterizzat minn riżorsa minerali partikolari.
lode	vina (lode)	Depożitu minerali li jikkonsisti f'żona ta' vini, ta' vini żgħar, ta' disseminazzjonijiet jew ta' breċċji planari.

20.3.3.11. Tip ta' Attività ta' Tħaffir f'Minjiera (MiningActivityTypeValue)

It-tip ta' attività ta' tħaffir f'minjiera, ta' attività ta' pproċessar jew ta' produzzjoni.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta' kodiċijiet jinkludu l-valuri speċifikati fit-tabella ta' hawn taħt u valuri addizzjonali fuq kwalunkwe livell iddefiniti mill-forniturі tad-dejta.

Valuri għal-lista ta' kodiċijiet MiningActivityTypeValue

Valur	Isem	Definizzjoni
adit	aċċess	Passaġġ orizzontali mis-superfiċje għal ġo minjiera.
alluvial	alluvjali	Jingħad għal placer ifformat bl-azzjoni ta' ilma ġieri bħal f'kanal ta' xmajra jew imrewħa alluvjali; jingħad ukoll għal mineral ta' valur, pereżempju deheb jew djamanat, assoċjat ma' placer alluvjali.
decline	pendil	Passaġġ jew aċċess magħmul fuq pendil mis-superfiċje sabiex jiġi pprovdut aċċess għal minjiera.
diggings	diggings (tħaffir)	Terminu applikat fil-Punent tal-Istati Uniti għal post fejn isir tħaffir għad-deheb jew għal minerali prezzjużi oħrajn li jkun qiegħed fi strixxa ta' ramel jew fl-ilmijiet baxxi ta' xmajra, u li jinħadem meta l-ilma jkun baxx.

▼**M2**

Valur	Isem	Definizzjoni
dredging	dredging	Forma ta' tħaffir f'minjiera miftuħa fejn il-makkinarju tat-tħaffir u l-impjant tal-ipproċessar ikunu qegħdin fuq fuq barkun jew qafas li jżomm fil-wiċċ.
multiple	multipla	Attività multipla.
openPit	miftuħa	Skavar fil-miftuħ (magħrufa wkoll bħala minjiera open-sky) għall-estrazzjoni ta' minerali metalliċi mhux maħduma u/jew ta' komoditajiet.
openPitAndUnderground	miftuħa u taħt l-art	Tkopri kemm l-attività ta' tħaffir f'minjiera miftuħa u kif ukoll dik ta' tħaffir f'minjiera taħt l-art.
quarry	barriera	Xogħlijiet fil-miftuħ, ġeneralment għall-estrazzjoni tal-ġebel.
reworking	tħaddim mill-ġdid	Attivitajiet ġodda ta' tħaffir f'minjiera mwettqa fuq minjieri li diġà ġew esplorati.
shaft	xaft	Skavar vertikali jew inklinat li minnu tinħadem minjiera.
sluicing	tlaħliħ	Il-konċentrazzjoni ta' minerali tqal, pereżempju deheb jew kassiterit, bil-ħasil ta' materjal mhux konsolidat permezz ta' kaxxi (swieqi) mgħammra b'biċċiet ta' metalli ċatti (riffles) li jżommu l-minerali iktar tqal maqbuda fil-qiegħ tal-kaxxa.
solutionMining	tħaffir f'minijiera permezz ta' taħlita likwida (solution mining)	(a) Id-dissoluzzjoni fil-post ta' komponenti minerali li jinħallu fl-ilma ta' depożitu ta' minerali mhux maħduma billi taħlita likwida, ġeneralment milwiema, li tkun qed tlissi titħalla tinfiltra 'l isfel mill-mineral mhux maħdum fratturat sal-galleriji tal-ġbir fil-fond. b) It-tħaffir f'minijiera għal materjal ta' blat li jinħall, speċjalment melħ, minn depożiti ta' taħt l-art bl-ippumpjar tal-ilma 'l isfel fil-bjar biex jiġi f'kuntatt mad-depożitu u bit-tneħħija tas-salmura artifiċjali li tinħoloq b'dan il-mod.
surfaceMining	tħaffir fis-superfiċje	Kategorija wiesgħa ta' tħaffir fejn jitneħħew l-ħamrija u l-blat sovrastanti d-depożitu minerali (overburden).
surfaceMiningAndUndergr-ound	tħaffir fis-superfiċje u taħt l-art	Ikopri kemm tħaffir fis-superfiċje u taħt l-art.
underground	taħt l-art	Skavar taħt l-art għall-estrazzjoni ta' depożiti minerali, b'kuntrast ma' skavar fis-superfiċje.

▼M2

20.3.3.12. Tip ta’ Attività ta’ Pproċessar (ProcessingActivityTypeValue)

Valuri li jindikaw it-tip ta’ pproċessar imwettaq waqt attività ta’ ħaffir f’minjiera.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta’ kodiċijiet jinkludu l-valuri speċifikati fit-tabella ta’ hawn taħt u valuri addizzjonali fuq kwalunkwe livell iddefiniti mill-forniturituri tad-dejta.

Il-forniturituri tad-dejta jistgħu jużaw ukoll il-valuri idjaq speċifikati għal din il-lista ta’ kodiċijiet fid-dokument ta’ Gwida Teknika tal-INSPIRE dwar Riżorsi Minerali.

Valuri għal-lista ta’ kodiċijiet ProcessingActivityTypeValue

Valur	Isem	Definizzjoni
physicalTreatment	trattament fiżiku	Proċess ta’ għażla billi jintużaw metodi ta’ separazzjoni fiżiċi.
physicalChemicalTreatment	trattament fiżiku kimiku	Proċess ta’ għażla li jikkombina metodi ta’ separazzjoni fiżiċi u kimiċi.
chemicalTreatment	trattament kimiku	Proċess ta’ għażla li juża metodi ta’ separazzjoni kimiċi.
unknownTreatment	trattament mhux magħruf	Proċess ta’ għażla – it-trattament mhuwiex magħruf.

20.3.3.13. Kategorija ta’ Riżerva (ReserveCategoryValue)

Il-livell ta’ kunfidenza tal-istima tar-riżerva.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta’ kodiċijiet jinkludu l-valuri speċifikati fit-tabella ta’ hawn taħt u valuri addizzjonali fuq kwalunkwe livell iddefiniti mill-forniturituri tad-dejta.

Valuri għal-lista ta’ kodiċijiet ReserveCategoryValue

Valur	Isem	Definizzjoni
provedOreReserves	riżervi ta’ minerali mhux maħduma pprovati	“Riżerva ta” Minerali Mhux Maħduma Pprovata’ hija l-parti li tista’ titħaffer b’mod ekonomiku ta’ Riżorsa Minerali Mkejla. Hija tinkludi d-dilwizzjoni ta’ materjali u konċessjonijiet għat-telf li jista’ jkun hemm meta jsir ħaffir għall-materjal.
probableOreReserves	riżervi ta’ minerali mhux maħduma probabbli	“Riżerva ta” Minerali Mhux Maħduma Probabbli’ hija l-parti li tista’ titħaffer b’mod ekonomiku ta’ Indikata, u f’xi ċirkustanzi ta’ riżorsa minerali mkejla. Hija tinkludi d-dilwizzjoni ta’ materjali u konċessjonijiet għat-telf li jista’ jkun hemm meta jsir ħaffir għall-materjal.
provedAndProbableOreReserves	riżervi ta’ minerali mhux maħduma pprovati u probabbli	Tkopri kemm Riżervi ta’ Minerali Mhux Maħduma Pprovati kif ukoll Riżervi ta’ Minerali Mhux Maħduma Probabbli.
inaccessibleDocumentation	dokumentazzjoni inaċċessibbli	Riżerva ta’ minerali mhux maħduma bla ebda dokumentazzjoni aċċessibbli.

▼M2

20.3.3.14. Kategorija ta’ Riżorsa (ResourceCategoryValue)

Indikazzjoni ta’ jekk ir-riżorsa tkejlitx, ġietx indikata, jew ġietx dedotta.

Il-valuri permessi għal din il-lista ta’ kodiċijiet jinkludu l-valuri speċifikati fit-tabella ta’ hawn taħt u valuri addizzjonali fuq kwalunkwe livell iddefiniti mill-forniturі tad-dejta.

Valuri għal-lista ta’ kodiċijiet ResourceCategoryValue

Valur	Isem	Definizzjoni
measuredMineralResource	riżorsa minerali mkejla	Il-parti ta’ Riżorsa Minerali li t-tunnellaġġ, id-densitajiet, il-forma, il-karatteristiċi fiżiċi, il-grad u l-kontenut minerali tagħha jistgħu jiġu stmati b’livell għoli ta’ kunfidenza.
indicatedMineralResource	riżorsa minerali indikata	Il-parti ta’ Riżorsa Minerali li t-tunnellaġġ, id-densitajiet, il-forma, il-karatteristiċi fiżiċi, il-grad u l-kontenut minerali tagħha jistgħu jiġu stmati b’livell raġonevoli ta’ kunfidenza.
inferredMineralResource	riżorsa minerali dedotta	Il-parti ta’ Riżorsa Minerali li t-tunnellaġġ, il-grad u l-kontenut minerali tagħha jistgħu jiġu stmati b’livell baxx ta’ kunfidenza. Hija tiġi dedotta minn evidenza ġeoloġika u minn kontinwità ġeoloġika u/jew ta’ grad preżunta imma mhux ivverifikata.
measuredAndIndicatedMineralRresource	riżorsa minerali mkejla u indikata	Kombinazzjoni ta’ riżorsa minerali mkejla u ta’ riżorsa minerali indikata.
measuredIndicatedAndInferredMineralResource	riżorsa minerali mkejla, indikata u dedotta	Kombinazzjoni ta’ riżorsa minerali mkejla, riżorsa minerali indikata u riżorsa minerali dedotta.
indicatedAndInferredMineralResource	riżorsa minerali indikata u dedotta	Kombinazzjoni ta’ riżorsa minerali indikata u ta’ riżorsa minerali dedotta.
poorlyDocumented	iddokumentata b’mod fqir	Riżorsa minerali stmata jew iddokumentata b’mod fqir.

20.4. **Rekwiżiti speċifiċi għat-tema**

It-tip MappedFeature speċifikat fit-Taqsima 0 tal-Anness III għandu jintuża sabiex jiddeskrivi l-proprjetajiet ġeometriċi tal-oġġetti ġeografiċi MineralOccurrence.

20.5. **Saffi**

Saffi għat-tema ta’ dejta ġeografika Riżorsi Minerali

Isem is-Saff	Titlu tas-Saff	Tip ta’ oġġett ġeografiku
MR.Mine	Minjieri	MiningFeatureOccurrence
MR.MineralOccurrence	Okkorrenzi Minerali	MappedFeature (oġġetti ġeoloġiċi li l-proprjetà specification tagħhom hija tat-tip MineralOccurrence)

▼M3

L-ANNESS V

REGOLI TA' IMPLIMENTAZZJONI DWAR SERVIZZI TA' DEJTA ĠEOGRAFIKA INVOKABBLI

PARTI A

Konvenzjonijiet tal-Kitba

Bħal fir-Regolament (KE) Nru 1205/2008, qed jintużaw il-konvenzjonijiet li ġejjin għall-metadejta tas-servizz ta' dejta ġeografika.

Meta jiġu speċifikati fid-deskrizzjoni tal-elementi ta' metadejta, id-dominji tal-valuri għandhom jintużaw bil-multipliċità mfissra fit-tabelli rilevanti. Fir-rigward ta' dominju partikolari, kull valur huwa ddefinit bi:

— identifikatur numeriku,

— isem testwali għall-bnedmin li jista' jiġi tradott fil-lingwi differenti tal-Komunità,

— isem newtrali fil-lingwa għall-kompjuters (il-valur imfisser bejn il-parentesi),

— deskrizzjoni jew definizzjoni fakoltattiva.

It-tabelli jagħtu l-informazzjoni li ġejja:

— l-ewwel kolonna fiha r-referenza għall-paragrafu fl-Anness li jiddefinixxi l-element ta' metadejta jew il-grupp ta' elementi ta' metadejta,

— it-tieni kolonna fiha l-isem tal-element ta' metadejta jew grupp ta' elementi ta' metadejta,

— it-tielet kolonna tispeċifika l-multipliċità ta' element ta' metadejta. L-espressjoni tal-multipliċità ssegwi n-notazzjoni tal-Lingwa Unifikata għall-Immudellar (Unified Modelling Language — UML) għall-mUltipliċità, fejn:

  — N ifisser li f'sett ta' riżultati, dan l-element ta' metadejta għandu jkun hemm N darbiet biss,

  — 1..* ifisser li dan l-element għandu jkun hemm tal-anqas darba f'sett ta' riżultati,

  — 0..1 jindika li l-preżenza tal-element ta' metadejta f'sett ta' riżultati hija kondizzjonali, iżda tista' sseħħ darba biss,

  — 0..* jindika li l-preżenza tal-element ta' metadejta f'sett ta' riżultati hija kondizzjonali iżda l-element ta' metadejta jista' jseħħ darba jew iżjed,

  — meta l-multipliċità hija 0..1 jew 0..*, il-kundizzjoni tiddefinixi meta l-elementi ta' metadejta jkunu obbligatorji.

— ir-raba' kolonna fiha stqarrija kondizzjonali f'każ li l-multipliċità tal-element ma tapplikax għat-tipi kollha ta' riżorsi. L-elementi kollha huma obbligatorji f'ċirkustanzi oħrajn.

PARTI B

Element ta' Metadejta ta' Kategorija

1. Kategorija

   Din hija referenza tal-istatus tas-servizz ta' dejta ġeografika kontra l-invokabilità.

   Id-dominju tal-valuri ta' dan l-element ta' metadejta huwa kif ġej:

1.1. Invokabbli (invokabbli)

   Is-servizz ta' dejta ġeografika huwa servizz ta' dejta ġeografika invokabbli.

1.2. Interoperabbli (interoperabbli)

   Is-servizz ta' dejta ġeografika invokabbli huwa servizz ta' dejta ġeografika interoperabbli.

1.3. Armonizzat (armonizzat)

   Is-servizz ta' dejta ġeografika interoperabbli huwa servizz ta' dejta ġeografika armonizzat.

▼M3

PARTI C

Struzzjonijiet fuq il-Multipliċità u l-Kundizzjonijiet tal-Elementi ta' Metadejta

Il-metadejta l-ġdida li tiddeskrivi s-servizz ta' dejta ġeografika għandha tinkludi l-elementi ta' metadejta jew gruppi ta' elementi ta' metadejta elenkati fit-Tabella 1.

Dawk l-elementi ta' metadejta jew gruppi ta' elementi ta' metadejta għandhom ikunu skont il-multipliċità mistennija u l-kundizzjonijiet relatati stabbiliti fit-Tabella 1.

Meta ma tiġi mfissra l-ebda kundizzjoni fir-rigward ta' element ta' metadejta partikolari, dak l-element għandu jkun obbligatorju.

Tabella 1

Metadejta għal servizzi ta' dejta ġeografika invokabbli

Referenza	Elementi ġodda ta' metadejta	Multipliċità	Kundizzjoni
1	Kategorija	0..1	obbligatorja għal servizz ta' dejta ġeografika invokabbli

PARTI D

Rekwiżiti Addizzjonali dwar il-Metadejta Stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1205/2008

1. Identifikatur tar-Riżorsa

   L-element ta' metadejta tal-Identifikatur tar-Riżorsa stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 1205/2008 għandu jkun fih ukoll il-punti kollha ta' aċċess mill-fornitur tas-servizz ta' dejta ġeografika, u dawn il-punti tal-aċċess għandhom jiġu identifikati bħala tali b'mod mhux ambigwu.

2. Speċifikazzjoni

   L-Ispeċifikazzjoni ta' element ta' metadejta stabbilita fir-Regolament (KE) Nru 1205/2008 għandha tirreferi wkoll għal, jew għandu jkun fiha, speċifikazzjonijiet tekniċi (bħall-gwida teknika INSPIRE, iżda mhux biss), li magħha huwa konformi bis-sħiħ is-servizz ta' dejta ġeografika invokabbli, li jipprovdu l-elementi tekniċi kollha meħtieġa (tal-bniedem, u kull fejn rilevanti, li jista' jinqara mill-magni) biex tkun tista' sseħħ l-invokazzjoni tiegħu.

▼**M3**

L-ANNESS VI

REGOLI TA' IMPLIMENTAZZJONI DWAR L-INTEROPERABBILTÀ TA' SERVIZZI TA' DEJTA ĠEOGRAFIKA INVOKABBLI

PARTI A

Rekwiżiti Addizzjonali dwar il-Metadejta Stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1205/2008

1. Il-kundizzjonijiet li japplikaw għall-aċċess u l-użu

Ir-restrizzjonijiet tekniċi li japplikaw għall-aċċess u għall-użu tas-servizz ta' dejta ġeografika għandhom jiġu dokumentati fl-element ta' metadejta "RESTRIZZJONI DWAR L-AĊĊESS U L-UŻU" stipulat fir-Regolament (KE) Nru 1205/2008.

2. Il-parti responsabbli

Il-parti responsabbli stabbilita fir-Regolament (KE) Nru 1205/2008 għandha mill-inqas tiddeskrivi l-organizzazzjoni ta' kustodja responsabbli, li tikkorrispondi għar-rwol ta' parti ta' Kustodja responsabbli stipulat fir-Regolament (KE) Nru 1205/2008.

PARTI B

Elementi ta' metadejta

3. Identifikatur tas-Sistema ta' Referenza ta' Koordinati

Fejn xieraq, din hija l-lista tas-sistemi ta' referenza ta' koordinati appoġġjati mis-servizz ta' dejta ġeografika.

Kull sistema ta' referenza ta' koordinati appoġġjata għandha tiġi mfissra bl-użu ta' identifikatur.

4. Kwalità tas-servizz

Din huwa l-kwalità minima tas-servizz stmata mill-parti responsabbli tas-servizz ta' dejta ġeografika, u li hi mistennija li tkun valida tul perjodu ta' żmien.

4.1. Kriterji

Dawn huma l-kriterji li għalihom jirreferu l-elementi ta' kejl.

Id-dominju tal-valuri ta' dan l-element ta' metadejta huwa kif ġej:

4.1.1. Disponibilità (disponibilità)

Dan jiddeskrivi l-perċentwal ta' żmien li fih huwa disponibbli s-servizz.

4.1.2. Prestazzjoni (prestazzjoni)

Dan jiddeskrivi kemm tista' titlesta malajr talba lis-servizz ta' dejta ġeografika.

4.1.3. Kapaċità (kapaċità)

Dan jiddeskrivi l-għadd massimu ta' talbiet simultanji li jistgħu jitlestew bil-prestazzjoni ddikjarata.

4.2. Kejl

4.2.1. Deskrizzjoni

Dan jiddeskrivi l-kejl għal kull kriterju.

Id-dominju tal-valuri ta' dan l-element ta' metadejta huwa test liberu.

▼M3

4.2.2. Valur (valur)

Dan jiddeskrivi l-valur tal-kejl għal kull kriterju.

Id-dominju tal-valuri ta' dan l-element ta' metadejta huwa test liberu.

4.2.3. Unità (unità)

Dan jiddeskrivi l-Unità ta' kejl għal kull kriterju.

Id-dominju tal-valuri ta' dan l-element ta' metadejta huwa test liberu.

PARTI C

Struzzjonijiet fuq il-Multiplikità u l-Kundizzjonijiet tal-Elementi ta' Metadejta

Il-metadejta li tiddeskrivi servizz ta' dejta ġeografika interoperabbli għandha tinkludi l-elementi ta' metadejta jew gruppi ta' elementi ta' metadejta elenkati fit-Tabella 1.

Dawk l-elementi ta' metadejta jew gruppi ta' elementi ta' metadejta għandhom ikunu skont il-multiplikità mistennija u l-kundizzjonijiet relatati stabbiliti fit-Tabella 1.

Meta ma tiġi mfissra l-ebda kundizzjoni fir-rigward ta' element ta' metadejta partikolari, dak l-element għandu jkun obbligatorju.

Tabella 1

Metadejta għal servizzi ta' dejta ġeografika interoperabbli

Referenza	Elementi ġodda ta' metadejta	Multiplikità	Kundizzjoni
1	Identifikatur tas-sistema ta' referenza ta' koordinati	1..*	Obbligatorja jekk rilevanti
2	Kwalità tas-servizz	3..*	

▼M3

ANNESS VII

REGOLI TA' IMPLIMENTAZZJONI GĦALL-ARMONIZZAZZJONI TA' SERVIZZI TA' DEJTA ĠEOGRAFIKA INTEROPERABBLI

PARTI A

Karatteristiċi

1. Kwalità tas-servizz

   Il-probabbiltà tad-disponibbiltà ta' servizz ta' dejta ġeografika armonizzata għandha tkun ta' 98 % tal-ħin.

2. Kodifikazzjoni tal-output

   Servizz ta' dejta ġeografika armonizzata li jirritorna oġġetti ġeografiċi fl-ambitu tad-Direttiva 2007/2/KE għandu jikkodifika dawk l-oġġetti ġeografiċi skont dan ir-Regolament.

PARTI B

Elementi ta' metadejta

3. metadejta ta' invokazzjoni

   L-element ta' metadejta ta' invokazzjoni jiddokumenta l-interfaċċi tas-servizz ta' dejta ġeografika armonizzata, u jelenka l-punti tat-tmiem sabiex tkun tista' sseħħ il-komunikazzjoni bejn magni differenti.

PARTI C

Struzzjonijiet fuq il-Multipliċità u l-Kundizzjonijiet tal-Elementi ta' Metadejta

Il-metadejta ta' servizz ta' dejta ġeografika armonizzata għandha tinkludi l-element ta' metadejta jew il-grupp ta' elementi ta' metadejta elenkati fit-Tabella 1.

Dan l-element ta' metadejta jew grupp ta' elementi ta' metadejta għandu jkun skont il-multipliċità mistennija u l-kundizzjonijiet relatati stabbiliti fit-Tabella 1.

Meta ma tiġi mfissra l-ebda kundizzjoni fir-rigward ta' element ta' metadejta partikolari, dak l-element għandu jkun obbligatorju.

Tabella 1

Metadejta għal servizzi ta' dejta ġeografika armonizzati

Referenza	Elementi ġodda ta' metadejta	Moltipliċità	Kundizzjoni
1	metadejta ta' invokazzjoni	1..*	

PARTI D

Operazzjonijiet

1. Lista ta' operazzjonijiet

   Servizz ta' dejta ġeografika armonizzat għandu jipprovdi l-operazzjoni elenkata fit-Tabella 2.

Tabella 2

Operazzjonijiet għal Servizzi ta' Dejta Ġeografika Armonizzati

Operat	Ir-rwol
Ikseb Metadejta ta' Servizz ta' Dejta Ġeografika Armonizzat	Jipprovdi l-informazzjoni kollha meħtieġa dwar is-servizz u jispjega l-kapaċitajiet tas-servizz.

▼**M3**

2. Operazzjoni Ikseb Metadejta ta' Servizz ta' Dejta Ġeografika Armonizzat

2.1. Talba Ikseb Metadejta ta' Servizz ta' Dejta Ġeografika Armonizzat

2.1.1. Parametri għal Ikseb Talbiet għal Metadejta ta' Servizz ta' Dejta Ġeografika Armonizzat

Il-parametru ta' Talba Ikseb Metadejta ta' Servizz ta' Dejta Ġeografika Armonizzata jindika l-lingwa naturali għall-kontenut tar-Risposta għal Ikseb Metadejta ta' Servizz ta' Dejta Ġeografika Armonizzata

2.2. Risposta Ikseb Metadejta ta' Servizz ta' Dejta Ġeografika Armonizzat

Ir-Risposta Ikseb Metadejta ta' Servizz ta' Dejta Ġeografika Armonizzat għandu jkun fiha s-settijiet ta' parametri li ġejjin:

— Metadejta ta' Servizz ta' Dejta Ġeografika Armonizzat,

— Metadejta tal-Operazzjonijiet,

— Lingwi.

2.2.1. Parametri ta' Metadejta ta' Servizz ta' Dejta Ġeografika Armonizzata

Il-parametri ta' Metadejta ta' Servizz ta' Dejta Ġeografika Armonizzat għandu jkun fihom mill-inqas l-elementi ta' metadejta INSPIRE tas-Servizz ta' Dejta Ġeografika Armonizzat stabbiliti f'dan ir-Regolament u fir-Regolament (KE) Nru 1205/2008.

2.2.2. Parametri tal-Metadejta tal-Operazzjonijiet

Il-parametru tal-Metadejta tal-Operazzjonijiet jipprovdi l-metadejta dwar l-operazzjonijiet tas-Servizz ta' Dejta Ġeografika Armonizzat. Dan għandu tal-inqas jiddeskrivi kull operazzjoni, inkluż, bħala minimu, deskrizzjoni tad-dejta skambjata u tal-indirizz tan-netwerk.

2.2.3. Parametru tal-lingwi

Għandhom jingħataw żewġ parametri tal-lingwa:

— Il-parametru tal-Lingwa tar-Risposta li jindika l-lingwa naturali użata fil-parametri Risposta Ikseb Metadejta ta' Servizz ta' Dejta Ġeografika Armonizzat,

— il-parametru tal-Lingwi Appoġġjati li fih il-lista tal-lingwi naturali appoġġjati mis-Servizz ta' Dejta Ġeografika Armonizzat.